2024/2467 30.9.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2467

**tat-13 ta' Frar 2024**

**dwar il-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat SA.52162 (2019/C) (ex 2018/FC) — id-Danimarka u Għajnuna mill-Istat SA.52617 (2019/C) (ex 2018/FC) — l-Iżvezja implimentati mid-Danimarka u l-Iżvezja għal Øresundsbro Konsortiet**

*(notifikata bid-dokument C(2024) 959)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet [1] iċċitati u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. L-ilment formali

(1) Fis-16 ta' April 2013, ForSea [2] ("l-Ilmentatur") ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni fejn allegat li l-garanziji mill-Istat mogħtija mid-Danimarka u mill-Iżvezja (flimkien, "l-Istati") favur Øresundsbro Konsortiet I/S ("il-Konsorzju") fir-rigward tal-Konnessjoni Fissa ta' Øresund ("il-Konnessjoni Fissa") jikkostitwixxu għajnuna kontra l-liġi mill-Istat, u li dik l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern. [3] L-Ilmentatur jopera servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma bejn Helsingør, id-Danimarka, u Helsingborg, l-Iżvezja tul il-parti tat-Tramuntana, u l-aktar parti dejqa tal-istrett ta' Øresund.

(2) Il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Istati fit-13 ta' Mejju 2013. L-Istati ppreżentaw tweġiba konġunta, irreġistrata fit-28 ta' Ġunju 2013. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali fil-15 ta' Ottubru 2013, li l-Istati wieġbu għaliha fil-11 ta' Diċembru 2013 u fit-12 ta' Marzu 2014.

(3) Fit-2 ta' Diċembru 2013, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni addizzjonali. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 2014, l-Ilmentatur ippreżenta dokumentazzjoni ulterjuri dwar il-garanziji tal-Istat u allega li, minbarra l-garanziji, il-Konsorzju bbenefika wkoll minn reġim ta' tassazzjoni favorevoli fid-Danimarka. [4] Wara s-sottomissjoni tal-Ilmentatur, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Istati fil-21 ta' Frar 2014. Fil-11 ta' Marzu 2014, l-Iżvezja infurmat lill-Kummissjoni li ma kellha l-ebda kumment dwar l-allegati benefiċċji fuq it-taxxa. Id-Danimarka ppreżentat it-tweġiba tagħha fl-24 ta' April 2014.

(4) Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni bagħtet talba oħra għal informazzjoni lid-Danimarka, li wieġbet għaliha fit-13 ta' Ġunju 2014.

(1) ĠU C 109, 22.3.2019, p. 46, u ĠU C 109, 22.3.2019, p. 72.
(2) Kienet Scandlines Øresund I/S li, fis-16 ta' April 2013, ressqet l-ilment quddiem il-Kummissjoni. F'Jannar 2015, Scandlines Øresund I/S inxtrat minn HH Ferries Group u nghatat l-isem ġdid HH Ferries I/S. Fid-9 ta' Novembru 2018, HH Ferries Group ħabbret li kienet se tbiddel isimha għal ForSea.
(3) Dan l-ilment ġie rreġistrat bħala SA.36558 għad-Danimarka u bħala SA.36662 għall-Iżvezja.
(4) Din il-parti tal-ilment ġiet irreġistrata bħala SA.38371.

(5) Fl-24 ta' Marzu, u fit-2, it-3, l-24 u t-28 ta' April 2014, l-Ilmentatur ppreżenta informazzjoni addizzjonali fil-forma ta' rapport annwali tal-Konsorzju, artikli tal-istampa u nota dwar l-allegati benefiċċji fuq it-taxxa. Il-Kummissjoni ma bagħtitx dawn is-sottomissjonijiet lid-Danimarka jew lill-Iżvezja.

(6) Fl-20 ta' Mejju 2014, l-Ilmentatur ippreżenta aktar informazzjoni. Fl-4 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati biex jipprovdu kummenti dwar is-sottomissjoni tal-Ilmentatur tal-20 ta' Mejju 2014. L-Istati ppreżentaw tweġiba konġunta fis-26 ta' Ġunju 2014.

(7) Fit-30 ta' Mejju, u fit-3 u s-17 ta' Ġunju 2014, l-Ilmentatur ippreżenta aktar informazzjoni relatata ma' artikli tal-istampa. Il-Kummissjoni ma bagħtitx dawn is-sottomissjonijiet lid-Danimarka jew lill-Iżvezja.

(8) Fit-18 ta' Ġunju 2014, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni supplimentari. Fit-30 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni bagħtet dik is-sottomissjoni lill-Istati. Fl-1 ta' Settembru 2014, l-Istati ppreżentaw tweġiba konġunta.

(9) Fis-27 ta' Awwissu, u għal darb' oħra fit-8 u d-9 ta' Settembru 2014, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni addizzjonali relatata ma' artikli tal-istampa. Il-Kummissjoni ma bagħtitx dawn is-sottomissjonijiet lid-Danimarka jew lill-Iżvezja.

(10) Fil-15 ta' Settembru 2014, l-Istati ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta u informazzjoni addizzjonali.

### 1.2. **Id-Deċiżjoni tal-2014**

(11) Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni [5] (id-"Deċiżjoni tal-2014") li sabet, l-ewwel nett, li jenħtieġ li l-finanzjament pubbliku tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni mal-Konnessjoni Fissa u s-"sistema ta' tassazzjoni konġunta" Daniża ma jitqiesx bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. It-tieni nett, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-"miżuri ta' tassazzjoni speċjali Daniżi għad-deprezzament tal-assi u r-riport tat-telf u l-garanziji mogħtija mid-Danimarka lill-Konsorzju" minħabba li, għalkemm dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, huma kienu kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE. Fl-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li "l-garanzija mogħtija lill-Konsorzju mill-Iżvezja" kienet għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [6] (ir-"Regolament (KE) Nru 659/1999") u tal-Artikolu 144 tal-Att ta' Adeżjoni tan-Norveġja, tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja [7] (minn hawn 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja"), li fir-rigward tagħha ma kien hemm l-ebda raġuni biex tinbeda l-proċedura biex jiġu proposti miżuri xierqa fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti [8]. Il-Kummissjoni sabet ukoll li "l-Istati u l-Konsorzju jista' jkollhom aspettattivi leġittimi li l-Kummissjoni ma tikkontestax il-garanziji tal-Istat u l-miżuri tat-taxxa abbażi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat". Il-Kummissjoni bbażat din is-sejba fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u fuq il-politika ġenerali adottata mill-Kummissjoni li l-miżuri ta' finanzjament għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-infrastruttura adottati b'mod definittiv qabel is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, f'Aéroports de Paris [9] ( is-"Sentenza *Aéroports de Paris*") ma jistgħux jiġu kkontestati iktar abbażi tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, peress li l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament jikkunsidraw li tali miżuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, u, għaldaqstant, ma kellhiex għalfejn tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni (ara wkoll il-premessa (504)). Barra minn hekk, fid-deċiżjoni tal-2014 il-Kummissjoni sabet li, peress li "l-garanziji tal-Istat u l-benefiċċji fiskali huma, fi kwalunkwe każ, kompatibbli mas-suq intern", ma kienx meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk dawk l-aspettattivi leġittimi kinux jestendu lil hinn mid-data tas-Sentenza *Aéroports de Paris*.

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7358 final tal-15 ta' Ottubru 2014 fil-kawża SA.36558 (2014/NN) u SA.38371 (2014/NN) — id-Danimarka u SA.36662 (2014/NN) — l-Iżvezja — Għajnuna mogħtija lil Øresundsbro Konsortiet (ĠU C 418, 21.11.2014, p. 1 u ĠU C 437, 5.12.2014, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

[7] L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21).

[8] L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jipprevedi: "Fejn il-Kummissjoni, fid-dawl tal-informazzjoni sottomessa mill-Istat Membru skont l-Artikolu 17, tikkonkludi li l-iskema ta' għajnuna eżistenti ma hijiex, jew ma għadhiex, kompatibbli mas-suq komuni, għandha toħroġ rakkommandazzjoni li tipproponi miżuri xierqa lill-Istat Membru kkonċernat".

[9] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Aéroports de Paris* vs *Il-Kummissjoni*, T-128/98, EU:T:2000:290.

### 1.3. **Annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-2014**

(12) Fit-12 ta' Frar 2015, l-Ilmentatur ippreżenta rikors għal annullament, skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, quddiem il-Qorti Ġenerali, kontra d-Deċiżjoni tal-2014. Permezz tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Settembru 2018, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-2014 (is-"Sentenza *Øresund*") ([10]), minħabba li l-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-garanziji mogħtija mill-Istati lill-Konsorzju jew l-għajnuna relatata mad-deprezzament tal-assi u r-riport tat-telf mogħti mid-Danimarka lill-Konsorzju.

(13) Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors. B'mod partikolari, hija ċaħdet l-argumenti tal-Ilmentatur fir-rigward tas-sejba tal-Kummissjoni li l-miżuri għall-finanzjament pubbliku tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni, u s-"sistema ta' tassazzjoni konġunta" Daniża, ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argument li l-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Konsorzju u l-Istati setgħu jitolbu l-benefiċċju ta' aspettattivi leġittimi li jipprekludu l-irkupru, fil-każ li l-għajnuna mogħtija lill-Konsorzju tiġi kkunsidrata inkompatibbli mas-suq intern, għall-perijodu qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*.

(14) Is-Sentenza *Øresund* ma ġietx appellata.

### 1.4. **Skambji wara s-Sentenza *Øresund***

(15) Fit-22 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Istati, fejn talbet informazzjoni fattwali u provi dwar il-garanziji pprovduti lill-Konsorzju, li l-Istati rrispondew għaliha fl-10 ta' Diċembru 2018.

(16) Fl-10 ta' Diċembru 2018, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa mal-Ilmentatur.

(17) Fil-11 ta' Diċembru 2018, l-Istati pprovdew nota lill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet possibbli tas-sentenza *Øresund* u deċiżjoni futura tal-Kummissjoni.

(18) Fis-17 ta' Diċembru 2018, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa mal-Istati u mal-Konsorzju, biex jiddiskutu l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji tal-Konnessjoni Fissa, li fir-rigward tagħhom is-servizzi tal-Kummissjoni kienu bagħtu mistoqsijiet preparatorji lill-Istati fl-10 ta' Diċembru 2018.

(19) Scandlines Danmark ApS u Scandlines Deutschland GmbH (flimkien, "Scandlines") ippreżentaw ittra lill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tas-Sentenza *Øresund* u r-rabta tagħha mas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar Fehmarn Belt, *Scandlines* vs *Il-Kummissjoni Ewropea* (is-"Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt*") ([11]).

(20) L-Istati ppreżentaw informazzjoni addizzjonali fil-21 ta' Diċembru 2018 biex jagħtu segwitu għal-laqgħa li saret fis-17 ta' Diċembru 2018. Id-Danimarka ppreżentat aktar informazzjoni fis-17 ta' Jannar 2019, u l-Istati pprovdew aktar informazzjoni fil-21 ta' Jannar 2019 f'dan ir-rigward.

(21) Fit-30 ta' Jannar u fl-1 ta' Frar 2019, Stena Line Scandinavia AB ("Stena Line") ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tas-Sentenza *Øresund* u r-rabta tagħha mas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar Fehmarn Belt, *Stena Line* vs *Il-Kummissjoni Ewropea* (is-"Sentenza *Stena Line Fehmarn Belt*") ([12]).

(22) Fis-6 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mill-Istati fid-dawl tal-laqgħa li saret fis-17 ta' Diċembru 2018 u l-informazzjoni pprovduta fil-21 ta' Diċembru 2018, li ġiet ipprovduta fid-29 ta' Marzu 2019.

---

([10]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018, *HH Ferries et* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-68/15, EU:T:2018:563.

([11]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018, *Scandlines Danmark ApS u Scandlines Deutschland GmbH* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-630/15, EU:T:2018:942.

([12]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018, *Stena Line Scandinavia AB* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-631/15, EU:T:2018:944.

1.5. **Id-Deċiżjoni tal-ftuħ**

(23) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-garanziji mill-Istat mogħtija mill-Istati lill-Konsorzju għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa u r-regoli speċjali tat-taxxa dwar id-deprezzament tal-assi u dwar ir-riport tat-telf li d-Danimarka tat lill-Konsorzju (id-"Deċiżjoni tal-ftuħ").

(24) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-22 ta' Marzu 2019 ([13]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwarha fi żmien xahar.

1.6. **Il-proċedura ta' investigazzjoni formali**

(25) Fit-23 ta' April 2019, l-Ilmentatur, Scandlines, u Stena Line ppreżentaw kummenti fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-ftuħ. Fit-2 u t-8 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni bagħtet dawn il-kummenti lill-Istati. Fis-17 ta' Mejju 2019, tliet partijiet interessati oħra (Föreningen Svensk Sjöfart ("FSS"), Grimaldi Group ("Grimaldi") u Trelleborg Hamn AB ("Trelleborg Port")) ippreżentaw kummenti fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-ftuħ. Fis-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni bagħtet dawk il-kummenti lill-Istati. L-Istati inkludew it-tweġiba tagħhom għal dawk is-sottomissjonijiet fil-kummenti tagħhom tat-8 ta' Lulju 2019 dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ (il-premessa (28)).

(26) Fl-24 ta' April 2019, l-Istati pprovdew proposta informali lill-Kummissjoni għal skeda ta' żmien miftiehma b'mod reċiproku għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(27) Fl-24 ta' Ġunju 2019, Stena Line ppreżentat kummenti addizzjonali. Fil-25 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni bagħtet dawk il-kummenti addizzjonali lill-Istati. L-Istati ma ressqux tweġiba speċifikament relatata ma' dik is-sottomissjoni.

(28) Fit-8 ta' Lulju 2019, l-Istati bagħtu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-ftuħ.

(29) Fit-28 ta' Awwissu u d-9 ta' Ottubru 2019, is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw konferenzi bit-telefown mal-Istati u mal-Konsorzju.

(30) Fit-18 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2019, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni addizzjonali, li l-Kummissjoni bagħtet lid-Danimarka fis-16 ta' Diċembru u lill-Iżvezja fl-20 ta' Diċembru 2019. Fl-20 ta' Diċembru 2019, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni addizzjonali. Fl-4 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bagħtet dawk il-kummenti addizzjonali lill-Istati. L-Istati ma ressqux tweġiba speċifikament relatata mas-sottomissjonijiet tat-18 ta' Novembru, tad-9 ta' Diċembru jew tal-20 ta' Diċembru 2019.

(31) Fit-22 ta' April 2020, l-Istati ppreżentaw nota lill-Kummissjoni li abbażi tagħha, fit-23 ta' April 2020, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju.

(32) Fit-28 ta' Mejju 2020, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju. Fid-29 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat mistoqsijiet lill-Istati, li huma wieġbu għalihom fit-2, fis-17 u fit-18 ta' Ġunju 2020. Fis-17 ta' Ġunju 2020, l-Istati ppreżentaw nota lill-Kummissjoni dwar il-ħtiġijiet futuri ta' rifinanzjament tal-Konsorzju.

(33) Fis-17 ta' Ġunju 2020, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Ilmentatur.

(34) Fl-1 ta' Lulju 2020, l-Ilmentatur ippreżenta aktar kummenti lill-Kummissjoni.

(35) Fl-1 ta' Lulju 2020, l-Istati ppreżentaw aktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar ir-rifinanzjament futur tal-Konsorzju.

(36) Fit-13 ta' Lulju 2020, l-Istati ppreżentaw aktar kummenti lill-Kummissjoni, li abbażi tagħhom, fis-17 ta' Settembru 2020, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju. Fil-21 ta' Settembru 2020, id-Danimarka ressqet informazzjoni addizzjonali.

([13]) *Supra*, nota f'qiegħ il-paġna 1.

(37) Fl-1 ta' Settembru 2020, l-Istati ppreżentaw aktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar ir-rifinanzjament futur tal-Konsorzju.

(38) Fis-17 ta' Settembru 2020, l-Ilmentatur ippreżenta aktar kummenti. Fit-18 ta' Settembru 2020 u l-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet dawk il-kummenti addizzjonali, u l-kummenti tal-1 ta' Lulju 2020 (il-premessa (34)), lill-Istati, li l-Istati wieġbu għalihom fil-11 ta' Novembru 2020.

(39) Fit-28 ta' Settembru 2020, l-Istati ppreżentaw aktar informazzjoni lill-Kummissjoni.

(40) Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet lid-Danimarka. Fis-16 ta' Diċembru 2020, id-Danimarka ressqet risposta għal dawn il-mistoqsijiet. Fid-29 ta' Jannar 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar kjarifiki mid-Danimarka li ġew diskussi fit-3 ta' Frar 2021 waqt laqgħa virtwali bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati u l-Konsorzju. Fl-4 ta' Frar u s-7 ta' April 2021, id-Danimarka ppreżentat aktar informazzjoni lill-Kummissjoni.

(41) Fid-29 ta' April 2021, l-Ilmentatur ippreżenta osservazzjonijiet ulterjuri lill-Kummissjoni.

(42) Fl-10 ta' Mejju 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar kjarifiki mid-Danimarka li ġew diskussi fis-27 ta' Mejju 2021, waqt laqgħa virtwali bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, id-Danimarka u l-Konsorzju.

(43) Fit-3 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet lill-Istati li huma wieġbu għalihom fis-16 ta' Ġunju 2021. Fit-23 ta' Ġunju 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju.

(44) Fl-4 ta' Ġunju 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Ilmentatur. Fl-10 ta' Ġunju 2021, l-Ilmentatur ippreżenta tweġibiet lill-Kummissjoni dwar mistoqsijiet imqajma matul il-laqgħa virtwali tal-4 ta' Ġunju 2021.

(45) Fil-5 ta' Ottubru 2021, l-Ilmentatur ippreżenta informazzjoni lill-Kummissjoni.

(46) Fit-22 ta' Novembru 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati.

(47) Fil-25 ta' Novembru 2021, l-Istati pprovdew aktar informazzjoni.

(48) Fl-20 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet lid-Danimarka. Fit-28 ta' Mejju 2022, id-Danimarka wieġbet għal dawn il-mistoqsijiet.

(49) Fit-28 ta' Ottubru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu xi osservazzjonijiet preliminari relatati mal-investigazzjoni formali tagħha lill-Istati, li ġew diskussi waqt laqgħa virtwali bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, il-Konsorzju, u l-Istati fil-5 ta' Diċembru 2022. Fis-6 ta' Diċembru 2022, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu, bħala segwitu, xi informazzjoni ta' referenza ulterjuri lid-Danimarka. Fit-3 u s-16 ta' Mejju 2023, l-Istati rrispondew għall-osservazzjonijiet preliminari tas-servizzi tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2022. Fid-9 ta' Ġunju 2023, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju li dwarha s-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu osservazzjonijiet preliminari ulterjuri lill-Istati fl-20 ta' Lulju 2023.

(50) Fit-3 ta' Lulju 2023, l-Istati ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar impenn potenzjali fir-rigward tal-garanziji futuri mill-Istat.

(51) Fit-22 ta' Settembru 2023, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa virtwali mal-Istati u mal-Konsorzju.

(52) Fit-2, fil-11 u fis-27 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand l-Istati, li huma wieġbu għaliha fis-7 ta' Novembru 2023.

(53) Fit-3 ta' Jannar 2024, Trelleborg Port ippreżentat ittra lill-Kummissjoni, fejn indikat li, jekk, fi żmien xahrejn, il-Kummissjoni ma tkunx iddefiniet il-pożizzjoni tagħha, hija kienet se tippreżenta minnufih rikors kontra n-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

(54) Fid-29 ta' Jannar 2024, l-Istati ppreżentaw impenn li l-Konsorzju jiffinanzja dejn ġdid, u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti, skont it-termini tas-suq.

(55) Permezz ta' ittri tal-15 ta' Awwissu 2023 u tat-22 ta' Settembru 2023, l-Istati qablu b'mod eċċezzjonali li jirrinunzjaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 342 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament 1/1958 ([14]), u qablu li din id-deċiżjoni tiġi adottata u nnotifikata bil-lingwa Ingliża biss.

## 2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-PROĠETT U TAL-ALLEGATI MIŻURI TA' GĦAJNUNA

### 2.1. Il-Konnessjoni Fissa

(56) Il-Konnessjoni Fissa hija Konnessjoni Fissa twila 16 km għat-traffiku bit-triq u bil-ferrovija bejn il-kosta Żvediża u l-gżira Daniża ta' Amager, u hija magħmula minn pont iffinanzjat mill-pedaġġ, il-gżira artifiċjali ta' Peberholm, u mina taħt l-ilma. Dan jipprovdi konnessjoni diretta bejn Copenhagen, fid-Danimarka, u Malmö, fl-Iżvezja, u nbena bħala l-itwal pont ta' trasport ikkombinat bit-triq u bil-ferrovija fl-Ewropa.

(57) Il-Konnessjoni Fissa nbniet bejn l-1995 u l-2000 u ilha topera minn Lulju 2000.

(58) Il-Konnessjoni Fissa kienet fuq l-ewwel lista ta' proġetti prijoritarji tan-Network trans-Ewropew tat-Trasport ("TEN-T") approvati mill-Kunsill Ewropew fl-1994. L-Istati rreferew għal analiżi mill-2010 dwar il-proġetti prijoritarji tat-TEN-T, li fiha l-Kummissjoni ddikjarat li l-Konnessjoni Fissa "kkontribwiet għal żieda kbira fit-traffiku u għandha impatt pożittiv importanti ħafna fuq l-iżvilupp tar-reġjuni ta' Copenhagen u Scania". ([15]) Il-Konnessjoni Fissa tgħaqqad il-"konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija tat-Triangolu Nordiku" (il-proġett prijoritarju TEN-T 12) li jgħaddu mid-Danimarka u mill-"Istrett ta' Fehmarn" (il-proġett prijoritarju TEN-T 20) mal-Ġermanja u l-Ewropa Ċentrali.

(59) L-objettiv tal-Istati, permezz tal-Konnessjoni Fissa, kien li tinħoloq konnessjoni mtejba tat-traffiku bit-triq u bil-ferrovija bejn id-Danimarka u l-Iżvezja, u, b'hekk, jiġu pprovduti l-kundizzjonijiet meħtieġa għal kooperazzjoni kulturali u ekonomika aktar intensiva u estensiva, u għall-iżvilupp ta' suq komuni tax-xogħol u tad-djar fir-reġjun ta' Øresund, għall-benefiċċju taż-żewġ Stati. Il-Konnessjoni Fissa ittejjeb ukoll b'mod sinifikanti l-aċċessibbiltà tal-ajruporti ta' Copenhagen u Malmö, li jinsabu fuq kull naħa tal-istrett ta' Øresund.

(60) Barra minn hekk, il-kostruzzjoni ta' konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni kienet meħtieġa fiż-żewġ Stati biex il-Konnessjoni Fissa issir funzjonali. Dik l-infrastruttura fiż-żoni interni tgħaqqad il-Konnessjoni Fissa mas-sistemi tan-network tat-triq u tal-ferrovija nazzjonali rispettivi fid-Danimarka u fl-Iżvezja. Id-Danimarka u l-Iżvezja qablu li kienet ir-responsabbiltà tagħhom li jibnu dawk il-konnessjonijiet fit-territorji rispettivi tagħhom ([16]).

#### 2.1.1. *L-istruttura legali u l-kompiti tal-Konsorzju*

(61) L-Istati stabbilew l-aspetti legali u operazzjonali tal-kostruzzjoni, tal-ġestjoni u tal-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa fit-23 ta' Marzu 1991 fit-"Trattat tat-23 ta' Marzu 1991 bejn il-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Iżvezja dwar Konnessjoni Fissa madwar Øresund" (il-"Ftehim Intergovernattiv"). Il-Ftehim Intergovernattiv jinkludi, bħala dokument mehmuż, protokoll addizzjonali li jiddetermina d-dettalji dwar l-obbligu ta' garanzija *in solidum* tal-Istati (ara wkoll il-premessa (85)) (il-"Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv"). Il-Ftehim Intergovernattiv, inkluż il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv, ġie ratifikat mill-Iżvezja fit-8 ta' Awwissu 1991 u mid-Danimarka fl-24 ta' Awwissu 1991. Il-Ftehim Intergovernattiv u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv daħlu fis-seħħ fl-iskambju tal-istrumenti ta' ratifika fi Stokkolma fl-24 ta' Awwissu 1991.

([14]) Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).
([15]) Proġetti Prijoritarji tat-TEN-T — Rapport ta' Progress 2010, Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, 2010.
([16]) L-Artikolu 8 tat-Trattat tat-23 ta' Marzu 1991 bejn il-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Iżvezja dwar Konnessjoni Fissa madwar Øresund.

(62) Bil-Ftehim Intergovernattiv, l-Istati qablu li jiffinanzjaw, jibnu u joperaw b'mod konġunt il-Konnessjoni Fissa. Għal dan l-għan, l-Artikolu 10 tal-Ftehim Intergovernattiv jipprevedi li huwa f'idejn kemm id-Danimarka kif ukoll l-Iżvezja li jiffurmaw kumpanija b'responsabbiltà limitata, li tappartjeni kollha kemm hi lill-Istati rispettivi. Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tal-Ftehim Intergovernattiv jipprevedi li jenħtieġ li dawk il-kumpaniji, min-naħa tagħhom, jiffurmaw konsorzju li jkun is-sid tal-Konnessjoni Fissa, u jkun "responsabbli, għan-nom konġunt tagħhom u bħala entità waħda, għad-disinn tal-proġett u għal kwalunkwe tħejjija oħra għall-Konnessjoni Fissa, kif ukoll għall-finanzjament, il-bini u l-operazzjoni tagħha". Dik l-istruttura ntgħażlet sabiex l-Istati jibqgħu s-sidien finali tal-kumpaniji involuti, u, għalhekk, il-profitt u t-telf kollu ġġenerat mill-Konnessjoni Fissa jkunu tal-Istati.

(63) Il-Ftehim Intergovernattiv ġie implimentat mill-Istati fil-liġijiet nazzjonali tagħhom: (i) fl-Iżvezja, permezz tal-abbozz ta' liġi tal-Gvern 1990/91:158 dwar ftehim bejn l-Iżvezja u d-Danimarka dwar konnessjoni fissa li tittraversa Øresund ("l-abbozz ta' liġi tal-Gvern 1990/91:158") tal-25 ta' Marzu 1991 li ġie adottat bid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż tat-12 ta' Ġunju 1991 ([17]) (id-"deċiżjoni tal-Parlament Żvediż"), u (ii) fid-Danimarka, permezz tal-"Att dwar il-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ta' Øresund" (l-Att Nru 590 tad-19 ta' Awwissu 1991) (l-"Att dwar il-Kostruzzjoni") ([18]).

(64) It-Taqsima 5 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni tipprevedi li l-Ministru Daniż għat-Trasport jistabbilixxi kumpanija azzjonarja. It-Taqsima 6 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni tispeċifika li dik il-kumpanija azzjonarja tistabbilixxi kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata, responsabbli għall-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni Daniżi. Din il-kumpanija b'responsabbiltà limitata tidħol fi ftehim ta' konsorzju ma' kumpanija b'responsabbiltà limitata stabbilita mill-Iżvezja. Sund & Bælt Holding A/S ("Sund & Bælt"), ġiet stabbilita bħala kumpanija azzjonarja 100 % proprjetà tal-Istat Daniż fl-4 ta' Diċembru 1991. Fid-9 ta' Diċembru 1991, Sund & Bælt stabbilixxiet il-kumpanija b'responsabbiltà limitata, A/S Øresundsforbindelsen ("A/S Øresund").

(65) It-Taqsima 4 tal-abbozz ta' liġi 1990/91:158, kif adottata mid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, tipprevedi li l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tat-Toroq u l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tal-Ferroviji ([19]) jistabbilixxu kumpanija Żvediża biex tkun responsabbli għall-konnessjonijiet Żvediżi bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni u biex tidħol fi ftehim ta' konsorzju ma' kumpanija tal-Istat Daniż. Fit-30 ta' Awwissu 1991, l-Iżvezja ffurmat kumpanija b'responsabbiltà limitata: Svensk-Danska Broförbindelsen AB ("SVEDAB"), li hija 100 % proprjetà tal-Istat Żvediż, permezz tal-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tat-Toroq (50 %) u l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tal-Ferroviji (50 %) ([20]).

(66) Permezz ta' ftehim ta' konsorzju u l-protokoll addizzjonali tiegħu datat is-27 ta' Jannar 1992 (il-"Ftehim ta' Konsorzju"), A/S Øresund u SVEDAB stabbilew il-Konsorzju (jiġifieri Øresundsbro Konsortiet I/S) ([21]), u stabbilew l-istruttura tas-sjieda tiegħu. Il-Ftehim ta' Konsorzju daħal fis-seħħ mal-approvazzjoni mill-Gvernijiet tad-Danimarka u tal-Iżvezja fit-13 ta' Frar 1992. F'konformità mal-Ftehim Intergovernattiv, il-Ftehim ta' Konsorzju jipprevedi li l-Konsorzju huwa s-sid tal-Konnessjoni Fissa u huwa responsabbli għall-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-finanzjament, il-kostruzzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tagħha, u operazzjonijiet oħra f'assoċjazzjoni magħhom ([22]). A/S Øresund u SVEDAB huma s-sidien konġunti, fuq bażi ta' nofs bin-nofs, tal-assi kollha tal-Konsorzju u d-drittijiet kollha tiegħu ([23]). Kemm il-profitti kif ukoll it-telf li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-Konsorzju jinqasmu b'mod ugwali bejn iż-żewġ kumpaniji msieħba, A/S Øresund u SVEDAB. Fir-rigward ta' kwalunkwe parti terza, A/S Øresund u SVEDAB huma responsabbli *in solidum* għall-obbligi tal-Konsorzju ([24]).

([17]) Riksdagsskrivelse 1990/91:379.
([18]) L-Att dwar il-Kostruzzjoni, flimkien mal-Att għall-Kostruzzjoni ta' Konnessjoni Fissa li taqsam Storebælt (l-Att Konsolidat Nru 260 tal-4 ta' Mejju 1998), ġie sostitwit bl-Att Nru 588 tal-24 ta' Ġunju 2005 dwar Sund & Bælt Holding A/S.
([19]) Fl-2010, l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tat-Toroq (Vägverket) u l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tal-Ferroviji (Banverket) ingħaqdu fi Trafikverket (l-Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport).
([20]) B'effett mill-1 ta' Jannar 2008, wara deċiżjoni mill-Gvern Żvediż, l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tat-Toroq u l-Amministrazzjoni Nazzjonali Żvediża tal-Ferroviji taw il-mandat lill-Ministeru Żvediż tal-Intrapriża, l-Enerġija u l-Komunikazzjoni biex jeżerċita d-drittijiet ta' sjieda ta' SVEDAB.
([21]) Stabbilit bħala "Øresundskonsortiet", biddel ismu għal "Øresundsbro Konsortiet" b'effett minn Jannar 2000.
([22]) L-Artikolu 10 tal-Ftehim Intergovernattiv u t-Taqsima 1 tal-Ftehim ta' Konsorzju.
([23]) L-Artikolu 11 tal-Ftehim Intergovernattiv u t-Taqsima 3 tal-Ftehim ta' Konsorzju.
([24]) L-Artikolu 11 tal-Ftehim Intergovernattiv u t-Taqsima 3 tal-Ftehim ta' Konsorzju.

(67) Il-Konsorzju ma jistax jinvolvi ruħu f'attivitajiet għajr dawk relatati mal-Konnessjoni Fissa, kif definit fit-Taqsima 1 tal-Ftehim ta' Konsorzju. Il-Konsorzju ma huwiex responsabbli għall-kostruzzjoni tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni mal-Konnessjoni Fissa. L-Istati ddelegaw dak il-kompitu lill-kumpaniji omm tal-Konsorzju, jiġifieri A/S Øresund u SVEDAB, li huma responsabbli għall-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-finanzjament, il-kostruzzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet fil-pajjiżi rispettivi tagħhom ([25]).

(68) Kif diġà ġie ċċarat fil-premessa 48 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-investigazzjoni formali, u għalhekk, din id-deċiżjoni, ma jikkonċernawx il-miżuri favur A/S Øresund u SVEDAB, rilevanti għall-finanzjament tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni. Fid-Deċiżjoni tal-2014, il-Kummissjoni kkonstatat li dawn il-miżuri ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u, fis-Sentenza *Øresund*, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ressqet mill-Ilmentatur fir-rigward ta' dawk il-miżuri. Il-Kummissjoni tinnota, f'dan ir-rigward, li l-Ilmentatur ma appellax is-Sentenza *Øresund*.

### 2.1.2. *Mudell ta' finanzjament għall-Konnessjoni Fissa*

(69) L-Artikolu 1 tal-Ftehim Intergovernattiv jirreferi għal Konnessjoni Fissa "iffinanzjata permezz ta' pedaġġ". Il-Ftehim Intergovernattiv jispeċifika wkoll, fl-Artikolu 14, li l-kostijiet tad-disinn tal-proġett u tħejjijiet oħra għall-Konnessjoni Fissa, kif ukoll il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tagħha, għandhom ikunu koperti bis-sħiħ mill-Konsorzju permezz ta' tariffi għall-utent. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 jistipula li d-Danimarka u l-Iżvezja qablu li ma għandu jingħata l-ebda sussidju għall-attivitajiet tal-Konsorzju mill-baġits tal-Istati rispettivi.

(70) It-Taqsima 4(6) tal-Ftehim tal-Konsorzju tipprevedi, essenzjalment, li t-tariffi tal-pedaġġ li għandhom jiġu imposti fuq l-utenti tal-Konnessjoni Fissa huma maħsuba biex ikopru l-kostijiet tal-ippjanar, tad-disinn tal-proġett, tal-kostruzzjoni, tal-operazzjoni, u tal-manutenzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Il-Konsorzju għandu jiddetermina u jimponi t-tariffi tal-pedaġġ, skont il-prinċipji miftiehma mill-Gvern Daniż u dak Żvediż. Kif iddikjarat fin-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni ([26]) ("noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni"), u fl-abbozz ta' liġi tal-Gvern 1990/91:158, id-dħul mit-toroq u l-ferroviji miġbur mill-Konsorzju għall-użu tal-Konnessjoni Fissa huwa maħsub ukoll biex jiffinanzja l-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni. Fil-prattika, dan iseħħ permezz tal-pagamenti ta' dividendi mill-Konsorzju lill-kumpaniji omm.

(71) Il-finanzjament permezz tal-pedaġġi jinkludi tariffi mill-utenti għall-użu tat-triq b'pedaġġ, u tariffi mħallsa minn Trafikverket (l-"Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport") u Banedanmark (l-"Amministrazzjoni Daniża tal-Ferroviji tal-Istat") għall-użu tal-linja ferrovjarja ta' Øresund. L-amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport u l-Amministrazzjoni Daniża tal-Ferroviji tal-Istat iħallsu ammont annwali fiss lill-Konsorzju, stabbilit fil-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv u li jammonta għal DKK 150 miljun (EUR 20,10 miljun ([27])) ([28]), ([29]) għal kull wieħed minnhom, aġġustat bl-evoluzzjoni ġenerali tal-prezz.

(72) In-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni jinkludu stima tal-kostijiet tal-ippjanar, tad-disinn tal-proġett u tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa u tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni Daniżi, li jammontaw għal DKK 11,7 biljun ([30]) (EUR 1,57 biljun) u DKK 3,2 biljun (EUR 0,43 biljun) rispettivament. L-abbozz ta' liġi 1990/91:158 jinkludi firxa għall-kostijiet tal-Konnessjoni Fissa ta' SEK 10–12 biljun ([31]) (EUR 1,33–1,60 biljun) ([32]) u ammont massimu għall-kost taż-żoni interni tal-pajjiż ta' SEK 1,9 biljun (EUR 0,25 biljun). L-abbozz ta' liġi 1990/91:158 jispeċifika li l-aktar valur baxx tal-firxa jikkorrispondi għall-istima Żvediża u

([25]) It-Taqsima 2(5) tal-Ftehim ta' Konsorzju.

([26]) Proposta għal Att dwar il-kostruzzjoni ta' Konnessjoni Fissa tul Øresund, LFF1990-1991.2.178, ippreżentata fit-2 ta' Mejju 1991 mill-Ministru Daniż għat-Trasport.

([27]) Id-Danimarka tmexxi politika ta' rata tal-kambju fissa għall-krona Daniża tagħha (DKK) kontra l-euro ta' EUR 1 = DKK 7,46038. Din ir-rata tal-kambju hija applikata matul din id-deċiżjoni kollha meta jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' DKK.

([28]) Il-livell tal-prezzijiet fl-1 ta' Jannar 1991.

([29]) Il-paragrafu 4 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv.

([30]) Fil-livell tal-prezz tal-1990.

([31]) Fil-livell tal-prezz tal-1990.

([32]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-1990, bejn l-ECU u l-krona Żvediża ammontat għal ECU 1 = SEK 7,5205. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' SEK.

l-ogħla valur għall-istima Daniża. Ma' dawk l-ammonti kellhom jiżdiedu l-kostijiet tal-finanzjament. Il-Konnessjoni Fissa kienet parzjalment kofinanzjata mill-Unjoni, b'għotja ta' EUR 127 miljun taħt il-Qafas TEN-T. Wara t-tlestija tal-Konnessjoni Fissa fl-2000, id-dejn nett li jipproduċi mgħax tal-Konsorzju ammonta għal DKK 19,6 biljun ([33]) (EUR 2,63 biljun). L-Istati spjegaw li, mill-ftuħ tal-Konnessjoni Fissa, id-dħul dejjem qabeż il-kostijiet operatorji u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma ġietx iffinanzjata b'dejn.

(73) Meta twaqqaf, il-Konsorzju ġie pprovdut b'kapital inizjali mill-kumpaniji omm tiegħu, ta' total ta' DKK 50 miljun (EUR 6,70 miljun), skont it-Taqsima 4 (1) tal-Ftehim tal-Konsorzju u kif previst fl-Artikolu 11 tal-Ftehim Intergovernattiv. L-Artikolu 11 tal-Ftehim Intergovernattiv jipprevedi wkoll li l-Konsorzju għandu jiġbor self biex jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa, u l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv jipprevedi li l-Istati għandhom "jiggarantixxu *in solidum* l-obbligi fir-rigward tas-self [tal-Konsorzju] u strumenti finanzjarji oħra użati b'rabta mal-finanzjament". Dan huwa rifless fit-Taqsima 4(3) tal-Ftehim tal-Konsorzju, li tipprevedi li r-rekwiżiti ta' kapital tal-Konsorzju għandhom "jiġu ssodisfati billi jinkiseb self jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji fis-suq miftuħ, b'titolu fil-forma ta' garanziji tal-gvern Żvediż u Daniż".

(74) Il-Konsorzju ħa self hekk kif irriżultaw ħtiġijiet ta' likwidità matul il-fażi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni. Id-dejn jiġi ffinanzjat mill-ġdid b'mod regolari bl-għan, kif spjegaw l-Istati, li jitnaqqsu l-kostijiet globali tal-finanzjament. Il-Konsorzju wettaq diversi tipi ta' tranżazzjonijiet finanzjarji: bonds taħt ċerti programmi ta' bonds (il-premessi (75) sa (78)), self individwali (il-premessa (79)), faċilitajiet ta' kreditu (il-premessa 80), u derivattivi (il-premessi (81) sa (83)). Kull waħda minn dawk it-tranżazzjonijiet għandha d-data ta' maturità proprja tagħha.

(75) Il-Konsorzju stabbilixxa żewġ programmi standard ta' bonds ta' Nota fuq Terminu Medju ("MTN", Medium Term Note), wieħed dirett lejn is-suq tal-bonds Ewropej (il-"programm EMTN", Euro Medium Term Note) u l-ieħor dirett lejn is-suq tal-bonds Żvediż (il-"programm MTN Żvediż"). Permezz ta' dawk il-programmi ta' bonds MTN, il-Konsorzju żied il-maġġoranza tal-ħtiġijiet ta' kapital tiegħu. L-Istati spjegaw li l-benefiċċju ewlieni tal-programmi tal-bonds huwa li l-Konsorzju jista' joħloq diversi strumenti għall-ħruġ ta' dejn taħt l-istess programm b'mod effiċjenti fil-ħin u l-kost. Il-programmi tal-bonds jikkonsistu f'serje ta' dokumenti, inkluż memorandum ta' informazzjoni ([34]), li huwa d-dokument ċentrali tal-programm. L-istabbiliment ta' programm ta' bonds ma jfissirx *per se* li ġie stabbilit xi dejn. Bħala tali, huwa possibbli li jkun hemm programm ta' bonds mingħajr ebda bonds sottostanti. Id-dejn jiġi stabbilit biss meta l-bonds jinħarġu lill-investituri.

(76) L-ewwel programm tal-bonds tal-Konsorzju kien programm EMTN stabbilit fil-21 ta' Settembru 1995, u li huwa aġġornat fuq bażi annwali. L-Istati spjegaw li dawk l-aġġornamenti jsiru biex jirriflettu aġġornament tal-fatturi ta' riskju u biex jipprovdu informazzjoni korretta lis-suq dwar il-Konsorzju, il-ġestjoni tiegħu, ċerti avvenimenti importanti, eċċ. Dawk l-aġġornamenti huma meħtieġa bħala parti mill-obbligi ta' informazzjoni kontinwi għas-swieq finanzjarji. L-ammont prinċipali aggregat massimu tal-programm EMTN żdied minn USD 1 biljun (EUR 0,76 biljun) ([35]) għal USD 2 biljun (EUR 2,17 biljun) ([36]) fl-2000, u għal USD 3 biljun (EUR 2,41 biljun) ([37]) fl-2004.

([33]) Il-kostijiet tal-kostruzzjoni u tal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa murija bħala dejn nett fil-prezzijiet tal-2000.
([34]) Memorandum ta' informazzjoni jiddeskrivi l-programm, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet li se japplikaw għall-istrumenti ta' dejn maħruġa skont il-programm, u jinkludi informazzjoni deskrittiva dwar l-emittent (f'dan il-każ il-Konsorzju).
([35]) Skont l-Eurostat, ir-rata medja tal-kambju, fl-1995, bejn l-ECU u d-dollaru Amerikan kienet tammonta għal ECU 1 = USD 1,3080 (sors: l-Eurostat). Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' USD.
([36]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-2000, bejn l-Euro u d-dollaru Amerikan kienet tammonta għal EUR 1 = USD 0,9236. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' USD.
([37]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-2004, bejn l-Euro u d-dollaru Amerikan kienet tammonta għal EUR 1 = USD 1,2439. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' USD.

(77) Il-programm MTN Żvediż, li skontu l-Konsorzju seta' jieħu self bil-krona Żvediża, b'ammont prinċipali aggregat ta' SEK 3 biljun (EUR 0,35 biljun) ([38]) ġie stabbilit fit-2 ta' Diċembru 1996. Il-programm MTN Żvediż ġie aġġornat fuq bażi *ad hoc*. L-aġġornamenti ([39]) jinkludu, pereżempju, iż-żieda ta' istituzzjonijiet ta' kreditu emittenti skont il-programm, jew intitolament għall-Konsorzju biex joħroġ self bl-euro minflok bil-krona. L-ammont prinċipali aggregat tal-programm MTN Żvediż ġie aġġornat f'żewġ okkażjonijiet u jammonta, mill-2000, għal SEK 10 biljun (EUR 1,17 biljun) ([40]).

(78) Il-Konsorzju kiseb bonds skont dawk il-programmi EMTN u MTN Żvediżi sabiex jiffinanzja u jiffinanzja mill-ġdid il-kostijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Ladarba bond skont il-programm EMTN jew il-programm MTN Żvediż ikun dovut u jkun jeħtieġ li jiġi ffinanzjat mill-ġdid, jibda l-proċess ta' oriġinazzjoni u jiġu nnegozjati u stabbiliti l-arranġamenti ma' bank rigward id-dettalji speċifiċi ta' dak il-bond fid-dokument tat-termini tal-ipprezzar ta' dak il-bond (ammont, rata tal-imgħax, dettalji tal-pagament, eċċ).

(79) Kif stabbilit fil-premessa (74), il-Konsorzju kiseb ukoll direttament diversi selfiet, lil hinn mill-kuntest ta' dawk il-programmi MTN. B'mod partikolari, matul il-fażi tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa, il-Konsorzju kiseb diversi selfiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI"), billi daħal f'kuntratti ta' finanzjament li fihom it-termini u l-kundizzjonijiet tas-self, u l-Konsorzju kiseb self direttament mingħand selliefa privati, li daħlu fi ftehimiet ta' self awtonomi.

(80) Barra minn hekk, il-Konsorzju kellu faċilitajiet ta' kreditu ma' ċerti banek għal skopijiet ta' pagamenti mil-lum għall-għada u għal varjazzjonijiet għal żmien qasir fil-likwidità. Il-faċilitajiet ta' kreditu ġew stabbiliti fl-1994 u jiġġeddu kull 4 snin.

(81) Fl-aħħar nett, is-self normalment, iżda mhux neċessarjament, jiġi kkombinat ma' tranżazzjoni ta' derivattiv biex jiġi riallokat u mmitigat ir-riskju finanzjarju relatat mas-self (bħall-iskopertura għar-rata tal-imgħax jew ir-riskji tal-munita), jew biex jiġi ottimizzat il-portafoll sħiħ tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. Tali strumenti, l-aktar tranżazzjonijiet ta' swaps, jiddaħħlu bejn il-Konsorzju u l-banek rilevanti li joffru dawk il-prodotti finanzjarji. Normalment, issir tranżazzjoni ta' derivattiv mal-istess bank li jkun għamel l-arranġament tas-self, iżda dan ma huwiex obbligatorju.

(82) Biex tidħol fi tranżazzjoni bħal din, jiġi ffirmat ftehim prinċipali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Swaps u Derivattivi (ISDA, International Swaps and Derivatives Association) ("Ftehim Prinċipali tal-ISDA") ma' kull kontroparti. Il-Ftehim Prinċipali tal-ISDA huwa ftehim qafas maħruġ mill-ISDA. Il-qafas jikkonsisti f'dokumentazzjoni bażi standard, li tiżgura li t-tranżazzjonijiet kollha bejn il-Konsorzju u l-bank ta' kontroparti partikolari jkunu soġġetti għall-istess dokumentazzjoni, u li t-tranżazzjonijiet kollha jkunu soġġetti għal netting f'każ li parti ssir insolventi jew tidħol f'inadempjenza b'modi oħra.

(83) Il-Konsorzju daħal ukoll fi ftehimiet prinċipali globali ta' riakkwist ma' ċerti banek, bl-għan li jidħol fi tranżazzjonijiet ta' riakkwist ([41]), primarjament għall-użu bħala kollateral għal tranżazzjonijiet ta' derivattiv. Madankollu, l-ebda tranżazzjoni ma ġiet konkluża skont tali ftehimiet u, bħala tali, il-ftehimiet qatt ma ġew utilizzati.

## 2.2. **Deskrizzjoni tal-allegati miżuri ta' għajnuna**

(84) Kif innotat fil-premessa 50 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-proċedura ta' investigazzjoni formali tkopri l-miżuri li ġejjin meħuda biex jiffinanzjaw il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa: (i) il-garanziji tal-Istat mogħtija mill-Iżvezja u mid-Danimarka għal self u strumenti finanzjarji meħuda mill-Konsorzju, (ii) ir-regoli Daniżi applikabbli għall-Konsorzju fir-rigward tar-riport tat-telf u (iii) ir-regoli Daniżi applikabbli għall-Konsorzju fir-rigward tad-deprezzament tal-assi. It-Taqsima 2.2.1 telabora aktar dwar il-punt (i) u t-Taqsima 2.2.2 telabora dwar il-punti (ii) u

([38]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-1996, bejn l-ECU u l-krona Żvediża ammontat għal ECU 1 = SEK 8,5147. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' SEK.

([39]) Implimentati pereż. permezz tal-ftehim supplimentari tat-22 ta' Settembru 1998 u permezz tal-ftehim supplimentari tat-3 ta' Frar 2000.

([40]) Kien possibbli wkoll li jinħareġ self f'euro sal-ammont massimu korrispondenti.

([41]) Ftehim ta' riakkwist huwa tip ta' tranżazzjoni finanzjarja li fiha mutwatarju jbigħ garanzija finanzjarja lil sellief bi skambju ma' flus kontanti permezz ta' ftehim simultanju biex jixtriha lura fi żmien qasir.

(iii). Kif innotat fil-premessa 51 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tkoprix miżuri possibbli oħra mogħtija mid-Danimarka jew mill-Iżvezja lill-Konsorzju, A/S Øresund, SVEDAB, Sund & Bælt, jew kwalunkwe kumpanija relatata oħra. Il-premessa 48 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ iċċarat li l-miżuri favur SVEDAB u A/S Øresund, rilevanti għall-finanzjament tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni, ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### 2.2.1. *Il-mudell ta' garanzija mill-Istat*

#### 2.2.1.1. Struttura legali tal-mudell ta' garanzija mill-Istat

(85) Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv, l-Istati impenjaw ruħhom li jiggarantixxu *in solidum* is-self kollu u l-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha meħuda mill-Konsorzju b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv jiddikjara li dawk il-ftehimiet ta' garanzija jenħtieġ li jiġu pprovduti mingħajr ma jintalab primjum ta' garanzija ([42]). Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tuża t-terminu "mudell ta' garanzija mill-Istat" biex tirreferi għall-arranġament ġenerali li jikkonsisti mill-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* li jirriżulta mill-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv u implimentat fil-leġiżlazzjoni Daniża u Żvediża (ara wkoll il-premessi (86) sa (90)), l-amministrazzjoni ta' dak l-obbligu mill-Bank Nazzjonali Daniż u mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn (ara wkoll il-premessi (91) sa (102)) u l-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu permezz ta' ftehimiet ta' garanzija speċifiċi relatati, pereżempju, ma' programmi ta' bonds u self individwali (ara wkoll il-premessi (103) sa (116)).

(86) Kif deskritt fil-premessa (63), l-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* għat-teħid b'self tal-Konsorzju, li jirriżulta mill-Ftehim Intergovernattiv, ġie implimentat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali Żvediża u Daniża fl-1991, permezz tad-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż u l-Att dwar il-Kostruzzjoni.

(87) Fid-Danimarka, l-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* għat-teħid b'self tal-Konsorzju ġie implimentat permezz tat-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni. Sussegwentement, dan ġie sostitwit bit-Taqsima 11 tal-Att Nru 588 tal-24 ta' Ġunju 2005 ([43]) (l-"Att Sund & Bælt"). Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi u jipprevedu li l-Istat Daniż għandu jiggarantixxi l-obbligi relatati mas-self u ma' strumenti finanzjarji oħra tal-Konsorzju li jintużaw b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. ([44])

(88) In-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni jiddikjaraw li t-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni tinvolvi li l-Istat Daniż jiggarantixxi l-imgħax u l-pagamenti prinċipali u impenji oħra relatati ma' self u strumenti finanzjarji li l-Konsorzju juża għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Dawk in-noti preparatorji jkomplu jiċċaraw li l-isfond għat-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni huwa l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv, li jinvolvi li l-Istati jiggarantixxu *in solidum* dawk l-obbligi u li l-Istati għandhom responsabbiltà ugwali b'mod reċiproku. Dawn in-noti preparatorji jiddikjaraw ukoll li ma kinitx l-intenzjoni tal-Istati, meta ddeċidew dwar l-istruttura organizzattiva (premessa (62)), li jillimitaw ir-responsabbiltà tagħhom bħala garanti ekonomiċi għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa.

([42]) Il-paragrafu 1 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Intergovernattiv jipprevedi: "Id-Danimarka u l-Iżvezja huma miftehma li l-ebda tariffa jew simili ma għandha tiġi imposta miż-żewġ Stati għall-impenji ta' garanzija assunti minnhom fir-rigward tas-self u ta' strumenti finanzjarji oħra tal-konsorzju użati b'rabta mal-finanzjament".

([43]) L-Att Nru 588 tal-24 ta' Ġunju 2005 dwar Sund and Bælt Holding A/S.

([44]) It-test oriġinali tat-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni jaqra kif ġej: "Den danske stat garanterer for forpligtelser vedrørende konsortiets lån og andre finansielle instrumenter, som benyttes i forbindelse med finansieringen af Øresundsforbindelsen". It-test tat-Taqsima 11 tal-Att dwar Sund & Bælt jaqra kif ġej: "Den danske stat garanterer for forpligtelser vedrørende Øre sundsbro Konsortiet I/S' lån og andre finansielle instrumenter, som benyttes i forbindelse med finansieringen af den faste forbindelse over Øresund."

(89) Fl-Iżvezja, it-Taqsima 7 tal-abbozz ta' liġi 1990/91:158, kif adottata bid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, tinkludi talba biex il-Parlament Żvediż jawtorizza lill-Gvern, jew lill-awtorità ddeterminata mill-Gvern, biex jassumu f'isem l-Istat Żvediż, *in solidum* mal-Istat Daniż, garanzija għas-self tal-Konsorzju u strumenti finanzjarji oħra li jintużaw b'rabta mal-finanzjament tal-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. It-Taqsima 4 tal-abbozz ta' liġi 1990/91:158, kif adottata bid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, tinkludi l-istruttura tal-organizzazzjoni proposta u l-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, inkluż l-obbligu ta' garanzija. Din tipprevedi li l-Konsorzju inizjalment se jkun jeħtieġ finanzjament finanzjarju sinifikanti li l-Konsorzju jenħtieġ li jikseb billi jiġbor self fis-suq. Dak it-teħid b'self għandu jkun garantit *in solidum* mill-Istati, li jfisser li ż-żewġ Stati individwalment jiggarantixxu l-ammont sħiħ, bi dritt għal rikors kontra xulxin għal nofs l-ammont. It-Taqsima 4 tal-abbozz ta' liġi 1990/91:158, kif adottata bid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, tipprevedi wkoll li b'dan il-mod, il-Konsorzju għandu jkun jista' jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa fuq termini favorevoli. L-impenji ta' garanzija totali relatati mal-Konnessjoni Fissa ġew stmati li kienu jilħqu madwar SEK 15-il biljun (EUR 2,01 biljun) ([45]), ([46]) fiż-żmien tat-tlestija tiegħu, u kienu jinkludu l-kostijiet tal-kostruzzjoni u tal-finanzjament. Ġie nnotat ukoll li, għal proġetti bħall-Konnessjoni Fissa, b'investimenti kbar fuq diversi snin, kien straordinarjament diffiċli li jiġi stmat ammont eżatt, peress li l-kostijiet tal-proġett bil-prezzijiet attwali kienu jiddependu, fost l-oħrajn, fuq ir-rati tal-imgħax futuri u x-xejriet ġenerali tal-prezzijiet. Il-Gvern għalhekk kellu l-intenzjoni li jwieġeb lill-Parlament permezz ta' rapport dwar kif il-proġett kien se jevolvi. Barra minn hekk, ġie indikat li matul l-ewwel snin tal-fażi operattiva, il-Konsorzju kien se jkollu riżultati negattivi, peress li d-dħul mill-pedaġġi tal-utenti ma kienx se jkun biżżejjed biex ikopri kompletament il-kostijiet tal-Konsorzju. Dak id-defiċit kien se jkun kopert jew mill-kumpaniji azzjonarji, permezz ta' kontribuzzjonijiet, jew mill-Konsorzju, permezz ta' self. L-abbozz ta' liġi 1990/91:158 jiddikjara li l-aħjar soluzzjoni kienet tkun li l-Konsorzju jikseb il-fondi meħtieġa huwa stess, b'garanzija *in solidum* mill-Istati. B'mod korrispondenti, l-impenji totali ta' garanzija f'dan ir-rigward kienu stmati li jilħqu madwar SEK 1,8 biljun (EUR 0,24 biljun) ([47]), ([48]). Il-Gvern kellu l-intenzjoni, f'dan ir-rigward, li jirrapporta lill-Parlament dwar il-progress tal-proġett.

(90) Il-Ftehim tal-Konsorzju jfakkar dan l-obbligu ta' garanzija *in solidum* mill-Istat għat-teħid b'self tal-Konsorzju. Dan jipprevedi, fit-Taqsima 4(3): "Ir-rekwiżiti kapitali tal-Konsorzju għall-ippjanar, id-disinn tal-proġett u l-kostruzzjoni tal-[Konnessjoni Fissa], inklużi l-kostijiet tas-servizz ta' self, u sabiex ikunu koperti r-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mit-telf tal-kontabbiltà li huma mistennija għal numru ta' snin wara li l-[Konnessjoni Fissa] tkun ġiet miftuħa għat-traffiku, għandhom, skont dak li huwa miftiehem fil-[Ftehim Intergovernattiv], jiġu ssodisfatti billi jinkiseb self jew permezz tal-ħruġ ta' strumenti finanzjarji fis-suq miftuħ b'sigurtà fil-forma ta' garanziji mill-Gvern Żvediż u Daniż."

### 2.2.1.2. Amministrazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat

(91) Fl-Iżvezja, il-kompetenza u l-obbligu li jiġu assenjati garanziji b'mod konġunt għall-finanzjament kollu meħtieġ mill-Konsorzju fir-rigward tal-Konnessjoni Fissa ġew iddelegati lil Riksgäldskontoret (l-"Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn") permezz tad-deċiżjonijiet tal-Gvern Żvediż tat-13 ta' Frar 1992 (K91/1443/3, K92/320/3), tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3).

(92) Id-deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tat-13 ta' Frar 1992 (K91/1443/3, K92/320/3) approvat il-Ftehim ta' Konsorzju.

([45]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-1991, bejn l-ECU u l-krona kienet tammonta għal ECU 1 = SEK 7,4793. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' SEK.

([46]) Fil-livell tal-prezz tal-1991.

([47]) Supra, nota f'qiegħ il-paġna 45.

([48]) Fil-livell tal-prezz tal-1991.

(93) Id-deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) awtorizzat lill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn biex joħroġ, *in solidum* mal-Istat Daniż, garanziji fl-ammont ta' SEK 600 miljun (EUR 65,78 miljun) ([49]) u DKK 600 miljun (EUR 80,42 miljun). Dan kien relatat mal-finanzjament għall-ippjanar u d-disinn tal-proġett tal-Konsorzju.

(94) Id-Deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3) awtorizzat u imponiet impenn fuq l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn biex jamministra u joħroġ garanziji f'isem l-Istat Żvediż u *in solidum* mal-Istat Daniż biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament kollha tal-Konsorzju għall-kostijiet relatati mal-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, f'konformità mal-Ftehim Intergovernattiv. Id-Deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tat-23 ta' Ġunju 1994 ma ġietx emendata.

(95) Fid-Danimarka, Nationalbanken (il-"Bank Nazzjonali Daniż") irċieva delega korrispondenti permezz tal-Att dwar il-Kostruzzjoni. Fid-Danimarka, id-dejn tal-gvern huwa ġestit mill-Bank Nazzjonali Daniż, f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, permezz ta' prokura. Għalhekk, meta l-Att dwar il-Kostruzzjoni awtorizza lill-Ministeru tal-Finanzi Daniż biex jassumi — *in solidum* mal-Istat Żvediż — garanzija f'isem l-Istat Daniż għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, huwa awtorizza wkoll lill-Bank Nazzjonali Daniż biex jassumi dan l-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum*.

(96) Kif innotat fil-premessa 30 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn jiddefinixxu l-qafas ġenerali għall-politika ta' finanzjament tal-Konsorzju (ara wkoll il-premessi (97) sa (102)), u jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat meta l-Konsorzju jiffirma ftehimiet ta' self ġodda jew juża strumenti finanzjarji oħra b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa (ara wkoll il-premessi (103) sa (116)). Fil-kummenti tagħhom bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-ftuħ ([50]), l-Istati pprovdew aktar dettalji dwar dawk l-elementi, li huma inklużi fil-ħarsa ġenerali ta' hawn taħt.

(97) Fis-16 ta' Diċembru 1997, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn (f'isem l-Istati) u l-Konsorzju ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni tripartitika (il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997") biex jirregolaw xi wħud min-negozjati tal-partijiet, inkluż id-dritt ta' rikors tal-Bank Nazzjonali Daniż u tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn kontra l-Konsorzju, u l-obbligi ta' rapportar u informazzjoni tal-Konsorzju għalihom (ara wkoll il-premessa (99)). Dak il-ftehim ġie ssupplimentat bi ftehim bejn il-Konsorzju u l-Istat Żvediż (permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn), konkluż fit-23 ta' Ottubru 2000 (ara wkoll il-premessa (100)). Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 ġie sostitwit bi ftehim ġdid ta' kooperazzjoni tripartitika, konkluż fit-8 ta' Novembru 2004 (il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2004") (ara wkoll il-premessa (101)). Dak il-ftehim ġie ssupplimentat bi ftehim bejn il-Konsorzju u l-Istat Żvediż (permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn), konkluż fl-14 ta' Novembru 2012 (ara wkoll il-premessa (102)).

(98) Il-ftehimiet ta' Kooperazzjoni tal-1997 u tal-2004 fihom għadd ta' termini formali, drittijiet u obbligi għall-partijiet. L-Istati spjegaw li dawk l-arranġamenti amministrattivi prattiċi mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u mill-Bank Nazzjonali Daniż ġew introdotti sabiex l-Istati jingħataw l-opportunità li jissorveljaw u jinfluwenzaw il-politika ta' finanzjament tal-Konsorzju, u sabiex jiġi żgurat li l-Konsorzju ma jeċċedix il-mandat tiegħu u li tiġi segwita politika ta' finanzjament li timminimizza r-riskju fit-tul tal-Istati. Skont l-Istati, dan il-mekkaniżmu kien jiżgura wkoll li l-għajnuna mogħtija lill-Konsorzju ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

([49]) Skont l-Eurostat, ir-rata tal-kambju medja, fl-1993, bejn l-ECU u l-krona Żvediża ammontat għal ECU 1 = SEK 9,1215. Din ir-rata tal-kambju hija applikata biex jiġi kkalkulat l-ekwivalenti approssimattiv f'EUR ta' SEK.

([50]) Il-kummenti tal-Istati bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-ftuħ jirreferu wkoll għall-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Żvediżi u Daniżi f'SA.36558, SA.36662, SA.51262 u SA.52617, qabel in-notifikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali lill-Istati.

(99) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 jispeċifika li l-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn għandhom l-intenzjoni li jillimitaw id-dritt għal rikors tagħhom, f'każ ta' attivazzjoni ta' garanziji, għall-Konsorzju, u, għalhekk, li ma jużawhx kontra l-kumpaniji omm. Dan jinkludi pjan ta' ħlas lura, li jista' jiġi aġġustat minn żmien għal żmien, limiti tar-riskju għal investimenti ta' likwidità u tranżazzjonijiet ta' derivattiv mill-Konsorzju, u jispeċifika ċerti obbligi ta' informazzjoni u rapportar. Dan il-ftehim jipprovdi wkoll ċerti dettalji dwar it-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' derivattiv li huma ggarantiti mill-Istati. Bħala tali, il-Konsorzju għandu jikseb l-approvazzjoni mill-Bank Nazzjonali Daniż u mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn għat-tranżazzjonijiet kollha tal-Konsorzju, bħal self u Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA. Il-Konsorzju ma għandux jidħol fi tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet li ma jkunux irċevew l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjonali Daniż u tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn. Il-Konsorzju għandu jikseb l-approvazzjoni tal-Bank Nazzjonali Daniż u tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn għad-dokumentazzjoni kuntrattwali kollha marbuta mat-teħid b'self tal-Konsorzju. Il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn se jivvalutaw jekk il-ftehimiet individwali humiex, jew jistgħux isiru, ta' importanza għall-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* tagħhom, ir-riskju tagħhom, u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jistgħu jaffettwaw l-obbligu tal-garanzija jew il-fornituri tal-garanzija.

(100) Il-Ftehim supplimentari ta' Ottubru 2000 bejn il-Konsorzju u l-Istat Żvediż jiddefinixxi l-linji gwida għat-teħid b'self garantit mill-Istat u l-immaniġġjar tal-portafoll tal-Konsorzju, u jispeċifika li, jekk il-Konsorzju jikkonforma ma' dawk il-linji gwida, tranżazzjonijiet individwali ma jkollhomx għalfejn jiġu approvati mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn qabel ma jiġu konklużi mill-Konsorzju. Għal tranżazzjonijiet li għalihom il-konformità mal-linji gwida tista' ma tkunx ċara, il-Konsorzju jenħtieġ li l-ewwel jikkuntattja lill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u jispjega għaliex dawk it-tranżazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala koperti mill-ftehim.

(101) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2004 jelenka ċerti obbligi u riskji li jikkonċernaw il-ġestjoni finanzjarja tal-Konsorzju. Il-Konsorzju għandu jkollu politika finanzjarja li jkun fiha linji gwida u regoli għall-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tar-riskju finanzjarju. Il-politika finanzjarja u l-istrateġija finanzjarja jiġu adottati kull sena mill-bord tad-diretturi tal-Konsorzju, u għandhom iqisu l-kummenti tal-Bank Nazzjonali Daniż u tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2004 fih taqsima dwar l-obbligu ta' informazzjoni u rapportar, ifakkar id-dritt għal rikors tal-Bank Nazzjonali Daniż u tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn, ifakkar fl-obbligu tal-Konsorzju li jikseb l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha tal-kuntratt b'rabta mat-teħid b'self tiegħu u mad-dħul tiegħu fi Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA, u l-ħtieġa għal kunsens bil-miktub mill-Bank Nazzjonali Daniż u mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn biex jinbidlu t-termini jew il-kundizzjonijiet ta' tranżazzjoni garantita. Fil-każ li l-Konsorzju jidħol fi tranżazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-linji gwida stabbiliti fil-politika finanzjarja tal-Konsorzju, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn għandhom id-dritt konġunt u separat li jitolbu lill-Konsorzju jieqaf, jittermina, jew iżomm lura milli jwettaq tranżazzjonijiet bħala parti mill-ġestjoni finanzjarja tiegħu. Il-Konsorzju għandu wkoll ifassal, u jaġġorna kontinwament, il-pjan għall-iżvilupp fit-tul tal-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Konsorzju, inkluża preżentazzjoni ta' ħlas lura u dividendi ppjanati.

(102) Il-ftehim supplimentari ta' Novembru 2012 bejn il-Konsorzju u l-Istat Żvediż jispeċifika li, jekk il-Konsorzju jikkonforma mal-politika finanzjarja tiegħu skont it-tifsira tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2004, tranżazzjonijiet individwali ma jeħtiġux li jiġu approvati mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn qabel ma l-Konsorzju jidħol fihom. Għal tranżazzjonijiet oħra, li ma jikkonformawx mal-politika finanzjarja, il-Konsorzju jenħtieġ li jikseb l-approvazzjoni bil-miktub tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn biex jiżgura li t-tranżazzjoni speċifika tkun koperta mill-obbligu ta' garanzija tal-Istat *in solidum*.

### 2.2.1.3. Implimentazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat

(103) Il-Kummissjoni l-ewwel se tiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat kif ġie applikat sas-Sentenza *Øresund* tad-19 ta' Settembru 2018 (ara wkoll il-premessi (104) sa (115)). Il-premessa (116) tipprovdi aktar dettalji għall-perjodu ta' wara.

(104) Fil-perjodu ta’ qabel is-Sentenza *Øresund*, strumenti ta’ dejn (bħal bonds) maħruġa skont il-programm EMTN ([51]) kienu kollha ggarantiti mill-Istati. Dan ġie fformalizzat fil-forma ta’ att ta’ garanzija ffirmat mill-Istati fil-21 ta’ Settembru 1995 fir-rigward tal-programm EMTN, stabbilit fl-istess jum. Bl-iffirmar tagħhom, l-Istati garantiti *in solidum* lid-detenturi tal-istrumenti li jekk għal xi raġuni l-Konsorzju jonqos milli jħallas kwalunkwe somma garantita meta tkun dovuta u pagabbli, l-Istati għandhom, fi żmien 4 ijiem ta’ negozju minn talba bil-miktub mid-detentur fuq iż-żewġ Stati u fuq il-Konsorzju, iħallsu dik is-somma mingħajr kundizzjonijiet. L-att ta’ garanzija kien parti integrali mill-memorandum ta’ informazzjoni. L-att ta’ garanzija ffirmat fil-21 ta’ Settembru 1995 ma kienx jinkludi referenza diretta għall-Ftehim Intergovernattiv jew leġiżlazzjoni ta’ implimentazzjoni sussegwenti, madankollu, il-programm EMTN irrikonoxxa l-istabbiliment tal-Konsorzju skont il-Ftehim Intergovernattiv.

(105) L-aġġornamenti sussegwenti tal-programm EMTN irreferew ukoll għall-att ta’ garanzija tal-21 ta’ Settembru 1995, u l-validità ta’ dak l-att ta’ garanzija ġiet ikkonfermata mill-Istati fl-ittri tal-10 ta’ Frar 2000. Fit-22 ta’ Mejju 2001, ġie ffirmat att ta’ garanzija ġdid fir-rigward tal-aġġornament tal-programm EMTN, ippubblikat fl-istess data. L-att ta’ garanzija, iffirmat fit-22 ta’ Mejju 2001 mill-Istati, kellu sostanzjalment l-istess kundizzjonijiet bħall-att ta’ garanzija ffirmat mill-Istati fil-21 ta’ Settembru 1995. L-aġġornamenti annwali sussegwenti tal-programm EMTN kollha rreferew għal dak l-att ta’ garanzija tat-22 ta’ Mejju 2001.

(106) Kull darba li l-Konsorzju ħareġ bonds skont il-programm EMTN, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn ikkonfermaw li dawn il-bonds kienu soġġetti għall-att ta’ garanzija. L-att ta’ garanzija tal-21 ta’ Settembru 1995 kien japplika għall-bonds skont il-programm EMTN sal-2000, filwaqt li l-att ta’ garanzija tat-22 ta’ Mejju 2001 kien japplika għall-bonds skont il-programm EMTN mill-2001.

(107) L-Istati spjegaw li dan ifisser li l-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn ma ħarġux garanzija speċifika għal kull bond individwali, iżda kkonfermaw li att ta’ garanzija diġà maħruġ kien ikopri l-bond individwali skont il-programm EMTN, billi taw il-kunsens tagħhom għat-termini tal-ipprezzar ta’ dak is-self u kkonfermaw l-aċċettazzjoni tagħhom.

(108) Bonds maħruġa skont il-programm MTN Żvediż kienu wkoll soġġetti għal garanzija mill-Istati. Fit-2 ta’ Diċembru 1996 inħareġ att ta’ garanzija favur id-detenturi ta’ strumenti ta’ dejn maħruġa skont il-programm MTN Żvediż. Bonds individwali maħruġa skont il-programm MTN Żvediż kienu soġġetti għal dan il-ftehim ta’ garanzija. Il-programm MTN Żvediż irrefera lura għall-Ftehim Intergovernattiv. Kull darba li nħareġ bond individwali skont il-programm MTN Żvediż, il-bonds ġew approvati mill-Bank Nazzjonali Daniż u mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn, mingħajr ma semmiet b’mod espliċitu li l-att ta’ garanzija kopra l-bond individwali.

(109) Għall-ftehimiet ta’ self awtonomi, bħal dawk tal-BEI, il-Konsorzju ffirma kuntratti ta’ finanzjament mal-istituzzjoni finanzjarja. Ma’ kull kuntratt ta’ finanzjament kien hemm mehmuż dokument ta’ ftehim ta’ garanzija. Dawk il-ftehimiet ta’ garanzija bejn l-Istati u l-istituzzjonijiet finanzjarji koprew il-faċilità ta’ self kollha skont kuntratt ta’ finanzjament rispettiv. Il-ftehim ta’ garanzija rrefera għall-Ftehim Intergovernattiv. L-aħħar ftehim ta’ garanzija relatat mas-self tal-BEI sar mill-Iżvezja u d-Danimarka fit-22 ta’ Ottubru 2001.

(110) Il-Konsorzju kiseb ukoll self direttament mingħand selliefa privati, li daħlu fi ftehimiet ta’ self awtonomi. Dak is-self kollu kien garantit mill-Istati abbażi ta’ ftehimiet ta’ garanzija individwali, u f’konformità mal-obbligi fil-Ftehim Intergovernattiv u l-Ftehim tal-Konsorzju.

([51]) “Programm” tfisser il-programm għall-ħruġ ta’ strumenti ta’ dejn stabbilit mill-Konsorzju.

(111) Fir-rigward tal-faċilitajiet ta' kreditu miżmuma mill-Konsorzju ma' bank għal skopijiet ta' pagamenti mil-lum għall-għada u għal varjazzjonijiet ta' żmien qasir fil-likwidità, id-Danimarka u l-Iżvezja daħlu fi ftehim ta' garanzija ġdid għal kull rifinanzjament. Il-faċilitajiet ta' kreditu ġew stabbiliti fl-1994 u jiġġeddu kull 4 snin. Dawk il-ftehimiet ta' garanzija rreferew lura għall-Ftehim Intergovernattiv, l-Att dwar il-Kostruzzjoni, id-Deċiżjoni tal-Parlament Żvediż u d-deċiżjonijiet tal-Gvern tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3).

(112) Barra minn hekk, kull Ftehim Prinċipali tal-ISDA kien akkumpanjat minn ftehim ta' garanzija bejn l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż, u l-kontroparti rispettiva, fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Intergovernattiv, l-Att dwar il-Kostruzzjoni, id-Deċiżjoni tal-Parlament Żvediż u d-deċiżjonijiet tal-Gvern tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3). Dak il-ftehim ta' garanzija kopra t-tranżazzjonijiet individwali skont il-Ftehim Prinċipali tal-ISDA. L-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż ma ħarġux ftehimiet ta' garanzija individwali fil-livell tat-tranżazzjoni, u ma kkonfermawx speċifikament li kienet tapplika l-garanzija assoċjata mal-Ftehim Prinċipali tal-ISDA.

(113) Fl-aħħar nett, il-ftehimiet prinċipali globali ta' riakkwist kien akkumpanjat minn ftehim ta' garanzija bejn l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż, u l-kontroparti rispettiva, fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Intergovernattiv, l-Att dwar il-Kostruzzjoni, id-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż u d-deċiżjonijiet tal-Gvern tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3). Kif imsemmi fil-premessa (83), ma saret l-ebda tranżazzjoni skont tali ftehimiet u, bħala tali, l-ebda ftehim ta' garanzija individwali.

(114) Id-diversi ftehimiet ta' garanzija kollha ħolqu obbligi direttament applikabbli u ġenerali għall-Iżvezja u d-Danimarka, u jikklassifikaw *pari passu* mal-obbligi mhux subordinati l-oħra kollha mhux garantiti u d-dejn tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u tal-Bank Nazzjonali Daniż. Il-ftehimiet ta' garanzija huma mingħajr kundizzjonijiet; l-investituri ma humiex obbligati li jfittxu li jinfurzaw il-pretensjoni mill-Konsorzju iżda jistgħu jindirizzaw pretensjonijiet lill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u lill-Bank Nazzjonali Daniż direttament meta jkun hemm inadempjenza.

(115) Il-garanziji huma garanziji kontinwi, iżda huma *de facto* limitati għat-terminu tas-self jew tat-tranżazzjoni li l-garanzija tiggarantixxi. F'każ li ma jkun hemm l-ebda tranżazzjoni skont ftehim prinċipali, pereżempju, ma' ċerta kontroparti, dik il-kontroparti ma jkollha l-ebda pretensjoni kontra l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn jew il-Bank Nazzjonali Daniż, minkejja l-eżistenza ta' garanzija; għalhekk il-garanzija tista' tkopri biss id-dejn attwali tal-Konsorzju, sakemm id-dejn jitħallas lura kompletament.

(116) Fir-rigward tal-perjodu ta' wara s-Sentenza *Øresund*, l-Istati infurmaw lill-Kummissjoni li ma nħareġ l-ebda dejn ieħor garantit mill-Istat. Għalhekk, l-aħħar rifinanzjament iggarantit mill-Istat seħħ fl-24 ta' Awwissu 2018. Dan għaliex il-Bord tad-Diretturi tal-Konsorzju ddeċieda li jevita, sa fejn ikun possibbli, teħid b'self garantit mill-Istat fil-perjodu li jwassal sad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. Għar-rifinanzjament rikjest li kien meħtieġ sa tmiem l-2020, biex jiġi evitat li tali rifinanzjament ikun kopert awtomatikament mill-ftehimiet ta' garanzija eżistenti, il-Konsorzju beda emendi għall-aġġornament annwali tal-programm EMTN f'Ġunju 2020. Sabiex l-għażliet jinżammu miftuħa, it-termini tal-ipprezzar rilevanti tal-programm issa jispeċifikaw jekk l-istrumenti li għandhom jinħarġu humiex garantiti jew le.

### 2.2.2. *Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament*

#### 2.2.2.1. Is-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu

(117) Fid-Danimarka, it-taxxa korporattiva tiġi imposta skont l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu ([52]). Regoli oħra rilevanti għall-finijiet tat-taxxa korporattiva għandhom jinsabu f'atti Daniżi oħra, bħall-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa ([53]), l-Att Daniż dwar it-Tassazzjoni fuq l-Introjtu u l-Proprjetà ([54]), u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ([55]). L-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa jipprovdi regoli dwar kif il-liġijiet tat-taxxa jiġu applikati kemm għall-individwi kif ukoll għall-kumpaniji. L-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq

([52]) L-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu "Selskabsskatteloven".
([53]) L-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa "Ligningsloven".
([54]) L-Att Daniż dwar it-Tassazzjoni tal-Introjtu u l-Proprjetà "Statsskatteloven".
([55]) L-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa "Afskrivningsloven".

l-Introjtu jistabbilixxi r-rata tat-taxxa applikabbli għall-kumpaniji, u jagħti dettalji dwar ir-regoli li huma speċifikament rilevanti għat-tassazzjoni tal-kumpaniji. L-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa jipprovdi regoli dwar id-deprezzament tal-assi użati għal skopijiet kummerċjali.

(118) L-entitajiet legali li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża huma elenkati fit-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Is-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu tagħmel distinzjoni bejn it-tassazzjoni ta' entitajiet separati u t-tassazzjoni ta' entitajiet trasparenti. Bħala regola ġenerali, il-korporazzjonijiet biss huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża (jiġifieri entitajiet separati għall-finijiet tat-taxxa), peress li s-soċjetajiet f'isem kollettiv huma ttrattati bħala trasparenti għall-finijiet tat-taxxa. Kumpaniji b'responsabbiltà limitata, bħal A/S Øresund, is-sieħeb Daniż fil-Konsorzju, huma elenkati fit-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Is-soċjetajiet f'isem kollettiv, bħall-Konsorzju, ma humiex elenkati fit-Taqsima 1, u huma ttrattati bħala entitajiet trasparenti għall-finijiet tat-taxxa. Dan ifisser li r-regoli Daniżi dwar it-taxxa korporattiva fuq l-introjtu japplikaw biss għas-sieħeb Daniż fil-Konsorzju, A/S Øresund, u mhux għall-Konsorzju nnifsu. Il-Ftehim tal-Konsorzju, fit-Taqsima 12.4, jikkonferma li A/S Øresund u SVEDAB għandhom l-obbligu li jiddikjaraw il-profitt jew it-telf tal-Konsorzju, għall-finijiet tat-taxxa.

(119) Għall-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, ir-regoli dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament huma stabbiliti, rispettivament, fl-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa.

(120) Għas-soċjetà f'isem kollettiv bejn A/S Øresund u SVEDAB fil-Konsorzju, kull soċjetà tirrikonoxxi s-sehem tagħha ta' 50 % tal-introjtu taxxabbli jew tat-telf tas-soċjetà. A/S Øresund, li hija soġġetta għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, għandha dritt proporzjonali li (i) tiddeprezza fuq il-bażi tal-assi tas-soċjetà, u (ii) tnaqqas u tirriporta (għal tnaqqis futur) il-parti tagħha tat-telf tas-soċjetà, biex tiddetermina l-introjtu taxxabbli.

(121) Għad-determinazzjoni tal-introjtu taxxabbli ("bażi taxxabbli"), trid issir referenza għat-Taqsima 4 tal-Att Daniż dwar it-Tassazzjoni fuq l-Introjtu u l-Proprjetà. Din it-taqsima telenka l-elementi li jikkostitwixxu introjtu taxxabbli. It-taqsima hija fformulata b'mod wiesa' u tinkludi kważi l-introjtu kollu, kemm ta' natura prinċipali jew aċċessorja, u kemm jekk riċevut fi flus jew f'valur ta' flus. Fil-komputazzjoni tal-introjtu gross taxxabbli, l-introjtu kollu jinġabar flimkien. B'mod ġenerali, l-ebda sistema ta' skedar jew sistema ta' basket ma tapplika għall-finijiet tat-tnaqqis tal-ispejjeż jew it-tpaċija tat-telf minn sors ta' introjtu wieħed kontra l-profitti minn sors ta' introjtu ieħor, jew għall-finijiet ta' riport tat-telf.

(122) B'mod ġenerali, il-kont tal-profitt u t-telf fir-rapport annwali huwa l-punt tat-tluq għad-determinazzjoni tal-introjtu taxxabbli, għalkemm irid jiġi abbozzat kont separat tal-profitt u t-telf għall-finijiet tat-taxxa. L-introjtu u l-ispejjeż huma ġeneralment rikonoxxuti fuq bażi tad-dovuti. Għall-introjtu, dan ifisser li l-introjtu jkun taxxabbli fis-sena li fiha l-kontribwent isir intitolat għall-introjtu. L-ispejjeż normalment jitnaqqsu fis-sena li fiha jkun sar l-obbligu li jitħallsu.

(123) L-ispejjeż imġarrba fl-akkwist, l-assigurazzjoni jew iż-żamma tal-introjtu jistgħu jitnaqqsu (it-Taqsima 6(a) tal-Att Daniż dwar it-Tassazzjoni fuq l-Introjtu u l-Proprjetà). Ir-regoli dwar it-taxxa korporattiva jippermettu r-riport tat-telf tat-taxxa. Madankollu, il-kundizzjonijiet u l-limiti tar-regoli dwar ir-riport tat-telf nbidlu matul il-perjodu rilevanti (1991–2016) (ara wkoll il-premessi minn (135) sa (142)). Mhuwa permess l-ebda trasferiment lura tat-telf.

(124) Skont is-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, id-deprezzament imnaqqas għall-finijiet tat-taxxa ma jeħtieġx li jkun konformi mad-deprezzament muri fil-kontijiet annwali. Ir-rata u l-metodu ta' deprezzament għall-finijiet tat-taxxa jiddependu fuq id-deprezzament tal-grupp tal-assi (proprjetà immobbli, impjant, makkinarju, tagħmir, eċċ).

(125) Ir-regoli Daniżi dwar id-deprezzament tat-taxxa ma jippreskrivux rekwiżit obbligatorju ta' deprezzament tat-taxxa. Minflok, ir-regoli tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa jistabbilixxu d-deprezzament annwali massimu permess għall-finijiet tat-taxxa. Għaldaqstant, il-kumpaniji soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu fid-Danimarka jistgħu jdewmu l-applikazzjoni tal-allokazzjonijiet tad-deprezzament għall-finijiet tat-taxxa, mingħajr

ma jitilfu d-dritt tagħhom għad-deprezzament. Għall-bini, id-deprezzament jista' jittieħed għall-ewwel darba fis-sena tal-akkwist jew fis-sena li fiha tiġi ffinalizzata l-kostruzzjoni. L-assi deprezzabbli jiġu vvalutati skont il-kost tal-akkwist għall-finijiet ta' deprezzament.

(126) Fid-Danimarka, is-sistema diġitali ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tissejjaħ DIAS ([56]), li ġiet implimentata mill-2014.

(127) Minħabba r-reġim obbligatorju ta' tassazzjoni konġunta fid-Danimarka, il-kumpanija li tmexxi l-grupp ta' tassazzjoni konġunta (il-kumpanija maniġerjali) hija l-kumpanija li tippreżenta informazzjoni dwar l-introjtu taxxabbli u t-telf tat-taxxa għall-membri kollha tal-grupp ta' tassazzjoni konġunta. Il-membri individwali tal-grupp ta' tassazzjoni konġunta xorta jippreżentaw dikjarazzjoni tat-taxxa proprja tagħhom li tinkludi informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji. Meta l-kumpanija maniġerjali tippreżenta dikjarazzjoni tat-taxxa għal sena tat-taxxa partikolari, li tinkludi telf għal membru wieħed jew aktar tal-grupp ta' tassazzjoni konġunta, il-kumpanija maniġerjali għandha tispeċifika: l-introjtu taxxabbli (kemm jekk pożittiv kif ukoll jekk negattiv) għal kull membru tal-grupp ta' tassazzjoni konġunta, li jfisser li t-telf jiġi rreġistrat fis-sena meta jseħħ; l-użu minn kull membru tar-riport tat-telf proprju tiegħu; it-tpaċija għas-sena bejn l-entitajiet li għamlu profitt u dawk li għamlu telf; l-użu minn kull entità tar-riport tat-telf minn entitajiet oħra li huma disponibbli għalihom (telf ta' tassazzjoni konġunta); u t-telf ta' taxxa li jifdal fi tmiem is-sena tat-taxxa speċifikata għal kull membru tal-grupp ta' tassazzjoni konġunta u għal kull sena li fiha jkun seħħ it-telf ta' taxxa. Prinċipju fejn joħroġ li daħal l-ewwel ("FIFO", first in, first out) jeżisti għall-użu tat-telf ta' taxxa, li jfisser li l-aktar telf antik għandu jintuża l-ewwel. Telf ta' taxxa riportat li jista' jintuża f'sena tat-taxxa partikolari, irid jintuża f'dik is-sena, inkella jintilef ([57]). L-użu ta' telf riportat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa annwali ta' kumpanija huwa, għalhekk, essenzjalment awtomatiku.

(128) Hemm validazzjonijiet fis-sistema DIAS biex jiġi żgurat li d-*data* rreġistrata tkun konformi mal-aspettattivi tas-sistema.

(129) L-iskadenza ordinarja ([58]) għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa hija sitt xhur wara li tintemm is-sena tat-taxxa ([59]). Wara li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-taxxa, l-awtoritajiet tat-taxxa joħorġu valutazzjoni tat-taxxa. Ma hemm l-ebda skadenza fissa għall-ħruġ ta' valutazzjoni tat-taxxa, peress li l-ħruġ tagħha jiddependi fuq il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa. Madankollu, il-valutazzjoni normalment tinħareġ matul Ottubru tas-sena ta' wara, b'saldu finali dovut fl-20 ta' Novembru. It-taxxa li għandha titħallas hija diġà viżibbli fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ppreżentata. Il-valutazzjoni tat-taxxa hija biss aċċettazzjoni tad-*data* ppreżentata permezz tad-dikjarazzjoni tat-taxxa. Il-valutazzjoni tat-taxxa tiġi ġġenerata awtomatikament, ħlief sa fejn tkun tista' tiġi emendata sussegwentement wara awditu manwali mill-awtoritajiet tat-taxxa.

### 2.2.2.2. Struttura legali tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament

(130) Kif indikat fil-premessa (84), il-proċedura ta' investigazzjoni formali — u, għalhekk, din id-deċiżjoni — tkopri r-regoli speċjali Daniżi applikabbli għall-Konsorzju, fir-rigward tar-riport tat-telf u d-deprezzament. Bħala tali, din id-deċiżjoni se tanalizza r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament minħabba l-pożizzjoni ta' A/S Øresund bħala sieħeb fil-Konsorzju. L-attivitajiet proprji ta' A/S Øresund, indipendentement mill-parteċipazzjoni tagħha fil-Konsorzju, jikkonċernaw il-konnessjonijiet Daniżi bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni, u ma jitqisux li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat (il-premessa 48 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ); ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, kif japplikaw għall-attivitajiet proprji ta' A/S Øresund għalhekk jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

(131) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ, fil-premessa 49, irreferiet ukoll għar-reġim ta' tassazzjoni konġunta ma' Sund & Bælt. Madankollu, peress li l-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2014 kienet sabet li din il-miżura ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat u, fis-sentenza *Øresund*, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-2014 fir-rigward ta' din il-miżura, is-sistema ta' tassazzjoni konġunta ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

---

([56]) Qabel l-2014, id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kienu jsiru fuq karta, iżda kienu japplikaw l-istess prinċipji.
([57]) Skont it-Taqsima 12(3) tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu.
([58]) Huwa possibbli li ssir applikazzjoni għal estensjoni tal-iskadenza ordinarja għall-preżentazzjoni, jekk ikun hemm raġuni valida għal dan. Tali applikazzjoni tiġi evalwata individwalment mill-awtoritajiet tat-taxxa Daniżi u, jekk ir-raġuni titqies xierqa, tingħata estensjoni. Normalment ma jkunx possibbli li tinkiseb estensjoni li tmur lil hinn mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. F'ċerti snin, l-awtoritajiet tat-taxxa Daniżi taw estensjoni ġenerali tal-iskadenza ordinarja għall-preżentazzjoni lill-entitajiet kollha, pereżempju, matul il-pandemija tal-COVID-19.
([59]) Għalhekk, għal A/S Øresund, l-iskadenza hija t-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(132) Meta twaqqfet A/S Øresund, u minkejja li kienet soġġetta għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, hija ma kinitx soġġetta għar-regoli Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament skont l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. Minflok, it-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni ppreveda regola speċjali dwar il-perjodu ta' żmien applikabbli għar-riport tat-telf, u t-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni pprevedew regola speċjali dwar ir-rati massimi għad-deprezzament. Dawk ir-regoli speċjali dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament kienu japplikaw kemm għall-introjtu taxxabbli tal-attivitajiet proprji ta' A/S Øresund (mhux koperti minn din id-deċiżjoni (il-premessa (130)), kif ukoll għall-introjtu taxxabbli fid-dawl tas-sjieda ta' 50 % tagħha tal-Konsorzju.

(133) Fl-2005, l-Att dwar il-Kostruzzjoni, inklużi r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, ġie inkorporat fl-Att Sund & Bælt. Ir-regola speċjali dwar ir-riport tat-telf tista' tinstab fit-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt, u r-regola speċjali dwar id-deprezzament tista' tinstab fit-Taqsimiet 13 u 14 tal-Att Sund & Bælt. Iż-żewġ dispożizzjonijiet baqgħu l-istess meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kostruzzjoni.

(134) Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament tħassru bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, li jemenda l-Att Sund & Bælt, b'tali mod li, mill-1 ta' Jannar 2016, A/S Øresund kienet soġġetta għas-sistema normali Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż fir-rigward tar-riport tat-telf u d-deprezzament fl-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa.

#### 2.2.2.3. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf

(135) L-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbilixxa, fit-Taqsima 11, li A/S Øresund setgħet tirriporta t-telf tagħha għal perjodu ta' 15-il sena tat-taxxa, u, għat-telf imġarrab qabel ma tqiegħdet fis-servizz il-Konnessjoni Fissa, għal perjodu ta' 30 sena tat-taxxa ([60]). Din ir-regola tissejjaħ f'din id-deċiżjoni bħala l-"LCF 1991–2001". Għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, fl-1991, sa u inkluża s-sena tat-taxxa 2001, skont it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa ([61]), ir-regola ġenerali applikabbli għall-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża kienet li dawn setgħu jirriportaw telf imġarrab matul sena tat-taxxa speċifika, u jnaqqsuh mill-introjtu taxxabbli tagħhom, għal 5 snin sussegwenti ([62]). Fil-perjodi msemmija, skont iż-żewġ atti, it-telf jista', madankollu, jiġi rriportat biss għal sena tat-taxxa sussegwenti, jekk ma setax jitnaqqas mill-introjtu taxxabbli f'sena tat-taxxa preċedenti. Skont iż-żewġ atti, it-telf tat-taxxa ma setax jiġi rriportat għall-użu fis-snin tat-taxxa preċedenti.

(136) Permezz tat-Taqsima 8 tal-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002, it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa ([63]) ġiet emendata u ġiet abolita l-limitazzjoni ta' 5 snin applikabbli b'mod ġenerali għar-riport tat-telf ([64]). Permezz tat-Taqsima 14 tal-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002, l-Att dwar il-Kostruzzjoni ([65]) ġie emendat ukoll, biex tiġi abolita l-limitazzjoni ta' 15-il sena ([66]). L-emendi kellhom effett fuq it-telf li seħħ fis-sena tat-taxxa 2002 jew aktar tard, kif previst fit-Taqsima 19(3) tal-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002. Ir-regola tar-riport tat-telf li tirriżulta u li hija applikabbli għal A/S Øresund mis-sena tat-taxxa 2002 f'din id-deċiżjoni jissejjaħ "LCF 2002–2012".

---

([60]) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ, fil-premessa 37, iddikjarat b'mod żbaljat li t-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni ppermettiet li l-Konsorzju jinkludi, fl-ammont totali ta' telf li jista' jiġi rriportat, telf li jirriżulta mit-tnaqqis tal-ispejjeż operatorji mġarrba qabel il-bidu tal-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

([61]) L-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa applikabbli għal dan il-perjodu: L-Att Nru 660 tad-19 ta' Ottubru 1989.

([62]) It-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa ddikjarat li "Jekk l-introjtu taxxabbli kkalkolat għal sena tat-taxxa juri telf, dak it-telf jista' jitnaqqas mill-introjtu taxxabbli għall-5 snin sussegwenti. Madankollu, matul dak il-perjodu, it-tnaqqis jista' jiġi rriportat għal sena ta' introjtu sussegwenti biss jekk ma jkunx jista' jiġi inkluż fl-introjtu taxxabbli ta' sena preċedenti."

([63]) L-Att Konsolidat 887 tat-8 ta' Ottubru 2001 kif emendat l-aħħar bit-Taqsima 5 tal-Att 271 tat-8 ta' Mejju 2002, li fih it-Taqsima 15 baqgħet l-istess fir-rigward tal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' 5 snin meta mqabbel mal-Att Nru 660 tad-19 ta' Ottubru 1989.

([64]) It-Taqsima 8 tal-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002 issostitwiet il-kliem "il-5 […] sussegwenti li jmiss" b'"sussegwenti".

([65]) L-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002 emenda l-Att Nru 353 tas-16 ta' Mejju 2001, li kkostitwixxa l-verżjoni kkonsolidata tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, kif emendat bl-Att Nru 894 tat-3 ta' Diċembru 1997, l-Att Nru 986 tal-20 ta' Diċembru 1999, u l-Att Nru 217 tat-28 ta' Marzu 2001. Dawk l-emendi ma kinux jikkonċernaw it-Taqsima 11.

([66]) L-Att Nru 313 tal-21 ta' Mejju 2002 ma emendax it-tieni sentenza tat-Taqsima 11 dwar it-telf imġarrab qabel ma tqiegħdu fis-servizz il-Konnessjoni Fissa jew il-konnessjonijiet Daniżi bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni.

(137) L-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, inkluża A/S Øresund, setgħu għalhekk jirriportaw it-telf tagħhom imġarrab fis-sena tat-taxxa 2002 sa u inkluża s-sena tat-taxxa 2012 ([67]) (il-premessa (138)) mingħajr ebda limitu ta' żmien jew ta' ammont.

(138) Permezz tal-Att Nru 591 tat-18 ta' Ġunju 2012 ([68]), tħassret it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa. Fl-istess ħin, l-Att Nru 591 tat-18 ta' Ġunju 2012 introduċa limitazzjoni fuq l-użu tat-telf riportat, billi żied it-Taqsima 12 mal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu ([69]). It-Taqsima 12 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu applikat għas-snin tat-taxxa li bdew fl-1 ta' Lulju 2012 jew wara.

(139) Il-limitazzjoni fit-Taqsima 12 il-ġdida tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu pprevediet li l-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża xorta tħallew inaqqsu t-telf mis-snin tat-taxxa preċedenti fl-introjtu taxxabbli futur tagħhom għal perjodu ta' żmien illimitat; madankollu, huwa biss telf li jammonta għal DKK 7 500 000 (EUR 1 005 311) ([70]), ([71]), flimkien ma', jekk jibqa' telf addizzjonali, ammont li jikkorrispondi għal massimu ta' 60 % tal-introjtu taxxabbli li jaqbeż DKK 7 500 000 (EUR 1 005 311) ([72]), li jista' jitnaqqas f'sena partikolari. Għalhekk, l-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża ma tħallewx jikkumpensaw il-profitti kollha tagħhom f'sena tat-taxxa partikolari b'telf. Il-limitazzjoni, madankollu, ma wasslitx għall-iskadenza tat-telf tagħhom; it-telf li kien għad fadal xorta seta' jitnaqqas fis-snin tat-taxxa futuri. Għall-entitajiet legali soġġetti għat-tassazzjoni tal-gruppi, dan il-livell limitu kien japplika għall-grupp kollu fuq bażi konsolidata, jiġifieri mhux għal kull entità separatament.

(140) Fir-rigward ta' A/S Øresund, ir-regola dwar ir-riport tat-telf prevista mit-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt ([73]) u emendata fil-21 ta' Mejju 2002 (il-premessa (136)), ma nbidlitx, u kompliet tapplika għal A/S Øresund anki wara l-introduzzjoni tat-Taqsima 12 il-ġdida tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu ([74]). Dik ir-regola ma rreferiet għall-ebda limitazzjoni dwar l-użu ta' telf riportat. L-ewwel sena tat-taxxa ta' A/S Øresund li għaliha kienet tapplika l-LCF 2013–2015 kienet is-sena tat-taxxa 2013.

(141) Bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, it-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt tħassret b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u A/S Øresund saret soġġetta għar-regoli normali tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu.

(142) Sommarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf huwa stabbilit fit-Tabella 1.

*Tabella 1*

**Regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf**

| Sena | Isem tal-miżura | A/S Øresund | Entitajiet oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża |
|---|---|---|---|
| 1991 | LCF 1991–2001 | It-telf jiskadi wara<br>(i) 15-il sena<br>(ii) 30 sena għall-kostijiet imġarrba qabel id-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa<br><br>L-ebda limitu għall-użu tat-telf<br><br>Regola applikabbli: It-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni | It-telf jiskadi wara 5 snin<br><br>L-ebda limitu għall-użu tat-telf<br><br>Regola applikabbli: It-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa |

([67]) Dment li s-sena tat-taxxa 2012 bdiet qabel l-1 ta' Lulju 2012.
([68]) L-Att li jemenda l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, l-Att dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn, l-Att dwar il-Kontroll tat-Taxxa, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u diversi atti oħra (fosthom l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa).
([69]) It-Taqsima 12(1) tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu iddikjarat: "Jekk l-introjtu taxxabbli juri telf, dak it-telf jista' jitnaqqas meta jiġi kkalkolat l-introjtu taxxabbli għas-snin taxxabbli sussegwenti, skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3."
([70]) Indiċjati kull sena.
([71]) Fi prezzijiet tal-2012.
([72]) Fi prezzijiet tal-2012.
([73]) L-Att dwar il-Kostruzzjoni ġie sostitwit bl-Att Sund & Bælt fl-2005 (il-premessa (87)).
([74]) Peress li r-regola applikabbli b'mod ġenerali nbidlet fit-18 ta' Ġunju 2012 (u baqgħet fis-seħħ sal-2016 kif spjegat fil-premessa (141), il-Kummissjoni se tirreferi għar-regola applikabbli għal A/S Øresund f'dak il-perjodu bħala l-"LCF 2013–2015".

| Sena | Isem tal-miżura | A/S Øresund | Entitajiet oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża |
|---|---|---|---|
| 2002 | LCF 2002–2012 | It-telf ma jiskadix<br>L-ebda limitu għall-użu tat-telf<br>Regola applikabbli: It-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, kif emendata bit-Taqsima 14 tal-Att Nru 313 tal-21 ta’ Mejju 2002 | It-telf ma jiskadix<br>L-ebda limitu għall-użu tat-telf<br>Regola applikabbli: It-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, kif emendata bit-Taqsima 8 tal-Att Nru 313 tal-21 ta’ Mejju 2002 |
| 2013 | LCF 2013–2015 | L-ebda bidla<br>Regola applikabbli: It-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt (li ssostitwixxa t-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni) | It-telf ma jiskadix<br>Limitu fuq l-użu tat-telf:<br>(i) telf riportat ta’ DKK 7,5 miljun dejjem jista’ jitnaqqas mill-introjtu taxxabbli<br>(ii) Telf addizzjonali ma jistax inaqqas l-introjtu taxxabbli b’aktar minn 60 % fi kwalunkwe sena sussegwenti<br>Regola applikabbli: It-Taqsima 12 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu (tħassir tat-Taqsima 15 imsemmija hawn fuq tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa) |
| 2016 | Mhux applikabbli | It-telf ma jiskadix<br>Limitu fuq l-użu tat-telf:<br>(i) telf riportat ta’ DKK 7,5 miljun dejjem jista’ jitnaqqas mill-introjtu taxxabbli<br>(ii) Telf addizzjonali ma jistax inaqqas l-introjtu taxxabbli b’aktar minn 60 % fi kwalunkwe sena sussegwenti<br>Regola applikabbli: tħassir tat-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt | L-ebda bidla<br>Regola applikabbli: It-Taqsima 12 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu |

#### 2.2.2.4. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament

(143) Skont it-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, ir-rata ta’ deprezzament annwali massima, applikabbli għall-assi kollha ta’ A/S Øresund, ġiet stabbilita għal 6 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni inizjali, fuq bażi lineari ([75]). Meta d-deprezzament totali laħaq is-60 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni, ir-rata ta’ deprezzament kienet tkun limitata għal massimu ta’ 2 % tal-kost tal-akkwiżizzjoni, kull sena. Il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni kienu definiti bħala l-kostijiet totali tal-kostruzzjoni. Ir-regola speċjali Daniża dwar id-deprezzament kienet tapplika kemm għall-assi proprji ta’ A/S Øresund ([76]) kif ukoll għad-dritt tagħha għad-deprezzament fuq 50 % tal-assi tal-Konsorzju ([77]). Kif innotat fil-premessa 84, il-proċedura ta’ investigazzjoni formali — u, għalhekk, din id-deċiżjoni — hija limitata, f’dan ir-rigward, għall-analiżi tal-effett tad-dritt ta’ A/S Øresund għad-deprezzament fuq 50 % tal-assi tal-Konsorzju (il-premessa (48) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Id-deprezzament, b’rata massima ta’ 6 %, seta’ jibda mis-sena tat-taxxa li fiha tqiegħdet fis-servizz il-Konnessjoni Fissa — ma kien permess l-ebda deprezzament qabel id-dħul fis-servizz.

([75]) Skont il-metodu lineari, l-assi jiġu deprezzati b’ammont fiss kull sena, sakemm jiġu deprezzati għal kollox.

([76]) Il-kostijiet tal-kostruzzjoni għall-installazzjonijiet Daniżi tat-triq u tal-ferrovija fiż-żoni interni huma kapitalizzati bħala assi fil-karta tal-bilanċ ta’ A/S Øresund.

([77]) Il-kostijiet tal-kostruzzjoni għall-Konnessjoni Fissa huma kapitalizzati bħala assi fil-karta tal-bilanċ tal-Konsorzju.

(144) Meta ġie stabbilit l-Att dwar il-Kostruzzjoni, sa u inkluża s-sena tat-taxxa 1998, ir-rata ta' 6 % / 2 % kienet tikkorrispondi għar-rati ta' deprezzament ta' 6 % / 2 % u l-metodu lineari applikabbli għall-kategorija "bini u installazzjonijiet", skont it-Taqsima 22 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ([78]), li kienet tapplika għal entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, matul dak il-perjodu. L-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa jirrikjedi li l-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża jużaw, skont il-kategorija tal-assi, metodu speċifiku ta' deprezzament, inklużi r-rati massimi ta' deprezzament ([79]). Skont l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, il-kategorija "bini u installazzjonijiet" kellha, meta mqabbla mal-kategoriji l-oħra ta' assi, rata massima ta' deprezzament aktar baxxa, biex tirrifletti t-tul ta' ħajja twil ta' "bini u installazzjonijiet". Madankollu, l-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbilixxa rata ta' deprezzament annwali uniformi ta' massimu ta' 6 % / 2 % fuq bażi lineari, li tapplika għall-assi kollha ta' A/S Øresund, mingħajr ebda differenzjazzjoni skont il-kategorija tal-assi. Ir-regola applikabbli għal A/S Øresund f'din id-deċiżjoni tissejjaħ id-"DEP 1991–1998".

(145) Għas-snin tat-taxxa li jibdew mill-1999 'il quddiem, ir-rata ta' deprezzament normali għall-"bini u l-installazzjonijiet" stabbilita fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa naqset għal 5 % ([80]) u, għas-snin tat-taxxa li jibdew mill-1 ta' Lulju 2007 'il quddiem, għal 4 % ([81]). Dawk ir-rati massimi ta' deprezzament applikaw sakemm l-assi ġie deprezzat kompletament (l-ebda limitazzjoni sa 2 % wara 10 snin bħal fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa applikabbli sa dak iż-żmien ([82])). Ir-rata ta' deprezzament għal A/S Øresund baqgħet ta' 6 % / 2 %, skont it-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, u t-Taqsimiet 13 u 14 tal-Att Sund & Bælt ([83]), ([84]).

(146) Id-deprezzament huwa ġeneralment fakultattiv għall-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, peress li ma hemm l-ebda obbligu li jintalab allokazzjoni tad-deprezzament għall-finijiet tat-taxxa. Ir-rata ta' deprezzament tista' tvarja minn sena għal sena skont id-diskrezzjoni tal-kontribwent, fil-limiti tar-rata massima stabbilita. Din il-flessibbiltà applikat ukoll għal A/S Øresund.

(147) Bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, it-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt tħassret b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u A/S Øresund saret soġġetta għar-regoli normali tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa.

(148) Sommarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament jinsab fit-Tabella 2.

*Tabella 2*

**Regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament**

| Sena | Isem tal-miżura | A/S Øresund | Entitajiet oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża |
|---|---|---|---|
| 1991 | DEP 1991–1998 | L-assi kollha jiġu deprezzati b'rata sa 6 % fuq bażi lineari sakemm is-somma totali tad-deprezzamenti tilħaq is-60 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni u sussegwentement b'rata sa 2 % fuq bażi lineari.<br>Regola applikabbli: It-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni | Il-"bini u installazzjonijiet" jiġu deprezzati b'rata sa 6 % fuq bażi lineari sakemm is-somma totali tad-deprezzamenti til-ħaq is-60 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni u sussegwentement b'rata sa 2 % fuq bażi lineari.<br>"Makkinarju u tagħmir" jiġu deprezzati b'rata sa 30 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos.<br>Regola applikabbli (għal bini u installazzjonijiet): It-Taqsima 22 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. |

([78]) L-Att Konsolidat Nru 597 tas-16 ta' Awwissu 1991.

([79]) L-unika kategorija oħra rilevanti għall-Konnessjoni Fissa kienet "makkinarju u tagħmir". Skont l-Att Konsolidat Nru 597 tas-16 ta' Awwissu 1991, ir-rata ta' deprezzament massima għal dik il-kategorija kienet ta' 30 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos (imnaqqsa għal 25 % mill-2001). Skont metodu ta' bilanċ li qed jonqos, l-assi jiġu deprezzati bi proporzjon tal-valur nett tad-deprezzament tagħhom kull sena, li jfisser li d-deprezzament jitnaqqas hekk kif il-valur nett tal-assi joqrob lejn iż-żero. L-awtoritajiet Daniżi spjegaw ukoll li sas-sena tat-taxxa 2008, l-installazzjonijiet ferrovjarji bħal binarji, sinjali u l-kejbils fl-ajru ġeneralment kienu ttrattati bħala "makkinarju u tagħmir". Mis-sena tal-introjtu 2008, ir-rata għall-installazzjonijiet ferrovjarji fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa nbidlet għal 7 %, fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos.

([80]) It-Taqsima 17 tal-Att Nru 433 tas-26 ta' Ġunju 1998, li jemenda l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa (l-Att Konsolidat Nru 932 tal-24 ta' Ottubru 1996).

([81]) It-Taqsima 2 tal-Att Nru 540 tas-6 ta' Ġunju 2007, li jemenda l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa (l-Att Konsolidat Nru 856 tat-8 ta' Awwissu 2006).

([82]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 78.

([83]) Għalkemm ir-rata massima ta' deprezzament applikabbli għal A/S Øresund baqgħet 6 % sa u inkluża s-sena tat-taxxa 2015, il-Kummissjoni tuża, f'din id-deċiżjoni, it-terminu "DEP 1999–2007" biex tirreferi għar-regola applikabbli għal A/S Øresund fil-perjodu li fih ir-rata ta' deprezzament normali kienet ta' 5 %, u t-terminu "DEP 2008–2015" biex tirreferi għar-regola applikabbli għal A/S Øresund fil-perjodu li fih ir-rata ta' deprezzament normali kienet ta' 4 %.

([84]) Matul dak il-perjodu, ġew introdotti wkoll xi emendi għall-kategorija "makkinarju u tagħmir". Madankollu, ir-rati baqgħu ogħla mis-6 % applikabbli għal A/S Øresund.

| Sena | Isem tal-miżura | A/S Øresund | Entitajiet oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża |
|---|---|---|---|
| 1999 | DEP<br>1999–2007 | L-ebda bidla<br>Regola applikabbli: It-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, imbagħad l-Artikoli 13 u 14 tal-Att Sund & Bælt | "Bini u installazzjonijiet" jiġu deprezzati b'rata sa 5 % fuq bażi lineari.<br>"Makkinarju u tagħmir" jiġu deprezzati b'rata sa 30 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos. (Din ir-rata tnaqqset għal 25 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos fl-2001).<br>Regola applikabbli (għal bini u installazzjonijiet): It-Taqsima 17 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, kif emendata bl-Att Nru 433 tas-26 ta' Ġunju 1998 |
| 2007 | DEP<br>2008–2015 | L-ebda bidla<br>Regola applikabbli: It-Taqsimiet 13 u 14 tal-Att Sund & Bælt | "Bini u installazzjonijiet" jiġu deprezzati b'rata sa 4 % fuq bażi lineari.<br>"Makkinarju u tagħmir użat esklussivament għal attivitajiet kummerċjali" huwa deprezzat b'rata ta' 25 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos, u installazzjonijiet tal-infrastruttura (bħal installazzjonijiet ferrovjarji) b'rata ta' 7 %.<br>Regola applikabbli (għal bini u installazzjonijiet): It-Taqsima 17 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, kif emendata bl-Att Nru 540 tas-6 ta' Ġunju 2007. |
| 2016 | Mhux applikabbli | Japplikaw ir-regoli normali tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa:<br>"Bini u installazzjonijiet" jiġu deprezzati b'rata sa 4 % fuq bażi lineari.<br>"Makkinarju u tagħmir użat esklussivament għal attivitajiet kummerċjali" huwa deprezzat b'rata ta' 25 % fuq bażi ta' bilanċ li qed jonqos, u installazzjonijiet tal-infrastruttura (bħal installazzjonijiet ferrovjarji) b'rata ta' 7 %.<br>Regola applikabbli (għal bini u installazzjonijiet): It-Taqsima 17 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, kif emendata bl-Att Nru 540 tas-6 ta' Ġunju 2007 (tħassir tat-Taqsimiet 13 u 14 tal-Att Sund & Bælt). | L-ebda bidla |

### 2.3. Kuntatti tal-passat bejn il-Kummissjoni u l-Konsorzju

(149) Permezz ta' ittra datata l-1 ta' Awwissu 1995, il-Konsorzju informa lill-Kummissjoni dwar il-mudell ta' garanzija mill-Istat mogħti mingħajr ħlas mill-Istati favur tiegħu għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Il-Konsorzju talab lill-Kummissjoni tikkonferma li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma għandux jitqies bħala għajnuna mill-Istat, jew, jekk il-Kummissjoni jkollha riżervi dwar il-validità ta' dik l-interpretazzjoni, tapprova l-mudell ta' garanzija mill-Istat bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli.

(150) Permezz ta' ittri lill-awtoritajiet Daniżi u Żvediżi tas-27 ta' Ottubru 1995 (l-"ittri tal-1995"), is-servizzi tal-Kummissjoni ([85]) kkonfermaw li l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma kinux jikkostitwixxu attività ekonomika, u li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma kellux għalfejn jiġi nnotifikat bħala għajnuna mill-Istat ([86]).

(151) Wara dawk l-ittri, l-Istati ma ħadu l-ebda pass ulterjuri biex jiksbu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni għall-mudell ta' finanzjament tal-Konnessjoni Fissa.

## 3. Raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura

(152) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fit-28 ta' Frar 2019. Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, adottata f'dik id-data, hija pprovdiet il-valutazzjoni preliminari tagħha tal-miżuri, u qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern.

### 3.1. Kwalifikazzjoni tal-allegati miżuri ta' għajnuna

(153) Abbażi tal-investigazzjoni preliminari, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li d-Danimarka u l-Iżvezja taw għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, lill-Konsorzju għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, fil-forma ta' garanziji mill-Istat, u li d-Danimarka tat aktar għajnuna mill-Istat lill-Konsorzju, fil-forma ta' regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament (il-premessa 100 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(154) Madankollu, il-Kummissjoni ma sabitx ruħha f'pożizzjoni li tagħmel valutazzjoni definittiva dwar il-kwalifika tal-miżuri bħala għajnuna individwali jew bħala skema ta' għajnuna, u ma setgħetx tistabbilixxi l-għadd ta' miżuri jew id-data/i li fiha/fihom ingħataw (il-premessa (108) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(155) B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-garanziji mill-Istat għandhomx jitqiesu bħala skema ta' għajnuna, jew jekk għandhomx jitqiesu bħala għajnuna individwali mogħtija meta ġie stabbilit il-Konsorzju, jew bħala għajnuna individwali mogħtija kull darba li tranżazzjoni finanzjarja tal-Konsorzju tiġi approvata mill-awtoritajiet nazzjonali (il-premessa 110 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

---

([85]) Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għat-Trasport.

([86]) L-ittri tal-1995 iddikjaraw li ġej:
"Wara li eżaminaw l-arranġamenti li daħlu għalihom iż-żewġ [S]tati fir-rigward tal-konnessjoni ta' Øresund, is-servizzi tal-Kummissjoni huma tal-fehma li l-garanzija hija marbuta ma' proġett ta' infrastruttura ta' interess pubbliku, li jtejjeb l-infrastruttura u s-servizzi ta' trasport tal-pajjiżi. Il-garanzija tal-investiment f'beni pubbliċi ma tistax, fil-prinċipju, titqies bħala għajnuna mill-[I]stat skont it-tifsira tal-Artikolu 92.1: il-gvernijiet jipprovdu ħafna oġġetti u servizzi bħal dawn minħabba l-inabbiltà tas-sistema tas-suq li tipprovdi dawn il-prodotti b'mod effettiv. Dawn l-oġġetti għandhom it-tendenza li jkunu indiviżibbli u kkunsmati b'mod kollettiv miċ-ċittadini kollha kemm jekk iħallsu għalihom kif ukoll jekk le.
Ben pubbliku, bħall-proġett infrastrutturali attwali garantit miż-żewġ gvernijiet, huwa ta' benefiċċju għas-soċjetà b'mod kollettiv. Peress li ma jingħatax lil xi intrapriża jew industrija speċifika, dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 92.1, iżda jikkostitwixxi miżura ġenerali ta' politika ekonomika u ppjanar tal-art.
Konsegwentement, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu, is-servizzi tad-Direttorat Ġenerali għat-Trasport iqisu li l-garanzija maħruġa mill-gvern tiegħek għall-kostruzzjoni tal-konnessjoni ta' Øresund ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 92.1, u […] jenħtieġ li ma tiġix innotifikata lill-Kummissjoni."

(156) Fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, il-Kummissjoni qieset b'mod preliminari dawk il-miżuri bħala li ngħataw bl-istess għan u ambitu bħall-garanziji mill-Istat u, għalhekk, ma setgħetx tilħaq konklużjoni dwar in-natura, in-numru, jew id-data/i tal-għoti speċifiċi tagħhom (il-premessi (109) u (110) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(157) Konsegwentement, il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar jekk il-miżuri kollha jew uħud minnhom kinux jikkostitwixxu għajnuna eżistenti jew ġdida (il-premessa (117) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

### 3.2. Valutazzjoni tal-kompatibbiltà

(158) L-Istati kienu argumentaw li, jekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li din tivvaluta l-kompatibbiltà tagħhom abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE, li jippermetti li l-għajnuna tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni. Fl-2014, il-Kummissjoni stabbiliet il-prinċipji li skonthom il-Kummissjoni tivvaluta l-finanzjament pubbliku ta' tali proġetti, bl-adozzjoni tal-Komunikazzjoni għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni [87] (il-"Komunikazzjoni tal-IPCEI") [88]. Għalkemm matul l-investigazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ma laħqitx konklużjoni dwar id-data tal-għoti tal-miżuri, hija qieset li kien evidenti li l-garanziji mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament ġew stabbiliti għall-ewwel darba qabel id-dħul fis-seħħ tal-Komunikazzjoni tal-IPCEI. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-Komunikazzjoni tal-IPCEI ma kinitx applikabbli, bħala tali, iżda qieset li, peress li tikkonsolida l-prattika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (b) tat-TFUE, il-prinċipji gwida bażiċi stabbiliti fih ikunu utli għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni (il-premessa 129 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(159) Il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni preliminari li l-miżuri kienu maħsuba biex jippromwovu proġett importanti ta' interess Ewropew komuni (il-premessa 127 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Madankollu, fid-dawl tas-sentenza *Øresund*, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jiġi vvalutat sa liema punt il-miżuri kienu jinvolvu għajnuna għall-investiment biss, jew kemm għajnuna għall-investiment kif ukoll għajnuna operatorja, kwistjoni li dwarha l-Kummissjoni ma setgħetx tilħaq konklużjoni fl-investigazzjoni preliminari (il-premessa 134 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha dubji fir-rigward tan-neċessità (il-premessa 143 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ) u tal-proporzjonalità (il-premessa 152 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ) tal-miżuri, peress li ma kellhiex l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiddetermina l-limiti raġonevoli fuq l-ammont u d-durata tal-garanziji tal-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tilħaq konklużjoni definittiva dwar jekk il-miżuri wasslux għal distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni li ma jistgħux jiġu megħluba mill-effetti pożittivi tagħhom (il-premessa 157 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ), u ma setgħetx tivvaluta l-eżistenza tal-garanziji jew il-kundizzjonijiet tal-mobilizzazzjoni tagħhom (il-premessa 160 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

### 3.3. Aspettattivi leġittimi

(160) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, kienet se tkompli teżamina l-perjodu preċiż li matulu l-Konsorzju, l-Iżvezja, u/jew id-Danimarka jistgħu jinvokaw aspettattivi leġittimi, jekk jinstab li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli (il-premessa (181) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

## 4. Kummenti mill-partijiet interessati

(161) Din it-taqsima tiġbor fil-qosor il-kummenti sottomessi lill-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ minn sitt partijiet interessati [89]. Dawk il-partijiet interessati huma kollha involuti fl-industrija tat-tbaħħir (operaturi mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma, portijiet, u assoċjazzjonijiet). Huma esprimew tħassib dwar l-allegata għajnuna mill-Istat favur il-Konsorzju. Kumplessivament, huma jqisu li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna individwali u parzjalment ġdida li hija inkompatibbli mas-suq intern, li għaliha l-Istati ma jistgħux jiddikjaraw aspettattivi leġittimi.

[87] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4).

[88] Sostitwita bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)8481 tal-25 ta' Novembru 2021.

[89] L-Ilmentatur, Scandlines, Stena Line, FSS, Grimaldi u Trelleborg Port.

(162) Diversi minn dawn il-partijiet interessati sostnew li l-Qorti Ġenerali, fis-Sentenza *Øresund*, illimitat is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-eżitu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, peress li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi sejba *prima facie* dwar l-illegalità tal-għajnuna. Skont dawk il-partijiet interessati, dawk ir-restrizzjonijiet jirrigwardaw kemm il-kwalifika tal-miżuri ta' għajnuna bħala għajnuna jew skemi individwali, kif ukoll il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern. F'dan ir-rigward, huma jfakkru li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jorbtu lill-Kummissjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 tat-TFUE.

(163) Peress li jqisu li l-mudell ta' finanzjament għall-Konnessjoni Fissa huwa komparabbli ma' dak tal-Konnessjoni Fissa tal-Istrett ta' Fehmarn bejn id-Danimarka u l-Ġermanja, diversi partijiet interessati jargumentaw ukoll li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali fis-Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt* u s-Sentenza *Stena Line Fehmarn Belt* irid jitqies ukoll mill-Kummissjoni, peress li dawk il-kawżi jikkonċernaw l-istess kwistjonijiet.

(164) Il-kummenti minn Scandlines, Stena Line, FSS, Grimaldi Group u Trelleborg Port, fil-biċċa l-kbira, jikkoinċidu. Għalhekk, għall-faċilità ta' referenza, dawk il-kummenti se jissejħu hawn taħt bħala kummenti minn "Scandlines et al.".

### 4.1. **Eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(165) L-Ilmentatur ikkonferma li huwa jqis li kemm il-mudell ta' garanzija mill-Istat kif ukoll ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, peress li l-Konsorzju jenħtieġ li jitqies bħala impriża, il-miżuri huma imputabbli lill-Istati Daniżi u/jew Żvediżi (kif applikabbli), jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, jagħtu vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju, u joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Ilmentatur ifakkar li t-tassazzjoni tar-riżultat finanzjarju tal-Konsorzju sseħħ fil-livell taż-żewġ kumpaniji omm tiegħu, li, min-naħa Daniża, hija A/S Øresund.

(166) Għalkemm ma kienx inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-Ilmentatur żied ukoll li l-fatt li d-Danimarka u l-Iżvezja diġà assenjaw direttament lill-Konsorzju bħala l-uniku kostruttur u operatur tal-Konnessjoni Fissa, mingħajr ma wettqu proċedura ta' akkwist pubbliku għall-għoti ta' konċessjoni biex tiġi sfruttata l-infrastruttura, fih innifsu jippreżenta vantaġġ ekonomiku, u jirriżulta f'għajnuna mill-Istat.

(167) Barra minn hekk, Stena Line, Scandlines, Grimaldi u FSS argumentaw b'mod espliċitu li huma jqisu l-Konsorzju bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, peress li huwa involut f'attività ekonomika billi joffri servizzi ta' trasport għal renumerazzjoni. Huma jżidu, f'dan ir-rigward, li huma jqisu irrilevanti li l-Konsorzju jiddetermina l-prezzijiet tiegħu stess, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Konsorzju jeżerċitax attività ekonomika.

### 4.2. **Klassifikazzjoni bħala skema jew għajnuna individwali**

(168) L-Ilmentatur u Scandlines et al. ikkummentaw fuq ir-raġunament fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, li jqis li hemm tliet modi possibbli kif tiġi kklassifikata l-allegata għajnuna relatata mal-mudell ta' garanzija mill-Istat, jiġifieri, bħala (i) skema ta' għajnuna, (ii) għajnuna individwali, mogħtija meta ġie stabbilit il-Konsorzju, jew (iii) għajnuna individwali, mogħtija kull darba li tranżazzjoni finanzjarja tal-Konsorzju tiġi approvata mill-awtoritajiet nazzjonali.

(169) L-Ilmentatur u Scandlines et al. jargumentaw li l-mudell ta' garanzija mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament ma jikkwalifikawx bħala skemi ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 1(d), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([90]) ("ir-Regolament (UE) 2015/1589"), peress li l-għajnuna tingħata speċifikament lill-Konsorzju, għal proġett speċifiku u, barra minn hekk, peress li l-kundizzjoni li jrid ikun possibbli li jingħataw għotjiet ta' għajnuna "mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni ulterjuri" ma hijiex issodisfata, billi kull garanzija tal-Istat trid tiġi approvata speċifikament jew mill-Istat Daniż jew mill-Istat Żvediż qabel il-ħruġ tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-għajnuna titqies bħala għajnuna individwali (jiġifieri, għajnuna *ad hoc*). F'dan ir-rigward, l-Ilmentatur u Scandlines et al. jirreferu għas-sentenza *Øresund* ([91]), u l-Ilmentatur jinnota li l-punt 83 tas-sentenza *Øresund* "tintbagħat lill-Kummissjoni, l-analiżi kollha dwar id-*data* tal-għoti tal-garanziji statali, in-numru tagħhom u l-kwalità tagħhom ta' għajnuna ġdida jew eżistenti., u mhux jekk kinux jikkostitwixxu skemi ta' għajnuna".

([90]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9.
([91]) Il-punti 77, 80, u 83.

(170) L-Ilmentatur jargumenta li t-Taqsima 2.1 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([92]) (l-"Avviż dwar il-Garanziji tal-2008") timplika li l-ammont ta' għajnuna mill-Istat f'garanzija jrid jiġi vvalutat fil-mument meta jinħareġ, li huwa l-mument meta r-riskju assoċjat mal-garanzija jittieħed mill-Istat. L-Ilmentatur jargumenta li l-Istati ma assumew l-ebda riskju assoċjat ma' garanzija permezz tal-Ftehim Intergovernattiv jew il-Ftehim tal-Konsorzju, li l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv ma jikkostitwix dritt legalment infurzabbli, u li, sabiex garanzija titqies bħala mogħtija, irid ikun possibbli li titkejjel il-portata tagħha, li ma huwiex possibbli abbażi ta' dawk il-ftehimiet, peress li ma hemm l-ebda limitu fir-rigward ta' żmien u ta' ammont ([93]).

(171) F'dan ir-rigward, l-Ilmentatur isostni li l-Konsorzju huwa meħtieġ jikseb il-kunsens tal-Istati għall-obbligi kuntrattwali kollha relatati mat-tranżazzjonijiet ta' self u ta' titoli li għandhom ikunu koperti minn garanziji maħruġa mill-Istati. ([94]) Pereżempju, l-Ilmentatur jargumenta li huwa stabbilit b'mod espliċitu fil-programmi MTN li kull tranżazzjoni ta' dejn miftiehma skont dawk il-programmi, li għandha tiġi appoġġata minn garanzija, tirrikjedi li l-Konsorzju jikseb approvazzjoni individwali minn kull wieħed mill-garanti għal dik it-tranżazzjoni ta' dejn speċifika. Bħala tali, filwaqt li l-Ilmentatur jirrikonoxxi li l-Ftehim Intergovernattiv jikkostitwixxi wegħda, jew impenn, mill-Istati u bejniethom li se joħorġu garanziji, huma jargumentaw li din il-wegħda jew dan l-impenn ma humiex inkondizzjonati. L-Ilmentatur isostni li l-programmi MTN jistabbilixxu l-kundizzjonijiet qafas għall-ħruġ ta' garanziji sabiex jiffaċilitaw il-kisba ta' self mill-Konsorzju, billi jippermettu lill-Konsorzju juri lill-kredituri potenzjali l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tinħareġ garanzija. L-Ilmentatur, barra minn hekk, isostni li l-att ta' garanzija ffirmat mill-Istati fl-1996 stabbilixxa li l-Istati jiggarantixxu biss strumenti ta' dejn li kienu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Istati qabel il-ħruġ rispettiv tagħhom — tali approvazzjonijiet saru fir-rigward ta' kull ħruġ ta' strumenti ta' dejn skont il-programm MTN Żvediż.

(172) Bħala eżempju ieħor, l-Ilmentatur isostni li, sabiex id-dispożizzjonijiet tal-att ta' garanzija datat it-22 ta' Mejju 2001 japplikaw għal kwalunkwe segment ta' strumenti ta' dejn maħruġa mill-Konsorzju skont il-programm EMTN, tali segment ta' strumenti ta' dejn irid ikun ġie approvat minn kull wieħed mill-Istati bil-miktub qabel iż-żmien tal-ħruġ ta' tali segment ta' strumenti ta' dejn.

(173) L-Ilmentatur isostni li, sa Novembru 2019, l-Istati kienu ħarġu kważi 250 garanzija speċifika. Dan jinkludi 96 garanzija skont il-programm EMTN, 34 garanzija skont il-programm MTN Żvediż, 44 garanzija għal self minn selliefa privati, 14-il garanzija rigward faċilitajiet ta' kreditu għal self għal żmien qasir f'banek kummerċjali, 60 garanzija għal obbligi skont il-Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA, u garanzija waħda għal Ftehim Prinċipali Globali ta' Riakkwist. L-Ilmentatur ipprovda ħarsa dettaljata tad-diversi strumenti finanzjarji u d-diversi garanziji mill-Istat fir-rigward tagħhom.

(174) Bħala parti minn dik il-ħarsa ġenerali, l-Ilmentatur isostni wkoll li l-atti ta' garanzija jinkludu dispożizzjonijiet li jistipulaw li l-garanzija tista' tiġi rtirata mill-Istati. F'dan ir-rigward, l-Ilmentatur isemmi, pereżempju, it-Taqsima 2.3 tal-att ta' garanzija datat it-22 ta' Mejju 2001, li tistabbilixxi li l-Istati huma intitolati li jirrevokaw il-garanzija f'ċerti ċirkostanzi, anki jekk tali revoka ma għandhiex teħles lill-Istati mill-obbligi rispettivi tagħhom skont l-att ta' garanzija tal-2001 eżistenti qabel id-data tar-revoka.

(175) Barra minn hekk, l-Ilmentatur isostni li, jekk l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv jitqies li jagħti dritt legali għall-għajnuna fil-forma ta' garanziji mill-Istat, dik il-miżura ta' għajnuna nbidlet minn dak iż-żmien, minħabba li l-kundizzjonijiet marbuta mal-garanziji nbidlu b'mod fundamentali. Pereżempju, il-kundizzjonijiet tal-garanziji skont il-programm MTN Żvediż biddlu l-impenji tal-Istati minn garanziji sekondarji għal garanziji personali. Jekk il-Ftehim Intergovernattiv kellu jitqies bħala li jagħti lill-Konsorzju garanzija mill-Istat, il-garanzija titqies bħala garanzija sekondarja skont il-liġi Żvediża, minħabba li ma hemm l-ebda bażi ċara għall-interpretazzjoni tal-garanzija bħala garanzija personali. Huwa prinċipju ġenerali skont id-dritt Żvediż li garanzija għandha tiġi interpretata bħala garanzija sekondarja sakemm ma jkunx hemm bażi ċara biex il-garanzija tiġi interpretata bħala

([92]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

([93]) L-Ilmentatur jirreferi, f'dan ir-rigward, għat-Taqsima 3.2 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008.

([94]) L-Ilmentatur jirreferi għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni sussegwenti tal-2004, li, fl-opinjoni tiegħu, it-tnejn fihom tali dispożizzjoni.

garanzija personali. Il-kwalifika bħala garanzija sekondarja tfisser li r-responsabbiltà tal-garanti tkun sussidjarja u l-obbligu tal-ħlas jinħoloq biss meta d-debitur innifsu ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu. Għalhekk, il-kreditur għandu jagħti prova tal-inabilità tad-debitur li jħallas qabel ma jkun jista' jagħmel pretensjoni lill-garanti. Garanzija sekondarja, b'mod ġenerali, lanqas ma titqies bħala impediment għall-falliment skont il-liġi Żvediża. Garanzija personali tirrikjedi impenn ċar bil-miktub jew orali li fih normalment jiġi ddikjarat li l-garanti huwa responsabbli "għad-dejn proprju", u, għalhekk, għandu responsabbiltà primarja. Kreditur ma għandux għalfejn jagħti prova tal-inabilità tad-debitur li jħallas. Garanzija personali hija, skont il-liġi Żvediża, meqjusa bħala impediment għall-falliment minħabba li l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-garanzija jipprojbixxu lill-kreditur milli jiddikjara falliment tad-debitur. L-Ilmentatur isostni li l-garanziji relatati mal-programm MTN Żvediż huma garanziji personali. Għalhekk, jekk il-Kummissjoni sabet li l-Ftehim Intergovernattiv ta dritt legali lill-Konsorzju għal garanzija mill-Istat, allura l-kundizzjonijiet għal dik il-garanzija mill-Istat ikunu nbidlu sostanzjalment permezz tal-programm MTN Żvediż. Għalhekk, il-garanziji relatati mal-programm MTN Żvediż, bħall-garanziji kollha maħruġa mill-Istati b'tali kundizzjonijiet mibdula, jikkostitwixxu għajnuna ġdida.

(176) Barra minn hekk, wara li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni finali fil-każ tal-Fehmarn Belt fl-20 ta' Marzu 2020 ([95]) (id-"deċiżjoni finali tal-Fehmarn Belt"), l-Ilmentatur ippreżenta analiżi tal-implikazzjonijiet ta' dak il-każ għall-valutazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. L-Ilmentatur iqis li, b'kuntrast mal-każ tal-Fehmarn Belt, ir-reġimi nazzjonali li jagħtu lill-Konsorzju dritt għal garanziji mill-Istat ma jikkonsistux biss f'test leġiżlattiv wieħed u ftehim wieħed, iżda f'diversi atti u ftehimiet differenti, li flimkien jiffurmaw il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-garanziji. Barra minn hekk, il-Ftehim Intergovernattiv huwa ftehim internazzjonali bejn żewġ Stati duwalisti, li ma jirrikonoxxux l-applikabbiltà diretta minnha nnifisha tal-ftehimiet internazzjonali. Barra minn hekk, il-Konsorzju kien għadu ma nħoloqx meta ġie konkluż il-Ftehim Intergovernattiv fit-23 ta' Marzu 1991, u lanqas meta l-Ftehim tal-Konsorzju ġie ffirmat fis-27 ta' Jannar 1992. Il-Konsorzju ġie rreġistrat biss mal-Uffiċċju Żvediż tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji fit-23 ta' Lulju 1993. Sakemm ma jkun hemm l-ebda benefiċjarju, ma jista' jingħata l-ebda dritt legali. L-implimentazzjoni nazzjonali ta' dawn il-ftehimiet lanqas ma twassal għall-konklużjoni li d-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni ta lill-Konsorzju d-dritt legali li jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa permezz ta' self garantit mill-Istat. L-Ilmentatur, barra minn hekk, isostni li l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 huwa differenti mill-Ftehim tad-29 ta' Mejju 2017 bejn Femern A/S u l-Bank Ċentrali Daniż, il-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tat-Trasport ([96]) peress li tal-ewwel fih dispożizzjonijiet dettaljati ([97]) dwar ir-relazzjonijiet tal-partijiet rigward il-ħruġ ta' garanziji.

(177) Bħala tali, l-Ilmentatur iqis li kull ftehim individwali ta' garanzija mill-Istat jikkostitwixxi għajnuna *ad hoc* separata.

(178) Fl-opinjoni ta' Scandlines et al., il-Kummissjoni qed tinjora r-Regolament 2015/1589, u qed tikser il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fuq il-liġi nazzjonali, meta tiddikjara, fil-premessa 107 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, li l-pożizzjoni tal-Ilmentatur għandha tiġi bbilanċjata mal-argument tal-Istati li l-awtoritajiet tal-Istati qed jagħtu effett lill-garanziji tal-Istat kif stabbiliti fil-Ftehim Intergovernattiv, il-Ftehim tal-Konsorzju, u l-liġi nazzjonali tagħhom. Fil-fehma ta' Scandlines et al., il-Kummissjoni għandha tapplika d-dispożizzjonijiet legali tar-Regolament 2015/1589 b'mod strett.

([95]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1472 tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39078 - 2019/C (ex 2014/N) li implimentat id-Danimarka għal Femern A/S (ĠU L 339, 15.10.2020, p. 1).

([96]) Ara l-premessa 256 tad-Deċiżjoni finali tal-Fehmarn Belt.

([97]) L-Ilmentatur ipprovda l-kwotazzjonijiet li ġejjin: Il-paragrafu 14: "[i]l-Konsorzju għandu, malajr kemm jista' jkun, jikseb l-approvazzjoni miż-żewġ Garanti għat-tranżazzjonijiet kollha tal-Konsorzju, bħal self inklużi krediti bankarji u tranżazzjonijiet ta' derivattiv. F'dan ir-rigward, il-Garanti jivvalutaw jekk it-tranżazzjonijiet għandhomx jew jistax ikollhom importanza għall-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà tal-garanzija, ir-riskju tal-Garanti u ċ-ċirkostanzi kollha li jistgħu jaffettwaw il-garanzija/il-Garanti. Il-Garanti se jżommu t-tħejjija meħtieġa biex jiżguraw li l-approvazzjoni tagħhom ta' tranżazzjonijiet tkun tista' tingħata qabel il-limitu ta' żmien għall-aċċettazzjoni, ħlief fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji". Il-paragrafu 15: "[i]l-Konsorzju ma għandux jidħol fi tranżazzjonijiet ta' derivattiv ma' kontropartijiet li ma jkunux ġew approvati minn qabel mill-Garanti." Il-paragrafu 16: "[i]l-Konsorzju għandu jikseb l-approvazzjoni mingħand il-Garanti tad-dokumentazzjoni kuntrattwali kollha relatata mas-self u t-tranżazzjonijiet ta' derivattiv tiegħu."

(179) Barra minn hekk, Scandlines et al. iqisu li l-Kummissjoni tittratta l-għajnuna bħala waħda li taqa' taħt skema ta' għajnuna u tinjora n-natura *ad hoc* tal-għajnuna, billi jargumentaw li l-miżuri ta' għajnuna jistgħu jikkostitwixxu għajnuna individwali mogħtija f'mument wieħed, fl-1992, li tikser l-Artikolu 1(d) u 1(e) tar-Regolament 2015/1589 u s-Sentenza *Øresund*. Huma jqisu li ma jistax jiġi aċċettat li tant garanziji separati mill-Istat, aktar minn 100 mogħtija għal tranżazzjonijiet finanzjarji, ammonti u durati differenti, fuq perjodu ta' aktar minn 25 sena, li t-termini jew in-neċessità tagħhom ma setgħux jiġu previsti fl-1992, ingħataw f'każ wieħed. Tali konklużjoni tippresupponi l-eżistenza ta' dispożizzjoni ġenerali li tawtorizza l-għoti ta' diversi miżuri ta' għajnuna, li huma jqisu li jistgħu jkunu possibbli biss skont skema ta' għajnuna. FSS u Trelleborg Port jirreferu wkoll għall-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-438/16 P ([98]), fejn irrifjutat il-kunċett ta' "skema ta' skemi ta' għajnuna".

4.3. **Klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida jew għajnuna eżistenti**

(180) Skont l-Ilmentatur, il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-mudell ta' garanzija mill-Istat ġie interrott fit-13 ta' Mejju 2013, meta, wara l-ilment, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mid-Danimarka u mill-Iżvezja. Għalhekk, peress li l-mudell ta' garanzija mill-Istat jikkonsisti f'diversi miżuri ta' għajnuna individwali, il-garanziji kollha mogħtija wara t-13 ta' Mejju 2003 jikkostitwixxu għajnuna ġdida. L-Ilmentatur jargumenta li l-mument tal-għoti huwa l-mument meta l-Istati jassumu r-riskju assoċjat mal-garanziji. Qabel dak il-mument ma jkun hemm l-ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Għalhekk, l-Ilmentatur jikkonkludi li tingħata garanzija ġdida kull darba li l-Istati jkunu ħarġu approvazzjoni għal self jew strument finanzjarju speċifiku. Skont l-Ilmentatur, kważi 90 minn dawn l-approvazzjonijiet (ara l-premessa (173)) inħarġu wara t-13 ta' Mejju 2003, u għalhekk jikkostitwixxu għajnuna ġdida.

(181) Barra minn hekk, l-għajnuna li tinsab fir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, mogħtija minn 10 snin qabel l-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni, tikkostitwixxi għajnuna ġdida.

(182) Stena Line, Scandlines, u Grimaldi jibdew ukoll mill-pożizzjoni li jkun hemm għajnuna *ad hoc* kull darba li tiġi miftiehma tranżazzjoni ġdida ta' self jew faċilità ta' kreditu. Huma jirreferu, f'dan il-kuntest, għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja *France Télécom* (is-"*France Télécom*Sentenza" ([99]), li tgħid li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 "tirreferi għall-għoti ta' għajnuna lil benefiċjarju, u mhux għad-data ta' adozzjoni tas-sistema ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li d-determinazzjoni tad-data tal-għoti tista' tvarja skont in-natura tal-għajnuna inkwistjoni. Għalhekk, fl-ipoteżi ta' sistema pluriennali, fil-forma ta' ħlas jew l-għoti perjodiku ta' vantaġġi, id-data tal-adozzjoni ta' att li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-għajnuna u dik meta l-impriżi effettivament ingħataw il-benefiċċju tagħha jistgħu jkunu separati minn tul ta' żmien sostanzjali. F'tali każ, għall-finijiet tal-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni, l-għajnuna għandha tiġi kkunsidrata li ngħatat lill-benefiċjarju unikament fid-data meta din tingħata effettivament lil dan tal-aħħar." Stena Line, Scandlines u Grimaldi jqisu li huwa evidenti li dak il-prinċipju japplika wkoll għal għajnuna *ad hoc*. Huma jqisu li l-għajnuna fil-forma ta' garanzija mill-Istat tingħata b'żewġ modi: l-ewwel nett, kull darba li l-Konsorzju jieħu self kopert minn garanzija mill-Istat, u, it-tieni, kull darba li l-Konsorzju ma jħallasx il-primjum tas-suq għal tali self. L-għajnuna li tinsab fir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament tingħata kull darba li l-awtoritajiet Daniżi jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet speċjali sabiex jagħtu mill-ġdid il-vantaġġi preskritti skonthom. Konsegwentement, skont Stena Line, Scandlines u Grimaldi, il-garanziji kollha mill-Istat, u l-vantaġġi li jinsabu fir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, mogħtija wara l-2003 jikkostitwixxu għajnuna ġdida.

4.4. **Kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna**

4.4.1. *Kwalifikazzjoni tal-proġett fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-IPCEI*

(183) L-Ilmentatur ma joġġezzjonax li l-Kummissjoni tuża l-prinċipji gwida bażiċi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-IPCEI għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà. Huwa jfakkar li l-element ta' għajnuna jrid jiġi kkwantifikat, li kwalunkwe għajnuna operatorja trid tiġi sseparata mill-għajnuna għall-investiment, li n-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri jridu jiġu stabbiliti, u li l-kundizzjonijiet tal-mobilizzazzjoni jridu jiġu identifikati u murija bħala suffiċjenti.

([98]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2018, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Ir-Repubblika Franċiża u IFP Énergies nouvelles*, C-438/16 P, EU:C:2018:737, il-punt 71.

([99]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom SA* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-81/10 P, EU:C:2011:811, il-punti 80–82.

4.4.2. *Determinazzjoni tal-element ta' għajnuna*

(184) L-Ilmentatur jenfasizza li l-element ta' għajnuna jrid jiġi ddeterminat, kemm għall-garanziji mill-Istat kif ukoll għar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, u li filwaqt li ma hemm l-ebda rekwiżit għal ċifra preċiża finali, l-għarfien ta' kif jiġi ddeterminat l-element ta' għajnuna huwa prerekwiżit essenzjali għall-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

(185) Stena Line, Scandlines u Grimaldi jsostnu li huwa diffiċli għalihom li jikkalkulaw l-ammont ta' għajnuna skont il-mudell ta' garanzija mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Fir-rigward tal-garanziji mill-Istat, l-għajnuna mhux biss tkun tikkonsisti min-nuqqas ta' rekwiżit li jitħallas primjum (tas-suq), iżda, peress li huwa improbabbli li kwalunkwe parti privata toffri tali garanziji minħabba r-riskju għoli ħafna involut fil-proġett, anke mill-ammont kollu tas-self garantit.

(186) Trelleborg Port issostni li ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont tal-għajnuna, peress li, fid-deċiżjoni tal-2014, ma hemm l-ebda parametru li jippermetti l-kwantifikazzjoni tiegħu. Peress li, fiż-żmien meta ngħataw il-garanziji mill-Istat, il-prospetti ta' profittabbiltà tal-Konsorzju kienu tali li ħadd ma kien lest li jagħtih xi garanzija, l-element ta' għajnuna ma jikkonsistix biss fid-differenza bejn il-primjum tas-suq għall-garanzija u l-primjum effettivament imħallas, iżda wkoll mill-garanzija mill-Istat innifisha. Il-valur tal-garanzija mill-Istat jikkorrispondi għall-valur tas-self sottostanti. Trelleborg Port iżżid li, fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, l-element ta' għajnuna jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont li l-Konsorzju kien iħallas li kieku kellhom jiġu applikati r-regoli ordinarji tat-taxxa, u dak li effettivament ħallas.

4.4.3. *L-għoti ta' għajnuna operatorja*

(187) L-Ilmentatur jirreferi għas-Sentenza *Øresund* ([100]), l-Artikolu 10 tal-Ftehim Intergovernattiv, l-Artikolu 4(3) tal-Ftehim tal-Konsorzju, il-premessa 50 tad-deċiżjoni tal-2014 ([101]), u l-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni tal-1997 u tal-2004, billi jargumenta li huwa maqbul li l-garanziji tal-Istat ikopru kemm il-kostijiet tal-kostruzzjoni kif ukoll il-kostijiet operatorji tal-Konnessjoni Fissa. L-Ilmentatur u Stena Line iqisu li l-garanziji mill-Istat jippermettu lill-Konsorzju jinjora l-kostijiet meta jistabbilixxi l-prezzijiet tiegħu ([102]). L-Ilmentatur iqis li huwa meħtieġ, kemm għall-garanziji tal-Istat kif ukoll għar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, li ssir distinzjoni bejn l-għajnuna għall-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa u l-għajnuna għall-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

(188) L-Ilmentatur jirreferi wkoll għas-Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt* ([103]), billi jfakkar li l-għajnuna mogħtija lil hinn mill-mument meta l-ammont tad-dejn tal-benefiċjarju jkun laħaq livell li fih l-introjtu tiegħu x'aktarx jaqbeż il-kostijiet operatorji u r-ripagamenti tad-dejn f'kundizzjonijiet normali tas-suq, u, għalhekk, qabel ma d-dejn ikun tħallas lura kompletament, tista' titqies bħala għajnuna operatorja. L-Ilmentatur, barra minn hekk, ikkummenta dwar il-premessa 124 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, u nnota li r-riskji tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa kienu limitati wara li l-Konnessjoni Fissa tqiegħdet fis-servizz. Huwa jqis il-garanziji mill-Istat għas-self meħud biex jissodisfa l-kostijiet operatorji tal-Konsorzju bħala mhux xierqa, u mhux meħtieġa biex isir l-investiment fil-Konnessjoni Fissa (li jiddistingwi dan il-każ mill-proġett ta' Hinkley Point C ([104])). Sabiex l-għajnuna operatorja tkun ġustifikata, trid tkun limitata fiż-żmien ukoll, u dejjem tonqos.

([100]) Il-punti 108, 111, u 116.

([101]) L-Ilmentatur jirreferi wkoll għall-punt 107 tas-Sentenza *Øresund* f'dan ir-rigward.

([102]) Bħala eżempju, l-Ilmentatur iqis li t-tnaqqis fil-prezz tal-Konsorzju għas-segment tal-merkanzija, introdott fid-29 ta' Novembru 2019, ma kienx ikun possibbli mingħajr il-garanziji mill-Istat. L-eżempju kien jikkonċerna speċifikament il-vetturi kollha b'tul ta' 9 metri, li, skont l-Ilmentatur, kellhom tnaqqis fil-prezz ta' 15 % fuq ir-rata normali matul il-lejl, u l-vetturi kollha ta' aktar minn 20 metru, li jintalbu jħallsu l-istess rata bħall-vetturi ta' bejn 9 metri u 20 metru. Bħala tali, huma jargumentaw li t-tnaqqis fil-prezz huwa mmirat biss lejn id-devjazzjoni tat-traffiku tal-merkanzija mis-servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma tal-Ilmentaturi lejn il-Konnessjoni Fissa. Stena Line targumenta li, ftit wara li nfetħet il-Konnessjoni Fissa fl-2000, il-Konsorzju għamel dumping tal-prezzijiet tal-pedaġġ tiegħu għall-karozzi u għat-trakkijiet b'40 % u 50 %, rispettivament.

([103]) Il-punt 242.

([104]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2018, I*r-Repubblika tal-Awstrija* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-356/15, EU:T:2018:439.

(189) Stena Line, Scandlines u Grimaldi jqisu li l-għajnuna operatorja, li hija pprojbita, ma hijiex biss għajnuna mogħtija matul il-fażi operazzjonali tal-proġett, iżda kull għajnuna relatata mal-kostijiet operatorji inkluż matul il-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ([105]). Dan ifisser li l-għajnuna mogħtija lill-Konsorzju ma tista' tkopri l-ebda self ta' rifinanzjament, peress li tali self, fl-interpretazzjoni tagħhom tal-punt 111 tas-Sentenza *Øresund*, jikkostitwixxi għajnuna operatorja pprojbita. L-Ilmentatur iqis li, bħal fil-każ tal-garanziji mill-Istat, għall-għajnuna mill-Istat derivata mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, trid issir distinzjoni bejn l-għajnuna għall-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa u l-għajnuna għall-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

(190) Stena Line, Scandlines u Grimaldi ma jqisux li proġetti ta' infrastruttura bħall-Konnessjoni Fissa jiġġustifikaw l-ambigwità bejn l-għajnuna għall-investiment u l-għajnuna operatorja, kif allegatament issuġġerit fil-premessa 131 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ. Barra minn hekk, jenħtieġ li b'mod partikolari, proġetti fuq skala kbira, ma jitħallewx jibbenefikaw minn għajnuna operatorja ([106]). Stena Line, Scandlines u Grimaldi jipprovdu wkoll diversi argumenti biex juru li s-Sentenza *Hinkley Point C* ma hijiex applikabbli għal din il-kawża. Fl-aħħar nett, huma jopponu bil-qawwa s-suġġeriment tal-Kummissjoni, fil-premessa 132 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar l-ekwivalenza possibbli tal-garanziji mill-Istat u injezzjoni ta' kapital bil-quddiem.

(191) Skont l-Ilmentatur, valutazzjoni ekonomika tar-rata ta' redditu interna ("IRR", Internal Rate of Return) u tal-valur preżenti nett ("VPN") tal-Konsorzju ([107]) (ara wkoll il-premessa (201)) tindika li l-Konsorzju kien ikun kapaċi jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa b'termini kummerċjali mingħajr il-garanziji mill-Istat mill-2003, li huwa jargumenta li jindika wkoll li l-għajnuna minn dak il-punt 'il quddiem tikkostitwixxi għajnuna operatorja.

### 4.4.4. *In-neċessità tal-għajnuna*

(192) Sabiex jiġi vvalutat jekk l-għajnuna hijiex meħtieġa, l-Ilmentatur iqis li l-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq kalkolu simili għal dak inkluż fid-deċiżjoni tagħha tal-2015 rigward il-Fehmarn Belt ([108]) ([109]), fejn ikkalkulat l-IRR tal-proġett u qabblitha mal-kost medju ponderat tal-kapital ("WACC", weighted average cost of capital). Bħala tali, l-għajnuna tista' tkun meħtieġa biss jekk l-IRR tkun aktar baxxa mid-WACC. Għall-fini ta' dak il-kalkolu, l-Ilmentatur jinnota li l-Konsorzju nnifsu jqis li t-tul tal-ħajja tal-Konnessjoni Fissa huwa ta' mill-inqas 100 sena. Trid titwettaq analiżi separata tan-neċessità tal-għajnuna fir-rigward tal-fażi operazzjonali tal-Konnessjoni Fissa. Fl-opinjoni tal-Ilmentatur, huwa irrilevanti għall-valutazzjoni tan-neċessità tal-għajnuna li jiġi evalwat jekk il-miżuri ġewx adottati jew le fi żmien meta kien ġeneralment ikkunsidrat li l-finanzjament pubbliku ta' proġetti ta' infrastruttura ma kienx kopert mir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk proġett ta' infrastruttura fuq skala kbira bħall-Konnessjoni Fissa setax jitwettaq mingħajr appoġġ pubbliku, l-Ilmentatur jindika li l-iżvilupp, il-finanzjament, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-mina taħt il-Kanal ([110]) kollha twettqu minn kumpaniji privati, soġġetti għal kompetizzjoni pubblika li fiha l-kumpaniji privati ngħataw konċessjoni.

---

([105]) F'dan il-kuntest, huma jirreferu għall-punti 106 u 108 tas-Sentenza *Øresund*.

([106]) Il-partijiet interessati jirreferu speċifikament għall-paragrafu 14 tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1), li jipprevedu li "… il-kumpaniji l-kbar għandhom tendenza ikbar li jkunu atturi importanti fis-suq ikkonċernat u, konsegwentement, l-investiment li għalih tingħata l-għajnuna jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u fil-kummerċ tas-suq intern."

([107]) Ir-Rapport imħejji minn Dr Sten Nyberg, Professur tal-Ekonomija fl-Università ta' Stokkolma u President taċ-Ċentru għal-Liġi u l-Ekonomija Ewropea, Stokkolma, u Dr Mattias Ganslandt, Professur Assoċjat tal-Ekonomija fl-Iskola tal-Ekonomija u l-Ġestjoni, Università ta' Lund, u Direttur taċ-Ċentru għal-Liġi u l-Ekonomija Ewropea, Stokkolma.

([108]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2015, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39078 (2014/N) (id-Danimarka), dwar il-finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa tal-Fehmarn Belt (C(2015) 5023 final) (ĠU C 325, 2.10.2015, p. 1), il-premessa 103, u s-Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt*, il-punt 211.

([109]) Inizjalment l-Ilmentatur irrefera għad-deċiżjoni msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna 108, madankollu meta d-deċiżjoni finali ġiet adottata f'dak il-każ, l-Ilmentatur ipprovda aktar osservazzjonijiet (ara wkoll il-premessa (199)).

([110]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/568/KEE tal-24 ta' Ottubru 1988 dwar proċediment skont l-Artikolu 85 tat-Trattat tal-KEE (IV/32.437/8 – Eurotunnel) (ĠU L 311, 17.11.1988, p. 36) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 1816 final tat-22 ta' Ġunju 2005 fil-każ tal-għajnuna mill-Istat N 159/2005 – ir-Renju Unit – EWSI Channel Tunnel Freight Support Funding (ĠU C 314, 10.12.2005, p. 2).

(193) Ir-riżultati tal-valutazzjoni ekonomika tal-Konnessjoni Fissa li l-Ilmentatur ikkummissjona f'Settembru 2019 (il-premessa (191)), u, b'mod partikolari, tal-IRR u tad-WACC tal-Konsorzju f'xenarji differenti, huma miġbura fil-qosor fil-premessi minn (201) sa (206).

4.4.5. *Proporzjonalità tal-għajnuna*

(194) L-Ilmentatur u Scandlines et al., li jirreferu għas-Sentenza *Øresund* ([111]), isostnu li l-għajnuna ma hijiex proporzjonata, minħabba li l-garanziji mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament ma humiex limitati fiż-żmien, fl-ammont jew fl-għadd, u ma humiex marbuta ma' tranżazzjonijiet finanzjarji speċifiċi. Barra minn hekk, il-perjodu ta' ħlas lura tad-dejn ma huwiex ċar u jvarja.

(195) Barra minn hekk, l-Ilmentatur u Scandlines et al. iqisu li huwa importanti li jiġi nnotat li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fis-Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt* tagħha ([112]) u fis-Sentenza *Stena Line Fehmarn Belt* tagħha ([113]) li l-għajnuna tista' tkun meħtieġa u proporzjonata biss "fil-mument meta l-benefiċjarju jkun kapaċi, abbażi tal-fluss ta' likwidità tiegħu, jissellef fis-suq kompetittiv mingħajr l-għajnuna ta' garanziji jew ta' self mill-Istat". Dan il-mument normalment jintlaħaq meta l-ammont tad-dejn tal-benefiċjarju jkun naqas għal livell li fih id-dħul seta' jeċċedi l-ispejjeż tal-operat u r-rimborż tad-dejn f'kundizzjonijiet tas-suq, u għalhekk qabel ir-rimborż komplet tad-dejn. Uħud mill-partijiet interessati jżidu li "[g]ħajnuna li teċċedi dan il-livell tista' għalhekk titqies bħala għajnuna għall-funzjonament, li għaliha l-Kummissjoni ma tat l-ebda ġustifikazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata." Skont il-partijiet interessati, huwa għaldaqstant evidenti li l-għajnuna trid tkun limitata sal-mument li fih il-benefiċjarju jkun kapaċi jissellef fis-suq miftuħ mingħajr għajnuna.

(196) L-Ilmentatur jirreferi għas-sejbiet tal-Qorti Ġenerali fis-Sentenza *Scandlines Fehmarn Belt* tagħha ([114]), billi jsostni li l-għajnuna hija proporzjonata sal-ammont li bih il-proġett jibda jagħmel profitt. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fis-Sentenza *Øresund*, li ma huwiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità li forom oħra ta' finanzjament mill-Istati jkollhom piż finanzjarju ogħla fuq il-baġit tal-Istat ([115]), jew li forom iktar diretti ta' għajnuna setgħu jiġġeneraw għajnuna iktar sinifikanti ([116]). Barra minn hekk, l-Ilmentatur isostni, billi jirreferi għar-rapport annwali tal-2014 ta' SVEDAB, li, mill-inqas sal-2012, il-Konsorzju laħaq il-punt ta' ekwilibriju, fejn ma kien hemm l-ebda profitt jew telf nett, u li s-sena ta' wara l-Konsorzju kien ikun jista' jiddistribwixxi dividend, jew sehem fil-profitti, lill-kumpaniji omm tiegħu. L-Ilmentatur, barra minn hekk, jirreferi għall-aġġornament tar-riċerka dwar il-Klassifikazzjonijiet Globali ta' Standard & Poor's mit-18 ta' Novembru 2016, fejn jinnota li l-Konsorzju beda jħallas id-dejn fl-2004, 5 snin qabel l-iskeda, u li, mill-2000, il-profitt operatorju tal-Konsorzju kien, u baqa', pożittiv. L-Ilmentatur jinnota li l-ekwità tal-Konsorzju saret pożittiva fl-2016 u, li, skont il-Konsorzju, beda jqassam dividendi lill-kumpaniji omm fl-2018, meta tħallas dividend ta' DKK 1,1 biljun (EUR 0,15 biljun) għas-sena tat-taxxa 2017, u li, fl-2018, il-kumpaniji omm iddeċidew li jżidu l-pagament annwali tad-dividendi, b'tali mod li d-dejn tal-Konsorzju kien, sussegwentement, mistenni li jitħallas lura biss fl-2050, li huwa sostanzjalment aktar tard mis-sena 2033 prevista preċedentement. Barra minn hekk, l-Istat Daniż jieħu l-flus minn A/S Øresund għal finijiet oħra għajr il-ħlas lura tad-dejn relatat mal-kostijiet tal-konnessjonijiet Daniżi bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni. B'konsegwenza ta' dan, il-perjodu ta' ħlas lura għall-Konsorzju ġie estiż. Abbażi ta' dawk l-osservazzjonijiet, l-Ilmentatur iqis li huwa evidenti li l-introjtu tal-Konsorzju huwa pjuttost sostanzjali, u jidher anki biżżejjed biex jiffinanzja proġetti oħra, u x'aktarx jaqbeż il-kostijiet operatorji u l-ħlas lura tad-dejn f'kundizzjonijiet normali tas-suq.

([111]) Il-punti minn 118 sa 139.
([112]) Il-punt 242.
([113]) Il-punt 213.
([114]) Il-punt 224.
([115]) Il-punti minn 191 sa 153.
([116]) Il-punt 153.

(197) F'dan ir-rigward, l-Ilmentatur ifakkar ukoll li, fost il-kumpaniji pubbliċi Daniżi ewlenin mogħtija garanziji mill-Istat Daniż, inklużi dawk responsabbli għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-pont tal-Great Belt u għall-Konnessjoni Fissa tal-Fehmarn Belt, il-Konsorzju huwa l-uniku wieħed li ma jħallas l-ebda primjum għall-garanziji tal-Istat, filwaqt li kważi l-oħrajn kollha jħallsu 0,15 % fuq id-dejn pendenti. Skont l-Ilmentatur, dan juri b'mod ċar li l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa jistgħu jinkisbu b'inqas għajnuna minn primjum ta' 0 %.

(198) L-Ilmentatur jagħmel referenza speċifika għall-premessa 150 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, li fiha l-Kummissjoni ddikjarat li deher li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament kienu mistennija jikkontribwixxu għall-vijabbiltà tal-proġett, u b'hekk jagħmlu l-effetti tal-garanziji u l-vantaġġ ta' dawk ir-regoli speċjali interdipendenti. L-Ilmentatur iqis li din id-dikjarazzjoni ma hijiex korretta. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jikkostitwixxu vantaġġi addizzjonali fuq il-garanziji mill-Istat u ma jistgħux jitqiesu bħala interdipendenti għall-finijiet tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Ilmentatur iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-Konsorzju sabiex isir kalkolu korrett tad-daqs tal-vantaġġ mogħti lill-Konsorzju minn dawk ir-regoli speċjali.

(199) l-Ilmentatur ippreżenta wkoll osservazzjonijiet wara li analizza l-analiżi tal-proporzjonalità li tinsab fid-deċiżjoni finali tal-Fehmarn Belt. L-Ilmentatur jinnota, b'mod partikolari, id-differenza bejn ir-riskju *ex ante* (qabel il-kostruzzjoni) u r-riskju *ex post* (wara li l-Konnessjoni Fissa daħlet fis-servizz), il-ħtieġa li tiġi evalwata mill-ġdid l-għajnuna mill-Istat wara l-kostruzzjoni, u r-restrizzjonijiet (il-kamp ta' applikazzjoni limitat għall-kostruzzjoni, il-prijorità mogħtija lill-ħlas lura tas-self issussidjat mill-Istat, u tariffa ta' garanzija), li huma meħtieġa wkoll biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna mill-Istat għall-Konnessjoni Fissa.

(200) Stena Line argumentat ukoll li, fid-dawl tal-fatt li l-Konnessjoni Fissa kienet profittabbli, u l-Konsorzju kellu flussi tal-flus pożittivi li jaqbżu l-kostijiet operatorji u tar-ripagament tad-dejn tiegħu sal-2004, l-għajnuna mill-Istat lill-Konsorzju ma kinitx proporzjonata mill-inqas mill-2004.

(201) Kif innotat fil-premessi (191) u (193), l-Ilmentatur ikkummissjona valutazzjoni ekonomika dwar l-IRR u d-WACC tal-Konsorzju għall-finijiet tal-analiżi ta' jekk, u meta, il-Konsorzju setax jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa skont it-termini tas-suq, mingħajr garanziji mill-Istat. L-Ilmentatur jargumenta li l-garanziji mill-Istat għandhom żewġ effetti fuq il-finanzjament. L-ewwel nett, il-garanziji ppermettew lill-Konsorzju jidħol f'dejn ta' aktar minn 100 % tal-ekwità u tad-djun tiegħu matul l-ewwel 17-il sena tal-operazzjoni tiegħu (ekwità negattiva sal-2016). It-tieni, il-garanziji ppermettew lill-Konsorzju jieħu b'self b'kost aktar baxx minn kumpaniji komparabbli (il-Konsorzju kiseb klassifikazzjoni tal-kreditu AAA). L-Ilmentatur iżid li l-garanziji mill-Istat irriżultaw f'maturità medja reali (qrib il-5 snin) tad-dejn tal-Konsorzju, li hija qasira ħafna meta mqabbla mal-ħajja ekonomika tal-assi (aktar minn 100 sena). Il-valutazzjoni tikkonkludi li fl-2003 jew fl-2004, jiġifieri ftit snin biss wara d-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa, il-Konsorzju seta' jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa fuq termini kummerċjali mingħajr il-garanziji mill-Istat. Fix-xenarji kollha, (b'referenza għax-xenarji ta' sensittività mwettqa), l-għajnuna mill-Istat ma kinitx għadha meħtieġa mill-2009 jew mill-2010 'il quddiem. Sabiex jasal għal din il-konklużjoni, l-istudju għamel diversi analiżijiet, inkluż tqabbil tal-IRR tal-Konsorzju ma' kalkolu tad-WACC ibbażat fuq 37 kumpanija komparabbli, il-kundizzjonijiet tas-suq għad-dejn u l-ekwità fid-Danimarka (ara wkoll il-premessa (202)), u stima tal-valur tas-suq tal-Konsorzju matul is-snin 2000 sa 2018 (ara wkoll il-premessa (203)).

(202) Il-valutazzjoni ekonomika tinkludi analiżi tar-rapporti annwali tal-Konsorzju, li turi li l-IRR tal-Konsorzju, ibbażata fuq projezzjoni lineari tar-riżultat operazzjonali fuq perjodu ta' 100 sena, hija ta' 7,2 % (qabel it-taxxa), u, jekk il-perjodu jkun limitat għal 40 sena, l-IRR hija ta' 6,2 %. Id-WACC ta' kumpaniji komparabbli mhux sussidjati waqgħet għal inqas mill-IRR tal-Konsorzju fl-2004 fix-xenarju ta' 100 sena ([117]). Għalhekk, skont l-Ilmentatur, minn dak il-mument, l-għajnuna mill-Istat ma kinitx għadha meħtieġa (matul il-kriżi finanzjarja globali, id-WACC temporanjament qabżet l-IRR fix-xenarju ta' 100 sena, iżda, mill-2009, id-WACC baqgħet taħt l-IRR). Fix-xenarju ta' 40 sena, id-WACC ta' kumpaniji komparabbli baqgħet taħt l-IRR mill-2010.

([117]) Skont ir-rapport, l-analiżi tal-kumpaniji komparabbli u l-kundizzjonijiet tas-suq għad-dejn u l-ekwità fid-Danimarka turi li matul il-perjodu 2000–2018 id-WACC ta' kumpaniji komparabbli naqas minn 9,3 % għal 3,0 %. Għall-Iżvezja, dan kien ta' 8,7 % u 3,3 % rispettivament.

(203) Estimu tal-valur tas-suq tal-Konsorzju (ibbażat fuq flussi tal-flus skontati) matul is-snin 2000 sa 2018 juri li l-valur tal-flussi tal-flus skontati jaqbeż il-kost tal-proġett mill-2003 (ikkalkulat bir-rata tal-imgħax medja tal-Konsorzju bbażata fuq projezzjoni lineari tar-riżultati operazzjonali fuq perjodu ta' 100 sena). L-Ilmentatur jissottometti li analiżi ulterjuri tas-sensittività turi li l-konklużjonijiet huma robusti, kemm għal perjodi iqsar kif ukoll għal perjodi itwal ta' flussi tal-flus. B'mod partikolari, l-analiżi turi li, fix-xenarji kollha, l-ammont skontat ta' flussi ta' flus futuri huwa ogħla mill-kost totali mill-2009. Fuq dik il-bażi, l-Ilmentatur jikkonkludi li kellu jkun attraenti għal attur kummerċjali li jakkwista l-Konsorzju mill-2003, jew, fi kwalunkwe każ, mill-2009. Fil-fehma tal-Ilmentatur, dan jindika li l-Konsorzju kien ikun kapaċi jiffinanzja l-Konnessjoni Fissa b'termini tas-suq, mingħajr il-garanziji mill-Istat, mill-2003, jew mill-inqas mill-2009.

(204) L-Ilmentatur ipprovda wkoll analiżi, mill-istess awturi, tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-Konsorzju. Fl-1999, qabel id-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa, id-WACC ta' kumpaniji komparabbli kienet kemxejn ogħla (8,0 %) mill-IRR (7,2 %) tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa. Din irriżultat f'diskrepanza fil-finanzjament ta' DKK 2,9 biljun (EUR 0,39 biljun) fl-1999, li tiġġustifika għajnuna limitata mill-Istat. Għall-finijiet ta' kompletezza, l-Ilmentatur jinnota li d-diskrepanza fil-finanzjament kienet ta' DKK 5,9 biljun (EUR 0,79 biljun) fl-2000, minħabba WACC ogħla ta' kumpaniji komparabbli (9,3 %) iżda jisħaq li, diġà mid-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa, il-garanziji tal-Istat kienu ġenerużi wisq.

(205) Skont l-analiżi, bis-saħħa tal-garanziji mill-Istat, il-Konsorzju seta' jiffinanzja l-kostijiet tiegħu kompletament permezz ta' dejn b'rata tal-imgħax fuq dak id-dejn ta' 3 % biss fl-1999 u 3,5 % fl-2000. Dan ifisser li d-WACC tal-Konsorzju kien biss minn 3 % sa 3,5 % (finanzjament b'dejn ta' 100 %). L-IRR ta' 7,2 % hija għalhekk konsiderevolment ogħla mid-WACC tal-Konsorzju, u l-mudell ta' garanzija mill-Istat huwa sproporzjonat u mhux ġustifikat. L-għajnuna mill-Istat jenħtieġ li tirriżulta biss fi tnaqqis tad-WACC b'0,8 % (minn 8 % għal 7,2 %) sabiex id-WACC tal-Konsorzju tkun ugwali għall-IRR tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa. Skont ir-rapport, l-għajnuna mill-Istat sproporzjonata, f'termini ta' VPN, ammontat għal DKK 54,3 biljun (EUR 7,28 biljun), meta kkwantifikata bir-rata tal-imgħax tal-Konsorzju fl-1999 u għal DKK 41,8 biljun (EUR 5,60 biljun), meta kkwantifikata bir-rata tal-imgħax fl-2000.

(206) L-awturi tar-rapport ipprovdew ukoll analiżi addizzjonali tal-VPN tal-Konsorzju, abbażi ta' tqabbil tar-rata tal-imgħax applikabbli għall-Konsorzju u r-rata tal-imgħax ta' kumpanija b'finanzjament tad-dejn AAA ta' 100 %. L-għan tal-analiżi kien li jiġi kkwantifikat l-ammont tal-għajnuna mill-Istat sproporzjonata. L-analiżi hija bbażata fuq il-fatt li, jekk l-IRR tkun ogħla mir-rata tal-imgħax annwali medja tal-Konsorzju, il-Konnessjoni Fissa jkollha VPN pożittiv, jew ir-rendiment tal-proġett ikun ogħla mill-kostijiet. Fuq dik il-bażi wkoll, l-Ilmentatur jisħaq li l-garanziji mill-Istat kienu ġenerużi wisq u li mill-bidu tad-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat sproporzjonata. Din il-konklużjoni hija appoġġata aktar minn analiżi ta' redditi u annwalitajiet annwalizzati.

(207) Barra minn hekk, l-Ilmentatur ipprovda memorandum relatat ma' xi wħud mis-sejbiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni finali tal-Fehmarn Belt fir-rigward tal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, b'mod partikolari fir-rigward tal-proporzjonalità.

(208) Fl-aħħar nett, l-Ilmentatur ippreżenta osservazzjonijiet dwar ir-rapport annwali tal-2020 tal-Konsorzju, peress li, fir-rebbiegħa tal-2020, il-Konsorzju nieda għadd ta' inizjattivi li jittrasferixxu d-dejn tiegħu mit-teħid b'self garantit mill-Istati, għat-teħid b'self mingħajr garanziji mill-Istat. L-Ilmentatur osserva l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assoċjati, u kkonkluda li l-entitajiet tal-Istat diġà jgawdu vantaġġ minħabba l-fatt li l-Istat huwa s-sid, li, f'għajnejn il-kredituri tagħhom, jimplika garanzija kollaterali ogħla. L-Ilmentatur jinnota wkoll li l-ammont miġbur minn self mingħajr garanziji mill-Istat fl-2020 jirrappreżenta madwar 28 % tat-teħid b'self gross tal-Konsorzju, li jkompli juri li l-garanziji mill-Istat kienu diġà sproporzjonati matul l-ewwel snin tal-operazzjoni.

(209) Stena Line tirreferi għall-Komunikazzjoni tal-IPCEI, filwaqt li tfakkar li kalkolu tad-diskrepanza fil-finanzjament jista' jinkludi biss kostijiet eliġibbli. Minħabba li l-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni jitqiesu bħala proġett separat, Stena Line targumenta li l-kostijiet ta' tali faċilitajiet huma irrilevanti għall-kalkolu ta' kemm tista' tibbenefika minnha l-għajnuna tal-Konnessjoni Fissa. F'dan ir-rigward, Stena Line tinnota li l-Konsorzju aġġusta l-politika tiegħu dwar id-dividendi fl-2018, sabiex jiffoka primarjament fuq it-tnaqqis massimu tad-dejn fil-kumpaniji proprjetarji, A/S Øresund u SVEDAB, li huma responsabbli mill-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni. Stena Line targumenta li dan jikkostitwixxi evidenza ċara li l-għajnuna mill-Istat lill-Konsorzju għall-Konnessjoni Fissa tiffinanzja kostijiet ineliġibbli.

4.4.6. *Prevenzjoni ta' distorsjoni bla bżonn fil-kompetizzjoni u test tal-ibbilanċjar*

(210) Skont l-Ilmentatur, l-għajnuna li tinsab fil-garanziji mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament tikkawża distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni.

(211) L-Ilmentatur jiddikjara li qatt ma kien l-objettiv tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa li jissostitwixxi s-servizzi ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma bejn Helsingborg u Helsingør, u dan lanqas ma tqies bħala konsegwenza neċessarja jew inevitabbli tiegħu. Barra minn hekk, huma jfakkru li l-konnessjoni bejn il-portijiet ta' Helsingborg u Helsingør, li t-tnejn huma parti min-network TEN-T, tgħaqqad it-toroq TEN-T E47, E4 u E20, u, għalhekk, l-Ewropa ċentrali mal-pajjiżi Nordiċi. L-Ilmentatur jirreferi għal wieħed mill-objettivi ewlenin tat-TEN-T, li huwa li jikkontribwixxi għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett serra, trasport nadif, u emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u jinnota li l-laneċ tiegħu b'emissjonijiet żero huma alternattiva ekoloġika għall-Konnessjoni Fissa. Fl-aħħar nett, l-Ilmentatur jirreferi għall-White Paper tal-Kummissjoni dwar Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport ([118]), li fiha l-Kummissjoni nnotat li "l-eliminazzjoni tad-distorsjonijiet fiskali u s-sussidji mhux ġustifikati u l-kompetizzjoni ħielsa u bla distorsjonijiet huma […] neċessarji biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn il-modi li huma f'konkorrenza diretta". L-Ilmentatur iqis li l-eżitu soċjoekonomiku tal-għajbien tas-servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma tiegħu jkun diżastruż. F'dan il-kuntest, l-Ilmentatur ifakkar li l-garanziji tal-Istat jippermettu lill-Konsorzju jistabbilixxi t-tariffi tal-pedaġġ għall-Konnessjoni Fissa f'livelli artifiċjalment baxxi, li jippermetti lill-Konsorzju jżid il-volumi tat-traffiku tiegħu u s-sehem mis-suq tiegħu. Il-garanziji mill-Istat jippermettu lill-Konsorzju jieħu riskji ogħla, bil-falliment *de facto* eskluż. L-Ilmentatur jindika wkoll mekkaniżmu ieħor li jwassal għal distorsjoni tas-suq, li huwa marbut mal-objettivi tal-Istati li jrawmu t-traffiku tul il-Konnessjoni Fissa. Peress li l-Konsorzju huwa appoġġat mill-Istati, l-għan tal-Konsorzju jaqleb ukoll minn massimizzazzjoni stretta tal-profitti għal żieda fil-volum tat-traffiku. Dan huwa possibbli bis-saħħa tal-garanziji mill-Istat.

4.4.7. *Kundizzjonijiet tal-mobilizzazzjoni tal-garanziji mill-Istat*

(212) B'referenza għall-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008, l-Ilmentatur ifakkar li l-Kummissjoni ma hijiex intitolata tawtorizza l-għajnuna fil-forma ta' garanziji mill-Istat sakemm il-Kummissjoni ma tkunx taf minn qabel il-kundizzjonijiet għall-iskattar ta' dawk il-garanziji. Skont l-Ilmentatur, ma hemm l-ebda kundizzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-garanziji ddeterminati fil-ftehimiet ta' self konklużi bejn il-Konsorzju u l-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati, u l-Kummissjoni, konsegwentement, ma hijiex f'pożizzjoni li tikkonkludi li l-garanziji mill-Istat huma kompatibbli mas-suq intern.

4.5. **Aspettattivi leġittimi**

(213) L-Ilmentatur u Scandlines et al. jargumentaw li s-Sentenza *Øresund* jenħtieġ li tiġi interpretata b'tali mod li l-aspettattivi leġittimi min-naħa tal-Konsorzju u tal-Istati huma esklużi wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*.

(214) Għaldaqstant, huma jsostnu li, fis-Sentenza *Øresund* ([119]), il-Qorti Ġenerali espressament iddeċidiet li l-aspettattivi leġittimi setgħu jeżistu biss għall-perjodu qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*, u mhux, kif jidher li qed tissuġġerixxi l-Kummissjoni fil-premessa 178 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ mill-inqas sal-2000.

(215) L-Ilmentatur jirreferi għall-ġurisprudenza kif ikkwotata fis-Sentenza *Øresund* ([120]), li telenka t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi li jridu jiġu ssodisfati biex pretensjoni ta' dritt għall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tkun fondata: (i) garanziji preċiżi, mingħajr kundizzjonijiet u korroborati, li ġejjin minn sorsi awtorizzati u li wieħed jista' joqgħod fuqhom iridu jkunu ġew mogħtija lill-parti interessata mill-awtoritajiet; (ii) il-garanziji tagħha jridu jkunu ta' natura li joħolqu stennija leġittima fir-rigward ta' dak li lilu huma indirizzati; u (iii) il-garanziji mogħtija kellhom ikunu konformi man-normi applikabbli.

([118]) White Paper, Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, COM(2011) 144 final, paragrafu 59.
([119]) Il-punt 322.
([120]) Il-punt 306: is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2005, *Branco* vs *Il-Kummissjoni*, T-347/03, EU:T:2005:265, il-punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Frar 2006, *Cementbouw Handel & Industrie* vs *Il-Kummissjoni*, T-282/02, EU:T:2006:64, il-punt 77; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2009, *CPEM* vs *Il-Kummissjoni*, T-444/07, EU:T:2009:227, il-punt 126.

(216) Filwaqt li l-Ilmentatur u Scandlines et al. jirrikonoxxu l-preżenza ta' aspettattivi leġittimi sas-sentenza *Aéroports de Paris*, huma jqisu li l-assigurazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fl-ittri tal-1995 ma kinux għadhom konformi mar-regoli applikabbli wara dik is-Sentenza. Scandlines et al. isostnu li, fi kwalunkwe każ, id-dritt li wieħed jibbaża fuq aspettattivi leġittimi jiskadi wara t-tmiem ta' perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin li jippermetti lill-benefiċjarju jaġġusta l-imġiba tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi legali l-ġodda ([121]).

(217) Barra minn hekk, l-Ilmentatur jargumenta li, wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li operatur ekonomiku prudenti u avżat seta' jipprevedi li l-Kummissjoni setgħet potenzjalment tadotta deċiżjoni li tikkonstata li l-miżuri ta' għajnuna kkonċernati kienu soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Ilmentatur u Scandlines et al. iqisu li l-Istati u l-Konsorzju kellhom jadattaw l-imġiba tagħhom f'konformità mas-Sentenza, u li l-perjodu bejn is-Sentenza *Aéroports de Paris* u l-allegata interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni jrid jitqies bħala ammont biżżejjed ta' żmien biex jiġu aġġustati, u biex il-miżuri ta' għajnuna kkonċernati jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

(218) Fl-aħħar nett, l-Ilmentatur jargumenta li, anki jekk il-Kummissjoni kellha tqis li l-Istati taw żewġ garanziji mill-Istat fl-1992, li jikkostitwixxu għajnuna individwali *ad hoc*, huwa ċar li l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi invokat għall-perjodu wara t-13 ta' Mejju 2003. Li kieku dan ma kienx il-każ, l-Istati jkunu jistgħu jinvokaw il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi sabiex ikomplu jipprovdu garanziji tal-Istat lill-Konsorzju, mingħajr il-pagament ta' ebda primjum u mingħajr ebda limitazzjoni fir-rigward tal-ammonti li għandhom jiġu ggarantiti u ż-żmien li matulu jistgħu jingħataw, sakemm huma jqisu neċessarju.

## 4.6. **Rkupru tal-għajnuna**

(219) Scandlines et al. iqisu li l-għajnuna li tinsab fir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament u l-garanziji mill-Istat mogħtija sa mill-2003 għandhom jiġu rkuprati. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, il-garanziji mill-Istat għas-self kollu meħud biex jiġi ffinanzjat mill-ġdid id-dejn inizjali, kif ukoll l-għajnuna għall-kostijiet operatorji l-oħra kollha koperti mis-self. Trelleborg Port jenfasizza li l-garanziji attwali mill-Istat iridu jiġu revokati, minbarra li l-Konsorzju għandu jħallas lura d-differenza bejn il-primjum tas-suq u l-primjum imħallas. Stena Line argumentat li jrid jintalab irkupru ta' (i) kwalunkwe għajnuna mogħtija wara l-2004 (peress li, mill-inqas mill-2004, il-Konsorzju kien ikun jista' jieħu b'self skont it-termini tas-suq); (ii) għajnuna operatorja mogħtija bejn l-2003 u l-2004; u (iii) għall-2003–2004, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-Konnessjoni Fissa bbażati fuq il-kostijiet reali u l-ipprezzar ibbażat fuq il-kost aktar baxx, kif ukoll tal-garanziji mill-Istat u tas-self mill-Istat ([122]) li jkopru kwalunkwe kost operatorju.

(220) L-Ilmentatur iżid li, anki jekk il-Kummissjoni kellha tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern, din ma jkollhiex l-effett li tirregolarizza l-miżuri, implimentati bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, *ex post facto*, u l-imgħax jenħtieġ li jiġi applikat mid-data tal-għoti ta' kull għajnuna ġdida.

(221) FSS, Trelleborg Port u Grimaldi jsostnu li l-garanziji mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u, għalhekk, jikkostitwixxu għajnuna kontra l-liġi. Dan jinkludi l-garanziji mill-Istat u l-għajnuna li jinsabu fir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament li ngħataw wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2014, li sussegwentement ġiet annullata. Peress li ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li d-Danimarka u l-Iżvezja waqfu jagħtu garanziji mill-Istat u għajnuna derivata mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tordna lid-Danimarka u lill-Iżvezja jieqfu jagħtu garanziji ġodda u lid-Danimarka tieqaf tagħti għajnuna relatata mar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, u tissospendi l-garanziji u l-vantaġġi eżistenti mill-Istat relatati mar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern.

([121]) Issir referenza għas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2014, *Alcoa Trasformazioni* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, T-177/10, EU:T:2014:897, il-punt 72.

([122]) Stena Line ma ppreżentat l-ebda informazzjoni ulterjuri jew speċifika dwar għal liema self mill-Istat qed tirreferi .

(222) L-Ilmentatur iqis li l-għajnuna sproporzjonata mill-Istat lill-Konsorzju ħolqot konsegwenzi dejjiema, li jridu jiġu kkoreġuti b'miżuri li jħarsu 'l quddiem. Is-sempliċi tmiem tal-għajnuna mill-Istat billi jitfakkru u jintemmu l-garanziji tal-Istat ma jkunx biżżejjed biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi għall-Konnessjoni Fissa u l-laneċ. F'dan il-kuntest, l-Ilmentatur jirreferi għall-punt 96 tas-Sentenza *Øresund*, li fih il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kummissjoni kienet issuġġeriet li l-likwidazzjoni tal-Konsorzju tkun legalment impossibbli, fid-dawl tal-Ftehim Intergovernattiv. Peress li l-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 iqis li termini ta' finanzjament aktar favorevoli miksuba minn intrapriżi li l-forma legali tagħhom tipprevedi eżenzjoni mir-regoli ordinarji dwar falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-Konsorzju jkompli jgawdi vantaġġ sinifikanti, anke wara li l-Istati ma jibqgħux joħorġu ftehimiet speċifiċi ta' garanzija mill-Istat.

(223) L-Ilmentatur iqis li tali miżuri li jħarsu 'l quddiem jeħtieġ li jirrestawraw il-kostijiet normali, l-objettivi normali u r-riskji kummerċjali normali tal-operatur tal-Konnessjoni Fissa. B'mod speċifiku, huma jqisu tliet soluzzjonijiet possibbli għar-restawr tal-kundizzjonijiet normali tas-suq għat-traffiku tul Øresund, jiġifieri, il-privatizzazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, l-inkorporazzjoni tal-Konnessjoni Fissa bħala kumpanija pubblika b'ishma varjabbli elenkati fil-boroż f'Copenhagen u/jew Stokkolma, jew l-għoti ta' konċessjoni lil operatur indipendenti b'termini kummerċjali.

## 5. **Kummenti li waslu mingħand l-Istati**

(224) Din it-taqsima tiddeskrivi l-kummenti tal-Istati dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ. Dawk il-kummenti fihom il-kummenti tal-Istati dwar il-kummenti tal-partijiet interessati li ġew ippreżentati lill-awtoritajiet tal-Istati f'format mhux kunfidenzjali. Din it-taqsima tinkludi wkoll aktar informazzjoni sottomessa mill-Istati bi tweġiba għal mistoqsijiet speċifiċi mill-Kummissjoni.

### 5.1. **Kjarifiki fattwali għad-Deċiżjoni tal-ftuħ**

(225) L-Istati pprovdew kjarifiki fattwali għall-parti deskrittiva tad-Deċiżjoni tal-ftuħ.

(226) B'mod speċifiku, l-Istati jiċċaraw li ma hemm l-ebda bażi legali għall-għoti ta' self mill-Istat lill-Konsorzju fil-liġi Żvediża jew Daniża. Din hija kjarifika għall-premessa 31 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, fejn huwa ddikjarat li l-Konsorzju jista' jikseb self mill-Istat mill-Bank Nazzjonali Daniż kontra tariffa annwali ta' 0,15 % tal-valuri tas-self pendenti, flimkien ma' rata tal-imgħax annwali stabbilita mill-Ministru tal-Finanzi. L-Istati jispeċifikaw li dan jista' jkun ibbażat fuq konfużjoni bejn il-finanzjament tal-Konsorzju u l-finanzjament ta' A/S Øresund, il-kumpanija omm Daniża tal-Konsorzju. Skont it-Taqsima 7(1) tal-Att dwar il-Kostruzzjoni (issa t-Taqsima 10(4) tal-Att Sund & Bælt), meta jitqies xieraq, il-Ministru tal-Finanzi Daniż għandu s-setgħa li jkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' A/S Øresund permezz ta' self mill-Istat.

(227) L-Istati jissottolinjaw li l-konsegwenza diretta tal-Ftehim Intergovernattiv, il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni Żvediża u Daniża, u l-Ftehim tal-Konsorzju hija li, mill-jum li fih ġie stabbilit il-Konsorzju, l-Istati kienu obbligati jiggarantixxu s-self kollu u strumenti finanzjarji oħra, meħuda mill-Konsorzju biex jiffinanzjaw il-Konnessjoni Fissa. Filwaqt li l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż huma responsabbli għall-amministrazzjoni prattika tal-garanziji, fir-rigward ta' self speċifiku u arranġamenti ta' finanzjament, huma ma għandhomx il-kompetenza li jirrifjutaw li jagħtu lill-Konsorzju l-garanziji meħtieġa biex jiffinanzja l-proġett.

(228) Bħala tali, il-Ftehim ta' Konsorzju ġie approvat mid-Danimarka fl-4 ta' Frar 1992, u mill-Iżvezja fit-13 ta' Frar 1992. Il-Ftehim tal-Konsorzju, għalhekk, daħal fis-seħħ fit-13 ta' Frar 1992. L-Istati, barra minn hekk, iċċaraw li l-Konsorzju ma huwiex irreġistrat mal-Uffiċċju Żvediż tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji, kif iddikjarat mill-Ilmentatur (il-premessa (176)), peress li għandu personalità legali unika. Madankollu, dan ġie rreġistrat għall-VAT u t-tariffi tas-sigurtà soċjali sa mit-23 ta' Lulju 1993. Ir-reġistrazzjoni mal-Uffiċċju Żvediż tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji ma hijiex meħtieġa sabiex il-Konsorzju jakkwista drittijiet u obbligi.

(229) L-Istati pprovdew aktar dettalji dwar dak li huwa previst fid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż fir-rigward tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* (il-premessa (89)), u dwar l-amministrazzjoni prattika tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat *in solidum* mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn (il-premessi minn (91) sa (94)). Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat fid-Danimarka, l-Istati rreferew għat-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni u għan-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, relatati mat-Taqsima 8 (il-premessa (95)).

(230) L-Istati speċifikaw li l-arranġamenti amministrattivi prattiċi mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż (permezz tal-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni) ġew introdotti sabiex l-Iżvezja u d-Danimarka jingħataw l-opportunità li jimmonitorjaw u jinfluwenzaw il-politika ta' finanzjament tal-Konsorzju. Il-mekkaniżmu jagħti lill-Istati l-opportunità li jiżguraw li l-Konsorzju ma jeċċedix il-mandat tiegħu, u li tiġi segwita politika ta' finanzjament li timminimizza r-riskju fit-tul tal-Istati. Għalhekk, il-mekkaniżmu, jippermetti lill-Istati jiżguraw li l-għajnuna mogħtija lill-Konsorzju ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

(231) L-Istati pprovdew ħarsa ġenerali aġġornata lejn id-dejn pendenti tal-Konsorzju.

### 5.2. Eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

#### 5.2.1. *Il-Konsorzju bħala benefiċjarju*

(232) L-Istati jirrikonoxxu l-Konsorzju bħala benefiċjarju tal-mudell ta' garanzija mill-Istat. L-awtoritajiet Daniżi ma jaċċettawx, madankollu, li l-Konsorzju huwa benefiċjarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Dwar dan, huma jindikaw, li l-Konsorzju huwa soċjetà f'isem kollettiv li, fir-rigward tar-regoli tat-taxxa Daniżi, hija trasparenti. Għalhekk, ma huwiex il-Konsorzju, iżda A/S Øresund biss, li seta' eventwalment jibbenefika mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riportar ta' telf u d-deprezzament, u, barra minn hekk, fir-rigward biss ta' nofs l-introjtu u tal-kostijiet sostnuti mill-Konsorzju.

(233) Skont il-liġi Daniża dwar it-taxxa, is-soċjetajiet f'isem kollettiv kollha huma fiskalment trasparenti. Għalhekk, ma huwiex il-fatt li l-Konsorzju huwa trasparenti fil-qasam tat-taxxa li jibbenefika lil A/S Øresund; pjuttost, huma r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Dawk ir-regoli huma maħluqa speċjalment għal A/S Øresund, fil-kapaċità tagħha bħala sieħeb fil-Konsorzju. A/S Øresund ma twettaq l-ebda attività proprja f'suq kompetittiv, u, għalhekk, A/S Øresund ma tirċevix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jsostnu li l-każ inkwistjoni jrid jiġi distint mill-kawża C-128/16 P ([123]), li fiha l-Qorti qieset li entità fiskalment trasparenti kienet il-benefiċjarju ta' miżuri tat-taxxa, minħabba li t-trasparenza fiskali tal-Konsorzju tfisser li kwalunkwe benefiċċji fuq it-taxxa possibbli jiġi riċevut mis-sidien tiegħu.

(234) Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet Daniżi jsostnu li l-Konsorzju ma kiseb l-ebda vantaġġ ekonomiku b'riżultat tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament.

#### 5.2.2. *L-ebda attività ekonomika mill-Konsorzju*

(235) L-Istati jżommu l-pożizzjoni tagħhom kif deskritta fit-Taqsima 4.2.1 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, li l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma jistgħux jitqiesu bħala attività ekonomika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Fil-fehma tal-Istati, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa huma eżempji klassiċi tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-ippjanar pubbliku, li ma humiex, u ma għandhomx ikunu, koperti mill-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Konsegwentement, il-mudell ta' garanzija mill-Istat u r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

([123]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, *Il-Kummissjoni* vs *Spanja et*, C-128/16 P, EU:C:2018:591.

(236) Fit-tweġiba tagħhom għad-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-Istati jirreferu għas-sottomissjonijiet preċedenti tagħhom, ipprovduti fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari għall-każijiet SA.36558, SA.38371 u SA.36559, u jikkonfermaw li jżommu l-pożizzjonijiet stabbiliti fihom. F'dan ir-rigward, l-Istati sostnew li, sal-bidu tas-snin 2000, skont prassi deċiżjonali stabbilita għal żmien twil, il-Kummissjoni kienet konsistentement iddeċidiet li l-kostruzzjoni minn awtorità pubblika ta' infrastruttura, miftuħa għall-utenti potenzjali kollha b'kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, ma kinitx tikkostitwixxi attività ekonomika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Minflok, tali attivitajiet kienu jitqiesu bħala eżerċizzju ta' setgħa pubblika (tal-ippjanar), sabiex tiġi pprovduta infrastruttura ġenerali tat-trasport.

(237) L-Istati sostnew li l-għanijiet li huma fittxew li jilħqu permezz tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa huma għanijiet ta' ordni pubbliku b'mod ċar u esklużiv, relatati, b'mod partikolari, mal-promozzjoni tal-iżvilupp kulturali, reġjonali u ekonomiku u tal-kooperazzjoni bejn żewġ pajjiżi. Huma argumentaw li s-Sentenza *Aéroports de Paris* u s-Sentenza *Leipzig Halle* tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Diċembru 2012 ([124]) (is-"Sentenzi *Leipzig Halle*"), mhux neċessarjament japplikaw għal proġetti ta' infrastruttura, bħall-Konnessjoni Fissa. Għall-kuntrarju tal-ajruporti, l-iżvilupp u l-operazzjoni ta' pontijiet transfruntiera, li jeħtieġu l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, ma jistgħux jiġu implimentati minn investituri ordinarji. Il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' pontijiet ma għaddewx minn liberalizzazzjoni simili għas-settur tal-ajruporti. Huma jsostnu li l-Konnessjoni Fissa tista' tiġi distinta mis-sitwazzjoni fis-Sentenzi *Leipzig Halle* peress li l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa qatt ma kienet maħsuba biex tespandi l-attivitajiet kummerċjali tal-Konsorzju; il-Konsorzju ġie stabbilit bl-għan uniku li jwettaq għanijiet ta' ordni pubbliku, u mhux li jwettaq attivitajiet ekonomiċi.

(238) Barra minn hekk, l-Istati jsostnu li l-attivitajiet tal-Konsorzju huma esklużivament relatati mal-kostruzzjoni u mal-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, jiġifieri, dmirijiet pubbliċi, li huma konsegwenza diretta ta' miżuri ta' ppjanar pubbliku. Il-kundizzjonijiet bażiċi għall-operazzjonijiet ekonomiċi tal-Konsorzju huma ddeterminati minn qabel, u huma r-riżultat tal-eżerċizzju tas-setgħa pubblika mill-Istati. Il-Konsorzju jwettaq id-dmirijiet pubbliċi tiegħu f'ċirkwit ekonomiku delimitat; għalhekk, ma hemm l-ebda riskju li l-attivitajiet ta' finanzjament tiegħu abbażi tal-mudell ta' garanzija mill-Istat jistgħu jintużaw biex jissussidjaw attivitajiet oħra, mhux relatati mal-kompiti pubbliċi tiegħu. F'dan is-sens, l-attivitajiet u l-mezzi ta' finanzjament tal-Konsorzju huma komparabbli ma' dawk ta' awtoritajiet pubbliċi (oħrajn) li jitolbu tariffa bbażata fuq il-kost għall-forniment ta' oġġetti jew servizzi pubbliċi speċifiċi lill-utenti tagħhom, bħall-produzzjoni ta' ċerti dokumenti uffiċjali, pereżempju, passaporti u liċenzji tas-sewqan, u kontrolli tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali tal-aġenziji veterinarji. Meta l-entitajiet tal-Istat jingħataw is-setgħa esklużiva li jwettqu tali dmirijiet pubbliċi f'ċirkwit ekonomiku magħluq, l-attivitajiet tagħhom iridu jitqiesu bħala eżerċizzju ta' setgħa pubblika. L-Istati jfakkru li, f'dan ir-rigward, il-Konsorzju huwa 100 % proprjetà pubblika, u l-ebda operatur privat ma seta' jibbenefika mill-mudell ta' garanzija mill-Istat.

(239) Barra minn hekk, l-Istati sostnew li l-Konsorzju ma jistax jitqies bħala li jikkompeti mas-servizzi a' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma tal-Ilmentatur. Filwaqt li l-politika tal-ipprezzar tal-Konsorzju tista' taffettwa n-negozju tal-Ilmentatur, dan ma huwiex il-konsegwenza ta' relazzjoni kompetittiva bejn żewġ atturi komparabbli li joffru servizzi sostitwibbli fl-istess suq. Minflok, filwaqt li l-Ilmentatur joffri servizz kummerċjali ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma, il-Konsorzju joffri ġid pubbliku, fil-forma ta' aċċess għal parti partikolari ta' infrastruttura tat-toroq u ferrovjarja. Meta l-Konsorzju jistabbilixxi l-prezz għal dak il-ben pubbliku, huwa jaġixxi fil-qafas tad-deċiżjoni tal-ordni pubbliku dwar il-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, inklużi l-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni. Għalhekk, ir-relazzjoni bejn il-Konsorzju u l-Ilmentatur hija fundamentalment differenti mir-relazzjonijiet kompetittivi ordinarji.

(240) Madankollu, l-Istati pprovdew argumenti ulterjuri dwar il-klassifikazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat u tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament bħala skemi ta' għajnuna meta mqabbla ma' għajnuna individwali, dwar il-klassifikazzjoni tagħhom bħala għajnuna ġdida meta mqabbla ma' dik eżistenti, u dwar l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi.

([124]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt et* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-443/08 u T-455/08, EU:T:2011:117; ikkonfermata fl-appell fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen AG et Flughafen Leipzig-Halle GmbH* vs *Il-Kummissjoni*, C-288/11 P, EU:C:2012:821.

### 5.3. Klassifikazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat bħala skema jew għajnuna individwali

(241) Fil-fehma tal-Istati, il-karatterizzazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat hija kwistjoni essenzjali u l-valutazzjoni trid tqis kif xieraq l-iskop tar-Regolament 2015/1589, u l-konsegwenzi prattiċi ta' din il-karatterizzazzjoni, kemm għall-Konnessjoni Fissa kif ukoll għal każijiet simili oħra.

(242) Fil-fehma tal-Istati, il-formulazzjoni tar-Regolament 2015/1589 tipprevedi li l-mudell ta' garanzija mill-Istat jikkonsisti f'għajnuna *ad hoc*, u mhux fi skemi ta' għajnuna. Bħala tali, l-Istati jqisu li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma huwiex immirat lejn "impriżi li jkunu definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt" u, barra minn hekk, li huwa "[konness] ma' proġett speċifiku". Skont l-Istati, dan huwa appoġġat mill-fatt li l-Konsorzju huwa veikolu bi skop speċjali b'kompiti assoċjati mal-Konnessjoni Fissa, u li l-garanziji tal-Istat ipprovduti lill-Konsorzju huma marbuta b'mod inseparabbli ma' attivitajiet assoċjati mal-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa u ristretti għalihom. Konsegwentement, l-Istati jsostnu li l-mudell ta' garanzija mill-Istat jikkonsisti f'għajnuna individwali.

(243) L-Istati jqisu li l-mudell ta' garanzija mill-Istat f'dan il-każ huwa fundamentalment differenti minn, pereżempju, garanziji indiretti mogħtija lil impriżi pubbliċi fil-forma ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-falliment ([125]).

(244) L-Istati jirreferu, f'dan il-kuntest, għal-letteratura legali li tipprovdi eżempji ta' skemi ta' għajnuna li jaqgħu taħt id-definizzjoni tat-tieni parti tal-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589, inkluża skema li permezz tagħha impriża speċifika tirċievi kumpens annwali għat-telf imġarrab fil-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ([126]) u inċentivi fiskali, ta' ammont jew ta' żmien illimitati, mogħtija lil impriżi speċifiċi. ([127]) Fil-fehma tal-Istati, skemi bħal dawn huma wkoll fundamentalment differenti fl-iskop u fin-natura mill-mudell ta' garanzija mill-Istat mogħti lill-Konsorzju.

(245) Barra minn hekk, skont l-Istati, il-Ftehim Intergovernattiv u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni fl-Iżvezja u fid-Danimarka juru b'mod ċar li l-garanziji *in solidum* mill-Istat ingħataw lill-Konsorzju b'mod indefinit u irrevokabbli fl-1992, bħala prekundizzjoni legali u ekonomika għall-obbligu tal-Konsorzju li jistabbilixxi u jopera l-Konnessjoni Fissa. Bħala tali, iż-żewġ Stati għandhom obbligu legali ċar u inekwivoku fil-konfront ta' xulxin u fil-konfront tal-Konsorzju biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet finanzjarji sussegwenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Intergovernattiv u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni jiġu ggarantiti mill-Istati. L-Istati jargumentaw li l-fatt li dan jeħtieġ amministrazzjoni sussegwenti mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u mill-Bank Nazzjonali Daniż ma jfissirx li l-Istati għandhom għażla li jirrifjutaw li jiggarantixxu tali tranżazzjonijiet.

(246) Għalhekk, jenħtieġ li l-mudell ta' garanzija mill-Istat, fl-opinjoni tal-Istati, jiġi kkaratterizzat bħala li jikkonsisti f'żewġ għajnuniet individwali *ad hoc*, mogħtija meta l-Konsorzju ġie stabbilit fit-13 ta' Frar 1992. Minn dak il-jum, l-Istati kienu legalment obbligati jiggarantixxu l-finanzjament kollu meħtieġ mill-Konsorzju biex jistabbilixxi l-Konnessjoni Fissa u jpoġġuha fis-servizz. L-Istati jikkunsidraw din il-konklużjoni appoġġata kemm mill-arranġamenti legali kif ukoll mir-raġunament ekonomiku tal-mudell ta' garanzija mill-Istat.

(247) Fir-rigward tal-arranġamenti legali, l-Istati jargumentaw li, filwaqt li l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż huma responsabbli għall-amministrazzjoni prattika tal-ftehimiet ta' garanzija, fir-rigward ta' self speċifiku u arranġamenti ta' finanzjament, huma ma għandhom l-ebda kompetenza li jirrifjutaw li jċaħħdu lill-Konsorzju mill-garanzija biex jiġi ffinanzjat l-proġett. Barra minn hekk, filwaqt li l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż, minn żmien għal żmien, joħorġu, joħorġu mill-ġdid jew jikkonfermaw il-garanziji oriġinali fil-konfront ta' sellief speċifiku, dan ma jbiddilx l-obbligu legali tal-Istati, fil-konfront tal-Konsorzju, li jiggarantixxu l-impenji finanzjarji tal-Konsorzju rigward il-proġett.

([125]) F'dan il-kuntest, huma jirreferu għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2014, *Ir-Repubblika Franċiża* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, C-559/12, EU:C:2014:217.
([126]) Mederer, W., Pesaresi, N. and Van Hoof, N., EU Competition law: Volume IV, State aid, Book 1, Claeys & Casteels, 2008, p. 566.
([127]) Heidenhain, M., ed., European State Aid Law: A Handbook, Beck/Hart, 2010, pp 587-588; u Sinnaeve, A. and Slot, P. J., "The new regulation on State aid procedures", Common Market Law Review 36, Issue 6, 1999, pp. 1153-1194, p. 1161.

(248) L-Istati jinnotaw li l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Intergovernattiv, is-sustanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implementazzjoni, u l-Ftehim ta' Konsorzju ma ġewx emendati mill-adozzjoni tagħhom. Peress li l-bażi legali li minnha l-Konsorzju jislet id-dritt għall-finanzjament tiegħu jkun garantit mill-Istat tibqa' l-istess, l-Istati jqisu li l-garanziji tal-Istat ingħataw b'mod definittiv u irrevokabbli lill-Konsorzju fiż-żmien meta kiseb dritt legali li jikseb finanzjament garantit mill-Istat, jiġifieri mill-jum li fih twaqqaf.

(249) L-Istati pprovdew aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu Żvediż *in solidum* ta' garanzija mill-Istat fil-kuntest tal-pretensjoni tal-Ilmentatur li l-garanziji Żvediżi nbidlu minn garanziji sekondarji għal garanziji personali (il-premessa (175)). L-Istati sostnew li l-obbligu oriġinali ta' garanzija *in solidum* mill-Istat qatt ma nbidel. L-obbligu ta' garanzija mill-Istat lejn il-Konsorzju ġie stabbilit mid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, b'segwitu għall-Ftehim Intergovernattiv. Id-Deċiżjoni tal-Parlament Żvediż ġiet implimentata aktar tard bid-deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u d-deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3), li permezz tagħha l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn ġie kkummissjonat joħroġ garanziji. L-ebda waħda minn dawn id-deċiżjonijiet ma tirregola fid-dettall kif kellhom jiġu ddeterminati t-termini tal-ftehimiet ta' garanzija individwali. Minflok, dan kellu jiġi deċiż u implimentat mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn. Ma kien hemm l-ebda deċiżjoni sussegwenti mill-Parlament Żvediż f'dan il-kuntest, u lanqas deċiżjoni mill-Gvern Żvediż, li kienet temenda l-obbligu ta' garanzija mill-Istat stabbilit mid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż. L-atti individwali ta' garanzija jservu biex jissodisfaw id-dritt diġà mogħti lill-Konsorzju. L-atti ta' garanzija għandhom tabilħaqq jiġu interpretati bħala garanziji personali. Madankollu, dan ma jikkostitwix bidla fl-obbligu Żvediż tal-garanzija lill-Konsorzju u ma jmurx lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-Konsorzju fil-Ftehim Intergovernattiv jew fid-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż. Barra minn hekk, l-Istati jinnotaw li l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn ma għandux is-setgħa legali jew il-mandat li jemenda jew jestendi l-obbligu oriġinali ta' garanzija *in solidum* tal-Istat — jew li joħroġ garanzija ġdida — mingħajr deċiżjoni ġdida tal-Gvern. Il-varjazzjonijiet fil-kliem użat fid-dokumenti ta' garanzija maħruġa mill-ġdid fir-rigward tas-self individwali għandhom jiġu interpretati bħala implimentazzjonijiet differenti tal-obbligu oriġinali ta' garanzija *in solidum* mill-Istat u mhux bħala garanziji individwali ġodda.

(250) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-obbligu Daniż ta' garanzija *in solidum* mill-Istat, l-Istati spjegaw li l-obbligu ta' garanzija mill-Istat kif previst mill-Att dwar il-Kostruzzjoni ma nbidilx minn meta daħal fis-seħħ. Il-kundizzjonijiet ta' mobilizzazzjoni ma humiex espressament previsti f'din il-leġiżlazzjoni, u għalhekk, b'mod awtomatiku, dan l-obbligu ta' garanzija se jitqies bħala "simpel kaution". Il-liġi Daniża dwar il-garanziji tiddistingwi bejn "simpel kaution" u "selvskyldnerkaution". "Simpel kaution" tfisser li l-parti li titlob il-garanzija trid turi lill-garanti li l-prinċipal (id-debitur) ma jistax iħallas l-obbligi tiegħu. Normalment dan jeħtieġ jew (i) li jkun ġie stabbilit matul eżekuzzjoni (jiġifieri, it-tentattiv ta' dik il-parti li teżegwixxi l-pretensjoni tagħha kontra l-assi tal-prinċipal) li l-prinċipal ma jkunx jista' jħallas l-obbligi tiegħu meta jsiru dovuti; jew (ii) li l-prinċipal ikun ittieħed taħt falliment jew proċedimenti simili ta' insolvenza. "Selvskyldnerkaution" tfisser li l-parti li titlob il-garanzija tista' titlob lill-garanti jħallas jekk il-prinċipal ikun naqas milli jħallas fil-ħin. Skont il-ġurisprudenza Daniża dwar il-garanziji, garanzija normalment tiġi interpretata bħala "simpel kaution" sakemm ma jkunx hemm bażi ċara għall-interpretazzjoni tagħha bħala "selvskyldnerkaution". Għalhekk, sakemm il-garanzija ma tkunx deskritta b'mod ċar bħala "selvskyldnerkaution", il-parti li titlob il-garanzija jkollha turi lill-garanti li l-prinċipal ma jistax iħallas l-obbligi tiegħu meta jsiru dovuti.

(251) Fil-prattika, il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni huma speċifikati aktar fil-ftehimiet ta' garanzija maħruġa skont id-diversi tranżazzjonijiet finanzjarji. Mill-kliem ta' dawn il-ftehimiet ta' garanzija jirriżulta li dawn huma mingħajr kundizzjonijiet u, għalhekk, l-investituri ma humiex obbligati li jfittxu li jeżegwixxu pretensjoni kontra l-Konsorzju, iżda jistgħu jindirizzaw lill-garanti direttament f'każ ta' inadempjenza. Il-kredituri ma humiex obbligati jattivaw xi passi ta' insolvenza. Min-naħa l-oħra, hemm dispożizzjoni speċifika fil-programm EMTN, fis-self tal-BEI, u fil-Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA li jirregolaw sitwazzjoni potenzjali ta' insolvenza. Skont din id-dispożizzjoni, il-kredituri kollha jimpenjaw ruħhom li ma jaċċelleraw l-ebda preparament jew proċedura ta' insolvenza jew li jattivaw jew jipparteċipaw fil-preżentazzjoni ta' falliment, ta' rikostruzzjoni, ta' amministrazzjoni, ta' xoljiment, eċċ., sakemm il-garanziji jkopru l-obbligi tal-Konsorzju.

(252) L-Istati rreferew ukoll għad-deċiżjoni finali dwar Fehmarn Belt u, b'mod partikolari, indikaw l-osservazzjoni li, fil-premessa 253 ta' dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Att li jirregola l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa tal-Fehmarn Belt jinkludi impenn ċar mill-Istat li jiffinanzja il-kostijiet tal-kostruzzjoni permezz ta' self mill-Istat u/jew garanziji tal-Istat, li skontu l-Ministru tal-Finanzi għandu l-awtorizzazzjoni li jiddeċiedi dwar it-taħlita ta' self mill-Istat kontra garanziji tal-Istat biss. Huma indikaw ukoll il-premessa 256 tad-deċiżjoni finali dwar Fehmarn Belt, li tiddikjara li l-Ministru tal-Finanzi għandu diskrezzjoni limitata biss fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' self mill-Istat u garanziji mill-Istat. Fil-każ ta' Øresund, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn huma responsabbli għall-amministrazzjoni prattika tal-garanziji fir-rigward ta' self speċifiku u arranġamenti ta' finanzjament, mingħajr ebda kompetenza li jirrifjutaw li jagħtu lill-Konsorzju l-garanziji meħtieġa biex jiffinanzja l-proġett. Għalhekk, l-Istati jissottomettu, fil-kawża Øresund, is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati hija saħansitra iktar limitata minn dik fil-kawża Fehmarn Belt.

(253) Barra minn hekk, l-Istati jinnotaw li l-Kummissjoni enfasizzat li l-għajnuna mogħtija lil Femern A/S — il-veikolu bi skop speċjali responsabbli għall-kostruzzjoni u għall-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa tal-Fehmarn Belt — hija esklużivament relatata mal-finanzjament tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni ta' dik il-Konnessjoni Fissa, bl-esklużjoni ta' proġetti u attivitajiet oħra. L-Istati jsostnu li l-istess japplika għall-kawża Øresund. Il-konsorzju huwa "veikolu bi skop speċjali" li ma jridx iwettaq attivitajiet ħlief dawk assoċjati mal-Konnessjoni Fissa. Valutazzjoni globali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-garanziji li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Konsorzju ma jistax iwettaq attivitajiet oħra tista', fil-fehma tagħhom, twassal biss għall-konklużjoni li l-garanziji huma marbuta ma' proġett speċifiku.

(254) L-Istati jikkonkludu li għall-istess raġunijiet bħal fil-kawża Fehmarn Belt, huwa ċar li l-Konsorzju ma jingħatax għajnuna ġdida kull darba li ssir tranżazzjoni ġdida, li hija garantita. Id-deċiżjoni finali tal-Fehmarn Belt, għalhekk, tikkonferma l-fehma tal-Istati li l-garanziji mill-Istat jenħtieġ li jiġu kkaratterizzati bħala żewġ għajnuniet *ad hoc* individwali mogħtija meta l-Konsorzju ġie stabbilit fl-1992.

(255) Ir-raġunament ekonomiku tal-mudell ta' garanzija mill-Istat huwa li jimminimizza l-kostijiet ta' finanzjament totali tal-proġett. Dak l-għan jiġi mminat jekk kull Stat ikollu setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-ħruġ ta' ftehim ta' garanzija speċifiku fil-konfront tal-Konsorzju. Il-mudell ma jaħdimx bħala mekkaniżmu ta' finanzjament jekk il-Konsorzju jkollu bżonn "japplika" mal-Istati għal garanzija mill-Istat kull darba li l-Konsorzju kellu jieħu self ġdid. Barra minn hekk, ma jagħmilx sens fir-rigward tal-ekonomija tas-suq li wieħed jassumi, minn naħa, li l-Konsorzju għandu l-karatteristiċi ta' "impriża", f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra tas-suq, u, min-naħa l-oħra, li wieħed jassumi li din l-impriża kienet taċċetta r-responsabbiltà għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, mingħajr ma tkun kisbet, l-ewwel nett, dritt legali ċar li tiffinanzja l-kostijiet tal-kostruzzjoni tagħha b'garanziji tal-Istat, mill-bidu nett. Barra minn hekk, l-Istati jsostnu li l-fatt li l-għoti seħħ fl-1992 huwa kkonfermat ukoll mir-realtà ekonomika, b'mod partikolari mis-swieq finanzjarji. Fis-sommarju tal-analiżi tal-kreditu ta' Standard & Poor's tal-Konsorzju tat-18 ta' Novembru 2016, huwa indikat li "dawn il-garanziji, skont il-kliem tagħhom, ikopru b'mod irrevokabbli u inkundizzjonat id-dejn kollu u l-pagament tal-imgħax ta' Øresundsbron". Għal dik ir-raġuni, Standard & Poor's torbot il-klassifikazzjoni fuq id-dejn tal-Konsorzju mal-klassifikazzjoni fit-tul għall-Iżvezja u d-Danimarka — jiġifieri, AAA.

(256) Fl-aħħar nett, l-Istati jargumentaw li l-prinċipji ġenerali fid-dritt u fil-ġurisprudenza tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat isostnu l-konklużjoni li l-għajnuna derivata mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħatat meta ġie stabbilit il-Konsorzju. Fil-fehma tagħhom, l-impenji biex jiġi ggarantit is-self tal-Konsorzju għall-Konnessjoni Fissa kienu sodi, preċiżi u mingħajr kundizzjonijiet meta ġie stabbilit il-Konsorzju. Għalhekk, l-għajnuna dderivata mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħatat fl-1992, meta l-Konsorzju kiseb dritt legali mingħajr kundizzjonijiet u irrevokabbli li jagħmel użu mill-mudell ta' garanzija mill-Istat biex jiffinanzja l-impenji tiegħu relatati mal-proġett speċifiku, anki jekk dawk l-arranġamenti finanzjarji futuri kienu għadhom ma ġewx konklużi (jiġifieri anki jekk il-garanziji kienu għadhom ma "tħallsux").

### 5.4. **Klassifikazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat bħala għajnuna ġdida jew għajnuna eżistenti**

(257) L-Istati jirreferu għall-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589, li jiddikjara li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin (għall-irkupru) għandu jibda fil-jum li fih l-għajnuna kontra l-liġi tkun ingħatat lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali.

(258) L-Istati jqisu li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin skada fit-13 ta' Frar 2002, jiġifieri 10 snin wara l-istabbiliment tal-Konsorzju fit-13 ta' Frar 1992. L-għajnuna kollha relatata mal-mudell ta' garanzija mill-Istat hija, għalhekk, għajnuna eżistenti u ma tistax tiġi rkuprata.

(259) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Żvediżi jsostnu li kwalunkwe għajnuna possibbli ngħatat b'mod definittiv qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, u qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE ([128]), fl-1 ta' Jannar 1994. Għaldaqstant, il-garanzija tal-Istat *in solidum* ipprovduta mill-Iżvezja hija għajnuna eżistenti, skont l-Artikolu 1(b), il-punt (i) tar-Regolament 2015/1589 u l-Artikolu 144 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja.

(260) Fil-fehma tal-Istati, id-distinzjonijiet fundamentali bejn "għajnuna ġdida" u "għajnuna eżistenti", u bejn "skemi ta' għajnuna" u "għajnuna *ad hoc*", għandhom l-għan li jsibu bilanċ bejn żewġ kunsiderazzjonijiet fundamentali: (i) l-infurzar effettiv tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat; u (ii) iċ-ċertezza legali għall-Istati Membri, il-benefiċjarju tal-għajnuna u s-sħab kuntrattwali tiegħu, li aġġustaw is-sitwazzjoni tagħhom abbażi tal-għajnuna.

(261) Minn din il-perspettiva, l-Istati jżidu li kienet suppożizzjoni legali u ekonomika fundamentali għat-tnedija tal-proġett, u għan-nefqa assoċjata mal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa, li l-Konsorzju ngħata l-garanziji mill-Istat miż-żewġ Stati parteċipanti, u li dawk il-garanziji tal-Istat jibqgħu validi sakemm id-dejn tal-Konsorzju jiġi rrimborsat kompletament.

(262) Barra minn hekk, l-Istati jinnotaw li kwalunkwe parti interessata jew kompetitur potenzjali setgħet tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni jew invokat l-Artikolu 108(3) tat-TFUE direttament quddiem il-qrati nazzjonali sa mill-istabbiliment tal-Konsorzju, u fil-limiti ta' żmien rispettivi skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali. Wara l-iskadenza ta' dawk il-limiti ta' żmien, il-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tordna l-irkupru, jew li timponi miżuri xierqa għall-futur. Huma jargumentaw li dan iwassal għal inċertezza legali inaċċettabbli għall-Konsorzju u għall-Istati jekk il-Kummissjoni jkollha din il-kompetenza diversi għexieren ta' snin wara t-tnedija tal-proġett u wara li jkun iġġarrab id-dejn.

(263) L-Istati jżidu li l-prattika ta' rifinanzjament tas-self fuq bażi kontinwa żgurat kostijiet tat-teħid b'self globali minimi, u li s-self garantit mill-Istat li, bħala konsegwenza, jittieħed fuq bażi kontinwa jenħtieġ li ma jwassalx biex il-Konsorzju jiġi ttrattat b'mod differenti milli kieku, minflok, fl-1992, għażel li jġarrab dejn bħala self garantit mill-Istat fit-tul li ma jkunx jeħtieġ li jiġi ffinanzjat mill-ġdid.

(264) Abbażi tal-argumenti ta' hawn fuq, l-Istati jsostnu li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħatat b'mod definittiv u irrevokabbli lill-Konsorzju fit-13 ta' Frar 1992.

(265) Madankollu, u meta titqies il-fehma tal-Istati li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat hija għajnuna eżistenti u għalhekk, ma tistax tiġi rkuprata, l-Istati impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-Konsorzju jiffinanzja dejn ġdid, u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti, skont it-termini tas-suq. Għalhekk, l-għajnuna eżistenti lill-Konsorzju li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat se titneħħa gradwalment hekk kif jiskadu l-istrumenti ta' dejn pendenti tal-Konsorzju. L-Istati pprovdew lill-Kummissjoni b'ħarsa ġenerali lejn it-tranżizzjoni lejn it-termini tas-suq tad-dejn li jifdal, u l-profil ta' ripagament mistenni. Dak id-dejn se jiġi ffinanzjat mill-ġdid skont it-termini tas-suq hekk kif jimmatura u tinqala' l-ħtieġa għal rifinanzjament. Għalhekk, il-finanzjament futur skont it-termini tas-suq se jiġi implimentat gradwalment meta jseħħu ħtiġijiet futuri ta' rifinanzjament. L-Istati kkonfermaw, f'dan il-kuntest, li l-Konsorzju ma kiseb l-ebda finanzjament jew rifinanzjament ġdid garantit mill-Istat mis-Sentenza *Øresund* (il-premessa (116)). Għalhekk, fil-prattika, it-tneħħija gradwali diġà bdiet.

([128]) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

## 5.5. Kummenti dwar ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament

(266) Fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, id-Danimarka targumenta li, jekk jeħtieġ li jitqiesu li jaqgħu taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-miżuri jkollhom jitqiesu prinċipalment bħala "għajnuna eżistenti".

(267) Id-Danimarka targumenta (filwaqt li tirreferi wkoll għall-argumenti li kienu ġew sottomessi fil-kuntest ta' SA.38371 (2014/CP)) li l-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbilixxa, mill-bidu nett, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fejn il-kostijiet tal-kostruzzjoni tal-infrastruttura kienu jinvolvu ħtieġa evidenti għall-ippjanar fit-tul tal-finanzjament ta' A/S Øresund, li A/S Øresund tkun soġġetta għal regoli aktar favorevoli dwar ir-riport tat-telf milli skont l-Att ġenerali Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa (it-Taqsima 15). Għalhekk, fin-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, il-leġiżlatur iddikjara b'mod espliċitu li r-raġuni għall-għoti ta' perjodu ta' preskrizzjoni estiż għar-riport tat-telf fl-1991 kienet li A/S Øresund ma tkunx tista' tibbenefika mir-regoli ġeneralment applikabbli dwar ir-riport tat-telf (b'limitazzjoni ta' 5 snin), minħabba nefqa sinifikanti, flimkien ma' nuqqas ta' profitti matul il-perjodu tal-kostruzzjoni. Id-Danimarka tinnota li t-telf imġarrab qabel id-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa kien, bażikament, dovut għall-imgħax fuq is-self li kien meħtieġ għall-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Il-kostijiet ta' finanzjament (imgħax) ma humiex parti mill-kostijiet tal-akkwiżizzjoni li jistgħu jiġu kapitalizzati bħala assi fil-karta tal-bilanċ tal-Konsorzju, li fuq il-bażi tagħhom jista' jiġi applikat id-deprezzament. Madankollu, il-kostijiet tal-imgħax huma deduċibbli bħala spiża skont ir-regola ġenerali dwar it-tnaqqis tal-imgħax fl-Att ġenerali Daniż dwar it-Tassazzjoni fuq l-Introtju u l-Proprjetà ([129]) u, għalhekk, it-telf iġġenerat fil-fażi inizjali tal-proġett.

(268) Fir-rigward tar-regola speċjali Daniża dwar id-deprezzament, id-Danimarka targumenta li, skont it-Taqsima 12 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, A/S Øresund kienet koperta minn bażi legali separata rigward id-deprezzament tal-kostijiet inizjali tal-akkwiżizzjoni tal-proġett. Id-Danimarka nnotat li r-regoli normali ta' deprezzament (jiġifieri, ir-regoli applikabbli b'mod ġenerali) instabu fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. Id-Danimarka rreferiet, f'dan il-kuntest, għan-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, li jiddikjaraw li dawk id-dispożizzjonijiet jikkorrispondu għal dispożizzjonijiet simili applikabbli fir-rigward ta' "bini u installazzjonijiet oħra" skont l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa li kien fis-seħħ dak iż-żmien, jiġifieri, it-Taqsima 22 tal-Att konsolidat Nru 597 tas-16 ta' Awwissu 1991. Id-Danimarka spjegat li r-regola speċjali Daniża dwar id-deprezzament kellha titqies bħala regola prattika li tippermetti reġim uniformi għall-assi kollha, li oriġinarjament, jekk xejn, kien ta' detriment għall-Konsorzju, peress li l-inqas rata favorevoli ta' deprezzament ġiet applikata għall-assi kollha (oġġetti oħra, bħall-makkinarju, normalment setgħu jiġu deprezzati b'rata aktar mgħaġġla minn 6 %/2 %, iżda għal A/S Øresund, is-6 %/2 % applikati bħala massimu).

(269) Fl-opinjoni tal-awtoritajiet Daniżi, ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf ma jistgħux jitqiesu bħala vantaġġi li jridu jiġu eżaminati separatament mill-mudell ta' garanzija mill-Istat. Ir-regoli li japplikaw għal A/S Øresund isegwu l-istess għan bħall-mudell ta' garanzija mill-Istat, jiġifieri, li jiżguraw il-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, bl-inqas kost. Barra minn hekk, l-ammonti li jinsabu f'dawk il-benefiċċji fuq it-taxxa huma marbuta b'mod inseparabbli mal-mudell ta' garanzija mill-Istat, u l-effett nett ikkombinat jinnewtralizza kwalunkwe benefiċċju fuq it-taxxa li A/S Øresund setgħet irċeviet. B'mod partikolari, l-ammont totali ta' għajnuna (ekwivalenti ta' għotja gross) mogħti permezz tal-mudell ta' garanzija mill-Istat jitnaqqas sal-punt li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf jinvolvu obbligazzjoni ta' taxxa aktar baxxa u, għalhekk, piż ta' dejn aktar baxx għall-Konsorzju. Min-naħa l-oħra, li kieku A/S Øresund ma kinitx soġġetta għar-regoli speċjali, il-Konsorzju kien ikollu piż ta' dejn ogħla, u għalhekk kien ikollu jingħata ammont ogħla ta' għajnuna permezz tal-mudell ta' garanzija mill-Istat. Fi kliem ieħor, ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf li japplikaw għal A/S Øresund kellhom, bħala l-għan bażiku tagħhom, it-titjib tar-robustezza finanzjarja tal-proġett, u b'hekk naqqsu r-riskju assoċjat mal-għoti ta' self lill-Konsorzju.

(270) Barra minn hekk, id-Danimarka ssostni li, jekk kwalunkwe waħda mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf jenħtieġ li tkun soġġetta għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-perjodu rilevanti biex jitqiesu l-vantaġġi potenzjali bħala riżultat tar-regoli dwar ir-riport tat-telf huwa limitat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015, jiġifieri 3 snin. Għall-perjodu li jibda mis-sena tat-taxxa 2002 u sas-sena tat-taxxa 2012 inkluża, ma kien jeżisti l-ebda vantaġġ peress li l-entitajiet legali kollha soġġetti għat-taxxa korporattiva Daniża setgħu jirriportaw it-telf tagħhom mingħajr ebda limitazzjoni fis-snin tat-taxxa futuri. Ir-regola speċjali dwar ir-riport tat-telf kif kienet

([129]) "Statsskatteloven", Taqsima 6(1)(e).

fis-seħħ qabel dak il-perjodu, jenħtieġ li titqies bħala għajnuna eżistenti mogħtija bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Kostruzzjoni. Id-Danimarka tinnota f'dan il-kuntest li l-LCF 1991–2001 ivarja b'mod sinifikanti mis-sitwazzjoni applikabbli fis-Sentenza *France Télécom*. L-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbilixxa, mill-bidu nett, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' A/S Øresund, li A/S Øresund tkun soġġetta għal regoli aktar favorevoli dwar ir-riport tat-telf fid-dawl tal-ippjanar fit-tul tal-finanzjament ta' investiment fl-infrastruttura. Jenħtieġ li l-vantaġġ potenzjali jitqies bħala mogħti, l-aktar tard, meta jkun seħħ it-telf, u l-fatt li t-telf jintuża f'data aktar tard huwa irrilevanti għall-fini li jiġi ddeterminat meta ngħata l-vantaġġ, u, għalhekk, għall-valutazzjoni ta' jekk l-għajnuna hijiex issa għajnuna eżistenti. Għalhekk, tali vantaġġ ma kienx iddeterminat, u dipendenti, fuq regolamentazzjoni annwali tal-kontribuzzjoni tat-taxxa bħal fi France Télécom, u seta' jitneħħa biss billi tiġi emendata l-leġiżlazzjoni.

(271) Id-Danimarka pprovdiet ukoll aktar dettalji dwar id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa annwali ta' A/S Øresund, b'mod partikolari dwar it-telf riportat u utilizzat mill-1992, u dwar l-ammonti deprezzati annwali. Id-Danimarka kkonfermat li ġie utilizzat telf li seħħ aktar minn 5 snin qabel (u, għalhekk, skont ir-regoli normali kien jiskadi). Barra minn hekk, għall-perjodu 2013–2015, 100 % tal-profitti ġew ikkumpensati b'telf riportat, li ma kienx ikun possibbli skont ir-regoli ta' tassazzjoni normali, minħabba l-limitu li kien japplika. Id-Danimarka, barra minn hekk, ikkonfermat li l-ewwel deprezzament fir-rigward tal-assi tal-Konnessjoni Fissa seħħ fir-rigward tas-sena tat-taxxa 2004, b'rata ta' 6 %; dak iż-żmien, ir-rata ta' deprezzament skont ir-regoli normali tat-tassazzjoni kienet ta' 5 %. A/S Øresund għamlu użu wkoll mill-possibbiltà li jiddeprezza għal 6 % fil-perjodu li jibda mis-sena tat-taxxa 2008 tagħha, meta r-rata ta' deprezzament skont ir-regoli normali tat-tassazzjoni kienet ta' 4 %. Barra minn hekk, id-Danimarka kkonfermat li l-ammont totali ta' deprezzament akkumulat baqa' taħt is-60 %, sa u inkluża s-sena tat-taxxa 2015, li warajha tħassru r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament.

## 5.6. **Kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna**

(272) L-Istati ma qisux li huwa xieraq jew neċessarju li jikkummentaw fid-dettall dwar id-dubji mqajma fid-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar il-kompatibbiltà ta' kwalunkwe għajnuna possibbli lill-Konsorzju, fid-dawl tal-pożizzjoni tagħhom rigward il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat u l-kwalifika bħala għajnuna eżistenti, kif deskritt fit-Taqsimiet 5.2 sa 5.5.

## 5.7. **Aspettattivi leġittimi**

(273) Fil-fehma tal-Istati, il-Qorti Ġenerali, fis-Sentenza *Øresund*, ma ħaditx pożizzjoni dwar l-aspettattivi leġittimi għall-perjodu wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*. Għalhekk, huma ma jaqblux mal-partijiet ikkonċernati, li lkoll argumentaw li s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali jenħtieġ li tiġi interpretata b'mod li l-aspettattivi leġittimi huma esklużi għall-Konsorzju u għall-Istati wara t-12 ta' Diċembru 2000.

(274) L-Istati jitolbu li, jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat twassal sabiex issir rilevanti sabiex jiġi ddeterminat il-mument preċiż li minnu l-Istati u l-Konsorzju ma setgħux jibqgħu jinvokaw aspettattivi leġittimi, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-proġett.

(275) B'mod partikolari, huma jqisu, l-ewwel nett, li għandu jiġi rrikonoxxut li l-Konsorzju u l-Istati kellhom aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-miżuri preċedenti għas-Sentenza *Aéroports de Paris*, u, għalhekk, matul il-fażi kollha tal-kostruzzjoni li matulha ġie sostnut id-dejn tal-Konsorzju. Wara dan, l-Istati u l-Konsorzju ftit kellhom lok biex jemendaw il-mudell ta' finanzjament. L-Istati jsostnu li, f'tali sitwazzjoni, sabiex ikunu effettivi, l-aspettattivi leġittimi miksuba qabel din is-Sentenza għandhom ikomplu jipproduċu l-effetti tagħhom lil hinn mid-data tas-Sentenza. Bħala tali, anki jekk l-Istati u l-Konsorzju ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq aspettattivi leġittimi wara Diċembru 2000, l-aspettattivi tal-Konsorzju dwar kif ikun jista' jiffinanzja u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn tal-kostruzzjoni tiegħu ġew iffurmati qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*. Jekk dik is-Sentenza tneħħi l-possibbiltà tal-Konsorzju li jiffinanzja lilu nnifsu (mill-ġdid) b'garanziji tal-Istat, hija effettivament thedded l-operazzjoni kontinwa tal-Konsorzju, u, fil-prattika, tneħħi b'mod retroattiv l-aspettattivi leġittimi tal-Istati u tal-Konsorzju qabel Diċembru 2000.

(276) It-tieni nett, għal aktar minn 20 sena wara l-Ftehim tal-Konsorzju fl-1992, u għal aktar minn 12-il sena wara d-dħul fis-servizz tal-Konnessjoni Fissa, l-ebda waħda mill-partijiet interessati (inkluż l-Ilmentatur) ma lmentat dwar il-garanziji tal-Istat disponibbli għall-Konsorzju, jew dwar ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament.

(277) It-tielet nett, is-Sentenza *Aéroports de Paris* ma tat l-ebda raġuni lill-Konsorzju jew lill-Istati biex jemmnu li l-Konnessjoni Fissa kienet koperta mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Is-Sentenza kienet speċifika ħafna u, dak iż-żmien, kienet ittrattata bħala każ tas-settur tal-ajruporti, marbuta mal-liberalizzazzjoni ta' dak is-settur. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (276), la l-Kummissjoni u lanqas xi parti terza ma taw lill-Konsorzju jew lill-Istati raġuni biex jiddubitaw il-legalità tal-finanzjament tal-Konsorzju għal aktar minn 12-il sena wara l-bidu tal-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

(278) Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn it-tliet argumenti, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-Istati jsostnu, l-ewwel nett, li l-miżuri ta' għajnuna li jibbenefikaw lill-Konsorzju wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*, u sakemm id-dejn tal-kostruzzjoni jkun tħallas lura kompletament, jenħtieġ ukoll li jkunu koperti minn aspettattivi leġittimi. Inkella, l-aspettattivi leġittimi tal-Konsorzju u tal-Istati qabel Diċembru 2000 ma jkunux jagħmlu sens.

(279) It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, l-Istati jqisu li l-aspettattivi leġittimi komplew sakemm il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-2014 fid-19 ta' Settembru 2018, peress li la l-Konsorzju u lanqas l-Istati ma rrealizzaw li l-eżami tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2014 kien insuffiċjenti, qabel dik id-data.

(280) It-tielet nett, u fi kwalunkwe każ, l-Istati jqisu li l-Konsorzju u l-Istati kellhom aspettattivi leġittimi sakemm il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tagħha tal-2014, li sussegwentement ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li l-ittri tal-1995 ipproduċew l-istess effetti legali bħal deċiżjoni ta' ebda għajnuna. Peress li din l-ittra ma ġietx ikkontestata, u lanqas ma kien hemm dubju dwarha mill-Kummissjoni qabel id-Deċiżjoni tal-2014, l-Istati kellhom aspettattivi leġittimi.

(281) Ir-raba' nett, u fi kwalunkwe każ, l-Istati huma tal-fehma li l-Konsorzju u l-Istati kellhom aspettattivi leġittimi tal-inqas sakemm irċevew l-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2013, li magħha ntbagħat l-ilment.

### 5.8. **Miżuri li jħarsu 'l quddiem**

(282) L-Istati jqisu li l-ebda waħda mill-miżuri li jħarsu 'l quddiem jew rimedji strutturali proposti mill-Ilmentatur ma għandha xi bażi legali fil-liġi tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, u għalhekk, jenħtieġ li tiġi injorata. Huma jinnotaw, f'dan il-kuntest, li l-Artikolu 345 tat-TFUE jipprevedi li t-TFUE ma għandu bl-ebda mod jippreġudika r-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà. Skont il-ġurisprudenza ([130]), l-Istati Membri huma liberi li jiddeterminaw, fis-sistemi interni tagħhom, is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà, inkluż jekk iridux jistabbilixxu kumpaniji tal-Istat.

(283) Fil-kuntest tal-pretensjoni tal-Ilmentatur li l-Konsorzju jkompli jgawdi vantaġġ sinifikanti, anki wara li l-Istati ma jibqgħux joħorġu garanziji speċifiċi mill-Istat minħabba l-eżenzjoni mill-falliment (il-premessa (222)), l-Istati sostnew li xejn ma jipprevjeni, bħala kwistjoni ta' prinċipju, lill-Konsorzju milli jkun soġġett għal proċeduri ordinarji ta' falliment skont il-liġi Daniża jew Żvediża. Dan jintwera b'mod ċar mill-osservazzjoni li hemm referenza speċifika għal sitwazzjoni potenzjali ta' insolvenza fil-programm EMTN, is-self tal-BEI u fil-Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA (il-premessa (251)).

([130]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Marzu 1985, *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni*, C-41/83, EU:C:1985:120, il-punt 22 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 1974, *Sacchi*, C-155/73, EU:C:1974:40, il-punt 14.

## 6. **Valutazzjoni tal-miżuri**

### 6.1. Valutazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(284) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistabbilixxi li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(285) Fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat teħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-benefiċjarju tal-miżura huwa impriża; (ii) il-miżura hija imputabbli lill-Istat u hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat; (iii) il-miżura tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji tagħha; u (iv) il-miżura toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u probabbli taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(286) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ esprimiet, fil-premessa 100, il-fehma preliminari tal-Kummissjoni li l-garanziji mill-Istat mogħtija mill-Istati lill-Konsorzju għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, kif ukoll ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

#### 6.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' impriża*

(287) Il-Kummissjoni tinnota li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss meta l-benefiċjarju ta' għajnuna jkun "impriża". Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefiniet l-impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif huma ffinanzjati ([131]). Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u/jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika ([132]). Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward ta' dawk tal-ewwel ([133]).

(288) Barra minn hekk, sabiex ċerta attività tiġi kklassifikata bħala attività ekonomika, huwa irrilevanti jekk investitur privat setax jeżerċita l-istess attività ([134]). Ladarba entità tinvolvi ruħha f'attivitajiet ekonomiċi, irrispettivament mill-istatus legali tagħha, jew mill-mod li bih tiġi ffinanzjata, hija tikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu japplikaw għal vantaġġi finanzjarji mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat lil dik l-entità ([135]).

(289) Barra minn hekk, il-qrati tal-Unjoni ddeċidew li s-servizzi normalment ipprovduti b'remunerazzjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala attività ekonomika, u li l-karatteristika essenzjali tar-remunerazzjoni tinsab fil-fatt li din tikkostitwixxi korrispettiv għas-servizz inkwistjoni ([136]). Minn dan isegwi li hija n-natura tal-attività eżerċitata li tiddetermina jekk entità hijiex impriża għall-finijiet tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat.

---

([131]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et* vs *Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428, il-punt 74; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Ministero dell'Economia e delle Finanze* vs *Cassa di Risparmio di Firenze SpA, Fondazione Cassa di Risparmio di San Miniato u Cassa di Risparmio di San Miniato SpA*, C-222/04, EU:C:2006:8, il-punt 107.

([132]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni* vs *L-Italja*, 118/85, EU:C:1987:283, il-punt 7; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Repubblika Taljana*, C-35/96 EU:C:1998:303, il-punt 36; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavel Pavlov et* vs *Stichting Pensioenfonds Medische Specialisten*, il-Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428, il-punt 75.

([133]) Is-Sentenza *Aéroports de Paris*, il-punt 108.

([134]) Ara, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Frar 2002, *J. C. J. Wouters, J. W. Savelbergh u Price Waterhouse Belastingadviseurs BV* vs *Algemene Raad van de Nederlandse Orde van Advocaten*, C-309/99, EU:C:2002:98, il-punt 58.

([135]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, *Christian Poucet* vs *Assurances générales de France u Caisse mutuelle régionale du Languedoc-Roussillon* u *Daniel Pistre* vs *Cancave*, il-Kawżi Magħquda C-159/91 u C-160/91, EU:C:1993:63, il-punt 17.

([136]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019, *Havenbedrijf Antwerpen* u *Maatschappij van de Brugse Zeehaven* vs *Il-Kummissjoni*, T-696/17 EU:T:2019:652, il-punt 75.

(290) Fis-Sentenza *Aéroports de Paris* ([137]), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-operazzjoni ta' ajruport kellha titqies bħala attività ekonomika. Sussegwentement, is-Sentenzi *Leipzig Halle* kkonkludew li, jekk runway ta' ajruport tintuża għal attivitajiet ekonomiċi, il-kostruzzjoni tagħha tikkostitwixxi wkoll attività ekonomika, u għalhekk il-finanzjament tagħha jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Filwaqt li dawk il-kawżi jirrigwardaw speċifikament l-ajruporti, jidher li l-prinċipji żviluppati mill-Qrati tal-Unjoni huma applikabbli wkoll għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura oħra li hija marbuta b'mod inseparabbli ma' attività ekonomika ([138]), ([139]), kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fis-Sentenza *Belgian ports* ([140]).

(291) Il-Kummissjoni diġà ddikjarat, fil-premessi 74 sa 76 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, li jista' jitqies *prima facie* li l-Konsorzju huwa involut f'attività ekonomika u jenħtieġ li jitqies bħala impriża. L-Istati jsostnu li l-Konsorzju ma huwiex impriża, peress li ma jwettaqx attività ekonomika (Taqsima 5.2.2). Fil-fehma tal-Istati, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa huma eżempji klassiċi tal-eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi, li ma humiex, u ma għandhomx ikunu, koperti mill-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(292) Huwa veru li l-Artikolu 107(1) tat-TFUE ma japplikax meta l-Istati jaġixxu "billi jeżerċitaw setgħa pubblika" ([141]), jew meta entitajiet pubbliċi jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi ([142]). Entità tista' titqies li taġixxi billi teżerċita setgħa pubblika, meta l-attività inkwistjoni tifforma parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, jew tkun konnessa ma' dawk il-funzjonijiet min-natura tagħha, l-għan tagħha u r-regoli li għalihom hija soġġetta ([143]).

(293) Il-Kummissjoni tqis li hija meħtieġa valutazzjoni ġenerali u li, sabiex wieħed jikkwalifika bħala li jaġixxi billi jeżerċita setgħa pubblika, l-attività tal-Konsorzju jenħtieġ li tkun konnessa mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, min-natura tiegħu, l-għan tiegħu, u r-regoli li għalihom huwa soġġett. Huma biss l-attivitajiet mhux ekonomiċi li jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett tal-eżerċizzju tas-setgħa pubblika ([144]).

(294) Skont ġurisprudenza stabbilita ([145]), il-kwalifika ta' attività ekonomika jenħtieġ li tkun ibbażata fuq elementi fattwali, jiġifieri l-forniment ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari. Il-Konsorzju, bħala s-sid u l-operatur tal-infrastruttura tal-Konnessjoni Fissa, huwa attiv fis-suq li jipprovdi servizz ta' trasport bi ħlas liċ-ċittadini u lill-impriżi: il-Konsorzju se jitlob tariffa (pedaġġ) mill-utenti tas-sezzjoni tat-triq tal-Konnessjoni Fissa għall-qsim tal-istrett ta' Øresund; barra minn hekk, l-Amministrazzjoni tat-Trasport Żvediża u l-Amministrazzjoni tal-Ferrovija Statali Daniża jħallsu tariffa għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja fuq il-Konnessjoni Fissa. Id-dħul tal-Konsorzju mit-toroq u l-ferroviji huwa maħsub biex jiffinanzja l-kost totali tal-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, kif ukoll il-kostijiet tal-kostruzzjoni tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni, permezz tad-distribuzzjoni ta' dividendi lill-kumpaniji omm (il-premessa (70)).

---

([137]) Il-punt 125, ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-Sentenza tagħha tal-24 ta' Ottubru 2002, *Aéroports de Paris* vs *Il-Kummissjoni*, C-82/01 P, EU:C:2002:617.

([138]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech Ltd* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, EU:C:2015:9, il-punt 42; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2018, *Naviera Armas* vs *Il-Kummissjoni*, T-108/16, EU:T:2018:145, il-punt 119.

([139]) Ara wkoll il-paragrafu 202 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

([140]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019, *Havenbedrijf Antwerpen u Maatschappij van de Brugse Zeehaven* vs *Il-Kummissjoni*, T-696/17 EU:T:2019:652, il-punti 98–107.

([141]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni* vs *L-Italja*, 118/85, EU:C:1987:283, il-punti 7 u 8.

([142]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Mejju 1988, *Bodson*, 30/87, EU:C:1988:225, il-punt 18.

([143]) Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT Fluggesellschaft mbH* vs *Eurocontrol*, C-364/92, EU:C:1994:7, il-punt 30 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1997, *Calì & Figli*, C-343/95, EU:C:1997:160, il-punti 22 u 23.

([144]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2009, *SELEX Sistemi Integrati SpA* vs *Il-Kummissjoni*, C-113/07 P, EU:C:2009:191, il-punt 70.

([145]) Pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni* vs *L-Italja*, EU:C:1987:283, il-punt 7.

(295) Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-Konsorzju ma ngħatax setgħat pubbliċi speċifiċi fir-rigward tal-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, iżda se jibni u jopera l-infrastruttura bħala operatur ekonomiku. Il-kostruzzjoni u l-operazzjoni kummerċjali ta' proġetti infrastrutturali kbar minnhom infushom ma jikkostitwux eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi, u l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa huma rregolati minn loġika ekonomika, peress li fil-biċċa l-kbira huma ffinanzjati mit-tariffi tal-utenti ([146]). Fil-fatt, l-attivitajiet tal-Konsorzju huma differenti ħafna minn dak li, fil-passat, ġie kkunsidrat bħala parti mill-attivitajiet ta' setgħa pubblika, bħall-armata jew il-pulizija, is-sikurezza u l-kontroll tan-navigazzjoni bl-ajru, il-kontroll u s-sikurezza tat-traffiku marittimu, is-sorveljanza kontra t-tniġġis, l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-infurzar ta' sentenzi ta' priġunerija, l-iżvilupp u r-rivitalizzazzjoni tal-art pubblika mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-ġbir tad-*data* li trid tintuża għal skopijiet pubbliċi abbażi ta' obbligu statutorju impost fuq l-impriżi kkonċernati li jiżvelaw tali *data* ([147]).

(296) Jeżisti suq għall-qsim tal-istrett ta' Øresund, b'mod partikolari, minħabba li s-servizz kien diġà pprovdut b'renumerazzjoni minn operatur ta' ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma eżistenti, li huwa impriża privata li topera taħt kundizzjonijiet tas-suq. Għalhekk, is-servizzi tat-trasport ipprovduti mill-Konsorzju huma f'kompetizzjoni mas-servizzi tat-trasport ipprovduti mill-operaturi ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. Il-Kummissjoni ma taċċettax l-argument tal-Istati, miġbur fil-qosor fil-premessa (239), li l-Konsorzju ma jistax jitqies li jikkompeti mas-servizzi ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma. Kif jammettu l-Istati, il-politika tal-ipprezzar tal-Konsorzju tista' taffettwa b'mod sinifikanti n-negozju tal-Ilmentatur. Irrispettivament minn jekk il-Konsorzju kienx maħsub bl-intenzjoni li jikkompeti mas-servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma jew le ([148]), huwa joffri servizz biex jaqsam l-istrett ta' Øresund, li jaffettwa direttament il-pożizzjoni kompetittiva tal-operaturi tas-suq diġà stabbiliti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Konsorzju, fl-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, huwa involut f'attività ekonomika.

(297) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq ma tiksibx il-karattru tal-eżerċizzju tas-setgħa pubblika għas-sempliċi raġuni li Stat Membru għażel li jagħti lil entità pubblika monopolju biex toffri l-oġġetti jew is-servizzi inkwistjoni ([149]). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-kwistjoni dwar jekk jeżistix suq għal ċerti servizzi tista' tiddependi mill-mod kif dawk is-servizzi huma organizzati fl-Istat Membru kkonċernat, u li, minħabba l-għażla politika jew l-iżviluppi ekonomiċi, il-klassifikazzjoni ta' attività partikolari tista' tinbidel maż-żmien ([150]). Madankollu, is-sempliċi fatt li kumpanija pubblika taqa' taħt il-kompetenza ta' Ministru ma jipprekludihiex milli titqies li teżerċita attività ekonomika ([151]). Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li entità hija stabbilita fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali ma jfissirx li l-attività mwettqa minn dik l-entità hija l-eżerċizzju ta' setgħa pubblika; dan għandu jiġi evalwat fuq bażi ta' każ b'każ, fid-dawl tal-attività mwettqa minn dik l-entità ([152]). Il-Kummissjoni tqis li l-kwistjoni kruċjali hija jekk, billi jopera l-Konnessjoni Fissa, il-Konsorzju huwiex qed jipprovdi oġġett jew servizz f'suq. Il-Kummissjoni tinnota li huwa ċar li dan hu l-każ, kif stabbilit hawn fuq.

([146]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ottubru 1980, *Van Landewyck*, Kawżi Magħquda 209/78 sa 215/78 u 218/78, EU:C:1980:248, il-punt 88; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1995, *FFSA u Oħrajn*, C-244/94, EU:C:1995:392, il-punt 21; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, *MOTOE*, C-49/07, EU:C:2008:376, il-punti 27 u 28.

([147]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.32820 (2011/NN) — ir-Renju Unit — Għajnuna lil Forensic Science Services, ĠU C 29, 2.2.2012, p. 4, il-punt 8; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT Fluggesellschaft mbH* vs *Eurocontrol*, C-364/92, EU:C:1994:7, il-punt 27; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2009, *Selex Sistemi Integrati* vs *Il-Kummissjoni*, C-113/07 P, EU:C:2009:191, il-punt 71; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat N 438/02 — il-Belġju — Għajnuna lill-awtoritajiet tal-port, ĠU C 284, 21.11.2002, p. 2; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1997, *Calì & Figli*, C-343/95, EU:C:1997:160, il-punt 22; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat N 140/06 — il-Litwanja — Għoti ta' sussidji lill-Impriżi tal-Istat fid-Djar Korrettivi, ĠU C 244, 11.10.2006, p. 12; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36346 — il-Ġermanja — Skema għall-iżvilupp tal-art GRW għal użu industrijali u kummerċjali, ĠU C 141, 9.5.2014, p. 1; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2012, *Compass-Datenbank GmbH*, C-138/11, ECLI:EU:C:2012:449, il-punt 40.

([148]) Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019, *Havenbedrijf Antwerpen u Maatschappij van de Brugse Zeehaven* vs *Il-Kummissjoni*, T-696/17, EU:T:2019:652, il-punt 100, fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-allegazzjoni li n-nuqqas ta' kompetizzjoni kien ifisser li attività ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala ekonomika.

([149]) Ara, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 1991, *Höfner u Elser* vs *Macrotron*, C-41/90, EU:C:1991:161, il-punti 22–23.

([150]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1), il-punt 13 (u l-ġurisprudenza ċċitata).

([151]) Is-Sentenza Aéroports de Paris, il-punt 109.

([152]) Ara, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT Fluggesellschaft mbH* vs *Eurocontrol*, C-364/92, EU:C:1994:7, b'mod partikolari l-paragrafu 19.

(298) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, anki jekk jista' jiġi kkonstatat li l-Konsorzju jeżerċita xi setgħat bħala awtorità pubblika, dan ma jipprekludix minnu nnifsu l-linji ta' attività l-oħra tiegħu milli jkunu attività ekonomika. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li entità tista', b'mod parallel, teżerċita attività ekonomika u setgħa pubblika ([153]).

(299) Fi kwalunkwe każ, huwa evidenti li l-awtoritajiet tal-Istati ddeċidew li jintroduċu mekkaniżmu tas-suq, peress li l-Konnessjoni Fissa kienet dejjem maħsuba biex tiġi operata bħala infrastruttura sfruttata kummerċjalment u ffinanzjata mill-pedaġġ ([154]) . Dan imur kontra l-argument li l-attività tal-Konsorzju tkun l-eżerċizzju tas-setgħa pubblika.

(300) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa tikkostitwixxi attività ekonomika.

(301) Fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-premessa (290), il-kostruzzjoni ta' infrastruttura li hija konnessa b'mod inseparabbli ma' dik l-attività ekonomika, tikkostitwixxi wkoll attività ekonomika. Huwa evidenti mill-Ftehim Intergovernattiv (il-premessa (61)) li l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma tistax tiġi diżassoċjata mill-operazzjoni futur tagħha. Barra minn hekk, il-Ftehim tal-Konsorzju (il-premessa (66)) iqis il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa bħala proġett wieħed. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ssib li l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa hija marbuta b'mod inseparabbli mal-operazzjoni tagħha. Peress li l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa tikkostitwixxi attività ekonomika, l-istess jgħodd ukoll għall-kostruzzjoni tagħha.

(302) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Konsorzju, fit-twettiq tal-kostruzzjoni u tal-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa, huwa involut f'attivitajiet ekonomiċi. B'riżultat ta' dan, il-Konsorzju jrid jitqies bħala impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet.

### 6.1.2. *Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istati*

(303) Fir-rigward tal-oriġini mill-Istat tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-miżuri, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa usa' minn dak ta' sussidju. Dan minħabba li huwa jħaddan mhux biss benefiċċji pożittivi, bħal sussidji u injezzjonijiet ta' kapital, iżda wkoll miżuri li, f'diversi forom, inaqqsu l-imposti li normalment ikunu inklużi fil-baġit ta' impriża u li, għalhekk, mingħajr ma huma sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma simili fin-natura tagħhom u għandhom l-istess effett ([155]).

(304) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ, fil-premessa 79, ikkonkludiet b'mod preliminari li l-garanziji mill-Istat, mogħtija mid-Danimarka u mill-Iżvezja mingħajr il-ħlas ta' ebda tariffa, kif ukoll ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament mogħtija lill-Konsorzju mid-Danimarka, jinvolvu riżorsi tal-Istat, u huma imputabbli lill-Istati. Dan ma ġiex ikkontestat mill-Istati jew minn xi waħda mill-partijiet interessati.

(305) Miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali favorevoli, għalkemm ma tinvolvix trasferiment pożittiv ta' fondi, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja aktar favorevoli minn kontribwenti oħra, u tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat ([156]).

([153]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2002, *Aéroports de Paris* vs *Il-Kummissjoni*, C-82/01 P, EU:C:2002:617, il-punti 76 sa 78, u, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH* vs *Il-Kummissjoni*, C-288/11, EU:C:2012:821, il-punt 43.

([154]) B'kuntrast ma' servizz ipprovdut mingħajr ħlas, ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, EU:C:2015:9, il-punt 43.

([155]) Ara fost l-oħrajn is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001, *Adria-Wien Pipeline GmbH u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke GmbH* vs *Finanzlandesdirektion für Kärnten*, C-143/99, EU:C:2001:598, il-punt 38; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2004, *Spanja* vs *Il-Kummissjoni*, C-501/00, EU:C:2004:438, il-punt 90, u l-ġurisprudenza ċċitata fiha; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2005, *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni*, C-66/02 EU:C:2005:768, il-punt 77; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Ministero dell'Economia e delle Finanze* vs *Cassa di Risparmio di Firenze*, C-222/04, EU:C:2006:8, il-punt 131, u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

([156]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, *Banco Exterior de España*, C-387/92, EU:C:1994:100, il-punt 14; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ottubru 2014, *Ministerio de Defensa u Navantia*, C-522/13, EU:C:2014:2262.

(306) Barra minn hekk, il-ħolqien ta' riskju li fil-futur jiġi impost piż addizzjonali fuq l-Istat, billi tiġi kkostitwita garanzija b'kundizzjonijiet li ma jikkorrispondux għal dawk tas-suq, huwa biżżejjed sabiex jitqies bħala trasferiment ta' riżorsi tal-Istat ([157]). L-istess jgħodd, pereżempju, meta l-garanziji jingħataw minn Stat Membru, mingħajr ma jkun meħtieġ il-pagament ta' primjum skont it-termini tas-suq mill-benefiċjarju tal-garanzija.

(307) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-arranġament tal-mudell ta' garanzija mill-Istat, li jobbliga lill-Istati jiggarantixxu l-istrumenti finanzjarji għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, mingħajr il-ħlas ta' ebda tariffa, jinvolvi riżorsi tal-Istat Daniż u Żvediż u li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jinvolvu riżorsi tal-Istat Daniż. Peress li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ġie stabbilit mid-Danimarka u mill-Iżvezja, dan huwa imputabbli lill-Istati. Bl-istess mod, ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jirriżultaw mill-Att dwar il-Kostruzzjoni, li huwa att leġiżlattiv adottat mid-Danimarka; u huma għalhekk imputabbli lid-Danimarka.

6.1.3. *Vantaġġ ekonomiku selettiv*

(308) Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura tal-Istat tikkostitwix għajnuna mill-Istat, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-impriża benefiċjarja tirċevix vantaġġ ekonomiku li ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([158]). L-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa rilevanti; mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent mill-Istat ([159]). Sabiex dan jiġi vvalutat, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża wara l-miżura jenħtieġ li titqabbel mas-sitwazzjoni finanzjarja li fiha kienet tkun li kieku l-miżura ma ġietx introdotta.

(309) Barra minn hekk, sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, miżura tal-Istat trid tiffavorixxi "lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti". Għalhekk, mhux il-miżuri kollha li jiffavorixxu lill-operaturi ekonomiċi jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna, iżda dawk biss li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv lil ċerti impriżi jew kategoriji ta' impriżi jew lil ċerti setturi ekonomiċi.

(310) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li miżura unika ta' għajnuna tista' tikkonsisti f'elementi kkombinati, jekk, fid-dawl tal-kronoloġija tagħhom, l-iskop u ċ-ċirkostanzi tal-impriża fil-mument tal-intervent tagħhom, ikunu tant konnessi mill-qrib li jkunu inseparabbli minn xulxin. F'dak il-kuntest, kombinazzjoni ta' elementi tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat meta l-Istat jaġixxi b'tali mod li jipproteġi operatur wieħed jew aktar diġà fis-suq ([160]).

6.1.3.1. Il-mudell ta' garanzija mill-Istat

(311) Garanzija pubblika, mogħtija fuq termini preferenzjali, tista' tagħti vantaġġ lill-mutwatarju billi tippermettilu jieħu b'self b'rata tal-imgħax li ma kinitx tkun tista' tinkiseb fis-suq mingħajr il-garanzija ([161]). Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv, l-Istati impenjaw ruħhom li jiggarantixxu *in solidum* is-self kollu u l-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha meħuda mill-Konsorzju b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Il-Konsorzju ma huwiex meħtieġ iħallas primjum ta' garanzija annwali fuq id-dejn pendenti kopert mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, kif previst mill-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Intergovernattiv (il-premessa (85)). Il-Ftehim tal-Konsorzju jfakkar li l-obbligu ta' garanzija *in solidum* mill-Istat għat-teħid b'self tal-Konsorzju (il-premessa (90)). L-Istati ma pprovdew l-ebda evidenza li n-nuqqas ta' primjum ta' garanzija huwa konformi mat-termini tas-suq; lanqas biss jargumentaw li dan ikun il-każ. Peress li l-benefiċċju ta' garanzija huwa li r-riskju assoċjat mal-garanzija jiġġarrab mill-garanti, dak

([157]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Diċembru 1998, *Ecotrade Srl* vs *Altiforni e Ferriere di Servola SpA (AFS)*, C-200/97, EU:C:1998:579, il-punt 41; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues u Bouygues Télécom* vs *Il-Kummissjoni et*, il-Kawżi Magħquda C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, il-punti 137, 138 u 139.

([158]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *Syndicat français de l'Express international (SFEI) et* vs *La Poste et*, C-39/94, EU:C:1996:285, il-punt 60; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja* vs *Il-Kummissjoni*, C-342/96, EU:C:1999:210, il-punt 41.

([159]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja* v *Il-Kummissjoni*, C-173/73, EU:C:1974:71, il-punt 13.

([160]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2013, *MOL Magyar Olaj- és Gázipari Nyrt.* vs *Il-Kummissjoni*, T-499/10, EU:T:2013:592, il-punt 67.

([161]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *Residex Capital IV* vs *Gemeente Rotterdam*, C-275/10, EU:C:2011:814, il-punt 39.

il-garanti normalment jiġi renumerat bi primjum xieraq għal tali teħid ta' riskju. Huwa evidenti li hemm riskju assoċjat mal-garanziji għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa u għalhekk tali garanziji ma jkunux disponibbli fis-suq mingħajr ir-rekwiżit li jitħallas primjum. Fis-Sentenza *Øresund* ([162]), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-għoti ta' garanzija b'termini mhux ekwivalenti għal termini tas-suq, bħala regola ġenerali, jista' jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju. Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-Istati marru lil hinn mis-sempliċi għoti ta' garanzija lill-Konsorzju b'kundizzjonijiet mhux tas-suq, iżda, fil-fatt, impenjaw ruħhom li jiggarantixxu s-self kollu tal-Konsorzju fil-kuntest tal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, mingħajr ma imponew ebda kumpens għall-Istati li jwettqu r-riskji marbuta ma' dan l-obbligu. Il-Kummissjoni tinnota li, bħala l-benefiċjarju ta' dak l-obbligu, il-Konsorzju kien igawdi vantaġġ immedjat, minn meta ngħata dak l-obbligu, sa fejn kellu dritt infurzabbli għal garanziji mill-Istat fir-rigward tal-ħtiġijiet kollha ta' self tiegħu b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li fl-istabbiliment ta' mudell ta' garanzija mill-Istat billi ġarrbu obbligu li jiggarantixxu l-istrumenti finanzjarji għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa mingħajr ma jirrikjedu l-ħlas ta' primjum ta' garanzija fuq it-termini tas-suq, l-Istati taw vantaġġ lill-Konsorzju fil-forma ta' kostijiet ta' finanzjament aktar baxxi.

(312) Skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-Istati Membri jadottaw miżuri ta' benefiċċju għal entitajiet speċifiċi, l-identifikazzjoni ta' vantaġġ, fil-prinċipju, tippermetti li tiġi preżunta n-natura selettiva tiegħu ([163]). Dan għaliex normalment ikun faċli li jiġi konkluż li tali miżuri għandhom karattru selettiv, peress li jirriżervaw trattament favorevoli għal impriża waħda jew għal ftit impriżi. ([164]) F'dan il-każ, peress li l-vantaġġ jikkonċerna speċifikament lill-Konsorzju, il-mudell ta' garanzija mill-Istat jikkostitwixxi vantaġġ selettiv favur il-Konsorzju skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

### 6.1.3.2. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament

(313) Fid-Danimarka, soċjetajiet f'isem kollettiv, bħall-Konsorzju, huma ttrattati bħala entitajiet trasparenti għall-finijiet tat-taxxa. Dan ifisser li r-regoli tat-taxxa Daniżi japplikaw biss għas-sieħeb Daniż tal-Konsorzju, A/S Øresund, u mhux għall-Konsorzju nnifsu (il-premessa (118)). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni l-ewwel trid tivvaluta jekk il-Konsorzju għandux jitqies bħala benefiċjarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament (ara wkoll il-premessi minn (314) sa (319)). It-tieni, il-Kummissjoni trid tivvaluta sa liema punt dawk ir-regoli taw vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju li ma kienx jikseb skont ir-regoli tat-tassazzjoni normali (ara wkoll il-premessi minn (320) sa (347)).

#### 6.1.3.2.1. Il-benefiċjarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament

(314) Sabiex jiġi stabbilit liema entità jenħtieġ li titqies bħala benefiċjarja tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, il-Kummissjoni tinnota li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, entitajiet legali separati jistgħu jitqiesu li jiffurmaw unità ekonomika waħda fir-rigward ta' attività ekonomika. Dik l-unità ekonomika mbagħad titqies li hija l-impriża rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis l-eżistenza ta' sehem ta' kontroll u rabtiet funzjonali, ekonomiċi u organiċi oħra bħala rilevanti ([165]).

([162]) Il-punt 120.

([163]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017, *Ir-Repubblika Ellenika* vs *Il-Kummissjoni*, T-314/15, EU:T:2017:903, il-paragrafi 78 u 79.

([164]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, *Il-Kummissjoni* vs *MOL*, C-15/14 P, EU:C:2015:362, il-punt 60 et seq.; Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi tas-27 ta' Ġunju 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:442, il-punt 52.

([165]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 2010, *AceaElectrabel Produzione SpA* vs *Il-Kummissjoni*, C-480/09 P, EU:C:2010:787, il-punti 47 sa 55; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze SpA et*, C-222/04, EU:C:2006:8, il-punt 112.

(315) Il-Kummissjoni tqis li, għall-finijiet tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa, A/S Øresund, sa fejn hija involuta f'dik l-attività ekonomika, u l-Konsorzju jiffurmaw impriża waħda. Il-Konsorzju huwa soċjetà f'isem kollettiv bejn kumpanija b'responsabbiltà limitata stabbilita mill-Istat Daniż (A/S Øresund) u kumpanija b'responsabbiltà limitata stabbilita mill-Istat Żvediż (SVEDAB) (il-premessi (64) u (65)). A/S Øresund, li għandha 50 % tal-ishma tagħha, hija, flimkien ma' SVEDAB, responsabbli *in solidum* kontra partijiet terzi għal kwalunkwe obbligu li jista' jirriżulta għall-Konsorzju b'rabta mal-operazzjonijiet tiegħu; u taħtar erbgħa mit-tmien membri tal-bord ([166]).

(316) Il-Kummissjoni tfakkar li l-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa tikkonsisti fl-ippjanar, id-disinn tal-proġett, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Il-kostijiet tad-disinn tal-proġett u tħejjijiet oħra għall-Konnessjoni Fissa, kif ukoll il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tagħha, għandhom ikunu koperti bis-sħiħ mill-Konsorzju permezz ta' tariffi għall-utent (il-premessa (69)). Dak il-kost tal-Konnessjoni Fissa jinkludi kost relatat mat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Madankollu, kif deskritt fil-premessa (118), il-Konsorzju nnifsu ma huwiex soġġett għat-tassazzjoni, peress li huwa soċjetà f'isem kollettiv fiskalment trasparenti. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament huma parti mill-Att dwar il-Kostruzzjoni (u ġew inkorporati fl-Att Sund & Bælt fl-2005), u japplikaw għall-introjtu taxxabbli ta' A/S Øresund. Minħabba s-sjieda ta' 50 % ta' A/S Øresund tal-Konsorzju, dan jinkludi 50 % tal-introjtu taxxabbli li jirriżulta mill-attivitajiet tal-Konsorzju. Il-mudell finanzjarju (jiġifieri l-flussi finanzjarji kollha, inklużi l-kostijiet u d-dħul kollu) tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa, fuq in-naħa Daniża, għalhekk, jinvolvi mhux biss il-Konsorzju, iżda wkoll A/S Øresund, sa fejn A/S Øresund hija responsabbli għall-ħlas tat-taxxi relatati ma' dik l-attività ekonomika.

(317) Il-Kummissjoni tqis li l-ħlas ta' dawk it-taxxi ma jistax jiġi sseparat mill-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa. Dan minħabba li l-kost kollu tal-Konnessjoni Fissa (u l-kostijiet tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija fiż-żoni interni) għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi għall-utent, miġbura mill-Konsorzju. Dawk l-imposti jikkostitwixxu introjtu li huwa soġġett għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu — pagabbli fil-livell ta' A/S Øresund — abbażi tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Bħala tali, filwaqt li l-imposti li l-Konsorzju jimponi għall-użu tal-Konnessjoni Fissa jikkostitwixxu dħul, dawn jattiraw ukoll kost fil-forma tal-pagamenti tat-taxxa relatati. Fil-prattika, l-istruttura organizzazzjonali u finanzjarja tipprevedi pagament ta' dividendi mill-Konsorzju lill-kumpaniji omm, li mhux biss se jiffinanzja l-kost tal-konnessjonijiet fiż-żoni interni, iżda wkoll l-obbligazzjonijiet tat-taxxa relatati mal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, kwalunkwe tnaqqis fl-ammont ta' obbligazzjoni ta' taxxa marbut mal-attività tal-Konnessjoni Fissa huwa ta' benefiċċju għall-impriża involuta f'dik l-attività ekonomika. B'konsegwenza ta' dan, huwa ta' benefiċċju għall-Konsorzju peress li jnaqqas piż finanzjarju li l-Konsorzju kieku jkollu jġorr, minħabba li huwa s-sors tad-dħul tal-Konsorzju li jintuża biex tiġi rilaxxata l-obbligazzjoni tat-taxxa ta' A/S Øresund li tirriżulta mill-introjtu ġġenerat mill-Konnessjoni Fissa.

(318) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi osservaw (il-premessa (269)), li l-ammont totali ta' għajnuna (ekwivalenti ta' għotja gross) mogħti permezz tal-mudell ta' garanzija mill-Istat jitnaqqas sal-punt li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jinvolvu piż ta' dejn aktar baxx għall-Konsorzju. Jirriżulta li, għall-kuntrarju, kieku A/S Øresund, fid-dawl tas-sjieda tagħha ta' 50 % tal-Konsorzju, ma ngħatatx dawk ir-regoli speċjali, il-Konsorzju kien ikollu piż ta' dejn ogħla, u għalhekk, skont il-loġika segwita mill-awtoritajiet Daniżi, ammont ikbar ta' għajnuna kien jingħata permezz tal-mudell ta' garanzija mill-Istat. Dan jikkonferma l-fehma tal-Kummissjoni li l-Konsorzju u A/S Øresund jenħtieġ li jitqiesu bħala impriża waħda għall-finijiet tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa u li hija dik l-impriża unika li jenħtieġ li titqies bħala benefiċjarju tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, u li, bħala konsegwenza, il-Konsorzju huwa wkoll benefiċjarju.

([166]) It-Taqsimiet 3.1, 3.2 u 8.2 tal-Ftehim tal-Konsorzju.

(319) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (314) sa (318), il-Kummissjoni tqis li, jekk ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament joħolqu vantaġġ selettiv, il-Konsorzju jkun benefiċjarju ta' dak il-vantaġġ.

6.1.3.2.2. Vantaġġ selettiv

(320) Wara li stabbiliet li l-impriża unika, u għalhekk, anki l-Konsorzju, tkun benefiċjarju ta' vantaġġ maħluq mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament (il-premessa (319)), il-Kummissjoni trid tistabbilixxi jekk dawk ir-regoli joħolqux tali vantaġġ. Biex tagħmel dan, minħabba li l-Konsorzju huwa trasparenti fir-rigward tat-taxxa Daniża (il-premessa (118)), u minħabba li A/S Øresund hija responsabbli għall-ħlas tat-taxxi relatati ma' 50 % tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa (il-premessa (120)), il-Kummissjoni trid teżamina l-obbligazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund, li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-Konsorzju. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament joħolqux tali vantaġġ, l-obbligazzjonijiet tat-taxxa skont dawk ir-regoli jridu jitqabblu mal-obbligazzjonijiet tat-taxxa li għalihom A/S Øresund kienet tkun soġġetta skont ir-regoli normali tat-tassazzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' dawk ir-regoli speċjali.

(321) Sabiex miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, hija għandha, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, tiffavorixxi "lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti" fuq oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema ta' referenza ([167]) (dan normalment jissejjaħ it-"test fi tliet stadji" u spjegat ulterjorment fil-premessa li jmiss). Madankollu, kif stabbilit fil-premessa (312), meta l-Istati Membri jadottaw miżuri ta' benefiċċju għal entitajiet speċifiċi, l-identifikazzjoni ta' vantaġġ, fil-prinċipju, tippermetti li tiġi preżunta n-natura selettiva tiegħu. F'dan il-każ, peress li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jikkonċernaw speċifikament lil A/S Øresund u lill-Konsorzju, sa fejn dawn ir-regoli jikkostitwixxu vantaġġ, dan il-vantaġġ huwa selettiv.

(322) Madankollu, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-impriża unika gawdietx minn vantaġġ selettiv bis-saħħa tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, il-Kummissjoni vvalutat dawk il-miżuri skont l-analiżi standard fi tliet stadji stabbilita mill-Qrati tal-Unjoni ([168]). L-ewwel nett, is-sistema ta' referenza trid tiġi identifikata, jiġifieri, ir-regoli ta' tassazzjoni "normali" ([169]). It-tieni nett, irid jiġi ddeterminat jekk miżura partikolari tikkostitwix deroga minn dik is-sistema, sa fejn tagħmel distinzjoni bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettiv intrinsiku għas-sistema, ikunu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. Jekk il-miżura tikkostitwixxi deroga mis-sistema ta' referenza, u, għalhekk, hija *prima facie* selettiva, jeħtieġ li jiġi stabbilit, fit-tielet stadju tat-test, jekk id-deroga hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema. F'dan il-kuntest, huwa f'idejn l-Istat Membru li juri li t-trattament differenzjat tat-taxxa jirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida ta' dik is-sistema ([170]).

6.1.3.2.2.1. Vantaġġ selettiv: regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf

(323) Kif imfakkar fil-premessa (322), sabiex miżura tat-taxxa nazzjonali tiġi kklassifikata bħala "selettiva", il-Kummissjoni trid tibda billi tidentifika s-sistema ta' referenza, jiġifieri s-sistema tat-taxxa "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Id-determinazzjoni tas-sistema ta' referenza hija ta' importanza partikolari fil-każ ta' miżuri tat-taxxa, peress li l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE tista' tiġi stabbilita biss meta mqabbla mat-tassazzjoni "normali". Għalhekk, id-determinazzjoni tal-grupp ta' intrapriżi li jinsabu f'sitwazzjoni

([167]) Ara, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 2023, *Engie* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda C-451/21 P u C-454/21 P, EU:C:2023:948, il-punt 106 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Frar 2023, *Spanja, Lico et* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, il-punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha; ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni* vs *World Duty Free Group et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, il-punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

([168]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni* vs *In-Netherlands*, C-279/08 P, EU:C:2011:551, il-punt 62; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001, *Adria-Wien Pipeline*, C-143/99, EU:C:2001:598.

([169]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2018, *Andres* vs *Il-Kummissjoni*, C-203/16 P, EU:C:2018:505, il-punt 88.

([170]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, il-punt 49 et seq.; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *GIL Insurance*, C-308/01, EU: C:2004:252.

fattwali u legali komparabbli tiddependi mid-definizzjoni minn qabel tar-reġim legali li fid-dawl tal-għan tagħha għandu, jekk ikun il-każ, jiġi eżaminat jekk is-sitwazzjoni fattwali u legali tal-impriżi ffavoriti mill-miżura inkwistjoni hijiex komparabbli ma' dik tal-impriżi li ma humiex f'dik is-sitwazzjoni.

(324) Kif innotat fil-premessa (118), it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu telenka l-entitajiet legali li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva Daniża fuq l-introjtu. Kumpaniji b'responsabbiltà limitata, bħal A/S Øresund, huma inklużi f'dik il-lista. Barra minn hekk, kif innotat fil-premessi (135) u (136), ir-regoli rilevanti dwar ir-riport tat-telf jistgħu jinstabu fl-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa (it-Taqsima 15) għall-perjodi bejn l-1991 u l-2012 u fl-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu (it-Taqsima 12) għall-perjodi li ġejjin (il-premessi (138) u (139)). Dawk ir-regoli jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-limiti għar-riport tat-telf għall-finijiet tat-taxxa għal entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata). Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (117), l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa jipprevedi regoli dwar kif il-liġijiet tat-taxxa jiġu applikati kemm għall-individwi kif ukoll għall-kumpaniji, u l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu jiddetermina l-entitajiet soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, ir-rata u regoli oħra rilevanti għat-tassazzjoni tal-kumpaniji.

*LCF 1991–2001*

(325) L-ewwel nett, kif innotat mid-Danimarka (il-premessa (267)), għal-LCF 1991–2001, ir-regola ġeneralment applikabbli dwar ir-riport tat-telf instabet fit-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa. Dak l-att jinkludi regoli dwar it-taxxa fuq l-introjtu kemm għall-individwi kif ukoll għall-kumpaniji, u jifforma parti mis-sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu (flimkien mal-atti rilevanti dwar it-taxxa fuq l-introjtu, b'mod partikolari, l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu). Bħala tali, l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu jiddetermina liema entitajiet iridu jħallsu t-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, u l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa jipprovdi l-parametri li bihom jiġi ddeterminat l-ammont li jridu jħallsu. Wieħed mill-fatturi li jiddetermina dak l-ammont huwa jekk l-entità taxxabbli għandhiex xi telf riportat li tista' tuża biex tnaqqas il-bażi taxxabbli tagħha. It-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa stabbiliet li, għall-perjodu LCF 1991–2001, it-telf jista' jiġi riportat fl-introjtu taxxabbli tal-kontribwent għall-5 snin sussegwenti (il-premessa (135)). Il-limitazzjoni ta' 5 snin kienet parti integrali mir-regola ġeneralment applikabbli għar-riport tat- telf (miżura ġenerali, applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha), aktar milli eċċezzjoni għal qafas leġiżlattiv usa' [171]. F'dan ir-rigward, wieħed irid jinnota li din il-limitazzjoni ta' 5 snin hija inseparabbli mis-sistema ġenerali tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li tipprevedi r-riport tat-telf ta' taxxa, peress li dawn ir-regoli huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli. Il-Kummissjoni tqis li s-sistema rilevanti ta' referenza għall-valutazzjoni tal-LCF 1991–2001 hija s-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż, b'mod partikolari, it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu u t-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, li ppreveda li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ammont tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu pagabbli minn entità legali soġġetta għal dik it-taxxa (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata), it-telf jista' jiġi riportat għal perjodu massimu ta' 5 snin. Id-dispożizzjonijiet tat-taxxa inklużi fl-Att dwar il-Kostruzzjoni, inkluż l-LCF 1991–2001, ma jiffurmawx parti minn dik is-sistema, peress li japplikaw għal proġett partikolari wieħed biss. L-objettiv rilevanti tas-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huwa li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-kumpaniji, u, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi regoli relatati mad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli, inklużi regoli li jippermettu r-riport tat-telf (u d-deprezzament tal-assi) għall-kumpaniji kollha, mingħajr distinzjoni. Għalhekk, dan imur kontra l-parametru referenzjarju kemm tat-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu kif ukoll tat-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, u, fid-dawl tal-objettiv ta' hawn fuq, li l-LCF 1991–2001 irid tiġi vvalutat taħt it-tieni pass tal-analiżi fi tliet stadji (il-premessi (326) u (327)).

[171] Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2018, *Andres* vs *Il-Kummissjoni*, C-203/16 P, EU:C:2018:505, il-punti 103 u 104.

(326) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li, skont it-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, A/S Øresund setgħet tirriporta telf għal 15-il sena tat-taxxa jew, għat-telf imġarrab qabel ma tqiegħdet fis-servizz il-Konnessjoni Fissa, għal 30 sena tat-taxxa. Dan kien japplika wkoll għal 50 % tat-telf tal-Konsorzju, fid-dawl tas-sjieda ta' 50 % ta' A/S Øresund. Kieku A/S Øresund kienet soġġetta għar-regoli normali skont is-sistema ta' referenza (inkluż it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa), it-telf tagħha kien jiskadi qabel, u dak it-telf skadut ma kienx jibqa' disponibbli biex jikkumpensa l-profitti fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund ([172]). Għaldaqstant, it-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni kienet tikkostitwixxi deroga għas-sistema ta' referenza, li tagħti vantaġġ lil A/S Øresund, meta mqabbla ma' entitajiet legali oħra (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, peress li setgħet tirriporta t-telf tagħha biex tnaqqas il-piż tat-taxxa tagħha għal perjodu itwal milli kien ikun disponibbli għal dawk l-entitajiet. Kif innotat mill-Kummissjoni fil-premessi minn (314) sa (319), dan jibbenefika wkoll lill-Konsorzju, sa fejn tnaqqis fil-piż tat-taxxa ta' A/S Øresund jirriżulta fi tnaqqis fil-piż finanzjarju tal-Konsorzju.

(327) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssib li A/S Øresund, li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, hija impriża unika mal-Konsorzju (il-premessa (315)), jenħtieġ li titqies li tinsab fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali bħal entitajiet legali oħra (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, fid-dawl tal-objettivi intrinsiċi għas-sistema ta' referenza. Kif innotat fil-premessa 325, l-objettiv rilevanti ta' dik is-sistema ta' referenza huwa li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-kumpaniji, u, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi regoli relatati mad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli, inklużi regoli li jippermettu r-riport tat-telf (u d-deprezzament tal-assi) għall-kumpaniji kollha, mingħajr distinzjoni; dan kollu irrispettivament minn jekk jinvolvux ruħhom f'ċerti proġetti jew le. Id-Danimarka kkonfermat li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament inħolqu għal A/S Øresund, u japplikaw fil-kapaċità tagħha bħala sieħeb fil-Konsorzju (il-premessa (233)). In-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni jindikaw li l-LCF 1991–2001 ġie stabbilit b'analoġija għar-regola applikabbli għall-Great Belt Bridge. L-awtoritajiet Daniżi kienu spjegaw, matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li dan kien minħabba n-natura straordinarja tal-proġett ta' kostruzzjoni kkaratterizzat minn kostijiet konsiderevoli fuq perjodu twil ta' żmien, flimkien ma' prospetti raġonevoli ta' vijabbiltà fit-tul. Il-Kummissjoni tinnota, madankollu, li s-sistema tat-taxxa Daniża (inkluża r-regola tar-riport tat-telf normali skont it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa) ma tagħmilx distinzjoni bejn l-entitajiet skont id-daqs tal-proġetti li jwettqu. Filwaqt li huwa minnu li A/S Øresund hija responsabbli għal investiment kbir, ma huwiex eskluż li kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata jistgħu jidħlu għal investimenti sinifikanti simili, jew investimenti li għalihom it-telf jista' jkun mistenni li jestendi lil hinn minn 5 snin. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa ma jbiddilx il-fatt li, fid-dawl tal-objettiv tat-tassazzjoni tal-profitti, A/S Øresund hija fl-istess pożizzjoni legali u fattwali bħal entitajiet legali oħra (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Fi kliem ieħor, il-fatt li A/S Øresund — inkluż permezz tas-sjieda tagħha ta' 50 % tal-Konsorzju — hija responsabbli għal investiment kbir fl-infrastruttura, ma jiddistingwix il-pożizzjoni tagħha, legalment jew fattwalment, għall-finijiet tas-sistema ta' referenza, minn kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata soġġetti għat-taxxa fuq korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-LCF 1991–2001 kif applikat għal A/S Øresund idderogat b'mod ċar mis-sistema ġenerali applikabbli fid-Danimarka, peress li saret distinzjoni bejn operaturi ekonomiċi li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-objettiv segwit mis-sistema tat-taxxa kkonċernata.

(328) It-tielet nett, il-Kummissjoni ssib li d-deroga nnutata fil-premessa (327) ma hijiex ġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema. Il-Kummissjoni tfakkar li miżura, li *prima facie* hija selettiva, xorta tista' titqies bħala mhux selettiva jekk tkun iġġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali ta' dik is-sistema. Dan huwa l-każ meta miżura tkun ġejja direttament mill-prinċipji intrinsiċi bażiċi jew ta' gwida tas-sistema ta' referenza, jew fejn tkun ir-riżultat ta' mekkaniżmi inerenti meħtieġa għall-funzjonament u l-effettività tas-sistema ([173]). L-objettivi tal-politika esterna, li ma humiex inerenti għas-sistema fiskali ġenerali, ma jistgħux jiġu invokati għal dan l-għan ([174]). Huwa f'idejn l-Istat Membru kkonċernat li juri li miżura, li mal-ewwel daqqa ta' għajn hija selettiva, hija ġġustifikata min-natura jew mill-istruttura tas-sistema tat-taxxa tiegħu ([175]).

([172]) Fil-prattika, hija Sund & Bælt li tippreżenta d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu f'isem il-membri tal-grupp tagħha. Minbarra d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa separati ppreżentati għall-membri tal-grupp tagħha, Sund &Bælt tippreżenta dikjarazzjoni konsolidata tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu f'isem il-grupp. Għall-faċilità tal-qari u fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni rreferiet għad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund u għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa minn A/S Øresund.

([173]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, il-punt 69.

([174]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, il-punti 69 u 70; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall* vs *Il-Kummissjoni*, C-88/03, EU:C:2006:511, il-punt 81; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni* vs *In-Netherlands*, C-279/08 P, EU:C:2011:551; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates* vs *Il-Kummissjoni*, C-487/06 P, EU:C:2008:757; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2013, *P Oy*, C-6/12, EU:C:2013:525, il-punti 27 et seq.

([175]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja* vs *Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit*, il-Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, il-punt 146; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *In-Netherlands* vs *Il-Kummissjoni*, C-159/01, EU:C:2004:246, il-punt 43; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall* vs *Il-Kummissjoni*, C-88/03, EU:C:2006:511.

(329) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Daniżi kienu argumentaw, matul l-investigazzjoni preliminari, li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jistgħu jitqiesu bħala ġġustifikati mil-loġika tas-sistema minħabba l-karattru straordinarju tal-proġett kollu tal-Konnessjoni Fissa f'termini tad-daqs u l-iskop tiegħu, li jagħmilha inkomparabbli ma' kwalunkwe proġett ta' infrastruttura ieħor li kien soġġett għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-objettiv tas-sistema ta' referenza huwa li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-kumpaniji, u, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi regoli relatati mad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli, inklużi regoli li jippermettu r-riport tat-telf għall-kumpaniji kollha, mingħajr distinzjoni (il-premessa (325)). Kif indikat fil-premessa (327), is-sistema ta' referenza ma tagħmilx distinzjoni bejn entitajiet skont id-daqs tal-proġetti li jwettqu, u ma huwiex prekluż li kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata jistgħu jwettqu investimenti sinifikanti simili, jew investimenti li għalihom it-telf jista' jkun mistenni li jestendi lil hinn minn 5 snin. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni ma tqisx li n-natura tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa tiġġustifika trattament differenti għal A/S Øresund, fid-dawl tan-natura u l-iskema ġenerali ta' dik is-sistema. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni ma tqisx li tali trattament differenti jkun konsistenti, neċessarju u proporzjonat fid-dawl tal-prinċipji gwida tas-sistema tat-taxxa Daniża. Fil-premessa 90 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni nnotat li l-awtoritajiet Daniżi ma kinux urew biżżejjed għaliex, u sa liema punt, id-daqs u l-iskop ta' proġett ikunu biżżejjed biex jiġġustifikaw trattament tat-taxxa differenti. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Daniżi ma ġabu l-ebda evidenza ġdida għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li tista' tbiddel il-fehma tal-Kummissjoni, u għalhekk ma ssodisfawx l-oneru tal-prova tat-tielet pass [176]. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tikkostitwix deroga ġġustifikata għall-applikazzjoni tas-sistema ta' referenza, li tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida ta' dik is-sistema tat-taxxa.

(330) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-LCF 1991–2001 irriżulta f'vantaġġ selettiv lil A/S Øresund, marbut mal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa. Kif innotat fil-premessa 319, il-Konsorzju jkun il-benefiċjarju ta' kwalunkwe vantaġġ selettiv maħluq mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, fid-dawl tal-fatt li kemm A/S Øresund kif ukoll il-Konsorzju jiffurmaw impriża waħda għall-fini tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 1991–2001 irriżulta f'vantaġġ selettiv għall-Konsorzju.

*LCF 2002–2012*

(331) Għal-LCF 2002–2012, il-Kummissjoni tfakkar li, kif innotat fil-premessa 136, l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa (it-Taqsima 15) ġie emendat fil-21 ta' Mejju 2002, u ma għadux jimponi xi limitazzjoni fuq il-possibbiltà li l-entitajiet legali (inklużi l-kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża jirriportaw it-telf tagħhom. Il-Kummissjoni ma tqisx li dik l-emenda leġiżlattiva speċifika kellha impatt fuq (i) il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' referenza għal-LCF 2002–2012, meta mqabbla mal-LCF 1991–2001, jew (ii) fuq l-objettiv ta' dik is-sistema ta' referenza. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li, għall-perjodu tal-LCF 2002–2012, is-sistema ta' referenza kienet tipprevedi li l-entitajiet legali (inklużi l-kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża kienu intitolati li jirriportaw it-telf tagħhom, mingħajr ebda limitazzjoni fir-rigward tal-perjodu li fih it-telf seta' jiġi riportat. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li s-sistema rilevanti ta' referenza għall-valutazzjoni tal-LCF 2002–2012 hija s-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż, b'mod partikolari, it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva u t-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, li ppreveda li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ammont tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu pagabbli minn entità legali soġġetta għal dik it-taxxa (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata), it-telf jista' jiġi riportat mingħajr limitu ta' żmien.

[176] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, Paint Graphos et, il-Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, il-punt 65.

(332) Il-Kummissjoni tinnota li, simili għall-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar il-Kostruzzjoni ġie emendat biex ineħħi l-limitu ta' 15-il sena li kien applikabbli għal A/S Øresund skont l-LCF 1991–2001. F'dawk iċ-ċirkostanzi, għal telf imġarrab mis-sena tat-taxxa 2002, A/S Øresund kienet soġġetta għall-istess regola kif kienet preżenti fir-regoli ġeneralment applikabbli (jiġifieri l-ebda limitu fiż-żmien għal telf riportat). Fi kliem ieħor, A/S Øresund ma kinitx soġġetta għal deroga mis-sistema ta' referenza.

(333) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 2002–2012 ma rriżultax f'vantaġġ selettiv għal A/S Øresund. B'riżultat ta' dan, l-LCF 2002–2012 lanqas ma rriżulta f'vantaġġ selettiv għall-Konsorzju. Għalhekk, l-LCF 2002–2012 ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil A/S Øresund jew lill-Konsorzju.

*LCF 2013–2015*

(334) Għall-perjodu LCF 2013–2015, ir-regola ġeneralment applikabbli għar-riport tat-telf tinsab fit-Taqsima 12 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Kif innotat fil-premessa 138, l-Att Nru 591 tat-18 ta' Ġunju 2012, it-Taqsima 15 tal-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa tħassret. Fl-istess ħin, l-Att Nru 591 tat-18 ta' Ġunju 2012 żied it-Taqsima 12 għall-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, li introduċa preskrizzjoni ġdida fuq l-użu tat-telf riportat, li kienet tapplika għas-snin tat-taxxa li jibdew fl-1 ta' Lulju 2012 jew wara. Skont dawk il-bidliet, l-entitajiet legali (inklużi l-kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża jistgħu jirriportaw it-telf għal perjodu mhux limitat. Madankollu, huwa biss telf li jammonta għal DKK 7 500 000 (EUR 1 005 311) u miegħu, jekk jibqa' telf addizzjonali, ammont li jikkorrispondi għal massimu ta' 60 % tal-introjtu taxxabbli li jaqbeż DKK 7 500 000 (EUR 1 005 311), li jista' jitnaqqas f'sena tat-taxxa partikolari (il-premessa (139)). Dik il-limitazzjoni kienet parti integrali mir-regola ġeneralment applikabbli għar-riport tat-telf, aktar milli eċċezzjoni għal qafas leġiżlattiv usa'. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' referenza rilevanti għall-valutazzjoni tal-LCF 2013-2015 hija s-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż, b'mod partikolari, it-Taqsimiet 1 u 12 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, li ppreveda li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ammont tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu pagabbli minn entità legali (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għal dik it-taxxa, it-telf jista' jiġi riportat mingħajr limitu fiż-żmien, iżda jista' jintuża biss biex jikkumpensa l-profitti soġġetti għal-limiti stabbiliti fit-Taqsima 12. Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (325), l-objettiv tas-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huwa li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni għall-kumpaniji fuq il-profitti tagħhom, u, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi regoli relatati mad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli, inklużi regoli li jippermettu r-riport tat-telf u d-deprezzament tal-assi (għall-kumpaniji kollha, mingħajr distinzjoni).

(335) Il-Kummissjoni tinnota li, qabel l-emenda għall-Att Sund & Bælt tal-4 ta' Mejju 2015 (il-premessa (134)), il-limitazzjonijiet f'termini tal-ammont ta' telf li seta' jintuża li kienu japplikaw għal entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) bis-saħħa tas-sistema ta' referenza ma kinux japplikaw għal A/S Øresund. Għalhekk, fir-rigward tas-snin tat-taxxa 2013, 2014 u 2015, A/S Øresund setgħet tikkumpensa l-bażi tal-profitti kollha tagħha billi tuża t-telf riportat, li ma kinitx tkunx tista' tagħmel li kieku kienet soġġetta għar-regoli normali, taħt is-sistema ta' referenza. Kif innotat fil-premessa (327), A/S Øresund tinsab f'pożizzjoni fattwali u legali simili għal kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, għal-LCF 2013–2015, A/S Øresund gawdiet minn deroga mir-regoli ta' tassazzjoni normali, li poġġietha f'pożizzjoni aktar vantaġġuża minn impriżi oħra f'sitwazzjoni legali u fattwali simili fir-rigward tal-objettiv tas-sistema ta' referenza. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, għall-kuntrarju tal-LCF 2002–2012, ma saret l-ebda emenda għall-Att Sund & Bælt biex tirrifletti l-emenda għall-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Għalhekk, billi rrifjutaw li jagħmlu tali emenda, l-awtoritajiet Daniżi ppermettew lil A/S Øresund tgawdi pożizzjoni aktar vantaġġuża minn kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Għaldaqstant, il-kombinazzjoni tal-emenda għall-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, u n-nuqqas ta' emenda korrispondenti għall-Att Sund & Bælt trid titqies li tikkostitwixxi deroga għas-sistema ta' referenza, li tagħti vantaġġ lil A/S Øresund meta mqabbla ma' entitajiet legali oħra (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża, peress li tista' tuża t-telf tagħha biex tnaqqas l-obbligazzjoni tat-taxxa tagħha, mingħajr il-limitazzjonijiet li kienu japplikaw għal dawk l-entitajiet l-oħra. Dawn l-entitajiet l-oħra kienu jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili għal dik ta' A/S Øresund, fid-dawl tas-sistema tat-taxxa ta' referenza, li kellha l-għan li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni għall-kumpaniji u l-profitti tagħhom.

(336) Kif innotat fil-premessa (329), l-awtoritajiet Daniżi kienu argumentaw, matul l-investigazzjoni preliminari, li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jistgħu jitqiesu bħala ġġustifikati mil-loġika tas-sistema ta' referenza minħabba l-karattru straordinarju tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa f'termini tad-daqs u l-iskop tiegħu, li jagħmilha inkomparabbli ma' kwalunkwe proġett ieħor soġġett għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Kif innotat fil-premessa (329), il-Kummissjoni ma tqisx li n-natura tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa tiġġustifika trattament differenti għal A/S Øresund, fid-dawl tan-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema ta' referenza. Wara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Daniżi ma ssottomettew l-ebda evidenza ulterjuri li tbiddel il-fehma tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 2013–2015 ma jikkostitwix deroga ġġustifikata għall-applikazzjoni tas-sistema ta' referenza, li jirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida ta' dik is-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu.

(337) Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-LCF 2013–2015 irriżulta f'vantaġġ selettiv lil A/S Øresund. Peress li l-Konsorzju u A/S Øresund jiffurmaw impriża unika għall-fini tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa (il-premessa (315)), l-impriża unika hija benefiċjarja tal-vantaġġ selettiv maħluq mil-LCF 2013–2015, u, bħala konsegwenza, l-LCF 2013–2015 irriżulta f'vantaġġ selettiv għall-Konsorzju.

(338) Il-Kummissjoni tfakkar li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf tħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u wara dan A/S Øresund kienet soġġetta għas-sistema normali Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu (il-premessa (134)). Il-Kummissjoni għalhekk tinnota li l-ebda vantaġġ selettiv ulterjuri favur A/S Øresund jew il-Konsorzju, fir-rigward tar-regoli dwar ir-riport tat-telf, ma kien fis-seħħ minn dik id-data.

6.1.3.2.2.2. Vantaġġ selettiv: regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament

(339) Kif innotat fil-premessa (118), it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu telenka l-entitajiet legali li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Kumpaniji b'responsabbiltà limitata, bħal A/S Øresund, huma inklużi f'dik il-lista. Id-Danimarka nnotat li, għall-perjodu kollu li qed jiġi vvalutat, ir-regoli normali għad-deprezzament tat-taxxa jinsabu fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa (il-premessa (268)), li jistabbilixxi r-rati massimi ta' deprezzament, il-metodi ta' deprezzament u l-limitazzjonijiet possibbli għall-kategoriji differenti ta' assi deprezzabbli, għall-finijiet tat-taxxa, minn entitajiet soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Bħala tali, l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu jiddetermina liema entitajiet iridu jħallsu t-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa jistabbilixxi r-rati u l-livelli limiti li skonthom tali entitajiet jistgħu jiddeprezzaw l-assi tagħhom, sabiex jikkumpensaw dak id-deprezzament mal-bażi taxxabbli tagħhom.

*DEP 1991–1998*

(340) Għall-perjodu 1991–1998, it-Taqsima 22 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ddeterminat li r-rata ta' deprezzament normali għall-bini u l-installazzjonijiet kienet, għall-perjodu sa u inkluża s-sena tat-taxxa 1998 ([177]), 6 % fuq bażi lineari sakemm laħqet 60 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni, u, minn hemm 'il quddiem, limitata għal 2 % tal-kost tal-akkwiżizzjoni, kull sena (il-premessa (144)). Il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' referenza għad-DEP 1991–1998 hija s-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż, b'mod partikolari, it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, flimkien mar-regoli applikabbli b'mod ġenerali tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, li jipprevedi r-rati, il-metodi, u l-limitazzjonijiet possibbli għad-deprezzament tal-assi fissi. Fir-rigward tal-bini u tal-installazzjonijiet, din is-sistema ta' referenza kienet tipprovdi, matul il-perjodu rilevanti, għal deprezzament b'rata ta' 6 % (b'limitazzjoni għal 2 %, wara li d-deprezzament akkumulat ikun laħaq is-60 %). Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (325), l-objettiv rilevanti tas-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huwa li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' tassazzjoni fuq il-profitti tal-kumpaniji, u, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi regoli relatati mad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli, inklużi regoli li jippermettu r-riport tat-telf u d-deprezzament tal-assi, għall-kumpaniji kollha, mingħajr distinzjoni. Għalhekk, is-sistema ta' referenza kienet tipprevedi li l-bini u l-installazzjonijiet jistgħu jiġu deprezzati għall-finijiet tat-taxxa b'rata sa 6 % (bil-limitazzjoni msemmija hawn fuq). Tipi oħra ta' assi kellhom rati ta' deprezzament massimi ogħla f'dik is-sistema ta' referenza, skont l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa.

([177]) Mill-inqas mill-1991 — il-perjodu ta' qabel ma huwiex rilevanti għal din il-valutazzjoni.

(341) Kif spjegat fil-premessa (143), fl-Att dwar il-Kostruzzjoni, ir-rata ta' deprezzament għal A/S Øresund ġiet stabbilita għal 6 % / 2 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni inizjali, li jfisser li ġiet applikata regola ġenerali unika dwar id-deprezzament għall-assi kollha ta' A/S Øresund, inkluż is-sehem tagħha ta' 50 % fuq l-assi tal-Konsorzju. Skont in-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, dik ir-rata kienet tikkorrispondi għal dispożizzjonijiet komparabbli applikabbli għall-bini u l-installazzjonijiet skont l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa li kienu fis-seħħ dak iż-żmien. Id-Danimarka spjegat li r-regola applikabbli għal A/S Øresund kellha titqies bħala regola prattika li tippermetti reġim uniformi għall-assi kollha li oriġinarjament, jekk xejn, kien ta' detriment għal A/S Øresund, peress li l-inqas rata favorevoli ta' deprezzament ġiet applikata għall-proġett kollu (oġġetti oħra, bħall-makkinarju, normalment setgħu jiġu deprezzati b'rata ogħla minn 6 % / 2 %, iżda għal A/S Øresund, kienet tapplika rata fissa) (il-premessa (268)). Għalhekk, bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet fl-Att dwar il-Kostruzzjoni, A/S Øresund tista' tapplika regola unika ta' deprezzament iżda ma setgħet tiddepprezza, għall-ebda waħda mill-kategoriji tal-assi, b'rata aktar mgħaġġla minn entitajiet legali oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża.

(342) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li d-DEP 1991–1998 ma kienx jikkostitwixxi deroga li tista' twassal għal vantaġġ selettiv lil A/S Øresund, jew, b'estensjoni, lill-Konsorzju, meta mqabbel mat-tassazzjoni "normali" stabbilita fis-sistema ta' referenza. Għalhekk, id-DEP 1991–1998 ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil A/S Øresund jew lill-Konsorzju.

*DEP 1999–2007 u DEP 2008–2015*

(343) Il-Kummissjoni tinnota li, fis-26 ta' Ġunju 1998, l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ġie emendat, b'tali mod li, mis-sena tat-taxxa 1999, ir-rata ta' deprezzament normali għall-bini u l-installazzjonijiet naqset għal massimu ta' 5 % (it-Taqsima 17 tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa). Fl-istess ħin, ir-regola li skontha tapplika rata ta' deprezzament ta' 2 % wara 10 snin ġiet abolita. Fis-6 ta' Ġunju 2007, l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ġie emendat aktar, b'tali mod li, mis-sena tat-taxxa 2008, ir-rata ta' deprezzament normali għall-bini u l-installazzjonijiet naqset għal massimu ta' 4 % (il-premessa (145)). Il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' referenza għad-DEP 1999–2007 hija s-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inkluż, b'mod partikolari, it-Taqsima 1 tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, flimkien mar-regoli applikabbli b'mod ġenerali tal-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, li jipprevedi r-rati, il-metodi, u l-limitazzjonijiet possibbli għad-deprezzament tal-assi fissi. Dawk ir-regoli pprevedew li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ammont tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu pagabbli minn entità legali soġġetta għal dik it-taxxa (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata), il-bini u l-installazzjonijiet jistgħu jiġu deprezzati b'rata ta' 5 % għall-perjodu tad-DEP 1999–2007, u għall-perjodu tad-DEP 2008–2015 b'rata ta' 4 %. Il-Kummissjoni ma tqisx li l-emendi leġiżlattivi tas-26 ta' Ġunju 1998 u tas-6 ta' Ġunju 2007 kellhom impatt fuq l-objettiv ta' dak il-qafas, meta mqabbel mal-perjodu tad-DEP 1991–1998.

(344) It-tieni nett, dawk il-bidliet ma kinux riflessi fl-Att dwar il-Kostruzzjoni (jew, aktar tard, l-Att Sund & Bælt), li żamm ir-rata ta' 6 % / 2 % fuq il-bażi tal-assi kollha. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni l-ewwel analizzat l-effett tar-rata ta' 2 % applikabbli għal A/S Øresund, ladarba d-deprezzament akkumulat jilħaq is-60 % u l-effett tad-deprezzament mhux differenzjat tal-bażi tal-assi kollha. Dwar l-ewwel punt, il-Kummissjoni tinnota li, għall-perjodu kollu mill-istabbiliment ta' A/S Øresund u tal-Konsorzju, sas-sena tat-taxxa 2016, ir-rata ta' 2 % ma kienet ta' ebda rilevanza prattika, peress li l-ammont globali tal-assi tal-Konsorzju li seta' jiġi deprezzat minn A/S Øresund kien għadu ma laħaqx is-60 % (il-premessa (271)). Dwar it-tieni punt, il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' deprezzament ta' 6 % applikata għall-bażi tal-assi kollha tal-Konsorzju li kienet soġġetta għar-regoli tat-taxxa Daniżi (jiġifieri, il-50 % li hija proprjetà ta' A/S Øresund), mingħajr ma ssir distinzjoni bejn "bini u installazzjonijiet" u assi oħra li potenzjalment jista' jkollhom reġim ta' deprezzament aktar favorevoli fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet Daniżi, b'mod partikolari, irreferew għal installazzjonijiet ferrovjarji, bħal binarji, sinjali u kejbils fl-arju (il-premessa (144) u n-nota ta' qiegħ il-paġna 79), iżda nnotaw ukoll li l-effett tal-applikazzjoni ta' rata ta' deprezzament aktar rapida fuq dawk l-assi qatt ma ġie eżaminat jew stmat fid-dettall. Il-Kummissjoni tqis li, anki jekk sistemi ta' deprezzament aktar favorevoli fuq ċerti assi ma kinux applikabbli għal A/S Øresund, u għalhekk, għad-deprezzament tagħha ta' dawk l-assi speċifiċi, għall-parti l-kbira tal-assi tagħha (il-proġett li jikkonsisti, essenzjalment, fil-bini ta' pont u mina), A/S Øresund tħalliet tiddeprezza b'rata ogħla minn dik li kienet tkun kapaċi tagħmel skont ir-regoli normali tat-tassazzjoni. Rata ogħla ta' deprezzament tista' twassal għal deprezzament aktar rapidu ta' assi, li jippermetti li t-tnaqqis tal-bażi taxxabbli jseħħ b'mod aktar intensiv fis-snin bikrin tal-ħajja ta' assi; l-effett fiskali ta' dan fuq il-ħajja totali tal-assi, għalhekk, jista' jkun komparabbli ma' self bla ħlas. Il-Kummissjoni tinnota, f'dan il-kuntest, li huwa rilevanti biss li jiġi kkunsidrat il-perjodu sas-sena tat-taxxa 2016, peress li, minn dik is-sena, A/S Øresund kienet soġġetta għar-regoli normali. Billi rrifjutaw li jemendaw l-Att dwar il-Kostruzzjoni, jew l-Att Sund & Bælt, biex jimponu limitazzjoni simili fuq ir-rata massima ta' deprezzament

għal A/S Øresund bħal skont ir-regoli normali, l-awtoritajiet Daniżi ppermettewlha tgawdi pożizzjoni vantaġġuża fuq entitajiet legali oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Il-kombinazzjoni tal-emendi għall-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, u n-nuqqas ta' emendi korrispondenti għall-Att dwar il-Kostruzzjoni jew l-Att Sund & Bælt, għalhekk, iridu jitqiesu bħala li jikkostitwixxu miżura favur A/S Øresund. Il-Kummissjoni tqis li A/S Øresund gawdiet minn deroga mis-sistema ta' referenza, peress li, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (327), id-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015 iddifferenzjaw bejn l-operaturi ekonomiċi li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-objettiv tas-sistema ta' referenza.

(345) Kif innotat fil-premessa (329), l-awtoritajiet Daniżi kienu argumentaw, matul l-investigazzjoni preliminari, li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jistgħu jitqiesu bħala ġġustifikati mil-loġika tas-sistema ta' referenza, minħabba l-karattru straordinarju tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa f'termini tad-daqs u l-iskop tiegħu, li jagħmilha inkomparabbli ma' kwalunkwe proġett ieħor soġġett għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Kif innotat fil-premessa (329), il-Kummissjoni ma tqisx li n-natura tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa tiġġustifika trattament differenti għal A/S Øresund, fid-dawl tan-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema ta' referenza. Wara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Daniżi ma ssottomettew l-ebda evidenza ulterjuri li tbiddel il-fehma tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 2013–2015 ma jikkostitwix deroga ġġustifikata għall-applikazzjoni tas-sistema ta' referenza, li jirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida ta' dik is-sistema Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu.

(346) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015 irriżulta f'vantaġġ selettiv lil A/S Øresund. Kif innotat fil-premessa (319), il-Konsorzju jkun benefiċjarju ta' kwalunkwe vantaġġ selettiv maħluq mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, fid-dawl tal-fatt li kemm A/S Øresund kif ukoll il-Konsorzju jiffurmaw impriża waħda għall-fini tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015 irriżultaw f'vantaġġ selettiv lill-Konsorzju.

(347) Il-Kummissjoni tfakkar li r-regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament tħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u wara dan A/S Øresund kienet soġġetta għas-sistema normali Daniża tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu (il-premessa (134)). Il-Kummissjoni għalhekk tinnota li l-ebda vantaġġ selettiv ulterjuri favur A/S Øresund jew il-Konsorzju, fir-rigward tar-regoli dwar id-deprezzament, ma kien fis-seħħ minn dik id-data.

### 6.1.4. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(348) L-għajnuna mogħtija minn Stat Membru li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-UE trid titqies li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ([178]). Miżura mogħtija mill-Istat titqies li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni meta tkun tista' ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju, meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu.

(349) Fil-premessa 97 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi deċiż jekk il-miżuri jistgħux joħolqu distorsjonital-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-suq għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' pontijiet (transfruntiera), huwa ċar li l-għoti ta' vantaġġ selettiv jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Konsorzju fis-suq għas-servizzi tat-trasport biex jaqsam l-istrett ta' Øresund, meta mqabbel ma' impriżi oħra, bħal, b'mod partikolari, l-operaturi tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma.

([178]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech Ltd* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, EU:C:2015:9, il-punt 66; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert et*, Il-Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, il-punt 77; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2001, *Regione Friuli Venezia Giulia*, T-288/97, EU:T:2001:115, il-punt 41.

(350) Il-Konsorzju huwa attiv fis-suq għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ([179]) ta' pontijiet (transfruntiera) u fis-suq għas-servizzi tat-trasport biex jaqsmu l-istrett ta' Øresund. Dwar dan tal-aħħar, il-Konsorzju jikkompeti fil-kummerċ bejn l-Istati Membri ma' impriżi li jipprovdu servizzi alternattivi ta' trasport, b'mod partikolari servizzi ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma.

(351) Huwa evidenti min-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni li t-traffiku fuq il-Konnessjoni Fissa jkun jikkonsisti, minbarra t-traffiku ġġenerat ġdid, mit-traffiku eżistenti fuq ir-rotot tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma tan-Nofsinhar fuq Øresund, il-bidla tat-traffiku minn rotot oħra ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'Øresund, kif ukoll mir-rotot ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fuq il-Kattegat u l-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, il-Ministru Daniż għat-Trasport kien awtorizzat jagħlaq is-servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma eżistenti tal-Amministrazzjoni tal-Ferroviji tal-Istat Daniż tul Øresund (ħlief is-servizz bejn Helsingør, id-Danimarka u Helsingborg, l-Iżvezja), wara li l-Konnessjoni Fissa kienet tqiegħedet fis-servizz. L-abbozz ta' liġi 1990/91:158 innota li s-servizz ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma Helsingør-Helsingborg kien preżunt li jibqa' jopera anki jekk parti mit-traffiku tiġi ttrasferita għall-Konnessjoni Fissa. Is-servizzi l-oħra kollha tal-mezz ta' trasport tul korp tal-ilma tul Øresund, madankollu, kienu preżunti li jieqfu joperaw. L-abbozz ta' liġi 1990/91:158 irrefera wkoll għall-kompetizzjoni minn servizzi ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma fuq rotot oħra bejn l-Iżvezja, il-Ġermanja u Jutland, id-Danimarka.

(352) Barra minn hekk, ir-rapporti annwali tal-Konsorzju jipprovdu ċifri dwar is-sehem mis-suq, li, bħala tali, huwa indikazzjoni qawwija tal-kompetizzjoni. Ir-rapport annwali tal-2005 jipprovdi *data* dwar l-evoluzzjoni tat-traffiku tal-passiġġieri tul Øresund bejn l-1999 u l-2005. Id-*data* turi li l-aħħar sena ta' operazzjoni tas-servizz ta' Dragør-Limhamn kienet fl-1999, b'1,6 miljun passiġġier. L-għadd ta' passiġġieri moqdija mill-"Hydrofoils Copenhagen — Skåne" naqas minn 3,6 miljun passiġġier fl-1999 għal 150 000 fl-2002, u wara waqaf jopera. L-għadd ta' passiġġieri moqdija mill-Ilmentatur naqas minn 14,3 miljun fl-1999 għal 13,3 miljun fl-2000, u, barra minn hekk, għal 11,5 miljun fl-2001.

(353) Il-Kummissjoni tqis li s-sejbiet kif deskritti fil-premessi (351) u (352) jixhdu l-kompetizzjoni potenzjali li teżisti bejn l-operaturi tal-Konnessjoni Fissa u mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma, li joperaw rotot ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma tul Øresund. Il-miżuri li jagħtu vantaġġ selettiv lill-Konsorzju setgħu jsaħħu l-pożizzjoni finanzjarja tal-Konsorzju u, konsegwentement, joħolqu distorsjoni ta' din il-kompetizzjoni. Peress li l-Konsorzju u l-operaturi mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma joperaw f'suq li jipprovdi servizzi ta' trasport tul Øresund, bejn id-Danimarka u l-Iżvezja, dik il-kompetizzjoni taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(354) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri li jinvolvu vantaġġ selettiv jistgħu jitqiesu li jaffettwaw il-kummerċ intra-UE u jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.

6.1.5. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(355) Abbażi tal-valutazzjoni tagħha fil-premessi minn (287) sa (354), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mudell ta' garanzija mill-Istat, li skontu l-Istati pprovdew impenn dejjiemi biex jiggarantixxu l-istrumenti finanzjarji għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, u li d-Danimarka u l-Iżvezja taw lill-Konsorzju, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-LCF 1991–2001, l-LCF 2013–2015, id-DEP 2007–2008 u d-DEP 2015–1999, li d-Danimarka tat lil A/S Øresund, u li jirriżultaw f'vantaġġ lil A/S Øresund u, għalhekk, lill-Konsorzju bħala parti mill-istess impriża unika għall-fini tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa (il-premessa (319)), jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lill-Konsorzju skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-LCF 2002–2012 u d-DEP 1991–1998 ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat lill-Konsorzju skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.2. **Klassifikazzjoni bħala skema jew għajnuna individwali**

(356) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, fil-premessa 108, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-garanziji mill-Istat għandhomx jitqiesu bħala skema ta' għajnuna, jekk għandhomx jitqiesu bħala għajnuna individwali mogħtija meta ġie stabbilit il-Konsorzju, jew jekk għandhomx jitqiesu bħala għajnuna individwali mogħtija kull darba li tranżazzjoni finanzjarja tal-Konsorzju tiġi approvata mill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-premessa 107 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ddikjarat il-fehma preliminari tagħha li l-amministrazzjoni tal-garanziji fir-rigward ta'

([179]) Il-Kummissjoni tfakkar f'dan il-kuntest li fil-premessa (301) stabbiliet li l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma tistax tiġi diżassoċjata mill-operazzjoni futur tagħha.

tranżazzjonijiet finanzjarji speċifiċi ma tistax titqies b'mod iżolat mill-garanziji tal-Istat mogħtija fl-1992, u, fil-premessa 109, il-Kummissjoni nnotat li l-kwalifika preliminari tagħha tal-garanziji bħala għajnuniet individwali jenħtieġ li tiġi applikata wkoll għall-miżuri tat-taxxa. Minħabba li l-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar il-kwistjoni ta' jekk il-miżuri ta' appoġġ jikkostitwux skema jew miżuri ta' għajnuna individwali, hija lanqas ma setgħet tikkonkludi dwar id-data li fiha ngħataw il-garanziji u l-miżuri tat-taxxa, kif ukoll l-għadd tagħhom.

(357) Sabiex tiddetermina jekk il-miżuri ta' għajnuna jikkwalifikawx bħala skemi ta' għajnuna jew għajnuna individwali, il-Kummissjoni trid teżamina n-natura tal-miżuri ta' għajnuna, fid-dawl tad-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament 2015/1589.

(358) Skont l-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589, "'skema ta' għajnuna' tfisser kull att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni oħra, jistgħu jingħataw għajnuniet individwali lill-impriżi li jkunu definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kull att li fuq il-bażi tiegħu għajnuna li ma tkunx konnessa ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil waħda jew ħafna impriżi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit".

(359) Min-naħa l-oħra, "għajnuna individwali" hija ddefinita fl-Artikolu 1(e), tar-Regolament 2015/1589 bħala "għajnuna li ma tingħatax fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna u għoti ta' għajnuna notifikabbli fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna".

### 6.2.1. *Il-mudell ta' garanzija mill-Istat*

#### 6.2.1.1. Skema jew għajnuna individwali

(360) Fil-premessa 103 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni qieset li l-ewwel sitwazzjoni inkluża fid-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna ma tistax titqies applikabbli għall-mudell ta' garanzija mill-Istat peress li ma hijiex immirata lejn "impriżi li jkunu definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt", iżda lejn il-Konsorzju, b'mod speċifiku. La l-Istati, u lanqas xi parti interessata, ma ressqu argumenti kuntrarji. Kif innotat fil-premessa (169), l-Ilmentatur u Scandlines et al. irreferew għas-Sentenza *Øresund* biex isostnu l-fehma tagħhom li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma jistax jikkostitwixxi skema. Skont l-Ilmentatur, jenħtieġ li l-Kummissjoni lanqas biss tivvaluta jekk il-mudell ta' garanzija mill-Istat jistax jikkostitwixxi skema (il-premessa (169)). Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li tali analiżi hija meħtieġa peress li l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-2014 fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, u l-garanziji tal-Istat mogħtija lill-Konsorzju (il-premessa (12)). Il-Kummissjoni tat effett lis-Sentenza *Øresund* billi fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali li fiha n-natura tal-miżuri bħala għajnuna individwali jew skema kienet raġuni espliċita għall-ftuħ ta' dik il-proċedura (il-premessa (155)).

(361) Wara l-investigazzjoni formali tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ma tistax titqies bħala skema, kif spjegat aktar fil-premessi (362) u (363).

(362) L-ewwel nett, l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ma tingħatax fuq il-bażi ta' att li jipprevedi għotjiet ta' għajnuna individwali li għandhom isiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt. L-Att dwar il-Kostruzzjoni jipprevedi regola speċjali applikabbli speċifikament għall-Konsorzju. Għalhekk, il-mudell ta' garanzija mill-Istat ma jissodisfax l-ewwel kundizzjoni fid-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(363) It-tieni nett, l-Att dwar il-Kostruzzjoni jispeċifika b'mod espliċitu l-proġett ikkonċernat bħala l-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Kemm l-Istati kif ukoll il-partijiet interessati jqisu li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat hija marbuta ma' dak il-proġett speċifiku. Il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 2 tal-Ftehim Intergovernattiv jispeċifika li l-Konnessjoni Fissa għandha tinbena bħala konnessjoni kombinata bit-triq u bil-ferrovija, li tikkonsisti minn linja ferrovjarja b'żewġ binarji u awtostrada b'erba' korsiji, u li għandha testendi minn peniżola artifiċjali fl-Ajruport ta' Kastrup u taqsam l-istrett ta' Øresund permezz ta' mina taħt l-ilma lejn gżira artifiċjali u minn hemm tipproċedi bħala pont ikkombinat għoli u baxx biex tingħaqad mal-Iżvezja fin-Nofsinhar ta' Linhamn. Barra minn hekk, l-Anness 1 tal-Ftehim Intergovernattiv jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tad-disinn tekniku tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, fiż-żmien meta l-mudell ta' garanzija mill-Istat ġie stabbilit u integrat fil-Ftehim tal-Konsorzju, il-proġett kien, kemm f'termini ta' pożizzjoni ġeografika kif ukoll ta' disinn tekniku, definit

b'mod speċifiku u ċar ħafna. Barra minn hekk, fis-Sentenza *Øresund*, il-Qorti Ġenerali espliċitament ikkunsidrat li l-għajnuna relatata mal-garanziji tal-Istat trid titqies bħala marbuta ma' proġett speċifiku ([180]). Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkonkludi li l-mudell ta' garanzija mill-Istat huwa marbut ma' proġett speċifiku u li, għalhekk, il-mudell ta' garanzija mill-Istat ma jissodisfax it-tieni kundizzjoni fid-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(364) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ma tissodisfax id-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(365) L-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat għandha għalhekk tiġi kkwalifikata bħala miżura ta' għajnuna individwali waħda jew aktar, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(e), tar-Regolament 2015/1589.

6.2.1.2. Data tal-għoti

(366) Għad irid jiġi ddeterminat jekk il-mudell ta' garanzija mill-Istat jikkonsistix f'għajnuna individwali mogħtija meta ġie stabbilit il-Konsorzju, jew jekk jikkonsistix f'sensiela ta' miżuri ta' għajnuna individwali, mogħtija kull darba li tranżazzjoni finanzjarja tal-Konsorzju tkun iggarantita mill-Istati.

(367) Abbażi tal-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni ([181]), huwa stabbilit sew li d-data tal-għoti tal-għajnuna tirreferi għad-data meta d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna jingħata lill-benefiċjarju skont ir-reġim nazzjonali applikabbli.

(368) Kif iddikjarat fil-premessa (85), il-garanzija *in solidum* tas-self kollu u tal-istrumenti finanzjarji l-oħra meħuda mill-Konsorzju b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa, ġiet stabbilita fl-1991, mal-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv, li ġie ratifikat mill-Iżvezja fit-8 ta' Awwissu 1991 u mid-Danimarka fl-24 ta' Awwissu 1991 (il-premessa (61)). L-obbligu ta' garanzija li jirriżulta mill-Ftehim Intergovernattiv ġie implimentat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali Żvediża u Daniża fl-1991, mill-Att dwar il-Kostruzzjoni u d-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż (il-premessa (63)). Il-Ftehim tal-Konsorzju jfakkar l-obbligu ta' garanzija mill-Istati lill-Konsorzju. It-Taqsima 4(3) tal-Ftehim tal-Konsorzju tipprovdi l-bażi legali għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa: "Ir-rekwiżiti kapitali tal-Konsorzju għall-ippjanar, id-disinn tal-proġett u l-kostruzzjoni tal-[Konnessjoni Fissa], inklużi l-ispejjeż tas-servizzjar tas-self, u għall-kopertura tar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw minn telf kontabbli li huwa mistenni li jseħħ għal diversi snin wara li l-[Konnessjoni Fissa] ikun infetaħ għat-traffiku, għandhom, skont dak li huwa miftiehem fil-[Ftehim Intergovernattiv], jiġu ssodisfatti billi jinkiseb self jew permezz tal-ħruġ ta' strumenti finanzjarji fis-suq miftuħ b'sigurtà fil-forma ta' garanziji mill-Gvern Żvediż u Daniż" (il-premessa (90)).

(369) Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Konsorzju, il-Konsorzju jista' jieħu self garantit mill-Istat biex jiffinanzja l-fażijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Il-Konsorzju jista' jkompli jżid id-dejn tiegħu permezz ta' self garantit fl-ewwel snin wara li tqiegħedet fis-servizz il-Konnessjoni Fissa. Din id-dispożizzjoni kienet meħtieġa peress li l-Konnessjoni Fissa kienet mistennija li l- se tkun qed tagħmel telf għall-ewwel għadd ta' snin. Dan ifisser li l-profitt operatorju, fl-ewwel snin, ma kienx ikun biżżejjed biex il-Konsorzju jkopri l-kostijiet ta' finanzjament fuq id-dejn li kien ikun benamatul il-fażijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni. Għalhekk, matul l-ewwel għadd ta' snin, il-Konsorzju jkollu jġarrab aktar dejn. Madankollu, il-Ftehim tal-Konsorzju ma pprevediex dritt għal kwalunkwe garanzija ulterjuri biex jiġu ffinanzjati l-operazzjonijiet tal-Konnessjoni Fissa. F'dan il-kuntest, l-Istati kkonfermaw li ma ġiet ipprovduta l-ebda garanzija mill-Istat biex tiffinanzja l-operazzjonijiet tal-Konnessjoni Fissa. Fil-fatt, mir-rapporti annwali tal-Konsorzju jirriżulta li d-dħul, mill-ewwel sena tal-operazzjoni, kien jaqbeż il-kostijiet operatorji u l-introjtu operatorju kien pożittiv. Sa, u inkluż, l-2003, dak l-introjtu operatorju, għalkemm pożittiv, kien iżgħar mill-kostijiet tal-finanzjament u għalhekk, żdied id-dejn. Mill-2004, l-introjtu operatorju kien biżżejjed biex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dejn, u, konsegwentement, id-dejn kumplessiv tnaqqas, sena b'sena.

([180]) Is-sentenza *Øresund*, il-punt 80.

([181]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2018, *BSCA* vs *Il-Kummissjoni*, T-818/14, EU:T:2018:33, il-punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

(370) Madankollu, minkejja l-analiżi fil-premessa (369), il-Konsorzju jista', abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Konsorzju, juża l-garanziji tal-Istat biex jiffinanzja mill-ġdid id-dejn tiegħu (relatati mal-fażijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni), matul il-fażi operazzjonali. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Ftehim tal-Konsorzju ppreveda l-possibbiltà li l-Istati jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tal-Konnessjoni Fissa. Dan huwa evidenti wkoll mit-Taqsima 6 tal-Ftehim tal-Konsorzju, li tgħid li l-kost kollu tal-ippjanar, tad-disinn tal-proġett, tal-finanzjament, tal-kostruzzjoni, tal-operazzjoni u tal-manutenzjoni tal-Konnessjoni Fissa kellu jiġi kopert mid-dħul operatorju. Fi kliem ieħor, id-dħul operatorju jenħtieġ li ma jkunx biżżejjed biss biex ikopri l-kostijiet operatorji, iżda jenħtieġ li jkun biżżejjed biex ikopri l-kost kollu tal-Konnessjoni Fissa, inklużi l-kostijiet tal-kostruzzjoni u tal-finanzjament relatati tal-Konnessjoni Fissa (u l-konnessjonijiet fiż-żoni interni). Il-Kummissjoni tinnota li dan il-punt ma kienx ċar fid-Deċiżjoni tal-2014. Il-premessa 50 tad-Deċiżjoni tal-2014 kienet tirreferi għal żewġ garanziji mill-Istat "għal self li l-Konsorzju kien ħa sabiex jiffinanzja l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-proġett ta' infrastruttura [tal-Konnessjoni Fissa]". Kien fuq din il-bażi li l-Qorti Ġenerali, fis-Sentenza *Øresund* ([182]), ikkunsidrat li l-garanziji tal-Istat setgħu jkopru l-kostijiet operatorji mġarrba matul il-fażi operazzjonali. Dan il-punt ġie ċċarat aktar matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(371) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-mudell ta' garanzija mill-Istat, inklużi l-ftehimiet ta' garanzija sottostanti, ma jkoprix l-operazzjonijiet tal-Konnessjoni Fissa. Minflok, tiggarantixxi l-finanzjament għall-investiment fl-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

(372) L-Istati pprovdew aktar kjarifiki dwar l-amministrazzjoni tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat. Fl-Iżvezja, il-kompetenza u l-obbligu li b'mod konġunt jiġu assenjati garanziji għall-finanzjament kollu meħtieġ mill-Konsorzju fir-rigward tal-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ġew iddelegati lill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn (il-premessa (91)). Fid-Danimarka, din il-kompetenza u dan l-obbligu ġew iddelegati lill-Bank Nazzjonali Daniż (il-premessa (95)). L-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż jiddefinixxu l-qafas ġenerali għall-politika ta' finanzjament tal-Konsorzju u jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' garanzija mill-Istat meta l-Konsorzju jiffirma ftehimiet ta' self ġodda jew juża strumenti finanzjarji oħra b'rabta mal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1997 u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-2004 (il-premessi minn (97) sa (102)) fihom għadd ta' termini formali, drittijiet u obbligi tal-partijiet. Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni jagħtu lill-Istati opportunità li jimmonitorjaw u jinfluwenzaw il-politika ta' finanzjament tal-Konsorzju, li jiżguraw li l-Konsorzju ma jeċċedix il-mandat tiegħu, u li jiżguraw li tiġi segwita politika ta' finanzjament li timminimizza r-riskju fit-tul tal-Istati. Skont l-Istati, dan il-mekkaniżmu ppermetta wkoll lill-Istati jiżguraw li l-għajnuna mogħtija lill-Konsorzju ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

(373) Kif deskritt fil-premessa (74), fil-prattika, il-Konsorzju regolarment jieħu self ġdid biex jiffinanzja mill-ġdid il-kostijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni tiegħu, spiss permezz tal-ħruġ ta' bonds taħt programmi stabbiliti qabel bħall-programm EMTN. Jeżistu garanziji f'diversi livelli. Il-programmi EMTN u MTN Żvediżi jinkludu att ta' garanzija kull wieħed. Kif deskritt fil-premessi (103) sa (108), dan huwa att favur id-detenturi (jiġifieri l-investituri fil-bond) li skontu l-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn qablu b'mod *in solidum* li jiggarantixxu s-somom kollha li l-Konsorzju huwa legalment responsabbli li jħallas. Il-premessi (107) u (108) jiċċaraw li, meta l-Konsorzju joħroġ bonds skont il-programm EMTN, il-Bank Nazzjonali Daniż u l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn jikkonfermaw li l-bond speċifiku huwa soġġett għall-att ta' garanzija rispettiv. Fl-ambitu tal-programm MTN Żvediż, il-bonds huma approvati mill-Bank Nazzjonali Daniż u mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn, mingħajr konferma tal-att ta' garanzija rispettiv (il-premessa (108)). Fir-rigward tal-ftehimiet ta' self awtonomi, kif deskritt fil-premessi (109) u (110), il-Konsorzju jiffirma kuntratti finanzjarji ma' istituzzjonijiet finanzjarji. Ma' kull kuntratt ta' finanzjament hemm mehmuż dokument ta' ftehim ta' garanzija. Barra minn hekk, il-ftehimiet ta' garanzija jinħarġu wkoll għall-faċilitajiet ta' kreditu (il-premessa (111)) u għall-Ftehimiet Prinċipali tal-ISDA (il-premessa (112)). Skont il-partijiet interessati, kull att ta' garanzija, konferma, approvazzjoni ta' bonds jew ftehim ta' garanzija bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala għajnuna individwali, mogħtija fiż-żmien meta jiġi ffirmat tali ftehim ta' garanzija, minħabba li l-Konsorzju huwa meħtieġ jikseb approvazzjoni individwali mill-garanti għal tranżazzjoni ta' dejn speċifika. Barra minn hekk, l-atti ta' garanzija jinkludu dispożizzjonijiet li jistipulaw li l-garanzija tista' tiġi rtirata mill-Istati.

([182]) Is-Sentenza *Øresund*, il-punti 107 u 108.

(374) L-Istati ċċaraw li l-fatt li tranżazzjonijiet finanzjarji individwali jeħtieġu amministrazzjoni sussegwenti mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u mill-Bank Nazzjonali Daniż, madankollu, ma jfissirx li huma jew l-Istati għandhom xi għażla li jirrifjutaw li jiggarantixxu tali tranżazzjonijiet (ara l-premessa (245)). Għalkemm garanzija għal self jew bond speċifiku wieħed tista' tiġi rrifjutata (pereżempju minħabba riskji assoċjati ma' dak is-self jew bond), l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż xorta jkollhom l-obbligu li jipprovdu l-garanziji kollha meħtieġa għall-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. F'każ bħal dan, ikollhom jiggarantixxu tranżazzjoni oħra sabiex il-Konsorzju jkun jista' jikseb il-finanzjament garantit meħtieġ.

(375) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-vantaġġ għall-Konsorzju li jirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat jinsab essenzjalment fil-fatt li l-Konsorzju huwa l-benefiċjarju tal-obbligu *in solidum* tal-Istat li jiggarantixxi it-teħid b'self tiegħu fir-rigward tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa. Abbażi tal-formulazzjoni tat-Taqsima 4(3) tal-Ftehim tal-Konsorzju, il-Ftehim tal-Konsorzju ta lill-Konsorzju d-dritt legali li jiffinanzja l-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa permezz ta' strumenti ta' dejn li jibbenefikaw minn garanziji tal-Istat, meta l-Konsorzju ġie stabbilit fit-13 ta' Frar 1992. Huma A/S Øresund u SVEDAB, it-tnejn li huma 100 % proprjetà tal-Istati rispettivi, li stabbilew il-Konsorzju, wara l-approvazzjoni tal-Ftehim tal-Konsorzju mill-Gvernijiet tad-Danimarka u tal-Iżvezja fit-13 ta' Frar 1992 (il-premessa (66)). L-arranġament organizzazzjonali magħżul għall-implimentazzjoni tal-garanziji, li jeħtieġ l-approvazzjoni *ex ante* tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u tal-Bank Nazzjonali Daniż, għal tranżazzjonijiet individwali, ma huwiex maħsub biex jillimita jew ibiddel materjalment ir-responsabbiltà tal-Istati li jiggarantixxu l-kostijiet ta' finanzjament inkwistjoni, kif spjegat aktar fil-premessi li ġejjin.

(376) Bħala tali, il-Kummissjoni tqis li l-Ftehim tal-Konsorzju huwa l-att legali li permezz tiegħu l-għajnuna fil-forma ta' garanziji mill-Istat ingħatat b'mod definittiv lill-Konsorzju. Id-Danimarka u l-Iżvezja, abbażi tal-Ftehim Intergovernattiv, ħadu, flimkien mal-Ftehim tal-Konsorzju, obbligu legali li jiggarantixxu self u strumenti finanzjarji meħuda mill-Konsorzju għall-finijiet tal-finanzjament tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Il-Konsorzju ġie stabbilit formalment permezz tal-Ftehim tal-Konsorzju, li fakkar il-fatt li l-Konsorzju kellu d-dritt għall-garanziji tal-Istat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jitqies li l-Konsorzju gawda mid-dritt legali li jibbenefika mill-garanziji tal-Istat sa mill-istabbiliment tiegħu, li kkonkretizza l-obbligu ta' garanzija tal-Istati li kien stabbilit fil-Ftehim Intergovernattiv. Peress li dak id-dritt legali baqa' fis-seħħ b'mod konsistenti minn dak iż-żmien, u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma nbidilx (ara wkoll, f'dak ir-rigward, il-premessa (387)), il-Kummissjoni tqis li l-garanziji mill-Istat ingħataw b'mod definittiv fit-13 ta' Frar 1992 ([183]). Il-Kummissjoni tqis li, għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt, l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-garanziji tal-Istat ma jbiddlux dan il-fatt.

(377) Għalkemm l-Istati, permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn jew il-Bank Nazzjonali Daniż, għandhom mnejn jkunu jistgħu jirrifjutaw li jiggarantixxu kuntratt ta' dejn ġdid speċifiku li l-Konsorzju jkun jixtieq jikkonkludi, huma jżommu l-obbligu li jiggarantixxu l-finanzjament kollu meħtieġ għall-Konnessjoni Fissa (il-premessa (374)). Dan japplika wkoll fir-rigward tal-argument tal-Ilmentatur li l-atti ta' garanzija kien fihom dispożizzjonijiet li l-atti setgħu jiġu rtirati (il-premessa (174)). Il-Kummissjoni ssib li, anki jekk l-atti individwali ta' garanzija jistgħu jiġu rtirati, dan ma jfissirx li l-obbligu tal-Istati li jiggarantixxu l-finanzjament meħtieġ għall-Konnessjoni Fissa jitneħħa. Att ieħor ta' garanzija jista', pereżempju, jiġi stabbilit f'dan ir-rigward, jew il-finanzjament jista' jiġi ggarantit permezz ta' self garantit individwali u awtonomu.

(378) Il-Kummissjoni tqis li l-approvazzjonijiet jew il-konfermi mill-Bank Nazzjonali Daniż jew mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn (il-premessa (373)) ma jistgħux jitqiesu bħala għotjiet ġodda ta' għajnuna, peress li dawk it-tranżazzjonijiet huma sempliċiment implimentazzjoni tal-obbligu ta' garanzija li l-Istati wettqu bil-Ftehim tal-Konsorzju.

([183]) Il-Kummissjoni tinnota li l-impenn tal-Istati li jiżguraw li l-Konsorzju jiffinanzja dejn ġdid u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti skont it-termini tas-suq (il-premessa (265)) ma jbiddilx din is-sejba.

(379) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, meta jibda investimenti kbar, huwa normali li investitur jitlob ċertu ammont ta' stabbiltà fl-ippjanar finanzjarju għall-investiment. Mingħajr ma jkunu jistgħu jagħmlu estimi raġonevoli dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji li se jkunu applikabbli għal investiment, l-investituri x'aktarx li ma jirriskjawx iż-żmien u r-riżorsi meħtieġa biex jinkiseb il-proġett. Il-Kummissjoni tinnota, f'dan ir-rigward, li r-raġunament ekonomiku tal-mudell ta' garanzija mill-Istat kien li jiġu minimizzati l-kostijiet ta' finanzjament totali tal-proġett (il-premessa (255)). Il-mudell ta' garanzija mill-Istat kien diġà deskritt fil-Ftehim Intergovernattiv, u għalhekk, ġie definit qabel ma beda l-investiment. Bħala tali, jenħtieġ li jitqies bħala waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali applikabbli għall-investiment, li fuqu tħejja l-ippjanar finanzjarju tal-investiment. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-mudell ta' garanzija mill-Istat kienet ċara mill-bidu nett u kienet parti inerenti mill-mudell finanzjarju, li abbażi tiegħu l-Konsorzju wettaq investiment sinifikanti.

(380) Il-Kummissjoni tinnota l-affermazzjoni tal-Ilmentatur fil-premessa (170) li, skont it-Taqsima 2.1 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008, l-ammont ta' għajnuna mill-Istat f'garanzija jrid jiġi vvalutat fil-mument li jinħareġ. L-Ilmentatur jargumenta li dan ifisser li l-garanzija trid titqies bħala mogħtija meta r-riskju assoċjat magħha jittieħed mill-Istat. Huwa jargumenta li ma hemm l-ebda riskju assoċjat mal-mudell ta' garanzija mill-Istat permezz tal-Ftehimiet Intergovernattivi u tal-Konsorzju, u li l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv ma jikkostitwix dritt legalment infurzabbli. Barra minn hekk, huwa jqis li, sabiex garanzija titqies bħala mogħtija, irid ikun possibbli li titkejjel il-portata tagħha, li ma huwiex possibbli abbażi tal-Ftehimiet Intergovernattivi jew tal-Konsorzju, peress li ma hemmx limitu ta' żmien u ta' ammont. L-Ilmentatur jirreferi wkoll għat-Taqsima 3.2 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008, b'sostenn ta' dik il-pretensjoni. Barra minn hekk, l-Ilmentatur iqis li, anki jekk il-Ftehim Intergovernattiv jista' jitqies li jagħti dritt legali għall-għajnuna fil-forma ta' garanziji mill-Istat, il-kundizzjonijiet ta' dawk il-garanziji minn dak iż-żmien inbidlu b'mod fundamentali, pereżempju, mill-programmi MTN li biddlu l-impriżi tal-Istati minn garanziji sekondarji għal dawk personali (il-premessa (175)).

(381) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-affermazzjonijiet tal-Ilmentatur.

(382) L-ewwel nett, kif iddikjarat fil-premessa (367), l-għajnuna mill-Istat titqies li ngħatat fid-data meta d-dritt legali inkondizzjonat li jirċeviha ngħata lill-benefiċjarju skont ir-reġim nazzjonali applikabbli. Il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessa (376), li dan id-dritt ingħata lill-Konsorzju fid-data tal-istabbiliment tiegħu.

(383) It-tieni nett, it-Taqsima 2.1 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 tiddikjara li l-għajnuna mill-Istat marbuta ma' garanzija tingħata "fil-mument li tingħata l-garanzija, mhux meta tiġi invokata u lanqas meta l-pagamenti jkunu saru skont it-termini tal-garanzija." Kif spjegat mill-Istati (il-premessa (227)), mid-data li fiha twaqqaf il-Konsorzju, l-Istati ġew obbligati jiggarantixxu s-self u strumenti finanzjarji oħra meħudin mill-Konsorzju biex tiġi ffinanzjata l-Konnessjoni Fissa; l-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn u l-Bank Nazzjonali Daniż ma għandhomx il-kompetenza li jirrifjutaw li jagħtu lill-Konsorzju l-garanziji meħtieġa biex jiffinanzja l-proġett. Għalhekk, jenħtieġ li l-garanzija titqies li ngħatat fid-data tal-istabbiliment tal-Konsorzju.

(384) It-tielet nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Ilmentatur jissuġġerixxi li l-garanzija trid titqies bħala mogħtija meta r-riskju assoċjat magħha jittieħed mill-Istat, u li ma hemm l-ebda riskju assoċjat mal-mudell ta' garanzija mill-Istat permezz tal-Ftehimiet Intergovernattivi u tal-Konsorzju. F'dan ir-rigward, it-Taqsima 2.1 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 tiddikjara li l-benefiċċju ta' garanzija mill-Istat huwa "li r-riskju assoċjat mal-garanzija jinġarr mill-Istat". Il-Kummissjoni tqis li, peress li l-Istati kienu obbligati jiggarantixxu l-finanzjament tad-dejn tal-Konsorzju b'rabta mal-Konnessjoni Fissa sa mill-istabbiliment tagħha, il-Konsorzju gawda mill-benefiċċju tar-riskji assoċjati ma' dan l-obbligu ta' garanzija u tal-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu mill-Istati minn dik id-data.

(385) Ir-raba' nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Ilmentatur isostni li l-Artikolu 12 tal-Ftehim Intergovernattiv ma jikkostitwix dritt legalment infurzabbli, b'mod partikolari, minħabba s-sistemi legali dualistiċi tal-Istati (il-premessa (176)). F'sistema legali dualistika, id-dritt internazzjonali jsir validu fuq livell nazzjonali biss ladarba jkun ġie inkorporat fil-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tinnota li hija ma tqisx li l-Ftehim Intergovernattiv, fuq bażi awtonoma, ħoloq dritt legalment infurzabbli iżda pjuttost, li l-Konsorzju kiseb id-dritt għall-garanziji mill-Istat mid-data tal-Ftehim tal-Konsorzju (il-premessa (376)). Barra minn hekk, l-Iżvezja rratifikat il-Ftehim Intergovernattiv fit-8 ta' Awwissu 1991 u d-Danimarka fl-24 ta' Awwissu 1991 (il-premessa (61)). L-Istati implimentaw fl-ordnijiet legali nazzjonali tagħhom, permezz tad-deċiżjoni tal-Parlament Żvediż u l-Att dwar il-Kostruzzjoni. Dawn il-liġijiet nazzjonali ħolqu drittijiet legalment infurzabbli fl-Istati, li, flimkien mal-Ftehim tal-Konsorzju, taw lok għall-obbligu ta' garanzija infurzabbli favur il-Konsorzju.

(386) Il-ħames nett, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-affermazzjoni tal-Ilmentatur li garanzija ma tistax titqies bħala mogħtija sakemm ma tkunx tista' titkejjel il-portata tagħha. It-Taqsima 2.1 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 tiddikjara li "[i]rid jiġi evalwat jekk garanzija tikkostitwix għajnuna mill-Istat jew le, u jekk iva, x'jista' jkun l-ammont ta' dik l-għajnuna mill-Istat, fil-mument li fih tingħata l-garanzija." Il-Kummissjoni tinnota li l-istruttura ta' din is-sentenza tindika li (i) id-determinazzjoni ta' jekk garanzija tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, u (ii) jekk iva, l-ammont ta' dik l-għajnuna, jista' jkun żewġ passi konsekuttivi separati. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 tipprevedi li jenħtieġ li l-Kummissjoni , l-ewwel tistabbilixxi jekk garanzija tikkostitwix għajnuna mill-Istat, u jkun biss jekk tikkonferma li hija tagħmel dan, għandha mbagħad, tiddetermina l-ammont ta' dik l-għajnuna. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa żbaljat li jingħad li għajnuna ma tistax titqies li ngħatat biss jekk il-portata tagħha tkun tista' titkejjel, peress li l-valutazzjoni tal-ammont tal-għajnuna għandha ssir biss wara li jkun diġà ġie stabbilit li l-għajnuna ngħatat. Il-punt 3.2 tal-Avviż dwar il-Garanziji tal-2008 ma jbiddilx din il-konklużjoni. Dik it-taqsima tistabbilixxi lista ta' kundizzjonijiet kumulattivi, li, jekk jiġu ssodisfati, jippermettu li tiġi eskluża l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' garanzija individwali mill-Istat. Il-punt (b) ta' din it-taqsima jinnota li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija li "il-limitu tal-garanzija jista' jitkejjel sewwa meta jingħata". Madankollu, dan ma jirrikjedix li tali kejl ikun possibbli sabiex tkun teżisti l-għajnuna; pjuttost, dan jista' jippermetti li jiġi stabbilit in-nuqqas ta' għajnuna.

(387) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-pretensjoni tal-Ilmentatur li n-natura tal-garanziji nbidlet b'mod fundamentali, il-Kummissjoni tinnota li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-data li fiha l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħatat lill-Konsorzju, il-kwistjoni ewlenija hija li tiġi identifikata d-data li fiha l-Konsorzju rċieva dritt legalment infurzabbli għal dik l-għajnuna. Kif ġie konkluż fil-premessa (375), il-Konsorzju kellu dak id-dritt sa mill-istabbiliment tiegħu. Minn dik id-data, l-Istati kienu obbligati, fir-rigward tal-Konsorzju, li jiggarantixxu l-kost kollu tal-finanzjament tal-Konnessjoni Fissa. Kif innotat fil-premessa (384), il-vantaġġ għall-Konsorzju tal-obbligu ta' garanzija huwa l-fatt li l-Istati huma obbligati jwettqu r-riskji marbuta mal-finanzjament tal-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Dan il-vantaġġ, u d-dritt għalih, ma nbidilx minn meta ġie stabbilit. Kif spjegat mill-Istati (il-premessa (249)), fl-istruttura legali permezz tal-Ftehim Intergovernattiv, id-Deċiżjoni tal-Parlament Żvediż, id-Deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tal-1 ta' April 1993 (K91/1443/3, K93/202/3) u d-Deċiżjoni tal-Gvern Żvediż tat-23 ta' Ġunju 1994 (K91/1443/3, K94/1680/3), ma hemm l-ebda dettall dwar kif kellhom jiġu ddeterminati t-termini tal-ftehimiet ta' garanzija individwali. Minflok, dan kellu jiġi deċiż u implimentat mill-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż tad-Dejn. Ma hemm l-ebda deċiżjoni sussegwenti mill-Parlament Żvediż f'dan il-kuntest, u lanqas deċiżjoni mill-Gvern Żvediż, li kienet temenda l-obbligu ta' garanzija mill-Istat stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Parlament Żvediż. L-atti individwali ta' garanzija u l-ftehimiet ta' garanzija jservu biex jissodisfaw id-dritt diġà mogħti lill-Konsorzju. Min-naħa Daniża, kif stabbilit fil-premessa (250), ma hemm l-ebda dettall dwar il-kundizzjonijiet ta' mobilizzazzjoni fl-Att dwar il-Kostruzzjoni, li jimplimenta l-Ftehim Intergovernattiv. Dawk il-kundizzjonijiet ta' mobilizzazzjoni huma speċifikati biss fil-ftehimiet ta' garanzija skont id-diversi tranżazzjonijiet finanzjarji. Kif jirrikonoxxu l-Istati, l-atti ta' garanzija u l-ftehimiet ta' garanzija individwali għandhom tabilħaqq jiġu interpretati bħala garanziji personali ("selvskyldnerkaution" fil-liġi Daniża). Madankollu, dan ma jikkostitwix bidla fl-obbligu tal-garanzija *in solidum*, u ma jmurx lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-Konsorzju fil-Ftehim dwar il-Konsorzju li jimplimenta l-Ftehim Intergovernattiv. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li, filwaqt li l-kwistjoni dwar jekk garanzija hijiex personali jew sekondarja (jew "simpelkaution" versus "selvskyldnerkaution") tista' taffettwa r-relazzjoni legali bejn il-Konsorzju u l-kredituri tiegħu, jew dawk il-kredituri u l-Istati, din ma tbiddilx l-obbligu legali fundamentali tal-Istati li jipprovdu garanziji għall-attivitajiet tal-Konsorzju fir-rigward tal-Konnessjoni Fissa. Kif innotat fil-premessi (311) u (375), il-vantaġġ għall-Konsorzju tal-mudell ta' garanzija mill-Istat, u għalhekk, l-għajnuna li tirriżulta minnu, huwa inerenti f'dak l-obbligu legali, u dan ma nbidilx minn meta ġie stabbilit il-Konsorzju fit-13 ta' Frar 1992.

(388) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-mudell ta’ garanzija mill-Istat trid titqies bħala għajnuna individwali waħda, mogħtija miż-żewġ Stati lill-Konsorzju fit-13 ta’ Frar 1992.

### 6.2.2. *Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament*

(389) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 109, li d-definizzjoni fl-atti legali rilevanti tal-miżuri tat-taxxa Daniżi li qed jiġu vvalutati, dehret li hija miftuħa f’termini ta’ ammont u durata, iżda li kienet speċifikament relatata mal-attività tal-Konsorzju fir-rigward tal-proġett. Peress li dawk il-miżuri dehru li ngħataw bl-istess għan u kamp ta’ applikazzjoni bħall-garanziji mill-Istat, il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fid-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar il-kwalifika ta’ dawk il-garanziji bħala għajnuniet individwali kellhom jiġu applikati wkoll fir-rigward tal-miżuri tat-taxxa.

#### 6.2.2.1. Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf

##### 6.2.2.1.1. LCF 1991–2001

(390) L-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbilixxa, mill-bidu nett, li A/S Øresund tkun soġġetta għal regoli aktar favorevoli dwar ir-riport tat-telf milli skont l-Att ġenerali Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa. Diġà fl-1991, kien evidenti li l-perjodu ġenerali ta’ riport tat-telf ta’ 5 snin ma jkunx biżżejjed biex jintuża t-telf imġarrab għall-proġett biex jiġu kkumpensati l-profitti. Fin-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, il-leġiżlatur iddikjara b’mod espliċitu li r-raġuni għall-għoti ta’ perjodu ta’ preskrizzjoni estiż għar-riport tat-telf fl-1991 kienet li A/S Øresund ma tkunx tista’ tibbenefika mir-regoli ġeneralment applikabbli dwar ir-riport tat-telf (b’limitazzjoni ta’ 5 snin), minħabba n-nefqa sinifikanti mġarrba fil-perjodu tal-kostruzzjoni, flimkien mal-fatt li A/S Øresund, fl-istess perjodu, ma tkun tista’ takkwista l-ebda profitt (il-premessa (267)).

###### 6.2.2.1.1.1. LCF 1991–2001: Skema jew għajnuna individwali

(391) Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ma tistax titqies bħala skema.

(392) L-ewwel nett, l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ma tingħatax fuq il-bażi ta’ att li jipprevedi għotjiet ta’ għajnuna individwali li għandhom isiru lil impriżi definiti fl-att b’mod ġenerali u astratt. Pjuttost, l-Att dwar il-Kostruzzjoni jipprevedi regola speċjali applikabbli speċifikament għal A/S Øresund.

(393) It-tieni nett, l-Att dwar il-Kostruzzjoni jispeċifika b’mod espliċitu l-proġett li jikkonċerna bħala l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 trid titqies bħala marbuta ma’ proġett speċifiku, peress li l-vantaġġ inerenti għall-għajnuna huwa marbut biss mat-telf imġarrab fil-kuntest tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa, bl-esklużjoni ta’ proġetti jew attivitajiet oħra. Għalhekk, l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ma tissodisfax id-definizzjoni ta’ skema ta’ għajnuna kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(394) Għalhekk, jenħtieġ li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 tiġi kkwalifikata bħala għajnuna individwali waħda jew aktar, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(e), tar-Regolament 2015/1589.

###### 6.2.2.1.1.2. LCF 1991–2001: Data tal-għoti

(395) L-LCF 1991–2001 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fil-forma ta’ benefiċċju fuq it-taxxa. Il-Kummissjoni tfakkar li qabel kienet sabet li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta minn trattament tat-taxxa vantaġġuż, tingħata fuq bażi annwali, mal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-benefiċjarju mill-awtoritajiet tat-taxxa ([184]), peress li dak huwa l-mument li l-vantaġġ normalment jimmaterjalizza għal tali għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li r-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament jenħtieġ li, bl-istess mod, jinstabu li jingħataw fuq bażi annwali, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari biex wieħed jitbiegħed minn dak l-approċċ.

([184]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/859 tal-4 ta’ Ottubru 2017 dwar għajnuna mill-Istat SA.38944 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu lil Amazon (ĠU L 153, 15.6.2018, p. 1). Dan l-approċċ ġie aċċettat mill-Qrati tal-Unjoni — ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta’ Mejju 2021, *Il-Lussemburgu* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-816/17 u T-318/18, EU:T:2021:252, il-punti 153 u 339.

(396) Il-Kummissjoni tqis li, sa fejn huwa kkonċernat l-LCF 1991–2001, hemm raġunijiet ċari biex wieħed jitbiegħed minn dak l-approċċ, kif stabbilit aktar fil-premessi minn (397) sa (403).

(397) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Daniżi spjegaw (il-premessa (267)) li t-telf imġarrab mill-Konsorzju qabel ma tqiegħdet fis-servizz il-Konnessjoni Fissa kien essenzjalment dovut għall-imgħax imġarrab fuq is-self, li kien meħtieġ għall-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Kif spjegat id-Danimarka (il-premessa (267)), minħabba n-nefqa inizjali sinifikanti fuq l-investiment, u n-nuqqas ta' profitti għall-Konnessjoni Fissa matul il-perjodu ta' kostruzzjoni tagħha, ir-regola ġeneralment applikabbli dwar ir-riport tat-telf, b'limitazzjoni ta' 5 snin, ma kinitx tkun biżżejjed biex tippermetti li dak it-telf jintuża biex jikkumpensa għall-profitti. Fi kliem ieħor, sabiex iwettaq l-investiment fil-Konnessjoni Fissa, il-Konsorzju kien obbligat li jġarrab telf sinifikanti, u, mingħajr applikazzjoni ta' regola speċjali, ma kienx ikun possibbli li dan it-telf jiġi rriportat b'mod utli, sabiex ikun jista' jikkumpensa l-profitti fis-snin futuri. B'riżultat ta' dan, bħala parti mill-kundizzjonijiet għall-investiment fil-Konnessjoni Fissa mill-Konsorzju, u biex jiġi stabbilit l-ippjanar fit-tul tal-finanzjament tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa, il-leġiżlatur Daniż stabbilixxa l-LCF 1991–2001.

(398) L-awtoritajiet Daniżi jinnotaw li, flimkien mal-obbligu ta' garanzija mill-Istat, l-LCF 1991–2001 ġie stabbilit mill-bidu nett, sabiex jiġi żgurat il-finanzjament tal-investiment sinifikanti fil-Konnessjoni Fissa, bl-inqas kost (il-premessa (269)). L-LCF 1991–2001 ippermetta lil A/S Øresund tikkumpensa l-profitti futuri b'telf mhux skadut, u b'hekk naqqset il-bażi taxxabbli tagħha. Dan irriżulta f'vantaġġ għall-Konsorzju. Madankollu, fl-istess ħin, l-LCF 1991–2001 ippermetta bażi ta' likwidità ogħla, bl-għan li jitnaqqas il-piż tad-dejn. Piż globali tad-dejn aktar baxx kien ifisser ukoll ammont globali garantit aktar baxx, u, għalhekk, inqas għajnuna mill-Istat fil-forma tal-garanziji.

(399) Kif innotat fil-premessa (379), meta jinbdew investimenti kbar, huwa normali li investitur jitlob ċertu ammont ta' stabbiltà fl-ippjanar finanzjarju għall-investiment. Mingħajr ma jkunu jistgħu jagħmlu estimi raġonevoli dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji li se jkunu applikabbli għal investiment, l-investituri x'aktarx li ma jirriskjawx iż-żmien u r-riżorsi meħtieġa biex jinkiseb il-proġett. Il-Kummissjoni tinnota, f'dak ir-rigward, li l-LCF 1991–2001 ġie stabbilit bil-ħsieb li jipprovdi trattament tat-taxxa speċifiku għall-investiment tal-Konnessjoni Fissa, sabiex jiġi ffaċilitat l-ippjanar finanzjarju fit-tul tagħha u jiġi mminimizzat il-kost ġenerali tal-investiment. Dak it-trattament tat-taxxa kien definit mill-Att dwar il-Kostruzzjoni qabel ma beda l-investiment, u, bħala tali, jenħtieġ li jitqies bħala waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali applikabbli għall-investiment (flimkien mal-obbligu ta' garanzija mill-Istat u l-mudell ta' garanzija mill-Istat), li fuqhom tħejja l-ippjanar finanzjarju tal-investiment. Bħala tali, l-applikazzjoni tal-LCF 1991–2001 kienet ċara mill-bidu nett u kienet parti inerenti mill-mudell finanzjarju, li abbażi tiegħu l-Konsorzju kien se jimpenja ruħu li jwettaq investiment sinifikanti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li l-intenzjoni leġiżlattiva wara l-promulgazzjoni tal-LCF 1991–2001, kif muri min-noti preparatorji għall-Att dwar il-Kostruzzjoni, kienet li tippermetti l-użu sinifikanti tat-telf imġarrab bħala riżultat tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa.

(400) Il-Kummissjoni tinnota wkoll, kif konkluż fil-premessa (330), li d-dritt għal A/S Øresund li tirriporta t-telf tagħha għal perjodu itwal milli permissibbli skont ir-regoli normali Daniżi dwar it-tassazzjoni jippreżenta vantaġġ mill-istabbiliment ta' dak id-dritt. Il-vantaġġ li t-telf jista' jiġi riportat għal perjodu itwal, flimkien mal-fatt li kien jirriżulta mill-bidu nett li kien se jiġi sostnut telf sinifikanti biex jiġi żgurat l-użu ta' dan il-perjodu itwal, kien ifisser li l-vantaġġ assoċjat mal-LCF 1991–2001 kien evidenti mill-bidu nett. Dan huwa differenti mis-sitwazzjoni, pereżempju, fis-Sentenza *France Télécom* ([185]), fejn il-vantaġġ li jirriżulta minn trattament tat-taxxa speċjali jista' jiġi kkonfermat biss fuq bażi annwali meta tiġi stabbilita r-rata tat-taxxa fuq in-negozju applikabbli skont ir-regoli tat-taxxa normali ([186]).

([185]) *Supra*, nota f'qiegħ il-paġna 99.

([186]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2009, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-427/04 u T-17/05, EU:T:2009:474, il-punti 321–323.

(401) It-Taqsima 11 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni stabbiliet, mill-1991, regola preferenzjali għal A/S Øresund, sa fejn kellha d-dritt li tirriporta t-telf tagħha għal perjodu itwal minn entitajiet legali oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu. Bl-adozzjoni tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, id-Danimarka impenjat ruħha li tippermetti lil A/S Øresund tgawdi d-dritt legali għal dak il-perjodu itwal ta' riport. L-Att dwar il-Kostruzzjoni ppreveda, fit-Taqsima 6, li l-Konnessjoni Fissa kellha tiġi żviluppata minn konsorzju bejn kumpanija b'responsabbiltà limitata stabbilita mill-Istat Daniż (permezz ta' kumpanija azzjonarja) u kumpanija b'responsabbiltà limitata stabbilita mill-Istat Żvediż. A/S Øresund ġiet stabbilita bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata fid-9 ta' Diċembru 1991 (il-premessa (64)) u l-Konsorzju ġie stabbilit, permezz tal-Ftehim tal-Konsorzju, fit-13 ta' Frar 1992 (il-premessa (66)). Il-Kummissjoni sabet li l-vantaġġ li jirriżulta mil-LCF 1991–2001 huwa ta' benefiċċju għall-Konsorzju, peress li jnaqqas l-obbligazzjoni tat-taxxa li l-introjtu tiegħu jrid jintuża għar-rilaxx (il-premessa (317)). Il-fatt li dak il-vantaġġ kien se jakkumula għall-Konsorzju permezz tal-LCF 1991–2001 kien evidenti mill-bidu nett (il-premessa (400)). Id-dritt legali għal dak il-vantaġġ għall-Konsorzju ġie stabbilit fil-liġi, permezz tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, saħansitra qabel ma ġie stabbilit il-Konsorzju.

(402) Abbażi ta' dawk l-elementi (il-premessi minn (397) sa (401)), il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ li jirriżulta mil-LCF 1991-2001 ġie stabbilit sabiex jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-investiment tal-Konnessjoni Fissa (investiment li evidentement iwassal għal telf sinifikanti, li ma setax jintuża fi żmien 5 snin), u biex jiġi appoġġat dak l-investiment. Il-vantaġġ irriżulta mill-Att dwar il-Kostruzzjoni nnifsu, u kien jikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet għall-investiment. Sa mill-mument li ġie stabbilit il-Konsorzju, u dan seta' jgawdi mid-dritt legali għall-vantaġġ stabbilit mill-Att dwar il-Kostruzzjoni, l-LCF 1991–2001 seta' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, billi jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Konsorzju f'suq miftuħ għall-kompetizzjoni u għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm raġunijiet ċari biex jiġi konkluż li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ma ngħatatx fuq bażi annwali, iżda minflok, ingħatat f'mument wieħed, meta ġie stabbilit il-Konsorzju.

(403) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-materjalizzazzjoni tal-vantaġġ li jirriżulta mid-dritt legali għall-perjodu itwal ta' riport seħħet awtomatikament, mingħajr ebda diskrezzjoni min-naħa ta' A/S Øresund, tal-Konsorzju jew tal-awtoritajiet Daniżi. Għad-determinazzjoni tal-obbligazzjoni tat-taxxa korporattiva annwali tagħha, A/S Øresund hija soġġetta għall-istess proċess bħal kwalunkwe entità legali oħra (inklużi kumpaniji b'responsabbiltà limitata) soġġetta għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Kif deskritt fil-premessa (127), kull sena, skont ir-reġim obbligatorju ta' tassazzjoni konġunta fid-Danimarka, l-impriża li tmexxi l-grupp ta' tassazzjoni konġunta tippreżenta informazzjoni dwar l-introjtu taxxabbli u t-telf tat-taxxa għall-membri kollha ta' dak il-grupp. Id-dikjarazzjoni tat-taxxa tiddikjara, għal kull membru tal-grupp, l-introjtu taxxabbli, l-użu tat-telf riportat proprju, l-użu tat-telf minn membri oħra tal-grupp, u t-telf tat-taxxa li jifdal. L-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża ma għandhomx diskrezzjoni dwar l-użu ta' telf riportat. Skont l-Att Daniż dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa u, mit-18 ta' Ġunju 2012, skont l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu, telf mit-taxxa riportat li jista' jintuża f'sena tat-taxxa partikolari jrid jintuża f'dik is-sena; inkella, dan se tintilef. It-telf mit-taxxa riportat irid jintuża skont il-prinċipju FIFO, li jfisser li l-eqdem telf ta' taxxa għandu jintuża l-ewwel. Il-valutazzjoni tat-taxxa annwali, maħruġa mill-awtoritajiet tat-taxxa, tiġi ġġenerata awtomatikament. Kull sena l-awtoritajiet tat-taxxa mbagħad jagħżlu entitajiet li d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħhom jiġu awditjati manwalment. F'dawn iċ-ċirkostanzi, minħabba n-nuqqas ta' diskrezzjoni fil-mument tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-benefiċjarju u l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa mill-awtoritajiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa annwali ma tbiddilx il-fatt li l-għajnuna kienet diġà ngħatat fl-1992. Għalhekk, il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kienet tirrappreżenta biss pass formali neċessarju sabiex tinkiseb l-għajnuna diġà mogħtija, u mhux talba għall-għoti annwali ta' għajnuna.

(404) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 1991–2001 jikkostitwixxi għajnuna individwali waħda, għall-finijiet ta' appoġġ għal investiment sinifikanti, li ngħatat lill-Konsorzju mid-Danimarka fit-13 ta' Frar 1992.

6.2.2.1.2. LCF 2013–2015

(405) Kif innotat fil-premessa (333), il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda vantaġġ lil A/S Øresund jew lill-Konsorzju li rriżulta mil-LCF 2002–2012, peress li, għal dak il-perjodu, A/S Øresund kienet soġġetta għall-istess regoli dwar ir-riport tat-telf bħal impriżi oħra fid-Danimarka. Għalhekk, l-LCF 2002–2012 ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil A/S Øresund jew, b'mod estiż, lill-Konsorzju (il-premessi (333) u (355)).

(406) Kif spjegat fil-premessa (138), permezz tal-Att Nru 591 tat-18 ta' Ġunju 2012, ġiet introdotta limitazzjoni fuq l-aċċess għal telf riportat għall-impriżi fid-Danimarka. Madankollu, dik il-limitazzjoni ma kinitx tapplika għal A/S Øresund, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kostruzzjoni, kif emendat fl-2002, u inkorporati fl-Att Sund & Bælt, baqgħu fis-seħħ sal-2016. Kien biss bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015 li t-Taqsima 12 tal-Att Sund & Bælt tħassret b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u li A/S Øresund saret soġġetta għar-regoli normali tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 337 li l-LCF 2013–2015 kienet tikkostitwixxi vantaġġ għal A/S Øresund, u għalhekk, anki għall-Konsorzju. Il-miżura ta' għajnuna tikkonsisti f'taħlita ta' elementi (il-premessa (334)) peress li A/S Øresund kisbet dritt għal vantaġġ selettiv fuq impriżi oħra f'sitwazzjoni simili, minħabba l-fatt li r-regoli applikabbli għal A/S Øresund ipprevedew deroga mis-sistema ta' referenza, li wasslet għal vantaġġ selettiv.

6.2.2.1.2.1. LCF 2013–2015: Skema jew għajnuna individwali

(407) Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma tistax titqies bħala skema.

(408) L-ewwel nett, l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma tingħatax fuq il-bażi ta' att li jipprevedi għotjiet ta' għajnuna individwali li għandhom isiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt. L-LCF 2013–2015 tipprevedi regola speċjali applikabbli speċifikament għal A/S Øresund. Dik l-għajnuna għalhekk ma tissodisfax l-ewwel kundizzjoni fid-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna, kif stabbilita fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(409) It-tieni nett, l-Att dwar il-Kostruzzjoni, kif emendat fl-2002, u inkorporat fl-Att Sund & Bælt, jispeċifika b'mod espliċitu l-proġett li jikkonċerna bħala l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 trid titqies bħala konnessa ma' proġett speċifiku, peress li l-vantaġġ inerenti għall-għajnuna huwa marbut biss mat-telf imġarrab fil-kuntest tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa, bl-esklużjoni ta' proġetti jew attivitajiet oħra. Għalhekk, l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma tissodisfax it-tieni kundizzjoni tad-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(410) Għaldaqstant, l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma taqax taħt id-definizzjoni ta' "skema ta' għajnuna" skont it-tifsira tal-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589. Għalhekk, din trid tiġi kkwalifikata bħala għajnuna individwali waħda jew aktar, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(e), tar-Regolament 2015/1589.

6.2.2.1.2.2. LCF 2013–2015: Data tal-għoti

(411) Kif innotat fil-premessa (395), l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta minn benefiċċji fuq it-taxxa normalment titqies li tingħata fuq bażi annwali, sakemm ma jkunx hemm raġuni biex jiġi ddeterminat li l-vantaġġ marbut ma' dik l-għajnuna mmaterjalizza fi żmien differenti. Il-Kummissjoni ma tqisx li, sa fejn huwa kkonċernat l-LCF 2013–2015, hemm raġunijiet ċari biex wieħed jitbiegħed minn dak l-approċċ. Is-sitwazzjoni li tapplika għal-LCF 1991–2001 kif stabbilit fil-premessi minn (396) sa (404) hija fundamentalment differenti mis-sitwazzjoni li tapplika għal-LCF 2013–2015, kif stabbilit fil-premessi minn (412) sa (417).

(412) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-LCF 1991–2001 jikkostitwixxi għajnuna individwali waħda, għall-finijiet ta' appoġġ għal investiment sinifikanti, li ngħatat lill-Konsorzju mid-Danimarka fit-13 ta' Frar 1992 (il-premessa (404)). B'mod partikolari, biex waslet għal dik il-konklużjoni, il-Kummissjoni nnotat li l-LCF 1991–2001 ġie stabbilit bil-ħsieb li jiffaċilita l-ippjanar fit-tul tal-investiment tal-Konnessjoni Fissa, il-vantaġġ irriżulta mill-Att dwar il-Kostruzzjoni nnifsu, u kien wieħed mill-kundizzjonijiet fundamentali li fuqhom tħejja l-ippjanar finanzjarju tal-investiment (il-premessa (399)).

(413) Il-Kummissjoni, l-ewwel nett, tinnota li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma tistax titqies li ngħatat qabel it-18 ta' Ġunju 2012, meta l-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu ġie emendat (il-premessa (138)), u l-Att Sund & Bælt ma kienx. Qabel l-applikazzjoni ta' din l-emenda, A/S Øresund u l-Konsorzju ma setgħu jibbenefikaw minn ebda vantaġġ li jirriżulta minn din l-emenda.

(414) Il-Kummissjoni, barra minn hekk, tinnota li l-Konnessjoni Fissa daħlet fis-servizz f'Lulju 2000. Id-Deċiżjoni li jsir investiment fil-Konnessjoni Fissa, u l-ippjanar finanzjarju tal-investiment, twettqu qabel dak iż-żmien.

(415) F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li trid issir distinzjoni bejn l-LCF 2013–2015 u l-LCF 1991–2001, sa fejn ma setax jitqies li ġie implimentat sabiex jappoġġa l-investiment finanzjarju fil-Konnessjoni Fissa, jew li kien kundizzjoni għal tali investiment, jew biex jiżgura l-fattibbiltà tal-ippjanar finanzjarju fit-tul tal-investiment, peress li d-deċiżjoni li jsir investiment, u, tabilħaqq, l-investiment, kienet tlesta ħafna qabel ma l-LCF 2013–2015 sar applikabbli. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li għalihom iddeterminat li l-vantaġġ marbut mal-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ingħata f'okkażjoni waħda, li huma bbażati b'mod sinifikanti fuq il-fatt li l-ippjanar tal-investiment fit-tul tal-Konnessjoni Fissa kien jiddependi fuq l-LCF 1991–2001, iċ-ċertezza li kienet ingħatat, u l-ħtieġa li jkun żgurat li dan jista' jitqies fl-ippjanar finanzjarju, ma japplikawx għal-LCF 2013–2015.

(416) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, bejn l-LCF 1991–2001 u l-LCF 2013–2015, kien hemm l-LCF 2002–2012, li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil A/S Øresund jew lill-Konsorzju (il-premessi (333) u (355)). L-LCF 2013–2015 irrappreżentat introduzzjoni mill-ġdid ta' trattament vantaġġuż, minkejja l-fatt li ma kienx għadu meħtieġ għall-ippjanar tal-investiment. F'dak ir-rigward, l-LCF 2013–2015 ikollha l-effett li tappoġġa l-operazzjonijiet ta' kuljum ta' A/S Øresund jew tal-Konsorzju, aktar milli l-investiment inizjali fil-Konnessjoni Fissa.

(417) Għalhekk, il-Kummissjoni ma tqisx li hemm raġunijiet ċari biex wieħed jitbiegħed mill-approċċ normali li l-benefiċċji fuq it-taxxa jingħataw fuq bażi annwali. Minn dan isegwi li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 tista' titqies li ngħatat b'mod definittiv fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund relatati mas-snin tat-taxxa fil-perjodu LCF 2013–2015, li fih seta' jintuża ammont ogħla ta' telf.

(418) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 tikkostitwixxi diversi għotjiet ta' għajnuna individwali, mogħtija mill-2014 ([187]) 'il quddiem, fuq bażi annwali, fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund mill-awtoritajiet, u sal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena tat-taxxa 2015. L-LCF 2013–2015 tħassar bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, applikabbli mis-sena tat-taxxa 2016.

### 6.2.2.2. Regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament

#### 6.2.2.2.1. DEP 1999–2007 u DEP 2008–2015

(419) Kif spjegat fil-premessa (145), bl-Att Nru 433 tas-26 ta' Ġunju 1998, ir-rata ta' deprezzament massima normali għall-bini u l-installazzjonijiet stabbilita fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa naqset għal 5 %, u, bl-Att Nru 540 tas-6 ta' Ġunju 2007, għal 4 %. Madankollu, ir-rata ta' deprezzament għal A/S Øresund baqgħet ta' 6 % / 2 %, skont it-Taqsimiet 12 u 13 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni u t-Taqsimiet 13 u 14 korrispondenti tal-Att Sund & Bælt, li baqgħu fis-seħħ sal-2016. Kif innotat fil-premessa (344), billi rrifjuta li jibdel ir-regoli applikabbli għal A/S Øresund biex jirriflettu l-bidliet fir-regoli normali tat-tassazzjoni, l-Istat Daniż poġġa lil A/S Øresund f'pożizzjoni aktar vantaġġuża minn entitajiet legali oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża. Huwa biss bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, li tħassru t-Taqsima 13 u t-Taqsima 14 tal-Att Sund & Baelt u li A/S Øresund saret soġġetta għar-regoli normali tal-Att Daniż dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu u l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. Il-miżura ta' għajnuna tikkonsisti f'taħlita ta' elementi

([187]) Id-dikjarazzjoni tat-taxxa relatata mas-sena tat-taxxa 2013 issir fl-2014.

(il-premessa (344)) peress li A/S Øresund tqiegħdet f'pożizzjoni aktar vantaġġuża fuq impriżi oħra f'sitwazzjoni simili, minħabba l-fatt li l-Att Sund & Bælt ippreveda trattament tat-taxxa ta' aktar benefiċċju u, għalhekk, idderoga mill-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa emendat, li kien aktar restrittiv u li ma kienx japplika għal A/S Øresund, iżda għal impriżi oħra li huma legalment u fattwalment komparabbli. Kif konkluż fil-premessa (319), kwalunkwe vantaġġ lil A/S Øresund maħluq mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament huwa wkoll vantaġġ għall-Konsorzju.

6.2.2.2.2. DEP 1999–2007 u DEP 2008–2015: Skema jew għajnuna individwali

(420) Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 ma tistax titqies li ngħatat abbażi ta' skema.

(421) L-ewwel nett, dik l-għajnuna ma tingħatax fuq il-bażi ta' att li jipprevedi għotjiet ta' għajnuna individwali li għandhom isiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt. L-Att dwar il-Kostruzzjoni, kif inkorporat fl-Att Sund & Bælt, jirreferi għal A/S Øresund espliċitament bħala intitolata għar-regola speċjali Daniża dwar id-deprezzament. Għalhekk, l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 ma tissodisfax l-ewwel kundizzjoni tad-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna, kif stabbilit fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(422) It-tieni nett, id-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015 iridu jitqiesu li huma konnessi ma' proġett speċifiku, peress li l-għajnuna li tirriżulta minn dawn il-miżuri tkopri vantaġġ konness mad-deprezzament tal-kostijiet ta' investiment tal-Konnessjoni Fissa, bl-esklużjoni ta' proġetti jew attivitajiet oħra. Dan minħabba li l-Att dwar il-Kostruzzjoni u l-Att Sund & Bælt jispeċifikaw b'mod espliċitu l-proġett rilevanti bħala l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa. Għalhekk, l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015 ma tissodisfax it-tieni kundizzjoni fid-definizzjoni ta' skema ta' għajnuna, kif stabbilita fl-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589.

(423) Għaldaqstant, l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 ma taqax taħt id-definizzjoni ta' "skema ta' għajnuna" skont it-tifsira tal-Artikolu 1(d), tar-Regolament 2015/1589. Għalhekk, din trid tiġi kkwalifikata bħala għajnuna individwali waħda jew aktar, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(e), tar-Regolament 2015/1589.

6.2.2.2.3. DEP 1999–2007 u DEP 2008–2015: Dati tal-għoti

(424) Kif innotat fil-premessa (395), fil-każ ta' għajnuna mill-Istat li tirriżulta minn benefiċċji fuq it-taxxa, dak il-benefiċċju normalment jimmaterjalizza fuq bażi annwali, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet biex jitqies li fehma oħra tkun ġustifikata. Il-Kummissjoni tqis li, sa fejn hija kkonċernata l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015, jidher li l-għajnuna tkun teoretikament tingħata fuq bażi annwali. Madankollu, peress li A/S Øresund kellha setgħa diskrezzjonali dwar meta setgħet tiddeprezza l-assi tagħha fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħha (il-premessa (125)), fil-prattika, il-vantaġġ immaterjalizza fuq bażi inqas frekwenti (il-premessi minn (425) sa (428)).

(425) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-vantaġġ inerenti fl-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 ma jistax jitqies li ngħata qabel s-26 ta' Ġunju 1998, meta r-rata ta' deprezzament normali għall-bini u l-installazzjonijiet stabbilita fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa naqset għal 5 %, u bidla simili ma ġietx applikata għar-regoli ta' deprezzament applikabbli għal A/S Øresund. B'mod simili, il-vantaġġ inerenti fl-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 2008–2015 ma jistax jitqies li ngħata qabel is-6 ta' Ġunju 2007, meta r-rata ta' deprezzament normali għall-bini u l-installazzjonijiet stabbilita fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa naqset għal 4 %, u bidla simili ma ġietx applikata għar-regoli ta' deprezzament applikabbli għal A/S Øresund. Għalhekk, ma jistax jiġi argumentat li, minħabba li r-regola applikabbli għal A/S Øresund kienet diġà parti mit-tali Att dwar il-Kostruzzjoni, li anki l-għajnuna jenħtieġ li titqies li ngħatat bl-Att dwar il-Kostruzzjoni.

(426) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li s-sitwazzjoni li tapplika għal-LCF 1991–2001 kif stabbilita fil-premessi minn (396) sa (404) hija fundamentalment differenti mis-sitwazzjoni li tapplika għad-DEP 1999-2007 u għad-DEP 2008-2015. Meta l-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa ġie emendat fis-26 ta' Ġunju 1998 u fis-6 ta' Ġunju 2007, id-deċiżjoni li jsir investiment fil-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa kienet diġà ttieħdet, u fil-fatt, il-Konnessjoni Fissa kienet kważi lesta biex tibda topera. Bħala tali, għall-kuntrarju tal-LCF 1991–2001 (il-premessa (399)), id-deċiżjoni tal-Istat Daniż li joffri lil A/S Øresund kundizzjonijiet ta' deprezzament tat-taxxa aktar vantaġġużi minn

entitajiet legali oħra soġġetti għat-taxxa korporattiva Daniża ma tistax titqies bħala waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali li jirfdu l-ippjanar finanzjarju tal-investiment. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien meta kien qed jitwettaq l-ippjanar finanzjarju, l-awtoritajiet Daniżi ma qisux li kien meħtieġ li jagħtu lil A/S Øresund trattament vantaġġuż meta mqabbel ma' kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu fir-rigward tar-regoli dwar id-deprezzament tal-assi — fil-fatt, l-awtoritajiet Daniżi saħansitra jqisu li d-DEP 1991–1998 kien fil-fatt ta' detriment għal A/S Øresund/għall-Konsorzju (il-premessa (268)). L-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u Id-DEP 2008–2015, għalhekk, ma tistax titqies bħala għajnuna mogħtija biex tappoġġa l-investiment fil-Konnessjoni Fissa. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-kunsiderazzjonijiet li wasslu biex il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 1991–2001 ingħata bħala għajnuna individwali waħda malli twaqqaf il-Konsorzju, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa tal-LCF 1991–2001 għall-ippjanar finanzjarju tal-investiment fil-Konnessjoni Fissa, ma japplikawx għad-DEP 1999–2007 jew għad-DEP 2008–2015. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 jenħtieġ li titqies b'mod aktar xieraq biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet ta' kuljum ta' A/S Øresund u tal-Konsorzju, pjuttost milli l-investiment inizjali fil-Konnessjoni Fissa.

(427) Il-Kummissjoni tinnota li A/S Øresund kienet tibbaża ruħha fuq ir-regoli applikabbli għaliha fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħha, sabiex tiddetermina l-obbligazzjonijiet tat-taxxa tagħha għal sena partikolari. Għall-kuntrarju tal-użu tar-riport tat-telf mit-taxxa, li jiġi applikat awtomatikament (il-premessa 127), fid-Danimarka, l-entitajiet legali soġġetti għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu Daniża jistgħu jagħżlu meta jiddeprezzaw l-assi tagħhom, u b'liema rata, fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħhom, fil-limiti previsti mil-liġi applikabbli (il-premessa (125)). Għalhekk, A/S Øresund tista' tagħżel il-mument li fih riedet tiddeprezza l-assi tagħha b'rata ogħla minn dik prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. B'riżultat ta' dan, il-vantaġġ li jirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 ma kienx jimmaterjalizza awtomatikament kull sena mal-aċċettazzjoni annwali tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, jekk ma jkun ġie applikat l-ebda deprezzament lil hinn mir-rata disponibbli skont ir-regoli normali Daniżi dwar it-tassazzjoni.

(428) F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ assoċjat mar-rata ogħla ta' deprezzament disponibbli għal A/S Øresund, fid-dawl tan-nuqqas ta' emenda għar-regoli applikabbli għaliha biex tirrifletti l-limitazzjonijiet fil-liġi ġenerali, kien jimmaterjalizza fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa li fihom applikat tali rata ogħla ta' deprezzament (premessa (129)). Huwa wkoll f'dak il-mument li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 kienet tkun kapaċi toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, jew taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(429) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 tikkostitwixxi għadd ta' għajnuniet individwali, mogħtija mid-Danimarka mill-2000 ([188]) 'il quddiem, fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund li fihom applikat rata ta' deprezzament ogħla mir-rata prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament, sal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena tat-taxxa 2015. Id-DEP 2008–2015 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 bl-Att Nru 581 tal-4 ta' Mejju 2015, applikabbli mis-sena tat-taxxa 2016.

### 6.3. **Klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida jew eżistenti**

(430) Wara li stabbiliet li l-miżuri ta' għajnuna jikkostitwixxu għajnuna individwali mhux mogħtija abbażi ta' skema ta' għajnuna, u d-dati tal-għoti tagħhom, il-Kummissjoni trid tiddetermina, għal kull waħda mill-miżuri ta' għajnuna, jekk jikkostitwux għajnuna ġdida jew eżistenti.

(431) Għajnuna ġdida, skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2015/1589, hija kull għajnuna li ma hijiex għajnuna eżistenti, inkluż bidliet fl-għajnuna eżistenti.

([188]) Id-dikjarazzjoni tat-taxxa relatata mas-sena tat-taxxa 1999 issir fl-2000. Fil-prattika, l-ewwel data tal-għoti ma sseħħx qabel l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tas-sena tat-taxxa 2004, peress li d-Danimarka tikkonferma li A/S Øresund ma ddeprezzatx għal snin tat-taxxa preċedenti (il-premessa (271)).

(432) "Għajnuna eżistenti" hija definita fl-Artikolu 1(b) tar-Regolament 2015/1589 kif ġej:

"(i) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 144 u 172 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja […] l-għajnuna kollha li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Istati Membri rispettivi, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Istat Membri rispettiv;

(ii) għajnuna awtorizzata, li tfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill;

(iii) għajnuna meqjusa awtorizzata skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jew l-Artikolu 4(6) [tar-Regolament 2015/1589], jew awtorizzata qabel ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 iżda f'konformità ma' din il-proċedura;

(iv) għajnuna meqjusa għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 [tar-Regolament 2015/1589];

(v) għajnuna meqjusa għajnuna eżistenti minħabba li jista' jiġi stabbilit li meta daħlet fis-seħħ ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern u mingħajr ma l-Istat Membru jkun għamel tibdil fiha. Fejn ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mil-liġi tal- Unjoni, dawk il-miżuri m'għandhomx jitqiesu li jkunu għajnuna eżistenti wara d-data stabbilita għal-liberalizzazzjoni".

(433) B'rabta mal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589, l-Artikolu 17(3) tar-Regolament 2015/1589 jipprevedi li kwalunkwe għajnuna li l-perjodu ta' preskrizzjoni tagħha ta' 10 snin ikun skada għandha titqies bħala għajnuna eżistenti. L-Artikolu 17(2) jipprevedi li l-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda fil-jum li fih l-għajnuna kontra l-liġi tingħata lill-benefiċjarju jew bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna taħt skema ta' għajnuna. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi għandha tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni. Ma' kull interruzzjoni l-perjodu ta' preskrizzjoni jerġa' jibda jiddekorri mill-bidu.

6.3.1. *Garanziji mill-Istat: għajnuna ġdida jew eżistenti*

(434) Fil-premessa (388), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħatat b'mod definittiv lill-Konsorzju mill-Ftehim tal-Konsorzju u mill-jum li fih twaqqaf fit-13 ta' Frar 1992. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat taqax taħt xi waħda mid-definizzjonijiet ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(435) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-Ilmentatur ippreżenta l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissjoni fis-16 ta' April 2013, fejn allega li l-mudell ta' garanzija mill-Istat kien jikkostitwixxi għajnuna illegali mill-Istat. Il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lid-Danimarka u lill-Iżvezja, fir-rigward ta' dan l-ilment, fit-13 ta' Mejju 2013. Il-Kummissjoni tqis li din it-talba għal informazzjoni kienet tikkostitwixxi azzjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, li, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589, kienet tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-għajnuna mogħtija mit-13 ta' Mejju 2003 (jiġifieri 10 snin qabel it-talba għal informazzjoni).

(436) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-perjodu ta' preskrizzjoni konness mal-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat skada fit-13 ta' Frar 2002, jiġifieri 10 snin wara d-data tal-għoti tagħha. Għaldaqstant, dan il-perjodu ta' preskrizzjoni kien laħaq skada sa meta t-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2013 setgħet tinterrompih.

(437) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, mogħtija mid-Danimarka u mill-Iżvezja lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv) tar-Regolament 2015/1589.

(438) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Żvediżi jargumentaw li kwalunkwe għajnuna possibbli mogħtija mill-Iżvezja b'rabta mal-Konnessjoni Fissa ngħatat qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, u qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE, fl-1 ta' Jannar 1994.

(439) Kif innotat fil-premessa (432), skont l-Artikolu 1(b), il-punt (i) tar-Regolament 2015/1589, l-għajnuna li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-TFUE fl-Iżvezja titqies bħala għajnuna eżistenti. Madankollu, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 144 u 172 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja. Skont l-Artikolu 144 ta' dak l-Att, "[…] fost l-għajnuniet applikati fl-Istati Membri l-ġodda qabel l-aċċess, huma biss dawk ikkomunikati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 1995 li jitqiesu bħala 'għajnuniet eżistenti' […]".

(440) Fil-premessa 113 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni indikat li, jekk l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, mogħtija lill-Iżvezja mill-Konsorzju, jenħtieġ li titqies li ngħatat fl-1992, peress li ma kinitx ikkomunikata lill-Kummissjoni f'dak iż-żmien, ma setgħetx titqies bħala għajnuna eżistenti abbażi tal-Artikolu 1(b), il-punt (i) tar-Regolament 2015/1589.

(441) Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li, fiż-żmien meta ġie stabbilit il-mudell ta' garanzija mill-Istat mill-Iżvezja, kienet prattika ċara tal-Kummissjoni li ssib li l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ma kinux ikkunsidrati li jikkostitwixxu attività ekonomika ([189]). F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li huwa komprensibbli li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma ġiex ikkomunikat lill-Kummissjoni bħala għajnuna li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-TFUE minħabba li, f'dak iż-żmien, tali miżura ma kinitx ġeneralment ikkunsidrata bħala waħda li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(442) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li l-proġett tal-Konnessjoni Fissa ġie approvat bħala wieħed mill-proġetti prijoritarji taħt it-TEN-T mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 1994 (il-premessa 58). Qabel l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-inklużjoni tiegħu f'din il-lista, l-Istati kienu kkomunikaw lill-Kummissjoni l-istruttura tal-proġett, inkluża l-intenzjoni tagħhom li jiffinanzjawh permezz tal-mudell ta' garanzija mill-Istat. Għalhekk, minkejja li l-mudell ta' garanzija mill-Istat ma kienx jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat qabel l-adeżjoni tal-Iżvezja mal-Unjoni, madankollu kien ġie kkomunikat lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 1995, fil-kuntest tat-tħejjija għall-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' proġetti prijoritarji tat-TEN-T.

(443) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, mogħtija mill-Iżvezja lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (i) tar-Regolament 2015/1589.

(444) Barra minn hekk, kif innotat fil-premessa (387), il-vantaġġ għall-Konsorzju tal-mudell ta' garanzija mill-Istat huwa l-fatt li l-Istati huma obbligati jwettqu r-riskji marbuta mal-finanzjament tal-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa — dak il-vantaġġ, u d-dritt għalih, ma nbidilx minn meta ġie stabbilit. Il-Kummissjoni tinnota li s-sostituzzjoni tat-Taqsima 8 tal-Att dwar il-Kostruzzjoni bit-Taqsima 11 tal-Att Sund & Bælt ma hijiex rilevanti f'dan il-kuntest peress li ż-żewġ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi (il-premessa (87)).

(445) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (434) sa (444), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat, mogħtija mid-Danimarka u mill-Iżvezja lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv) tar-Regolament 2015/1589. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li dik l-għajnuna, mogħtija mill-Iżvezja lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (i) tar-Regolament 2015/1589.

#### 6.3.2. *Ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf: għajnuna ġdida jew eżistenti*

##### 6.3.2.1. LCF 1991–2001: għajnuna ġdida jew eżistenti

(446) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 404 li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 ingħatat lill-Konsorzju mid-Danimarka fit-13 ta' Frar 1992. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 taqax taħt xi waħda mid-definizzjonijiet ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b) tar-Regolament 2015/1589.

([189]) Ara s-Sentenza *Øresund*, il-punt 308.

(447) L-ewwel nett, kif innotat fil-premessa (435), l-Ilmentatur ippreżenta l-ilment tiegħu, fejn allega li l-mudell ta' garanzija mill-Istat kien jikkostitwixxi għajnuna illegali mill-Istat, fis-16 ta' April 2013, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Istati fit-13 ta' Mejju 2013. F'dak il-mument, la l-ilment, u lanqas it-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, ma għamlu riferiment għar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riportar ta' telf u d-deprezzament. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dik it-talba għal informazzjoni interrompiet kwalunkwe perjodu ta' preskrizzjoni b'rabta ma' dik l-għajnuna li ma kienx skada sat-13 ta' Mejju 2003 (il-premessi minn (434) sa (437)). Fit-8 ta' Jannar 2014, l-Ilmentatur ippreżenta dokumentazzjoni ulterjuri, fejn allega li l-Konsorzju bbenefika wkoll minn regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Istati dwar ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament fil-21 ta' Frar 2014 (il-premessa (3)).

(448) Il-Kummissjoni tqis li t-talba għal informazzjoni tal-21 ta' Frar 2014 kienet tikkostitwixxi azzjoni meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, inkluża l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001, li, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589, kienet tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni b'rabta mal-għajnuna mogħtija mill-21 ta' Frar 2004 (jiġifieri, 10 snin qabel dik it-talba għal informazzjoni).

(449) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-perjodu ta' preskrizzjoni marbut mal-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001 skada fit-13 ta' Frar 2002, jiġifieri 10 snin wara d-data tal-għoti tagħha. Għaldaqstant, dan il-perjodu ta' preskrizzjoni kien laħaq skada sa meta t-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2014 setgħet tinterrompih.

(450) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 1991–2001, mogħtija mid-Danimarka lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b)(iv), tar-Regolament 2015/1589.

#### 6.3.2.2. LCF 2013–2015: għajnuna ġdida jew eżistenti

(451) Fil-premessa (418), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ingħatat lill-Konsorzju mid-Danimarka fuq bażi annwali, fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund, sal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena tat-taxxa 2015. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 taqax taħt xi waħda mid-definizzjonijiet ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(452) L-ewwel nett, kif innotat fil-premessa (447), fil-21 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni dwar l-allegata għajnuna li tirriżulta mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament lill-Istati. Fil-premessa (448), il-Kummissjoni kkonkludiet li dik it-talba għal informazzjoni kienet tikkostitwixxi "azzjoni meħuda" mill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. L-LCF 2013–2015 jifforma parti minn dawn ir-regoli. Bħala tali, l-għajnuna kollha li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ingħatat wara l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni u, għalhekk, ma tikkostitwix għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589.

(453) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' xi subparagrafi oħra tal-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(454) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mogħtija mid-Danimarka lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna ġdida, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(c), tar-Regolament 2015/1589.

### 6.3.3. *Ir-regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament: għajnuna ġdida jew eżistenti*

#### 6.3.3.1. DEP 1999–2007: għajnuna ġdida jew eżistenti

(455) Fil-premessa (429), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 ingħatat mill-2000 'il quddiem, fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund li fihom applikat rata ta' deprezzament lil hinn mir-rata prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna li tirriżulta mil-DEP 1999–2007 taqax taħt xi waħda mid-definizzjonijiet ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(456) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li, kif spjegat fir-rigward tal-LCF 1991–2001 (il-premessa (452)), it-talba għal informazzjoni li bagħtet fil-21 ta' Frar 2014 kienet tikkostitwixxi "azzjoni meħuda" mill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament.

(457) Bħala tali, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal kwalunkwe għajnuna mogħtija mill-21 ta' Frar 2004 ġie interrott fil-21 ta' Frar 2014 u dik l-għajnuna, għalhekk, ma tikkostitwix għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589.

(458) Madankollu, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal kwalunkwe għajnuna mogħtija qabel il-21 ta' Frar 2004 kien laħaq skada sa meta seta' ġie interrott u, għalhekk, jikkostitwixxi għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589. Il-Kummissjoni tinnota li d-Danimarka kkonfermat fil-premessa (271) li, fil-prattika, A/S Øresund ma talbitx deprezzament fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħha qabel il-21 ta' Frar 2004, u għalhekk fil-fatt ma ngħatat l-ebda għajnuna li setgħet tiġi kkwalifikata bħala għajnuna eżistenti skont dak l-Artikolu.

(459) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna li tirriżulta mil-DEP 1999–2007 ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' xi subparagrafi oħra tal-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(460) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007, mogħtija mid-Danimarka lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna ġdida, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(c), tar-Regolament 2015/1589, sa fejn ingħatat wara l-21 ta' Frar 2004.

#### 6.3.3.2. DEP 2008–2015: għajnuna ġdida jew eżistenti

(461) Fil-premessa (429), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mid-DEP 2008–2015 ingħatat fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund li fihom applikat rata ta' deprezzament lil hinn mir-rata prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, sal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena tat-taxxa 2015. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna li tirriżulta mil-DEP 2008–2015 taqax taħt xi waħda mid-definizzjonijiet ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(462) Bl-istess mod bħal fil-każ tad-DEP 1999–2007 (il-premessa (456)), it-talba għal informazzjoni li l-Kummissjoni bagħtet fil-21 ta' Frar 2014 kienet tikkostitwixxi "azzjoni meħuda" mill-Kummissjoni sabiex, anki għad-DEP 2008–2015, il-perjodu ta' preskrizzjoni kien jiġi interrott fil-21 ta' Frar 2014. Bħala tali, il-perjodu ta' preskrizzjoni għal kwalunkwe għajnuna mogħtija mill-21 ta' Frar 2004 kien jiġi interrott fil-21 ta' Frar 2014 u ma jikkostitwix għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589.

(463) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe għajnuna li tirriżulta mid-DEP 2008–2015 neċessarjament ingħatat wara l-21 ta' Frar 2004, u għalhekk ma tikkostitwix għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 1(b), il-punt (iv), tar-Regolament 2015/1589.

(464) It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 2008–2015 ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' xi subparagrafi oħra tal-Artikolu 1(b), tar-Regolament 2015/1589.

(465) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 2008–2015, mogħtija mid-Danimarka lill-Konsorzju, tikkostitwixxi għajnuna ġdida, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(c), tar-Regolament 2015/1589.

### 6.4. **Legalità tal-għajnuna**

(466) L-Artikolu 108(3) tat-TFUE jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni, fi żmien suffiċjenti biex tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe proġett ta' għoti ta' għajnuna. Barra minn hekk, l-obbligu ta' waqfien totali f'dak l-Artikolu jipprojbixxi lil Stat Membru milli jimplimenta l-miżura proposta tiegħu qabel ma l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni finali.

(467) L-Artikolu 1(f) tar-Regolament 2015/1589 jinnota li għajnuna ġdida implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE hija kontra l-liġi.

(468) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessi 454, 460 u 465 li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 tikkostitwixxi għajnuna ġdida. Il-Kummissjoni tinnota li d-Danimarka daħħlet fis-seħħ dawk il-miżuri mingħajr ma l-ewwel innotifikathom lill-Kummissjoni u mingħajr ma stenniet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tagħhom. Id-Danimarka, għalhekk, daħħlet fis-seħħ dawk il-miżuri ta' għajnuna ġodda bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(469) Għall-kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li l-Konsorzju kien informa lill-Kummissjoni bl-eżistenza tal-mudell ta' garanzija mill-Istat fir-rigward tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa permezz tal-ittra tiegħu tal-1 ta' Awwissu 1995 (il-premessa (149)).

(470) Anki jekk dik l-ittra tista' possibbilment tinftiehem li tkopri wkoll ir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament peress li kienu parti mill-Att dwar il-Kostruzzjoni fl-1991 (ara wkoll il-premessa (504)(c)), b'tali mod li seta' jiġi ddeterminat li l-Kummissjoni kienet ġiet infurmata bil-pjanijiet li tingħata l-għajnuna li tirriżulta minn dawk il-miżuri, dan ma jbiddilx il-konklużjoni li d-Danimarka daħħlet fis-seħħ dawk il-miżuri bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, peress li ma stennietx li tirċievi deċiżjoni tal-Kummissjoni qabel ma għamlet dan.

(471) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tqis li l-ittra tal-1 ta' Awwissu 1995 ma setgħetx titqies li tikkostitwixxi notifika tal-miżuri l-ġodda ta' għajnuna (il-premessi (454), (460) u (465)) li ngħataw l-aktar kmieni, mill-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' A/S Øresund għas-sena tat-taxxa 2004 (il-premessi (418) u (429)), jiġifieri, kważi 10 snin wara li l-ittra tal-1 ta' Awwissu 1995 ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni.

(472) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 tikkostitwixxi għajnuna kontra l-liġi.

## 6.5. **Valutazzjoni tal-kompatibbiltà**

### 6.5.1. *Garanziji mill-Istat u LCF 1991–2001*

(473) Fil-premessi (388) u (404) rispettivament, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat u mil-LCF 1991–2001 tikkostitwixxi għajnuna individwali, u, fil-premessi (445) u (450), rispettivament, li tikkostitwixxi "għajnuna eżistenti".

(474) L-Artikolu 22 tar-Regolament 2015/1589 jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri xierqa lill-Istat Membru kkonċernat meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li skema ta' għajnuna eżistenti ma hijiex, jew ma għadhiex, kompatibbli mas-suq intern. Madankollu, dan ma japplikax għall-għajnuna individwali eżistenti. Għalhekk, minħabba li l-Kummissjoni ma tistax tipproponi miżuri xierqa fir-rigward ta' għajnuna individwali eżistenti, ma huwiex neċessarju li tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

(475) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma huwiex neċessarju li l-Kummissjoni tiddetermina jekk l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat jew mil-LCF 1991–2001 hijiex kompatibbli mas-suq intern.

(476) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li, fil-futur, il-Konsorzju qabel li ma jużax id-dritt tiegħu għal garanziji tal-Istat mingħajr primjum konformi mas-suq, biex jiffinanzja dejn ġdid, jew jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti. Għal dak l-għan, l-Istati impenjaw ruħhom (il-premessa (265)) li jiżguraw li l-Konsorzju jiffinanzja dejn ġdid, u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti, skont it-termini tas-suq. Għalhekk, l-għajnuna lill-Konsorzju li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat se titneħħa gradwalment hekk kif jiskadu l-istrumenti ta' dejn pendenti tal-Konsorzju. L-Istati pprovdew lill-Kummissjoni ħarsa ġenerali lejn it-tranżizzjoni lejn it-termini tas-suq tad-dejn li jifdal, u l-profil ta' ripagament mistenni (il-premessa (265)). L-Istati kkonfermaw, f'dan il-kuntest, li l-Konsorzju ma kiseb l-ebda finanzjament jew rifinanzjament ġdid garantit mill-Istat mis-Sentenza *Øresund* (il-premessa (265)).

(477) Il-Kummissjoni tfakkar fil-pretensjonijiet tal-Ilmentatur (il-premessa (222)) li termini ta' finanzjament aktar favorevoli miksuba minn intrapriżi li l-forma legali tagħhom tipprevedi eżenzjoni mir-regoli ordinarji dwar falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, b'mod li l-Konsorzju jkompli jgawdi vantaġġ sinifikanti anke wara li l-Istati ma jibqgħux joħorġu garanziji speċifiċi mill-Istat. Mingħajr ma tiddetermina jekk huwiex korrett li wieħed jgħid li l-Konsorzju huwa eżentat minn tali regoli jew proċeduri (li huwa

miċħud mill-Istati), il-Kummissjoni tinnota li tali eżenzjoni, l-ewwel nett, tkun inerenti fl-istabbiliment tal-Konsorzju nnifsu, u t-tieni nett, jekk tali eżenzjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, tali għajnuna mill-Istat, fi kwalunkwe każ, ma tkunx koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali li hija limitata għall-mudell ta' garanzija mill-Istat u mir-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament.

6.5.2. *LCF 2013–2015, DEP 1999–2007 u DEP 2008–2015*

(478) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 tikkostitwixxi għajnuna ġdida (il-premessa (454)), mogħtija fuq bażi annwali, meta d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund jiġu aċċettati mill-awtoritajiet (il-premessa (418)). Hija kkonkludiet ukoll li l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 tikkostitwixxi għajnuna ġdida (il-premessi (460) u (465)), mogħtija wara l-21 ta' Frar 2004 'il quddiem, fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' A/S Øresund li fihom applikat rata ta' deprezzament lil hinn mir-rata prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa, sal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena tat-taxxa 2015 (il-premessa (429)).

(479) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni preliminari, id-Danimarka u l-Iżvezja kienu argumentaw li, jekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' appoġġ jikkostitwixxu għajnuna, hija jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà tagħhom fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, li jippermetti li l-għajnuna tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni.

(480) Il-Komunikazzjoni IPCEI ([190]) tistabbilixxi l-prinċipji li skonthom il-Kummissjoni tivvaluta l-finanzjament pubbliku ta' tali proġetti. Il-paragrafu 52 tal-Komunikazzjoni IPCEI jipprevedi li "fil-każ ta' għajnuna mhux notifikata, il-Kummissjoni tapplika l-Komunikazzjoni [tal-IPCEI] jekk l-għajnuna tkun ingħatat wara li tkun daħlet fis-seħħ, u r-regoli fis-seħħ fiż-żmien li ngħatat l-għajnuna għall-każijiet l-oħra kollha". Il-Komunikazzjoni IPCEI daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014.

(481) Mill-premessa (429) jirriżulta li l-għajnuna mogħtija abbażi tad-DEP 1999–2007 ingħatat qabel l-1 ta' Lulju 2014, u li mill-inqas parti mill-għajnuna mogħtija abbażi tal-LCF 2013–2015 u tal-LCF tal-2008–2015 ingħatat wara dik id-data. Madankollu, peress li l-Komunikazzjoni IPCEI tikkonsolida l-prattika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE ([191]), il-prinċipji gwida bażiċi stabbiliti fiha huma wkoll informattivi għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

(482) Wieħed minn dawn il-prinċipji gwida bażiċi huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità, li jirrikjedi li l-miżuri ta' għajnuna ma jeċċedux dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom. Għalhekk, li kieku l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa setgħu jinkisbu b'inqas għajnuna, allura l-għajnuna ma titqiesx proporzjonata. Dan il-prinċipju huwa stabbilit ukoll fil-paragrafu 28 tal-Komunikazzjoni IPCEI.

(483) Fit-Taqsima 5.4.4 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-miżuri ta' appoġġ, inklużi l-miżuri speċjali tat-taxxa. Il-Kummissjoni nnotat, fil-premessa 151 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, li hija ma kellhiex l-elementi kollha biex tiddetermina l-limiti fuq l-ammont u d-durata tal-garanziji mill-Istat u l-benefiċċji fuq it-taxxa li setgħu jitqiesu raġonevoli. Mill-premessa 152 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, jista' jiġi dedott li dan kien prerekwiżit biex jippermetti metodu ta' kwantifikazzjoni xieraq tal-għajnuna involuta u l-limitazzjoni tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni esprimiet dubji fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri li qed jiġu eżaminati.

([190]) Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjonidwar ir-regoli riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (ĠU C 528, 30.12.2021, p. 10). Peress li din il-komunikazzjoni kienet tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2022, ma hija rilevanti għall-ebda għajnuna mogħtija qabel dik id-data. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità fil-Komunikazzjoni IPCEI tal-2014 u r-reviżjoni tal-2021 huma sostanzjalment simili.

([191]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2009, fil-każ N 157/2009 — Id-Danimarka — Finanzjament tal-fażi tal-ippjanar tal-konnessjoni fissa tal-Fehmarn Belt (ĠU C 202, 27.8.2009, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 1996 dwar l-għajnuna fiskali mogħtija lil-linji tal-ajru Ġermaniżi fil-forma ta' faċilità ta' deprezzament (ĠU L 146, 20.6.1996, p. 42); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 1998, N 576/98 fil-każ N 576/98 — Ir-Renju Unit — Channel Tunnel Rail Link (ĠU C 56, 26.2.1999, p. 6); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2009 fil-każ N 420/08 — Ir-Renju Unit — Ristrutturar ta' London & Continental Railways (ĠU C 183, 5.8.2009, p. 2).

(484) L-Istati ma ssottomettew l-ebda informazzjoni ulterjuri bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-ftuħ li tista' tippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina kwalunkwe limitu fuq l-ammont u d-durata tal-għajnuna derivata mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 li jistgħu jitqiesu bħala proporzjonati, jew li jikkwantifikaw l-għajnuna involuta. B'mod partikolari, l-Istati ma ppreżentawx mudell ta' diskrepanza fil-finanzjament, li huwa meħtieġ mill-paragrafu 31 tal-Komunikazzjoni tal-IPCEI, li jipprevedi li "[i]l-livell massimu ta' għajnuna se jkun iddeterminat fir-rigward tad-diskrepanza fil-finanzjament identifikata b'rabta mal-kostijiet eliġibbli. Jekk tkun iġġustifikata mill-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, l-intensità tal-għajnuna tista' tkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli. Id-diskrepanza fil-finanzjament tirreferi għad-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment, imraħħsa sal-valur attwali tagħhom abbażi ta' fattur ta' skont xieraq li jirrifletti r-rata ta' redditu meħtieġa għall-benefiċjarju biex iwettaq il-proġett, partikolarment fid-dawl tar-riskji involuti. Il-kostijiet eliġibbli huma dawk stipulati fl-Anness […]".

(485) L-Istati ppreżentaw li kienu jiltaqgħu ma' diversi sfidi metodoloġiċi fl-istabbiliment ta' tali mudell ta' diskrepanza fil-finanzjament u indikaw riskju li tali kalkoli tad-diskrepanza fil-finanzjament jindikaw kumpens żejjed tal-Konsorzju.

(486) Barra minn hekk, l-Istati ma kkunsidrawx li huwa xieraq jew neċessarju li jipprovdu aktar kummenti dwar il-kompatibbiltà ta' kwalunkwe għajnuna possibbli lill-Konsorzju fid-dawl tal-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwalifika ta' għajnuna eżistenti tal-mudell ta' garanzija mill-Istat u l-klassifikazzjoni bħala mhux għajnuna tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament. Barra minn hekk, l-Istati ma kkummentawx dwar il-valutazzjoni ekonomika tal-Konnessjoni Fissa li l-Ilmentatur ikkummissjona (il-premessi (191), (193), u minn (201) sa (206)), u li ntbagħtet lill-Istati (il-premessi (30) u (38)).

(487) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni ssib li l-Istati naqsu milli juru li l-għajnuna derivata mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 kienet proporzjonata.

(488) Peress li l-Istati naqsu milli jistabbilixxu l-proporzjonalità tal-għajnuna derivata mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 jew mid-DEP 2008–2015, il-Kummissjoni tikkonkludi li dik l-għajnuna ma hijiex kompatibbli mas-suq intern. Fid-dawl ta' dan, ma huwiex neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-Konnessjoni Fissa tikkonċernax proġett li huwa eliġibbli f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-IPCEI jew jekk il-miżuri humiex meħtieġa u ma jwasslux għal distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni li ma jistgħux jiġu megħluba mill-effetti pożittivi tagħhom.

## 7. **IRKUPRU**

(489) F'konformità mat-TFUE u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jbiddel jew jabolixxi l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ([192]). Il-Qrati tal-Unjoni sostnew ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi l-għajnuna li l-Kummissjoni tqis inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ([193]).

(490) F'dan il-kuntest, il-Qrati tal-Unjoni stabbilew li dan l-objettiv jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna kontra l-liġi, u b'hekk jirrinunzja l-vantaġġ li huwa kien igawdi fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq intern, u titreġġa' lura s-sitwazzjoni li kien hemm qabel tħallset l-għajnuna ([194]).

(491) F'konformità mal-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2015/1589 jiddikjara li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju."

([192]) Is-Sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja*, C-70/72, EU:C:1973:87, il-punt 13.
([193]) Is-Sentenza tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni*, C-142/87, EU:C:1990:125, il-punt 66; is-Sentenza tal-15 ta' Settembru 2022, *Fossil* vs *Commissioner of Income Tax*, C-705/20, ECLI:EU:C:2022:680, il-punt 42.
([194]) Is-Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni*, C-75/97, EU:C:1999:311, il-punti 64 u 65, is-Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *Residex Capital IV* vs *Gemeente Rotterdam*, C-275/10, EU:C:2011:814, il-punt 34.

(492) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2015/1589 jipprovdi wkoll, madankollu, li "[i] il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ li jsir irkupru tal-għajnuna jekk dan imur kontra xi prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni". F'dan ir-rigward, ġie deċiż li l-Kummissjoni hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fuq inizjattiva tagħha stess, ċirkostanzi eċċezzjonali li jipprovdu ġustifikazzjoni, skont l-Artikolu 16(1), sabiex hija ma tordnax l-irkupru ta' għajnuna mogħtija kontra l-liġi meta tali rkupru jmur kontra prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ([195]). Għalhekk, il-Kummissjoni għandha, l-ewwel nett, tivvaluta jekk tali ċirkostanzi kinux jeżistu (Taqsima 7.1), u, it-tieni nett, tiddeċiedi dwar il-metodoloġija għall-irkupru tal-għajnuna (Taqsima 7.2).

## 7.1. **Aspettattivi leġittimi**

(493) L-Istati jargumentaw li jenħtieġ li l-irkupru jiġi evitat mill-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi. Il-prinċipju tal-aspettattiva leġittima huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ([196]), li jagħti drittijiet lill-individwi ([197]). Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju tal-aspettattiva leġittima jestendi għal kull persuna f'sitwazzjoni fejn istituzzjoni tal-Unjoni tkun ikkawżat aspettattivi ġġustifikati ([198]).

(494) Sabiex id-dritt għall-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jkun fondat, għandhom jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, assigurazzjonijiet preċiżi, mingħajr kundizzjonijietu konsistenti li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli jridu jkunu ngħataw lill-persuna kkonċernata. It-tieni nett, dawk l-assigurazzjonijiet iridu jkunu tali li joħolqu aspettattiva leġittima min-naħa tal-persuna li jindirizzaw. It-tielet nett, l-assigurazzjonijiet mogħtija jridu jikkonformaw mar-regoli applikabbli ([199]).

(495) Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju tal-aspettattiva leġittima jestendi għal kull persuna li istituzzjoni tkun tat tamiet iġġustifikati. Barra minn hekk, il-Qorti aċċettat li l-aspettattivi leġittimi jistgħu jinħolqu biss meta istituzzjoni stess tkun tat assigurazzjonijiet preċiżi li l-miżura inkwistjoni ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat ([200]). Bħala prinċipju, lanqas ma jeżisti dritt għall-aspettattivi leġittimi min-naħa tal-benefiċjarji ta' għajnuna implementata kontra l-liġi ([201]).

(496) Il-Kummissjoni tfakkar li qabel kienet sabet ([202]) li — mill-inqas sad-data tas-Sentenza *Aéroports de Paris*, tat-12 ta' Diċembru 2000 — id-Danimarka, l-Iżvezja, u l-Konsorzju kellhom aspettattivi leġittimi li l-miżuri fir-rigward tal-Konnessjoni Fissa ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti Ġenerali fis-Sentenza *Øresund* ([203]).

(497) Il-Kummissjoni tinnota li hija l-pożizzjoni tal-Ilmentatur u Scandlines et al. li s-sentenza Øresund eskludiet l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi għall-Konsorzju u għall-Istati, mis-sentenza *Aéroports de Paris* (il-premessi (213) u (214)). Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni.

([195]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 1987, *Rijn-Schelde-Verolme (RSV) Machinefabrieken en Scheepswerven NV* vs *Il-Kummissjoni*, 223/85, EU:C:1987:502.
([196]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Mejju 1978, *August Töpfer & Co. GmbH* vs *Il-Kummissjoni*, 112/77, EU:C:1978:94, il-punt 19.
([197]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1992, *Mulder et* vs *Il-Kunsill u l-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda C-104/89 u C-37/90, EU:C:1992:217, il-punt 15.
([198]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Marzu 1987, *Van den Bergh en Jurgens u Van Dijk Food Products (Lopik)* vs *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, 265/85, EU:C:1987:121, il-punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.
([199]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2005, *Branco* vs *Il-Kummissjoni*, T-347/03, EU:T:2005:265, il-punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Frar 2006, *Cementbouw Handel & Industrie* vs *Il-Kummissjoni*, T-282/02, EU:T:2006:64, il-punt 77; is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2009, *CPEM* vs *Il-Kummissjoni*, T-444/07, EU:T:2009:227, il-punt 126.
([200]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, *Il-Belġju u Forum 187 ASBL* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, il-punt 147; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 2005, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, C-506/03, EU:C:2005:715, il-punt 58.
([201]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2004, *Daewoo Electronics Manufacturing España SA (Demesa) u Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava* vs *il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, il-Kawżi Magħquda C-183/02 P u C-187/02 P, EU:C:2004:701, il-punti 44 u 45, u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.
([202]) Id-Deċiżjoni tal-2014, il-premessi 140 sa 153, u d-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-premessi 169 sa 179.
([203]) Is-Sentenza *Øresund*, il-punti 297–328.

(498) Fil-punt 322 tas-Sentenza *Øresund*, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-2014 sa fejn dan kien jikkonċerna s-sejba tal-Kummissjoni li l-Konsorzju u l-Istati setgħu jitolbu l-benefiċċju ta' aspettattivi leġittimi għall-perjodu qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*. Fir-rigward tal-perjodu sussegwenti, fil-punti 327 u 328, il-Qorti Ġenerali nnotat li d-Deċiżjoni tal-2014 ma għamlitx sejba konklużiva. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx neċessarju għaliha li tiddeċiedi fuq l-argumenti, f'dan ir-rigward.

(499) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali ħalliet il-kwistjoni dwar sa fejn il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kienet tapplika, f'dan il-każ, biex tiġi eżaminata mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, fit-Taqsima 6 (il-konklużjoni tad-Deċiżjoni tal-ftuħ), il-Kummissjoni nnotat li se tħares lejn il-perjodu preċiż li matulu l-benefiċjarju, l-Iżvezja u/jew id-Danimarka jistgħu jinvokaw aspettattivi leġittimi, jekk jinstab li l-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli.

(500) Kif instab fil-premessi (454), (460), (465) u (472), l-għajnuna li ġejja mil-LCF 2013–2015, id-DEP 2008–2015 u d-DEP 1999–2007 jikkostitwixxu għajnuna ġdida mill-Istat kontra l-liġi, li hija inkompatibbli mas-suq intern (il-premessa (488)). Għaldaqstant, il-Kummissjoni trid tiddetermina sa meta l-partijiet setgħu jinvokaw aspettattivi leġittimi fir-rigward ta' din l-għajnuna.

(501) Qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*, kienet prattika ċara tal-Kummissjoni li tikkonkludi li l-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ma kinux jikkostitwixxu attività ekonomika ([204]). Madankollu, fis-Sentenza *Aéroports de Paris*, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-operazzjoni ta' ajruport tista' titqies bħala attività ekonomika.

(502) Għalhekk, kif iddikjarat fl-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat, il-fehma tradizzjonali li l-finanzjament pubbliku tal-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' ħafna mill-infrastruttura kien jaqa' barra mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat inbidlet bis-Sentenza *Aéroports de Paris*. Il-punt 209 ta' dan l-Avviż jiddikjara:

"[m]inħabba l-inċertezza li kienet teżisti qabel is-Sentenza tal-*Aéroports de Paris*, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu ġustament jikkunsidraw li l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura mogħti qabel din is-Sentenza ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li, għalhekk, dawn il-miżuri ma għandhomx għalfejn ikunu notifikati lill-Kummissjoni. B'hekk il-Kummissjoni ma tistax tikkontesta tali miżuri ta' finanzjament adottati definittivament qabel is-Sentenza tal-*Aéroports de Paris* fuq il-bażi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Dan ma jimplika l-ebda suppożizzjoni dwar il-preżenza jew l-assenza ta' għajnuna mill-Istat jew aspettattivi leġittimi fir-rigward ta' miżuri ta' finanzjament mhux adottati definittivament qabel is-*Sentenza Aéroports de Paris*, li trid tiġi vverifikata fuq bażi ta' każ b'każ ."

(503) Kif innotat fil-premessi (418) u (429), l-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 tikkonċerna għajnuna li ma ngħatatx b'mod definittiv qabel it-12 ta' Diċembru 2000. Għaldaqstant, irid jiġi vverifikat jekk l-aspettattivi leġittimi tad-Danimarka, tal-Iżvezja u tal-Konsorzju estendewx lil hinn minn din id-data f'dan il-każ.

([204]) Ara s-Sentenza *Øresund*, il-punt 308.

(504) Sabiex twettaq dik il-verifika, l-ewwel u qabel kollox, il-Kummissjoni tfakkar fiċ-ċirkostanzi li wassluha biex tikkonkludi, fid-deċiżjoni tal-2014 u fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, li f'dan il-każ inħolqu aspettattivi leġittimi, kif stabbilit fil-premessi 144 sa 153 tad-deċiżjoni tal-2014 u fil-premessi 170 sa 179 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ:

(a) qabel is-Sentenza *Aéroports de Paris*, meta l-proġett tal-Konnessjoni Fissa kien qed jiġi ppjanat u mibni, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet li tqis il-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura bħala beni pubbliċi, u mhux attività ekonomika. Din il-pożizzjoni ġiet stabbilita b'mod ċar f'diversi strumenti legali nonvinkolanti ([205]), kif ukoll f'ċerti Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ([206]) (ara l-premessa 144 tad-Deċiżjoni tal-2014 u l-premessa 170 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ);

(b) fl-1 ta' Awwissu 1995, il-Konsorzju kiteb lill-Kummissjoni, fejn talab kjarifika dwar jekk il-garanziji jikkostitwux għajnuna mill-Istat. F'dak il-kuntest, kif innotat fil-premessa 148 tad-deċiżjoni tal-2014 u fil-premessa 174 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni sabet li kien rilevanti li tinnota li l-ittra tal-Konsorzju ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([207]), li introduċew formalitajiet ġodda għan-notifiki tal-għajnuna mill-Istat, inklużi formoli ta' notifika, u sottomissjoni elettronika permezz tas-sistema SANI, b'validazzjoni mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri ([208]);

(c) permezz tal-ittri tal-1995 lid-Danimarka u lill-Iżvezja, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonfermaw li l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u ma kellhiex għalfejn tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni. Dan kien kompletament konsistenti mal-prattika tal-Kummissjoni, f'dak iż-żmien (ara d-deċiżjoni tal-2014, il-premessa 150 u d-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-premessa 176). Anki jekk l-ittra tal-Konsorzju tal-1 ta' Awwissu 1995 kienet tikkonċerna biss il-garanziji, it-tweġiba wasslet għal aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament u l-fażi operattiva tal-proġett, kif kienet l-attività kollha tal-Konsorzju, jiġifieri, kemm il-kostruzzjoni kif ukoll l-operazzjoni, li waqgħu barra mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, indipendentement mill-forma li ħa l-finanzjament mill-Istat (id-Deċiżjoni tal-2014, il-premessa 152, u d-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-premessa 177, ikkonfermata mill-Qorti Ġenerali fis-Sentenza *Øresund*, il-punt 313); u

(d) barra minn hekk, il-Konnessjoni Fissa ġiet approvata bħala proġett TEN-T, u rċeviet finanzjament mill-Unjoni, li jindika wkoll li l-Kummissjoni kienet ġiet infurmata kif xieraq li l-miżura fil-forma ta' garanziji mill-Istat se tiġi implimentata (il-premessi 58 u 442) (id-Deċiżjoni tal-2014, il-premessa 151).

([205]) Ara, pereżempju, il-linji gwida Komunitarji dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE għall-għajnuniet mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni (ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5). Il-punt 12 jirreferi b'mod espliċitu għall-pontijiet: "il-kostruzzjoni tat-tkabbir ta' proġetti ta' infrastruttura (bħal ajruporti, toroq, pontijiet, eċċ.) jirrappreżentaw miżura ġenerali ta' politika ekonomika li ma tistax tiġi kkontrollata mill-Kummissjoni skont ir-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat."; White Paper tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 dwar Pagament ġust għall-użu tal-infrastruttura: Approċċ f'fażijiet għal pedaġġ komuni għall-infrastruttura tat-trasport fil-qafas fl-UE (COM(1998) 466 final), il-paragrafu 43; Green Paper tal-10 ta' Diċembru 1997 dwar il-Portijiet tal-Baħar u l-Infrastruttura Marittima (COM(97) 678 final), il-paragrafu 42; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2001: It-Tisħiħ tas-Servizzi ta' Kwalità fil-Portijiet tal-Baħar: Element ewlieni għat-trasport Ewropew, (COM(2001) 35 final).

([206]) Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2000, dwar l-għajnuna mill-Istat N 208/2000 — il-Pajjiżi l-Baxxi — Skema ta' Sussidju għal Terminals Interni Pubbliċi (SOIT) (ĠU C 315, 4.11.2000, p. 22); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2002, dwar l-għajnuna mill-Istat N 356/2002 — ir-Renju Unit — Network Rail (ĠU C 232, 28.9.2002, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2001, dwar l-għajnuna mill-Istat N 649/2001 — Ir-Renju Unit — Għotja għall-Faċilitajiet tal-Merkanzija, il-paragrafu 45 (ĠU C 45, 19.2.2002, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat N 284/2005 — l-Irlanda — Programm Reġjonali tal-Broadband: In-Networks taż-Żona Metropolitana ("MANs"), il-fażijiet II u III, il-paragrafu 34 (ĠU C 207, 30.8.2006, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awwissu 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat C 42/2001 — Spanja — Terra Mitica SA, il-paragrafi 64 u 65 (ĠU L 91, 8.4.2003, p. 23); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2005 dwar l-għajnuna mill-Istat N 355/2004 — il-Belġju — PPP Antwerp International Airport, il-paragrafu 34 (ĠU C 176, 16.7.2005, p. 11); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat N 550/2001 — il-Belġju — Partenariat public privé pour la construction d'installations de chargement et de déchargement, il-paragrafu 24 (ĠU C 24, 26.1.2002, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2001, dwar l-għajnuna mill-Istat N 649/2001 — Ir-Renju Unit — Għotja għall-Faċilitajiet tal-Merkanzija (FFG) (ĠU C 45, 19.2.2002, p. 2). Ara wkoll il-paragrafu 201 tal-Avviż dwar il-Kunċett ta' Għajnuna mill-Istat.

([207]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([208]) Ibid., l-Artikoli 2 u 3.

(505) Il-Kummissjoni tfakkar li, kif innotat fil-premessi (371) u (399), l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat u l-LCF 1991–2001 ingħatat biex tappoġġa l-investiment fl-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa. L-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 jenħtieġ li titqies bħala li tappoġġa l-operazzjoni tal-Konnessjoni Fissa (il-premessi (416) u (426)).

(506) Il-Kummissjoni tinnota li r-raġunijiet li għalihom oriġinarjament sabet li nħolqu aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa (il-premessa (504)) kellhom l-għeruq tagħhom fil-fatt li l-ittri tal-1995 ikkonfermaw b'mod espliċitu l-prattika taż-żmien li fih jitqies li l-proġetti infrastrutturali ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dawk l-ittri ntbagħtu bi tweġiba għall-ittra tal-Konsorzju lill-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 1995, li titlob ċarezza dwar jekk il-mudell ta' garanzija mill-Istat biex jappoġġa l-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa jikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat.

(507) Fis-Sentenza *Aéroports de Paris*, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-operazzjoni tal-infrastruttura pubblika tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([209]).

(508) Kif innotat fil-premessa (471), il-Kummissjoni ma tqisx li l-ittra tal-Konsorzju tal-1 ta' Awwissu 1995 setgħet titqies li tikkostitwixxi notifika tal-miżuri ta' għajnuna ġodda, li ngħataw għall-ewwel darba kważi 10 snin wara li ntbagħtet dik l-ittra u li għalihom ma jistax jiġi raġonevolment preżunt li l-Konsorzju seta' jinkludihom fl-ittra tagħhom, peress li t-tliet miżuri kollha jsibu l-oriġini tagħhom f'emenda futura tar-regoli tat-taxxa normali, li ma kinitx applikabbli għal A/S Øresund. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma tqisx li l-ittra tal-1995, li tikkonferma n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-investiment meħud f'dak iż-żmien, tista' titqies li tkopri wkoll l-għajnuna għall-operazzjonijiet ta' kuljum li ngħatat wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*, u wara li l-kostruzzjoni kienet tlestiet.

(509) Minbarra l-ittri tal-1995, il-Kummissjoni ma hijiex konxja li l-Konsorzju jew l-Istati rċevew xi assigurazzjonijiet li jissodisfaw it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi meħtieġa biex jagħtu lok għal aspettattivi leġittimi (il-premessa (494)).

(510) Għalhekk, il-Kummissjoni ma ssib l-ebda raġuni biex tqis li l-Istati jew il-Konsorzju setgħu kellhom aspettattivi leġittimi li l-miżuri ta' għajnuna l-ġodda, li jkopru l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Konnessjoni Fissa, mogħtija wara s-Sentenza *Aéroports de Paris*, ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(511) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, mit-12 ta' Diċembru 2000 — id-data tas-Sentenza *Aéroports de Paris* — l-Istati u l-Konsorzju ma setgħux jibqgħu jkollhom aspettattivi leġittimi li l-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' kuljum tal-proġett ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(512) Il-Kummissjoni tinnota li s-sitwazzjoni tal-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat u l-LCF 1991–2001 mhux neċessarjament tkun l-istess bħal dik tal-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015, peress li l-għajnuna mill-Istat li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat u mil-LCF 1991–2001 ingħatat b'mod definittiv lill-Konsorzju fit-13 ta' Frar 1992 biex tippermetti l-investiment fil-Konnessjoni Fissa (il-premessi (388) u (404), u l-premessi (371) u (399), qabel ma nħarġu l-ittri tal-1995. Madankollu, minħabba li l-għajnuna li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat u l-LCF 1991–2001 tikkostitwixxi għajnuna eżistenti li ma hijiex soġġetta għall-irkupru (il-premessi minn (473) sa (475)), il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tagħmel determinazzjoni dwar jekk il-Konsorzju jew l-Istati setgħux iżommu aspettattivi leġittimi lil hinn mis-Sentenza *Aéroports de Paris* fir-rigward tal-għajnuna biex jiġi appoġġat l-investiment fil-bini tal-Konnessjoni Fissa.

(513) Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkonkludi li l-għajnuna l-ġdida li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015, peress li ngħatat wara t-12 ta' Diċembru 2000, ma hijiex prekluża mill-irkupru bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi. Għaldaqstant, din l-għajnuna trid tiġi rkuprata.

([209]) Il-punt 123.

## 7.2. Metodoloġija għall-irkupru

(514) Meta tordna l-irkupru ta’ għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun tinkludi informazzjoni li tippermetti lid-destinatarju tad-deċiżjoni jikkalkula l-ammont ta’ għajnuna li jrid jiġi rkuprat mingħajr diffikultà żejda ([210]). Sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel l-għoti tagħhom, l-irkupru għandu jkopri l-perjodu li jibda fid-data meta l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv. L-ammont li jrid jiġi rkuprat għandu jkollu l-imgħax sal-irkupru effettiv.

(515) Għajnuna illegali li tinstab li hija inkompatibbli mas-suq intern trid tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tal-għajnuna ([211]). Sabiex titreġġa’ lura s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel l-għoti tal-għajnuna, il-benefiċjarju jeħtieġ li jħallas lura l-għajnuna biex jirrinunzja l-vantaġġ li jkun gawda minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq. Il-Kummissjoni nnotat fil-premessi minn (314) sa (319) li A/S Øresund u l-Konsorzju jiffurmaw impriża waħda għall-finijiet tal-attività ekonomika tal-Konnessjoni Fissa; li kwalunkwe vantaġġ assenjat lill-impriża unika għal dik l-attività ekonomika jibbenefika wkoll lill-Konsorzju bħala parti mill-impriża; u li kwalunkwe tnaqqis fil-kostijiet marbuta mal-attività tal-Konnessjoni Fissa huwa ta’ benefiċċju għall-Konsorzju, peress li huwa l-introjtu tal-Konsorzju li jintuża biex jiġu rilaxxati l-obbligazzjonijiet tal-Konsorzju. Fid-dawl ta’ dawk iċ-ċirkostanzi, u sabiex titreġġa’ lura s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel l-għoti tal-miżuri ta’ għajnuna, l-għajnuna setgħet tiġi rkuprata jew mill-Konsorzju jew minn A/S Øresund, bħala parti mill-impriża unika, peress li huwa l-Konsorzju li jġarrab kwalunkwe tnaqqis jew żieda fil-kostijiet relatati mal-Konnessjoni Fissa.

(516) L-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015 ingħatat fuq bażi annwali, fiż-żmien meta l-awtoritajiet aċċettaw id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta’ A/S Øresund. L-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 ingħatat fil-mument tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta’ A/S Øresund, li fihom applikat rata ta’ deprezzament lil hinn mir-rata prevista fl-Att Daniż dwar id-Deprezzament tat-Taxxa. Sabiex jiġi kkwantifikat l-ammont li jrid jiġi rkuprat, jeħtieġ li jsir paragun bejn it-taxxa li A/S Øresund effetivament ħallset, u l-ammont ta’ taxxa li kellha tħallas kieku ġew applikati r-regoli ġeneralment applikabbli dwar ir-riport tat-telf u d-deprezzament, ikkalkulati fid-dati li fihom it-taxxa ffrankata kienet tkun dovuta f’kull sena tat-taxxa. Dan il-paragun, bejn it-taxxa effettivament imħallsa u l-ammont tat-taxxa li kellha titħallas, huwa meħtieġ għal kull dikjarazzjoni tat-taxxa ppreżentata ([212]) u aċċettata mill-awtoritajiet tat-taxxa wara l-21 ta’ Frar 2004.

(517) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-effett tar-regoli speċjali Daniżi dwar ir-riport tat-telf u r-regoli speċjali Daniżi dwar id-deprezzament ma jistgħux jitqiesu b’mod iżolat, peress li d-deprezzament għandu impatt fuq l-introjtu taxxabbli ta’ kontribwent, u jista’ jkollu impatt fuq it-telf riportat. Barra minn hekk, il-perjodu kollu, mill-ewwel aċċettazzjoni ta’ dikjarazzjoni tat-taxxa mill-21 ta’ Frar 2004 sad-data tal-irkupru, jeħtieġ li jitqies, peress li t-telf riportat jista’ jkollu impatt fuq it-taxxi effettivament imħallsa fis-snin futuri.

(518) Fir-rigward tad-DEP 2008–2015, b’mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li A/S Øresund tista’, ma’ kull dikjarazzjoni tat-taxxa, tiddeċiedi jekk tiddeprezzax parti mill-assi tagħha jew le. Huma dawk l-għażliet attwali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tiġi mqabbla t-taxxa mħallsa minn A/S Øresund mat-taxxa li kellha tħallas, li kieku r-regoli ġenerali ta’ deprezzament kienu applikabbli u applikati (id-“dikjarazzjoni tat-taxxa kontrofattwali”). Jekk A/S Øresund, f’sena partikolari, tiġi deprezzata b’rata ogħla minn dik permessa skont ir-regoli applikabbli b’mod ġenerali, dak is-surplus ta’ deprezzament jenħtieġ li jitqies fid-dikjarazzjoni tat-taxxa kontrofattwali tal-ewwel sena li għaliha A/S Øresund għażlet li ma tiddeprezzax l-assi tal-Konnessjoni Fissa tagħha (jew għamlet dan biss b’rata aktar baxxa mir-regola ġeneralment applikabbli), u biss sar-rata ta’ deprezzament permessa skont ir-regoli ġenerali. Kull surplus ta’ deprezzament li jifdal, għall-finijiet tal-kalkolu, jenħtieġ li jitqies fid-dikjarazzjoni tat-taxxa kontrofattwali tas-sena ta’ wara sakemm l-ammont deprezzat kumulattiv fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta’ A/S Øresund u fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kontrofattwali jkunu ugwali.

([210]) Ara, għal dak l-għan, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Ottubru 2007, *Il-Kummissjoni* vs *Franza*, C-441/06, EU:C:2007:616, il-punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([211]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta’ April 2004, *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni*, C-277/00, EU:C:2004:238, il-punt 75.

([212]) Fejn applikabbli, jenħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni korrezzjoni mill-amministrazzjoni fiskali Daniża fil-kuntest ta’ awditu tat-taxxa.

## 8. **KONKLUŻJONI**

(519) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mudell ta' garanzija mill-Istat stabbilit mill-Istati għas-self meħud mill-Konsorzju għall-finanzjament tal-kostijiet tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni tal-Konnessjoni Fissa jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, lill-Konsorzju.

(520) Il-mudell ta' garanzija mill-Istat ingħata bħala għajnuna individwali *ad hoc* waħda fit-13 ta' Frar 1992, meta ġie stabbilit il-Konsorzju. Din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna eżistenti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-Istati impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-Konsorzju se jiffinanzja dejn ġdid u jiffinanzja mill-ġdid id-dejn eżistenti skont it-termini tas-suq. Għalhekk, l-għajnuna lill-Konsorzju li tirriżulta mill-mudell ta' garanzija mill-Istat se titneħħa gradwalment hekk kif jiskadu l-istrumenti ta' dejn pendenti tal-Konsorzju.

(521) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-LCF 2002–2012 u d-DEP 1991–1998 ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(522) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-vantaġġi li jirriżultaw mil-LCF 1991–2001, mil-LCF 2013–2015, mid-DEP 1999–2007 u mid-DEP 2008–2015 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, mogħtija mid-Danimarka lill-impriża unika ta' A/S Øresund u tal-Konsorzju, u għalhekk lill-Konsorzju, fuq bażi *ad hoc* individwali. L-għajnuna li ġejja mil-LCF 1991–2001 tikkostitwixxi għajnuna individwali *ad hoc* waħda, li tikkwalifika bħala għajnuna eżistenti. L-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 1999–2007 tikkostitwixxi għotjiet ta' għajnuna *ad hoc* individwali, li tikkwalifika bħala għajnuna eżistenti li kieku ngħatat qabel il-21 ta' Frar 2004, u li tikkwalifika bħala għajnuna ġdida u kontra l-liġi jekk tkun ingħatat mill-21 ta' Frar 2004 'il quddiem. L-għajnuna li tirriżulta mil-LCF 2013–2015, u l-għajnuna li tirriżulta mid-DEP 2008–2015, jikkostitwixxu għajnuniet individwali *ad hoc*, li jikkwalifikaw bħala għajnuna ġdida, li d-Danimarka implimentat kontra l-liġi. Dawk il-miżuri ta' għajnuna li jikkwalifikaw bħala għajnuna ġdida ma humiex kompatibbli mas-suq intern. Peress li l-ebda għajnuna skont dawk il-miżuri ma ngħatat qabel it-12 ta' Diċembru 2000, l-irkupru ma huwiex prekluż mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aspettattiva leġittima. Id-Danimarka trid tirkupra l-għajnuna kontra l-liġi u inkompatibbli mogħtija skont l-LCF 2013–2015, id-DEP 1999–2007 u d-DEP 2008–2015,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-LCF 2002–2012 u d-DEP 1991–1998 ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Il-mudell ta' garanzija mill-Istat, mogħti mill-Istati, kif ukoll l-LCF 1991–2001, mogħtija mid-Danimarka, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lill-impriża unika ta' A/S Øresund u tal-Konsorzju, u, għalhekk, lill-Konsorzju. Dik l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna eżistenti.

*Artikolu 3*

Il-vantaġġi li jirriżultaw mid-DEP 1999–2007 mogħtija mid-Danimarka jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lill-impriża unika ta' A/S Øresund u tal-Konsorzju, u, għalhekk, lill-Konsorzju. Dik l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna eżistenti sal-punt li ngħatat qabel l-21 ta' Frar 2004.

*Artikolu 4*

Il-vantaġġi li jirriżultaw mid-DEP 1999–2007, sa fejn ingħataw mill-21 ta’ Frar 2004, il-vantaġġi li jirriżultaw mid-DEP 2008–2015, u l-vantaġġi li jirriżultaw mil-LCF 2013–2015 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lill-impriża unika ta’ A/S Øresund u tal-Konsorzju, u għalhekk lill-Konsorzju. Dik l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna ġdida li ġiet implimentata kontra l-liġi mid-Danimarka bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 5*

(1) Id-Danimarka għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 4 mill-impriża unika ta’ A/S Øresund u tal-Konsorzju.

(2) Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-impriża unika ta’ A/S Øresund u l-Konsorzju sal-irkupru effettiv tagħhom.

(3) L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u r-Regolament (KE) Nru 271/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

*Artikolu 6*

(1) L-irkupru tal-għajnuna mogħtija msemmi fl-Artikolu 4 għandu jkun immedjat u effettiv.

(2) Id-Danimarka għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien 4 xhur mid-data tan-notifika ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 7*

(1) Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta’ din id-Deċiżjoni, id-Danimarka għandha tippreżenta l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont totali ta’ għajnuna, imsemmi fl-Artikolu 4, riċevut mill-impriża unika ta’ A/S Øresund u tal-Konsorzju;

(b) l-ammont totali (kapital u imgħax ta’ rkupru) li għandu jiġi rkuprat mill-impriża unika ta’ A/S Øresund u tal-Konsorzju;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u ppjanati biex jikkonformaw ma’ din id-Deċiżjoni;

(d) dokumentazzjoni li turi li l-impriża unika ta’ A/S Øresund u tal-Konsorzju ġiet ordnata tħallas lura l-għajnuna.

(2) Id-Danimarka għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-għajnuna mogħtija msemmija fl-Artikolu 4. Hija għandha tippreżenta minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u dawk ippjanati sabiex tikkonforma ma’ din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta’ għajnuna u l-imgħax ta’ rkupru diġà rkuprati mill-impriża unika ta’ A/S Øresund u l-Konsorzju.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Viċi President Eżekuttiv*